ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
30 ta' Novembru 2004

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avvizi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Taġħrif*

Il-Qorti ta' l-Awdituri – Ir-Rapport annwali fuq is-sena finanzjarja 2003

Rapport fuq attivitajiet iffinanzjati mill-baġit, flimkien mar-risposti ta' l-Istituzzjonijiet 7

Rapport fuq l-attivitajiet iffinanzjati mis- sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp (EDFs), flimkien mar-risposti ta' l-Istituzzjonijiet 315

Dan il-ĠU jannulla u jieħu post il-ĠU C 293 ta' 30.11.2004.

MT

Prezz: 54,00 EUR

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi Uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 293

KELMTEJN QABEL

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri, l-awditur indipendenti u estern ta' l-Unjoni Ewropea, tippubblika kull sena Rapport Annwali. Dan ir-rapport huwa komponent mill-proċedura ta' approvazzjoni (Artikolu 276 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju). L-Approvazzjoni hija d-deċizjoni li biha l-Parlament Ewropew, wara li jkun irċieva rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, jeżonera l-Kummissjoni, bħala l-korp responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit, minn kwalunkwe responsabbilità oħra fir-rigward tal-ġestjoni tagħha tal-baġit, u jwassal il-proċess annwali tal-baġit sat-tmiem.

2. L-Artikolu 274 tat-Trattat KE jassenja lill-Kummissjoni l-kompetenza u r-responsabbilità għall-implimentazzjoni tal-baġit, in konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ([1]) u b'konsiderazzjoni lejn il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Pajjiżi Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiżguraw li l-approprazzjonijiet jiġu wżati skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-infiq tal-Komunità huwa soġġett għal ħafna livelli ta' kontroll minn ġewwa l-Kummissjoni u mill-amministrazzjonijiet tal-Pajjiżi Membri u ta' l-Istat benefiċjarju. Ir-rwol tal-Qorti huwa li tistma l-ġestjoni finanzjarja fis-sistema b'mod globali, u waqt li tkun qed tagħmel hekk tikkontribwixxi għal titjib fil-mod ta' kif il-baġit ta' l-Unjoni Ewropea huwa ġestit.

3. Mis-sena finanzjarja ta' l-1994 il-Qorti kellha skond it-Trattat tal-KE tipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq il-kredibilità tal-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej ippreparati minn, u taħt ir-reponsabbilità tal-Kummissjoni, u fuq il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet involuti. Din id-dikjarazzjoni, li hija bbażata fuq analiżijiet speċifiċi għal kull qasam maġġuri ta' l-attività tal-Komunità, tifforma parti ċentrali tar-Rapport Annwali tal-Qorti.

4. Barra mir-Rapport Annwali, il-Qorti tippubblika Rapporti Speċjali fuq suġġetti speċifiċi, u tippreżenta opinjonijiet fuq proposti għall-leġislazzjoni ta' l-UE ta' natura finanzjarja. Dawn ir-rapporti u l-opinjonijiet huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fis-sit ta' l-internet tal-Qorti www.eca.eu.int. Anness II ta' dan ir-rapport fih lista tar-rapporti u ta' l-opinjonijiet adottati mill-Qorti matul dawn l-aħħar ħames snin.

5. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Qorti għas-sena li għalqet fil-31 ta' Deċembru 2003, flimkien mar-rapport estern ta' l-awditur, huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Dan ir-rapport jiċċertifika jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jurux opinjoni vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja u tar-riżultati, u jirrapporta fuq il-proċeduri ta' l-amministrazzjoni u tal-kontabilità, is-solidità tal-ġestjoni finanzjarja u s-sistema ta' kontroll intern.

([1]) Barra mid-Deċiżjonijiet, Regolamenti tal-Kunsill u Direttivi fuq id-dħul ("Regolamenti u Direttivi tal-Kunsill fuq dħul ("riżorsi tradizzjonali"), u r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, hemm regolamenti speċifiċi fuq l-implimentazzjoni ta' ħafna politika u strumenti ta' l-Unjoni. Il-Fond Ewropew ta' Żvilupp għandu l-korp ta' regolamenti tiegħu.

Il-QORTI TA' L-AWDITURI

Skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, (Artikolu 248(4) tat-Trattat tal-KE u Artikolu 160c(4) tat-Trattat KEEA) u Artikoli 143 u 181(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, u l-Artikoli 116 u 135(2) tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għall-Fondi Ewropej ta' Żvilupp, il-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej, fil-laqgħat tagħha tas-6 u 7 ta' Ottubru 2004, adottat

IR-RAPPORT ANNWALI

fuq is-sena finanzjarja 2003

(2004/C 293/01)

Ir-rapport, flimkien mar-risposti ta' l-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, ġie mgħoddi lill-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u lill-istituzzjonijiet oħra.

Juan Manuel FABRA VALLÉS
(President)
Giorgio CLEMENTE
Hubert WEBER
Aunus SALMI
François COLLING
Maarten B. ENGWIRDA
Jean-François BERNICOT
Robert REYNDERS
Máire GEOGHEGAN-QUINN
Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
Lars TOBISSON
Hedda von WEDEL
David BOSTOCK
Morten Louis LEVYSOHN
Ioannis SARMAS
Július MOLNÁR
Vojko Anton ANTONČIČ
Gejza HALÁSZ
Jacek UCZKIEWICZ
Josef BONNICI
Irena PETRUŠKEVIČIENĖ
Igors LUDBORŽS
Jan KINŠT
Kersti KALJULAID

WERREJ

Paġna

Introduzzjoni ġenerali 5

RAPPORT FUQ ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MILL-BAĠIT

Kapitlu 1 — Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u dokumenti ta' sostenn 9
Kapitlu 2 — Ġestjoni tal-*Budget* 47
Kapitlu 3 — Riżorsi proprji 67
Kapitlu 4 — Il-Politika Agrikola Komuni 89
Kapitlu 5 — Miżuri strutturali 151
Kapitlu 6 — Politika interna, inkluża r-riċerka 191
Kapitlu 7 — Azzjonijiet esterni 227
Kapitlu 8 — L-Ġhajnuna ta' qabel l-adeżjoni 249
Kapitlu 9 — In-Nefqa amministrattiva 271
Kapitlu 10 — Strumenti finanzjarji u attivitajiet bankarji 301

RAPPORT FUQ L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIS- SITT, IS-SEBA', IT-TMIEN U D-DISA' FONDI EWROPEJ TA' ŻVILUPP (EDFS) 315

ANNESSI

Anness I — Informazzjoni finanzjarja fuq il-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea III
Anness II — Rapporti u opinjonijiet adottati mill-Qorti ta' l-Awdituri matul dawn l-aħħar ħames snin XIX

INTRODUZZJONI ĠENERALI

0.1. Is-27 Rapport Annwali tal-Qorti għas-sena finanzjarja 2003 jimxi fuq l-istess struttura mwaqqfa għall-2002; id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija preżentata f'Kapitolu 1 (1); osservazzjonijiet dwar ġestjoni tal-*budget* huma mogħtija f'Kapitolu 2; Kapitoli 3 sa 9 jirrigwardaw riżorsi proprji u attivitajiet ffinanzjati minn partijiet differenti tal-*budget*; u l-Kapitolu 10 ikopri strumenti finanzjarji u attivitajiet bankarji. L-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-Fondi Ewropej ta' Żvilupp, li jinkludu d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, huma ppreżentati separatament f'dan id-dokument. Ir-risposti tal-Kummissjoni (jew istituzzjonijiet oħra ta' l-UE fejn approprjat) huma preżentati tul l-osservazzjonijiet tal-Qorti.

0.2. Bħas-snin li għaddew, il-kapitoli li jkopru dħul u s-setturi prinċipali ta' nfiq, li jirriflettu t-titli tal-perspettiva finanzjarja (2), għandhom bħala l-element prinċipali analiżi dettaljata u r-riżultati tax-xogħol tal-verifika mwettqa fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni. Dawn "l-analiżi speċifiċi" (3) jifformaw il-bażi għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni kif tidher fil-Kapitolu 1. Il-kapitoli juru r-riżultati tar-reviżjoni li jħarsu lejn il-progress magħmul mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn verifiki mwettqa qabel. Dawn jinkludu wkoll sommarji ta' 10 Rapporti Speċjali ppubblikati mill-Qorti sa mill-aħħar Rapport Annwali. L-annessi għall-kapitoli 3 sa 9 juru l-elementi wżati għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tal-*budget* ta' l-UE.

0.3. Dan ir-rapport qed jiġi ppubblikat f'perjodu ta' bidla konsiderevoli għall-Unjoni Ewropea: it-tkabbir ta' l-Unjoni għal 25 Pajjiż Membru; negozjati ta' Trattat Kostituzzjonali għall-UE; Parlament Ewropew rinovat u mkabbar; bidla tal-Kummissjoni fost riforma amministrattiva dejjem għaddejja mmirata lejn tagħrif aħjar ta' politika ta' l-UE u ġestjoni finanzjarja mtejjba. Ma dawn, negozjati qed isiru dwar l-iffinanzjar futur ta' l-Unjoni u l-infiq għall-perjodu ta' perspettiva finanzjarja 2007 sa l-2013.

0.4. Għalkemm sar progress mill-istituzzjonijiet Ewropej, hemm bżonn ta' aktar sforz sabiex jiġi żgurat li l-*budget* ta' l-UE huwa implimentat b'mod li jissodisfa l-istennija leġittima taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Għal darb'oħra, il-Qorti m'għandiex assigurazzjoni raġonevoli li s-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza ta' oqsma sinifikanti tal-*budget* qed jiġu implimentati effettivament sabiex jiġu ġestiti r-riskji dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi. Il-parti l-kbira tan-nefqa hija ġestita b'mod deċentralizzat u maqsum, li tirrikjedi, jew bi prattika tajba jew b'regolazzjoni, kontroll adegwat tal-fondi ta' l-UE. Ix-xogħol ta' verifika tal-Qorti wera għal ħafna drabi li jsiru ħafna irregolaritajiet f'din in-nefqa.

0.5. Fl-Opinjoni Nru 2/2004 (4), il-Qorti ġibdet l-attenzjoni lejn il-bżonn għal kontroll effettiv u effiċjenti tal-*budget* ta' l-UE f'kull livell t'amministrazzjoni. Hija tikkonsidra li għad hemm skop għal aktar titjib tad-disinn ta' sistemi ta' kontroll billi jitwaqqfu miri u responsabbiltajiet ċari u konsistenti, sabiex tiġi assigurata koordinazzjoni effettiva, li tipprovdi informazzjoni dwar il-kontijet u l-benefiċċji tagħhom u tassigura applikazzjoni konsistenti tar-regolamenti. Il-Qorti tipproponi li struttura ta' kontroll intern tal-Komunità għandu jiġi żviluppat sabiex jiffaċilita kontroll effettiv tal-*budget* ta' l-UE. Il-qafas għandu jikkonsisti fi prinċipji u stàndards komuni sabiex jiġu wżati bħala bażi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' kontroll ġodda jew eżistenti. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-promozzjoni tat-titjib ta' sistemi ta' kontroll interni bi sħab ma' l-Istati Membri.

0.6. Sfida partikolari li l-Unjoni trid taffaċċja, li tinsab fil-Kapitolu 2 ta' dan ir-Rapport Annwali, huwa l-livell li dejjem jiżdied ta' impenni li għadhom ma tlestewx — infiq legalment żburżat imma li għad irid jitħallas. Fl-aħħar ta' l-2003 dawn irrappreżentaw ħames snin ta' ħlasijiet bir-rata ta' nfiq kurrenti, sitwazzjoni ferm aġħar għall-istess perjodu ta' perspettiva finanzjarja ta' qablu. Is-sitwazzjoni tiġi minn ambizzjonijiet ta' *budgeting* eċċessivi u l-inabbiltà ta' l-Istati Membri u benefiċarji sabiex jassorbu fondi ta' l-UE, min-naħa minħabba dewmien fl-istrutturar tal-ġestjoni neċessarja u ta' bżonnijiet għal kontroll, u min-naħa għal nuqqas fin-numru ta' proġetti eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Komunità.

(1) Skond l-Artikolu 129(4) tar-Regolament Finanzjarju (ĠU L 248, 16.9.2002 id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija ppubblikata wkoll mal-kontijiet annwali konsolidati tal-Komunità Ewropea f'edizzjoni separata tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(2) Il-perspettiva finanzjarja hija determinata bi qbil bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni u tistabbilixxi limiti fuq in-nefqa għal kull waħda mis-seba' kategoriji (titoli) ta' nefqa għal approprjazzjonijiet ta' żburżar, u fuq nefqa totali ghal approprjazzjonijiet ta' ħlas. Dan ir-rapport ma jippreżentax kapitolu separat taħt it-titolu dwar Riservi minħabba li r-riżorsi tiegħu huma wżati biss minn trasferimenti ġħat-titoli l-oħra.

(3) Artikolu 248(1) tat-Trattat ta' l-UE kif emendat mit-Trattat ta' Nizza.

(4) Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-mudell ta' "verifika waħdanija" (u proposta ghal struttura ta' kontroll intern tal-Komunità) (ĠU Ċ 107, 30.4.2004).

0.7. Stennija realistika t'abbiltà ta' nfiq, u tal-ħin meta jsir dak l-infiq, għandu jkun magħmul waqt *budgeting* fil-perjodu ta' perspettiva finanzjarja ta' l-2007 sa l-2013. Parti sinifikanti tal-perjodu l-ġdid ser tkun meħtieġa sabiex jiġu finalizzati impenni magħmula matul il-perjodu kurrenti mill-2000 sa l-2006. Jekk miżuri speċifiċi jiġu mittieħda, infiq imnaqqas fil-perjodu l-ġdid ser iżid mal-problema u jwassal għal separazzjoni akbar bejn *budgeting* u nefqa (u għaldaqshekk tagħrif ta' politika) fil-futur.

0.8. Matul is-sena li ġejja, il-Qorti ser tkompli tibni fuq ir-rwol tagħha bħala l-istituzzjoni ta' verifika indipendenti ta' l-Unjoni Ewropea. Hija ħadet vantaġġ mit-tkabbir għal 25 Membru sabiex ittejjeb il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet bl-għan li ttejjeb l-għotja tar-rapporti u opinjonijiet tagħha. Il-Qorti qiegħda l-ħin kollu tipprova ttejjeb il-metodoloġija u l-għodda ta' verifika tagħha, kif ukoll tħarreġ lill-persunal tagħha, sabiex twettaq aħjar il-mira tagħha li tikkontribwixxi b'mod attiv lejn it-titjib ta' ġestjoni finanzjarja ta' l-Unjoni fuq kull livell.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI MILL-QORTI TA' L-AWDITURI FUQ IS-SITT, IS-SEBA' T-TMIEN U D-DISA' FOND EWROPEW TA' ŻVILUPP (EDFs) GĦAS-SENA FINANZJARJA 2003

I. Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri (il-Qorti) eżaminat il-kontijiet tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' EDFs u t-transazzjoni ta' bażi għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Dawn il-kontijiet jinkludu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja, u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni pprovduti mill-Bank ta' Ewropej ta' l-Investiment (EIB) ([1]). Skond ir-regolamenti finanzjarji, il-Qorti hi meħtieġa tipprovdi Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq il-kredibilità tal-kontijiet u fuq il-legalità u regolarità tat-transazzjoni ta' bażi fir-rigward tal-parti tar-riżorsi ta' l-EDF li għall-ġestjoni finanzjarja tagħha hija responsabbli il-Kummissjoni ([2]). Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika u l-istandards ta' verfika tagħha. Dawn huma bbażati fuq standards internazzjonali ta' verfika aċċettati li ġew adattati fil-kuntest tal-EDFs. Il-Qorti għalhekk kisbet bażi raġonevoli ta' l-opinjonijiet espressi hawn taħt.

II. ***Il-Kredibilità tal-kontijiet***

Ħlief għall-effetti tal-problemi fuq:

a) l-ammonti li għandhom jitħallsu lill-EDFs u li mhumiex inklużi bħala assi fil-karta tal-bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2003 (27,5 miljun euro ta' ordnijiet ta' rkupru maħruġa); fin-nuqqas ta' proċeduri effettivi ta' kontroll intern il-Qorti ma tistax tagħti assigurazzjoni li l-ammonti huma kompleti ([3]);

b) il-ħlas antiċipat (400 miljun euro); minħabba li l-Kummissjoni ma indikatx il-valur totali ta' l-ammonti li jridu jiġu miġbura, il-Qorti ma tistax tkun ċerta liema frazzjoni għanda tkun mgħoddija meta tistabblixxi d-dejn;

ċ) il-Fondi Stabex; il-Kummissjoni ma tistax ħlief b'mod parzjali ħafna tistabbilixxi l-użu tal-fondi tal-Pajjiżi ACP (din l-informazzjoni kienet għada mhux kompluta sa l-aħħar ta' l-2003);

d) in-nuqqas ta' daħla fil-karta tal-bilanċ għall-fondi trasferiti lill-EIB u li ma ntużawx (209 miljun euro);

il-Qorti hi ta' l-opinjoni li r-rapporti dwar l-implimentazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji sal-31 Diċembru 2003 jirriflettu fedelment id-dħul u l-infiq tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' EDFs għas-sena finanzjarja u s-sitwazzjoni finanzjarja sa l-aħħar tas-sena.

([1]) Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 96(1), 100, 101 u 125(2) tar-Regolament Finanzjarju applikbbli għad-disa' EDF; fil-prattika dan jirreferi, l-ewwelnett, għall-karti tal-bilanċ u dikjarazzjonijiet assoċjati ippreparati mill-uffiċjal tal-kontijiet u, fit-tieni lok, għall-kontijiet ta' ġestjoni li jinkludu t-tavoli ippreparati mill-uffiċjal prinċipali li jawtorizza b'konsultazzjoni ma' l-*accountant*. Dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati għal kull wieħed mill-erbgħa EDFs u b'mod komprensiv u konsolidat. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni pprovduti mill-EIB mhumiex koperti minn din id-Dikjarazzjoni. (ara n-nota 2)

([2]) Skond l-Artikolu 103(3) tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq: dan ifisser, flimkien ma' l-Artikolu 1 ta' l-istess Regolament, li d-Dikjarazzjoni ma testendix għall-parti tar-riżorsi tad-disa' EDF li hija ġestita mill-EIB u li għaliha hija responsabbli.

([3]) Fid-dikjarazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali għall-Baġits espressa żewġ riservi, fir-rigward tas-sistema tal-kontijiet ta' l-EDF: l-ewwel waħda fuq id-diffikultajiet sabiex timmodernizza l-preżentazzjoni ta' l-assi minħabba d-disinn qadim tas-sistema, waqt li t-tieni riserva hija fuq il-ġestjoni tal-kontijiet.

III. ***Il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi***

Analiżi tas-sistemi u tal-kontrolli ta' sorveljanza

Jekk kif ġara fil-każ tas-sena finanzjarja ta' l-2002, meta l-Qorti ġibdet l-attenzjoni għan-nuqqasijiet fir-rigward ta' verfiki ta' proġetti ta' l-EDF u l-insuffiċjenza ta' kontrolli prinċipali fuq l-osservanza mal-kuntratti u r-realtà tax-xogħolijiet, provvisti u servizzi li inħarġet fattura fuqhom, il-Qorti ma kinitx f'pozizzjoni li tafda kompletament fuq is-sistemi u ta' kontrolli ta' sorveljanza tal-Kummissjoni fl-2003 għal dawn ir-raġunijiet:

a) fl- 2003, il-Kummissjoni kompliet bl-implimentazzjoni fis-servizzi tagħha ta' l-**istandards ta' kontroll intern** adottati fl-2001 ([1]). Madanakollu, l-effett tagħhom huwa limitat minħabba li l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell ta' Delegazzjoni hija marbuta mal-proċess tad-devoluzzjoni, li mhux ser ikun komplut ħlief sa' l-aħħar ta l-2004 u hemm nuqqas ta' koordinazzjoni fil-miżuri implimentati;

b) il-**pjanijiet ta' azzjoni** li kienu introdotti fiż-żmien tar-rapport ta' attività annwali ta' l-2002 jew adottati fl-2003 kienu effettivi fir-rigward ta' l-istruttura tal-verifiki esterni, is-segwitu ta' konklużjonijiet tal-verifika, analiżi tar-riskji marbuta ma' għajnuna esterna u l-proċessar tal-ġbir ta' flus. Bil-kontinwazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u l-implimentazzjoni kompleta tagħhom, il-Kummissjoni għandha tikseb qafas futur li jkun effettiv fil-livell ta' Delegazzjonijiet;

ċ) fid-delegazzjonijiet u fil-Pajjiżi ACP is-sistemi u l-kontrolli ta' sorveljanza għall-kuntratti u pagamenti huma ġeneralment iddisinjati tajjeb. Madanakollu, l-implimentazzjoni tagħhom tista' titjieb.

Il-verifika ta' transazzjonijiet

Il-verifika ta' transazzjonijiet kienet ibbażata fuq id-dokumentazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni fi Brussel u, fejn kien adegwat, fid-Delegazzjonijiet tal-Pajjiżi ACP, u kien ibbażat fuq verifiki fuq il-post magħmula f'sitt Pajjiżi ACP sabiex issir verfika tar-realtà tax-xogħol, provvisti u servizzi. Il-verifika tal-Qorti fuq il-legalità u r-regolarità tas-support ta' l-infiq tal-baġit waqqaf fl-istadju fejn l-għajnuna li kienet imħallsa lill-baġits tal-pajjiżi benefiċjarji. Il-verfika ma wrietx xi problemi maġġuri.

Konklużjonijiet fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi

Dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq sistemi u kontrolli ta' sorveljanza, verifika ta' numru ta' transazzjonijiet, u analiżi tar-rapport annwali ta' attività u deklarazzjoni tad-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju ta' l-Għajnuna Ewropea ta' Kooperazzjoni. Fuq dik il-bażi, il-Qorti hi ta' l-opinjoni li l-problemi li intaqgħat magħhom mhumiex materjali u li d-dħul daħal fil-kontijiet, l-allokazzjonijiet EDF, l-obligi u l-pagamenti tas-sena finanzjarja huma, fit-totalità tagħhom, legali u regolari.

6 u 7 ta' Ottubru 2004

Juan Manuel FABRA VALLÉS
President

Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi, L-1615 Il-Lussemburgu

([1]) SEC(2001) 875 adattata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Ġunju 2001.

KAPITLU 1

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u dokumenti ta' sostenn

WERREJ

	Paragrafu
Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri	I-IX
L-affidabilità tal-kontijiet	II-IV
Il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi	V-IX
Informazzjoni ta' sostenn għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni	1.1-1.88
Introduzzjoni	1.1-1.6
Affidabilità tal-kontijiet	1.7-1.26
Osservazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-dikjarazzjonijiet konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-*budget*	1.11-1.12
Osservazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati: karta tal-bilanċ	1.13-1.15
Ġestjoni tat-teżor	1.16-1.21
Pjan ta' azzjoni għall-modernizzazzjoni ta' sistema tal-kontijiet	1.22-1.26
Legalità u regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi	1.27-1.54
Riżorsi Proprji	1.27-1.30
Il-Politika Agrikola Komuni (CAP)	1.31-1.34
Operazzjonijiet Strutturali	1.35-1.38
Politika Interna	1.39-1.42
Azzjonijiet Esterni	1.43-1.46
Għajnuna ta' qabel l-adeżjoni	1.47-1.50
Nefqa Amministrattiva	1.51-1.54
Żvilupp ta' sistema ta' kontroll intern tal-Kummissjoni	1.55-1.87
Ir-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni	1.58-1.71
Progress fil-qasam tar-riforma amministrattiva	1.72-1.87

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI TA' L-AWDITURI

I. Skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 248 tat-Trattat, il-Qorti eżaminat il-kontijiet finanzjarji konsolidati ([1]) tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja li għalqet il-31 ta' Diċembru 2003. Hija wettqet il-verifiki tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifika tagħha. Dawn huma adattati minn standards internazzjonali li jirriflettu l-kuntest tal-Komunità. Mill-verifika tagħha, il-Qorti kisbet bażi raġonevoli biex għall-opinjoni espressa hawn taħt. Fil-każ tar-riżorsi proprji, l-għan tax-xogħol tal-verifika tal-Qorti kien limitat ([2]).

L-affidabilità tal-kontijiet

II. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali konsolidati tal-Komunitajiet Ewropej u n-noti ta' magħhom kienu mfassla skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, u skond il-prinċipji, regoli u metodi tal-kontabilità stabbiliti fl-annessi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati ([3]). Ħlief għall-effetti ta' l-osservazzjoni fil-paragrafu III, huma jirriflettu fedelment id-dħul u l-infiq tal-Komunitajiet għas-sena u s-sitwazzjonijiet finanzjarja sa l-aħħar tas-sena.

III. Fin-nuqqas ta' proċeduri interni effettivi tal-kontroll għal diversi dħul u ħlasijiet bil-quddiem, il-Qorti ma tistax tkun ċerta li t-transazzjonijiet relatati mad-debituri varji ġew reġistrati b'mod tajjeb u korrett.

IV. Minħajr ma l-opinjoni espressa fil-paragrafu II tiddaħħal fid-diskussjoni, il-Qorti tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, bħal fil-passat, is-sistema tal-kontijiet użata biex isiru l-kontijiet tas-sena 2003, ma kienitx tali li tiżgura li jiġu reġistrati l-assi kollha. Fis-17 ta' Diċembru 2002, il-Kummissjoni approvat pjan ta' azzjoni dwar il-modernizzazzjoni tas-sistema tal-kontabilità tal-Komunitajiet Ewropej li għandha ssir operattiva mill-1 ta' Jannar 2005. Madankollu, il-Qorti tinnota li l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli l-ġodda u l-pjanijiet ta' kontabilità jeħtieġu sforz konsiderevoli mill-korpi biex b'hekk il-kontijiet ikunu konsolidati.

Il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi

V. B'konsiderazzjoni għar-riżultati tal-verifika tagħha, il-Qorti hija ta' l-opinjoni li t-transazzjonijiet involuti fil-kontijiet annwali konsolidati tal-Komunitajiet Ewropej, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari fir-rigward ta' dħul, impenji u nefqa amministrattiva.

VI. Fir-rigward ta' nfiq ieħor, il-Qorti stabbiliet li:

a) fil-każ tat-Taqsima ta' Garanzija ta' l-FAEGG, għal darba oħra, xi żbalji laqtu materjalment il-ħlasijiet. Kultivazzjonijiet tar-raba' ħarratija huma anqas soġġetti għar-riskju ta' żball minn primjums fuq il-bhejjem, filwaqt li l-kategoriji oħra ta' infiq li mhumiex soġġetti għas-sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll huma esposti għal riskju akbar waqt li jkunu soġġetti għal kontroll inqas effettiv. Għad hemm lok għall-progress fir-rigward tan-nefqa tal-biedja fit-totalità tagħha sabiex in-nuqqassijiet sinifikattivi osservati fis-sistemi ta' sorveljanza u fil-kontroll jissewwew;

b) fil-każ ta' l-azzjonijiet strutturali, minħabba n-nuqqasijiet persistenti fil-livelli ta' l-Istati Membri fis-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-*budget* tal-KE, il-ħlasijiet baqgħu dejjem soġġetti għall-istess żbalji bl-istess frekwenza bħas-snin ta' qabel;

([1]) Jiġifieri: "il-kont tad-dħul u ta' infiq: eżekuzzjoni tal-*budget*" u "Karta tal-bilanċ konsolidata" li jiffurmaw il-Volum I tal-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej, sena finanzjarja 2003.

([2]) L-ewwelnett, il-verifiki tal-Qorti jiffukaw fuq l-istatistiċi makro-ekonomiċi għal liema l-informazzjoni bażi ma tistax tiġi vverifikata direttament, u fit-tieni lok, dawn ma jistgħux possibilment ikopru l-importazzjonijiet li għadhom ma ġewx sottomessi għas-sorveljanza doganali.

([3]) Ara anness 1, volum 1 tal-kontijiet finali tal-Komunitajiet Ewropej, sena finanzjarja 2002.

c) fil-każ tal-politika interna, it-titjib innotat fis-sistemi u kontroll ta' sorveljanza għadhom mhux biżżejjed sabiex jitnaqqsu l-iżbalji sinifikattivi fil-legalità u fir-regolarità fil-livelli tal-ħlasijiet. Fil-każ ta' programmi kwadri ta' riċerka, hemm il-possibilità li dawn l-iżbalji ikomplu jsiru jekk ir-regoli li jirregolaw dawn il-programmi ma jiġux riveduti;

d) fil-każ ta' l-azzjonijiet esterni, numru relattivament kbir ta' żbalji ta' legalità u regolarità għadhom jaffettwaw mhux biss il-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġetti imma wkoll lill-proġetti nnfushom. Għalkemm fil-prinċipju, is-sena 2003 kienet l-aħħar sena tad-deċentralizzazjoni tal-ġestjoni, huwa essenzjali li l-għodda meħtieġa għas-sorveljanza u l-kontroll ta' sistemi u tan-nefqa għandhom isiru operattivi bil-ħsieb li jsir it-titjib li għadu meħtieġ;

e) fil-każ ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, nuqqasijiet fis-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll li kienu diġà ġew identifikati din is-sena 2002 irriżultaw fi żbalji u riskji akbar li affettwaw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet.

VII. Il-Qorti tinnota l-progress li għamlet il-Kummissjoni fir-rigward tar-riforma tas-sistema ta' kontroll intern u l-impatt pożittiv ta' din ir-riforma fuq il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet soġġetti għall-ġestjoni tal-Kummissjoni. Madanakollu, huwa meħtieġ aktar progress fir-rigward ta' l-implimentazzjoni attwali.

VIII. Fil-qasam tal-ġestjoni komuni jew deċentralizzata (ara l-paragrafi VI(a) u (b) u VI(d) u(e) rispettivament) u tal-ġestjoni ċentraliżżata indirettament (ara l-paragrafu VI(c)), fejn l-operazzjonijiet huma materjalmenti soġġetti għal żbalji, għandu jsir sforz akbar biex jiġu applikati s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll b'mod effettiv sabiex titjieb il-ġestjoni ta' riskji imminenti.

IX. Il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni, bħala l-istituzzjoni responsabbli taħt l-Artikolu 274 tat-Trattat għall-implimentazzjoni tal-*budget*, inkludiet għall-ewwel darba fis-Sintesi tagħha tar-rapporti ta' l-attività annwali għas-sena 2003 tad-Direttorati Ġenerali u d-dipartimenti tagħha, analiżi ta' l-assigurazzjoni pprovduta mis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi, li hija ġeneralment ikkorroborata mix-xogħol ta' verifika tal-Qorti.

6 u 7 ta' Ottubru 2004

Juan Manuel FABRA VALLÉS
President

Qorti Ewropea ta' l-awdituri
12, rue Alcide De Gasperi, L-1615 Luxembourg

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INFORMAZZJONI TA' SOSTENN GĦAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

Introduzzjoni

1.1. Skond l-Artikolu 248 tat-Trattat tal-KE, il-Qorti ta' l-awdituri tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar il-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi ("id-DAS"). Mis-sena finanzjarja 2002, bis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza, li estenda il-mandat tal-Qorti billi taha l-awtorizzazzjoni li tissuplixxi din id-dikjarazzjoni bi stimi speċifiċi ta' kull qasam prinċipali ta' l-attività tal-Komunita, il-Qorti fittxet li tikkonsolida l-bażi ta' din id-dikjarazzjoni billi straħet b'mod aktar sistemiku fuq eżami tal-mod kif jaħdmu s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll imwaqqfa mill-Kummissjoni f'dawn l-oqsma.

1.2. L-iskop tax-xogħol fuq l-affidabilità tal-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej huwa li jinkiseb ċertezza raġonevoli li d-dħul, l-infiq, l-assi u l-passiv kollu kienu ġew reġistrati sewwa u li l-kontijiet annwali jirriflettu fedelment il-qagħda finanzjarja sa l-aħħar tas-sena.

1.3. L-iskop tax-xogħol tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi huwa li jinġabar biżżejjed evidenza, ta' natura diretta jew indiretta, sabiex tkun ta' prova li t-transazzjonijiet ta' bażi huma skond ir-regolamenti applikabbli jew id-dispożizzjonijiet kontrattwali u li l-ammont totali involut fit-transazzjonijiet ġie kkalkolat b'mod korrett.

1.4. Għal dak li jirrigwarda l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi, il-Qorti bbażat id-dikjarazzjoni fuq numru ta' sorsi separati:

a) Eżami tal-mod li fih is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll imwaqqfa jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-Komunità u fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi;

b) Eżami ta' kampjuni ta' transazzjonijiet għal kull qasam prinċipali permezz ta' kontrolli sal-livell tal-benfiċjarju finali;

c) Analiżi tar-rapporti annwali ta' l-attività u dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali u tal-proċeduri applikati għat-tħejjija ta' dawn ir-rapporti;

d) Fejn hemm bżonn, eżami tax-xogħol ta' l-awdituri l-oħra li huma indipendenti mill-proċeduri tal-ġestjoni tal-Komunità.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.5. Għal darb'oħra, il-Qorti tat attenzjoni partikulari lill-isforzi li għamlet il-Kummisjoni bħala parti mir-riorganizzazzjoni tas-sistema interna ta' kontroll u għas-segwitu għall-pjanijiet ta' azzjoni annessi mas-Sintesi tar-rapporti annwali u d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali għas-snin finanzjarji 2001 u 2002 (ara l-paragrafi 1.55-1.87).

1.6. Fl-aħħar, b'kollox u għal kull qasam maġġuri soġġett għal stimi speċifiċi, il-Qorti xtaqet tipprovdi ċerta informazzjoni importanti bħala bażi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' żvilippi f'dawn l-oqsma fil-futur iktar imbiegħed. Din l-informazzjoni bażi hija ppreżentata fl-annessi ta' dan il-Kapitolu u tal-Kapitoli 3 sa 9.

Affidabilità tal-kontijiet

1.7. L-osservazzjonijiet tal-Qorti għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet annwali konsolidati għas-sena finanzjarja 2003 kif magħmula mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolamenti Finanzjarji tal-25 ta' Ġunju 2002 [4].

1.8. Fl-istennija ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-modernizzazzjoni tas-sistema tal-kontijiet sa mis-sena finanzjarja 2005 (ara l-paragrafi 1.22-1.26) u fin-nuqqas ta' sistema ta' kontijiet xierqa, il-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' l-aħħar tas-sena hija bbażata primarjament fuq rekords barra mill-kontijiet. L-valutazzjonijiet użati għal dan ma għandhomx x'jaqsmu mat-transazzjonijiet tal-*budget* minn fejn dawn joħorġu, u d-dipartimenti ċentrali tal-kontijiet mhux dejjem ikunu jistgħu jagħtu garanzija ta' l-eżattezza jew tat-totalità tagħhom. Barra minn hekk, is-sistema tal-kontijiet attwali, li primarjament timxi fuq prinċipji ta' kontijiet likwidi, ma tagħmilx id-distinzjoni bejn nefqa amministrattiva u nefqa kapitali, bejn ħlas finali u ħlas bil-quddiem, jew anke il-kalkolu ta' l-ammont tad-djun u d-dħul possibli. B'dan il-mod, il-kalkolu tar-riżultat ekonomiku huwa effettwat negattivament. Ir-riservi miġbura fid-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-*budgets* (preżentazzjoni difettuża ta' l-assi u tal-finanzi tal-Komunitajiet u ta' l-EDF, u l-istruttura ta' sistema ta' kontijiet ibbażata fuq żewġ sub-sistemi minflok sistema waħda integrali) huma kkonfermati mis-sejbiet tal-Qorti.

1.9. ***Tabella 1.1*** fiha s-segwitu ta' l-erba' riservi li għandhom x'jaqsmu mal-affidabilità tal-kontijiet li ġew espressi fid-DAS 2002, u punti oħra li ġew imqajjma mill-Qorti fir-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002, li skond il-Kummissjoni, għandhom jiġu deċiżi fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tal-qafas tal-kontijiet tal-Komunità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.8. *The European Communities use cash accounting, as do most other public sector organisations in the world. The Commission is aware of the limitations of this approach, which is why it has undertaken the project for the modernisation of the accounting system and the move to accrual accounting as mentioned by the Court. The Commission aims to comply with International Public Sector Accounting Standards (IPSAS) by 2005, the deadline set in the Financial Regulation, and is addressing the issues mentioned by the Court.*

[4] Artikoli 129(3) u 181(2) ta' Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ir-Regolament Finanzjarju applikabbli ghall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002).

Tabella 1.1 — Segwitu għar-riservi espressi fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2002 dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-impatt potenzjali tal-modernizzazzjoni tas-sistema tal-kontijiet fir-rigward ta' ċerti osservazzjonijiet magħmula fir-Rapport Annwali 2002

Riservi fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni 2000	Risposti fir-Rapport Annwali 2002	Evoluzzjoni tas-sitwazzjoni
Minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet baġitarji suffiċjenti, impenji legali ta' 820 miljun euro huma inkluzi f'impenji barra mill-karta tal-bilanċ.	Is-sistema ta' rati annwali tirriżulta fil-Kummissjoni tagħti impenn għar-rata annwali rilevanti li, hija aċċettata mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid jekk stipulat fit-test bażiku.	Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid jipprovdi espressament għall-prattika li ġiet ikkritikata sa mill-1/1/2003.
Il-parti rikjesta mill-impenn tal-Kummissjoni għall-kapital ta' l-impriża konġunta Galileo (120 miljun euro) ma tidhirx bħala tali fuq in-naħa ta' l-assi fil-karta tal-bilanċ.	Minħabba li s-sitwazzjoni preżenti fir-rigward tan-natura ta' Galileo u li l-kontijiet tiegħu m'ħumiex ċari, hemm reviżjonijiet huma ppjanati għall-2003.	Galileo issa huwa nkluż fil-karta tal-bilanċ skond il-metodu tal-ekwità.
Il-kontijiet transitorji għandhom jiġu kklassifikati mill-ġdid taħt titoli ġodda fil-karta tal-bilanċ jew fil-kont tad-dħul u nfiq skond in-natura tal-partijiet kostitwenti tagħhom.	Il-Kummissjoni qed tistenna l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-istandards tal-Kontijiet sabiex tevita tibdiliet suċċessivi. Il-klassifikazzjonijiet mill-ġdid isiru fuq il-bidla għal sistema ta' kontijiet ibbażata fuq id-dovuti.	Il-kontijiet transitorji ġew ikklassifikati mill-ġdid; it-titolu "kontijiet transitorji" m'ghadux jidher fil-karta tal-bilanċ.
Fin-nuqqas ta' proċeduri interni ta' kontroll effettivi għal dħul mixxellanju u ħlas bil-quddiem, il-Qorti ma tistax takkwista assigurazzjoni illi r-rekords ta' operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-partita "debituri varji" huma sħaħ u preċiżi.	Il-mekkanżmu għall-identifikazzjoni u rkupru tad-djun huwa fil-proċess li jitjieb: għandha ssir reviżjoni tal-bilanċi mpennjati li baqgħu miftugħa, il-proċess ta' modernizzazzjoni jassigura kontrolli fuq il-kontijiet fuq finanzjamenti bil-quddiem u l-bilanċ ta' tħabbir ta' dħul u ta' rkupru ta' ordnijiet li huma tard, huwa minn issa 'l quddiem irrapurtat lid-dipartimenti li jawtorizzaw.	Mill-miżuri li ttieħdu, il-Kummissjoni nnotat li kienu qed jingħataw korsijiet ta' taħriġ lill-uffiċjalili jawtorizzaw, li l-bilanċ tad-djun dovuti u rkupru ta' ordnijiet huwa mibgħut kull erba' xhur lid-dipartimenti li jawtorizzaw u li l-imgħaxxijiet arretrati fuq l-irkupru ta' ordnijiet li jinġabru fi żmien qasir jiġu kkalkolati mis-sistema ta' kontijiet. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għamlet ċar li nbeda inventarju ta' l-operazzjonijiet ta' finanzjament bil-quddiem u li r-regoli tal-kontijiet u l-ktieb ser itejbu s-sitwazzjoni u li proċeduri ta' kontijiet adeġwati jiġu applikati sa mill-2005. Madankollu, l-azzjonijiet li ttieħdu sal-llum, ma jippermettux li l-Qorti tqis li l-problemi ġew riżolti (ara l-paragrafi 1.15-1.16).
Punti potenzjalment riżolti fil-qafas tal-modernizzazzjoni tas-sistema tal-kontijiet tal-Komunitajiet	**Risposti fir-Rapport Annwali tal-2002**	**Kwlaunkwe impatt futur fuq il-proġett ta' modernizzazzjoni tal-qafas tal-kontijiet tal-Komunitajiet**
Fost affarijiet oħra, minħabba l-proċeduri ta' ġestjoni komuni, il-Kummissjoni tinduna biss fl-aħħar fażi ta' dak li jkun qed jiġri illi f'sistema klassika ta' kontijiet ibbażati fuq id-dovuti jikkostitwixxu dawk l-avvenimenti ekonomiċi li **jagħtu bidu** għal dħul fil-kontijiet. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tkun prudenti u tiddefinixxi l-avvenimenti ekonomiċi li jwasslu għal dħul fil-kontijiet b'mod li jippermettilha li żżomm kontroll fuq il-proċess. Kwalunkwe metodu li l-Kummissjoni tadotta fl-aħħar, huwa importanti li l-bażi ta' l-annotamenti jibqa' paragunabbli minn sena għalll-oħra u li tiġi mogħtija definizzjoni ċara.	Il-Kummissjoni stabbilixxiet kumitat ta' l-istandards tal-kontijiet sabiex jieħu ħsieb dawn il-problemi. Dawn l-istandards, li għandhom jiġu adottati mill-Uffiċjal tal-Kontijiet, għandhom jirriflettu l-opinjonijiet tal-kumitat.	Il-Kumitat ta' l-Istandards tal-Kontijiet diġà adotta l-"exposure drafts" minbarra wieħed li ġhandu x'jaqsam mal-benefiċċji tal-persunal (pensjonijiet). Dawn jiġu mressqa lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-aġenziji ġhall-konsultazzjoni qabel ma dawn jiġu adottati mill-uffiċjal tal-kontijiet. Qieghed jiġi mħejji ktieb fuq il-kontijiet ġdid sabiex jiġu applikati dawn ir-regoli tal-kontijiet.
Certi problemi li ġhandhom x'jaqsmu ma' l-**valutazzjoni** ta' l-ammonti li jidhru f'ċerti oġġetti tal-karta tal-bilanċ jinvolvu b'mod partikulari ammonti f'idejn intermedjarji finanzjarji (annotati bħala "debituri varji"), ir-rata ta' użu proprju tagħhom u l-ammont ta' mgħax relatat, jew ukoll ċerti kontribuzzjonijiet u self kontra approprjazzjonijiet tal-*budget* (per eżempju ECIP u Media).	Saru sforzi konsiderevoli sabiex l-intermedjarji finanzjarji jiġu annotati, u dan ikun utili ġhall-bidla ta' sistema tal-kontijiet ibbażata fuq id-dovuti. L-identifikazzjoni ta' operazzjonijiet ta' finanzjament bil-quddiem mis-sistemi tal-kompjuter ġodda tagħti l-possibilità li r-rekords ta' kontijiet żejda jiġu limitati.	Il-Kummissjoni ġhamlet disposizzjoni ġhar-riżorsi addizjonali sabiex jiġu annotati l-operazzjonijiet ta' finanzjament bil-quddiem ma' rabtiet miftuħa. Il-kumitat ta' l-istandards tal-kontijiet, pero' ħa ħsieb ta' xi whud minn dawn id-domandi.
Xi nuqqasijiet oħra li ġhandhom x'jaqsmu mal-**preżentazzjoni** tal-kontijiet ġhadhom jeżistu fir-rigward ta' partiti ta' nefqa agrikola u ħlas bil-quddiem li ma seħħx imma li ġie annotat bħala li seħħ, il-preżentazzjoni ta' ammonti approssimati murija bħala proviżjonijiet, bħal djun u l-kontijiet tad-drittijiet ta' pensjoni. Dan jinnewtralizza l-effett fuq ir-riżultat ekonomiku.	Dawn il-punti huma inklużi kollha fil-qafas tal-Kumitat ta' l-istandards tal-kontijiet u l-Kummissjoni qed tistenna l-opinjoni finali tal-Kumitat sabiex tevita tibdiliet suċċessivi.	L-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli tal-kontijiet, li ġhandhom jiġu adottati qabel it-tmiem tal-2004, ġhandha issolvi numru ta' kwistjonijiet li tqajjmu. Il-preżentazzjoni attwali tal-pensjonijiet fil-karta tal-bilanċ, ġhandha tinżamm, sakemm l-IPSAS joħorġu standard fuq dan is-suġġett.

Sors: Il-Qorti ta' l-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.10. Minkejja l-progress li ġie nnotat, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u t-tnaqqis fin-numru u l-livell ta' riservi, il-verifiki tal-Qorti għamlu evidenti l-fatt li l-problemi segwenti, diġà msemmija f'rapporti preċedenti, xorta waħda baqgħu hemm:

a) Spejjeż fuq l-Agrikoltura — Modulazzjoni: Dħul fil-kontijiet ġew irreġistrati ġo intestatura tal-*budget* li fl-aħħarnett mhux se tkun dik li fiha n-nefqa involuta se tiġi addebitata (88,9 miljun euro fl-2003), u nefqa li għadha ma ġietx imwettqa (237,9 miljun euro sal-31 ta' Diċembru 2003) ġiet ippreżentata f'kontijiet bħala nefqa li diġà ġiet imwettqa (ara l-paragrafi 1.13-1,14 tar-Rapport Annwali tal-2002);

b) ECIP (Sħab ta' Investiment tal-Komunità Ewropeja): il-bażi tal-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni tat-tnaqqis ta' 100 % fil-valur tas-self, investimenti u ħlas bil-quddiem (88,5 miljun euro sal-31 ta' Diċembru 2003) kienet waħda dubjuża, għax il-partijiet kostitwenti li għalihom tapplika lanqas ġew identifikati (ara l-paragrafu 1.18 tar-Rapport Annwali tal-2002);

c) Kapital tal-Eurotech, *Venture Consort* u Programm ta' *Joint Venture*: fin-nuqqas ta' informazzjoni preċiża u dettaljata dwar l-ammonti li ġew investiti, il-Kummissjoni kkanċellat il-parteċipazzjonijiet tagħha kollha (12,7 miljun euro sal-31 ta' Diċembru 2003) anke jekk il-ħlas għadu qed isir (ara l-paragrafi 1.21-1.22 tar-Rapport Annwali tal-2002);

d) Garanzija tal-FAEGG: ir-riservi li għandhom x'jaqsmu mal-kompetezza u l-preċiżjoni ta' l-ammonti dovuti lill-Kummissjoni (905,9 miljun euro nett sal-31 ta' Diċembru 2003) ġew espressi minn bosta korpi responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni (ara l-paragrafu 1.25 tar-Rapport Annwali tal-2002);

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.10.

a) *As regards the accounting entry of EUR 88,9 million in 2003, the procedure for the entry of amounts deducted under Articles 3 and 4 of Regulation No 1259/1999 has been drawn up in line with Article 1 of Commission Regulation No 1017/2001 (amending Article 2 of Regulation No 296/1996).*

As regards expenditure which has not yet been implemented by the Member States (EUR 237,9 million in 2003), Article 5(2) of Council Regulation No 1259/1999 states that these amounts remain available to the Member State concerned for a maximum of three years to finance support measures under Regulation No 1257/1999.

The current system of modulation is being phased out and there are no plans to change entry in the budget accounts in its final years. Entry in the general accounts is being examined in connection with the transition to accrual accounting in 2005.

b) *The value reduction of 100 % was applied because the information required to calculate the exact value of the investments and loans granted under the ECIP instrument was not available. As part of the move to accrual-based accounting (in particular regarding pre-financing) all open files are currently being reviewed. This exercise should be completed by January 2005 and should provide a solid basis for assessing the recoverability of outstanding amounts in the 2004 accounts. Until the completion of this review it is considered both more consistent and more prudent to continue with the 100 % value reduction.*

c) *As far as the presentation of the invested amounts in the balance sheet of the Communities is concerned, the Commission considers that a write-down of invested amounts is fully justified on the basis of the principle of prudence. The very nature of investments in risk capital and other high risk business areas such as joint ventures in the central and eastern European Countries and the Newly Independent States carries an inherent potential risk of loss. The Commission notes that it has made good progress since the previous year in finalising and closing contracts which have reached the end of their term.*

d) *With regard to the correct evaluation of the debts, the doubtful debts provision is based on the best estimates of each paying agency involved — this is the same procedure that was used in 2002. This is based on the surmise that the paying agencies are in the best position to evaluate the chances of recoveries.*

The Commission has made several improvements to accounting arrangements for CAP debtors in recent years. These include requiring Paying Agencies to maintain debtors ledgers, and Certifying Bodies to check that these ledgers are complete. Certifying Bodies for 81 of the 85 agencies were able to provide assurance that debtors ledgers were not materially misstated.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

e) Rekord ta' debituri varji (3 610,4 mijun euro sal-31 ta' Diċembru 2003): il-Qorti ma tistax tagħti assigurazzjoni dwar il-korrettezza u l-kompletezza tad-debituri varji (ara l-paragrafu 1.23 tar-Rapport Annwali tal-2002 u l-paragrafi 1.14-1.15 tar-Rapport ta' din is-sena);

e) *The Commission continues to improve its methods of dealing with this area using the systems currently at its disposal, as stated in response to the remark 1.23 in the annual report 2002 (for example, the regular reporting of overdue amounts since mid-2003.) However, as also stated in the response given last year, the major improvements in this area can only be made with the introduction of the new accounting system in 2005, in particular the accounting for pre-financing payments.*

f) Rekord ta' l-ammonti miżmuma mill-intermedjarji finanzjarji (inklużi taħt id-debituri varji — ara l-paragrafu (e)) li jammonta għal 1 008,6 miljun euro sal-31 ta' Diċembru 2003 ([5]): finnuqqas ta' sistema tal-kontijiet xierqa, il-Qorti ma tista' tagħti ebda assikurazzjoni dwar il-korrettezza u l-kompletezza ta' l-ammonti mdaħħla kif miżmuma mill-intermedjarji finanzjarji (ara l-paragrafu 1.27 tar-Rapport Annwali tal-2002);

f) *As was indicated in 2002, the Commission has already done significant work in this area. However, such problems can ultimately only be resolved with the introduction of the new accounting system in 2005. Currently the figures are established by a manual exercise based on reports supplied by the financial intermediaries.*

g) Interessi fuq ħlasijiet bil-quddiem lill-intermedjarji finanzjarji: il-Kummmissjoni għada ma tistax turi li l-imgħax miksuba minn ħlasijiet bil-quddiem ġew irreġistrati sistemikament u mingħajr dewmien bħala dħul tal-*budget*, u dan jitfa dubju dwar il-kompletezza tar-rekords li għandhom x'jaqsmu mal-kontribuzzjoni tal-Komunità għal ċerti programmi (ara l-paragrafu 1.29 tar-Rapport Annwali tal-2002);

g) *As pointed out last year, while not all interest was recorded as budgetary revenue it was none the less included in the annual accounts. Since the introduction of the new Financial Regulation which requires all interest to be returned to the Commission, the Commission has continued to improve the procedures for recording such interest.*

h) Provvediment għall-pensjonijiet: il-presentazzjoni attwali tal-provvediment għall-pensjonijiet fil-karta tal-bilanċ (22 800 miljun euro sal-31 ta' Diċembru 2003 skond studju attwarju) u tad-dħul korrispondenti li jista' jintlaqa' mill-Istati Membri għandu l-effett li jinnewtralizza l-impatt fuq ir-riżultat ekonomiku (ara l-paragrafi 1.31-1.32 tar-Rapport Annwali tal-2002);

h) *As has been discussed in the Accounting Standards Committee, there is currently no international public sector accounting guidance available in this area. Thus until this is available, the current practice will remain in force.*

i) Passiv Attwali: il-preżentazzjoni taħt din il-partita fil-karta tal-bilanċ ta' xi approprjazzjonijiet ta' pagamenti miġjuba 'l quddiem (176,5 miljun euro sal-31 ta' Diċembru 2003) mhiex adattata (ara l-paragrafu 1.34 tar-Rapport Annwali tal-2002).

i) *As replied in 2002, this issue is being analysed as part of the modernisation of the accounting system project, and changes will be made to the current accounting treatment in 2005.*

Osservazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjonijiet konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-*budget*

Komponenti provviżorji ta' l-implimentazzjoni tal-budget

1.11. Minkejja l-osservazzjoni tal-Qorti fir-Rapport Annwali firrigward tas-sena finanzjarja 2002 ([6]), għad m'hemm l-ebda indikazzjoni fil-kontijiet ta' l-aħħar tas-sena li xi transazzjonijiet għandhom mnejn jiġu korrretti aktar 'il quddiem mid-dipartimenti tal-Kummissjoni jew mill-Istati Membri (approvazzjoni tal-kontijiet ta' l-aġenziji tal-ħlas tal-Garanzjiji FAEGG, bidla ta' l-ammonti provviżorji fil-każ tar-riżorsi proprji ta' VAT u GNI, proċedura ta' għeluq għal proġetti u programmi relatati mal-Politika Interna, Azzjonijiet Esterni u Fondi Strutturali), lanqas hemm indikazzjoni tal-livell possibbli ta' tali korrezzjonijiet. Barra minn hekk, hemm inċertezzi

1.11. *The annual accounts necessarily present financial information as known at the time of their closure. The reliability of this information will always be subject to the findings of audits under way at that time or undertaken subsequently. The accounts can only recognise the amounts to be recovered when the Commission adopts its decisions under clearance of accounts or similar procedures.*

([5]) Inklużi 46,5 miljun euro f'imgħaxxijiet.

([6]) Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri li jirrigwarda is-sena finanzjarja 2002, paragrafi 1.10-1.11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

oħra li jistgħu jaffettwaw il-kontijiet b'mod temporanju, per eżempju, ir-riservi li għandhom x'jaqsmu ma' madwar 11 300 miljun euro, maħruga minn korpi li jiċċertifikaw il-kontijiet ta' l-aġenziji tal-ħlas agrikoli (ara l-paragrafu 4.54), u l-posponiment mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni finanzjarja finali tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2003 ta' l-aġenziji tal-ħlas li jirrapreżentaw 43 % tan-nefqa ddikjarata għas-sena finanzjarja 2003, sakemm ikun hemm aktar informazzjoni jew meta jseħħ ċertu xogħol ta' verifika (ara l-paragrafu 4.69).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

The Commission is preparing rules for the accounting treatment of such recoveries, and for improving the explanatory notes to the annual accounts, as part of the modernisation of the accounting system. The effects of this analysis should be seen in the 2005 annual accounts.

Concerning the Commission's postponement of the financial clearance decision see reply to point 4.79.

Impenji tal-budget u passivi kontinġenti

Ir-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni

Rapport ta' Sintesi tal-2003

1.58. Permezz tas-Sintesi tal-2003 tar-rapport ([27]) annwali ta' attività, il-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha fit-trasparenza fir-rigward ta' l-obbligu tagħha li tagħti rendikont tal-ġestjoni tagħha ([28]). Il-Qorti sabet li għall-ewwel darba il-Kummissjoni ppreżentat analiżi tal-grad ta' assigurazzjoni mogħtija mis-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi. B'dan il-mod, bħala istituzzjoni, hija tassumi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-*budget* kif ipprovdut fit-Trattat (Artikolu 274) permezz ta' l-adozzjoni bħala proprji, lill-Uffiċjali li jawtorizzaw mir-rappreżentazzjonijiet tal-ġestjoni tad-delegazzjoni.

1.58-1.60. *As in previous financial years (see section 5.3.3 of the 2002 synthesis (COM(2003) 391) for shared management), when adopting the 2003 Synthesis of Annual Activity Reports the Commission gave an overview of the assurances given by the various authorising officers by delegation and introduced corrective measures at institution level in the case of recurrent weaknesses in certain sectors.*

In particular, the Commission has expressed its position on a number of sectors which can be identified more clearly under the new structure of the 2003 synthesis and in which the weaknesses detected by the authorising officers require action at institution level. The synthesis proposes action by the institution only for those areas where important weaknesses have been identified at Commission level. For those areas not explicitly mentioned in the synthesis, the assurances are provided at Directorate-General/Service level through the declaration of each authorising officer by delegation.

1.59. Il-Kummissjoni ssostni li għadha mhijiex f'pożizzjoni li tipprovdi assigurazzjoni mingħajr ebda riżerva fir-rigward ta' qasam importanti ta' ġestjoni komuni (Fondi Strutturali). Barra minn hekk, hija tinnota li, minkejja l-livell soddisfaċenti ta' assigurazzjoni fl-oqsma ta' ġestjoni ċentralizzata diretta u indiretta, għad hemm problema fir-rigward tal-konċessjonijiet ibbażati fuq sistema ta' rimborż parzjali ta' l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji. Fil-fatt, ħafna mid-Diretturi-Ġenerali li jamministraw dawn it-tipi ta' programmi esprimew riservi dwar il-frekwenza ta' l-iżbalji. Id-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija ġew ikkonfermati kollha mill-verifiki tal-Qorti (ara l-paragrafi 5.66-5.69 u 6.41-6.45).

1.59. *See replies to paragraphs 1.35 to 1.38.*

For the Structural Funds, each Directorate-General took account of the level of audit work completed on the systems for the 2000-2006 and its own audit strategy in determining the scope of its reservations, which were generally more limited than in 2002.

([27]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Sintesi tar-Rapporti Annwali ta' l-Attività għas-sena 2003 tad-Direttorati Generali u Servizzi (COM(2004)418 finali tad-9 ta' Ġunju 2004).

([28]) Ara r-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002, paragrafu 1.108 u dak dwar is-sena finanzjarja 2001, paragrafu 9.98.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.60. Iżda, il-Kummissjoni għadha ma tatx il-pożizzjoni tagħha fuq dak li għandu x'jaqsam mal-Politika Agrikola Komuni, li huwa l-qasam l-aktar importanti fejn il-ġestjoni hija komuni. L-istess jgħodd għall-ġestjoni ċentralizzata (Riżorsi proprji u għajnuna ta' qabel l-adeżjoni) u ġestjoni konġunta (għajnuna esterna).

Rapport annwali ta' l-attività u dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali għas-sena finanzjarja 2003

Rapporti Annwali ta' l-Attività

1.61. Iċ-ċirkolari l-ġdida ([29]) dwar ir-rapport annwali ta' l-attività tal-2003, li għal kwistjonijiet ġenerali tagħmel referenza għal-linji gwida tat-tħejjija tar-rapporti ta' l-attività tal-2002 u għal uħud mill-aspetti ta' ġestjoni komuni ([30]), iddaħħal tibdil u xi elementi ġodda:

a) l-iskeda tmexxiet 'il quddiem kif mitlub mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid ([31]);

b) id-Direttorati-Ġenerali huma mitluba jippreżentaw numru ta' indikaturi ta' ġestjoni ([32]) u biex jifformalizzaw ir-riservi billi jippreżentaw informazzjoni fil-qosor f'tabella standard ([33]);

c) dikjarazzjoni mid-Direttur tar-Riżorsi hija annessa mar-rapport annwali ta' l-attività sabiex jiċċertifika l-affidabilità ta' l-informazzjoni dwar il-proċess ta' abbozz, id-data finanzjarja u l-implimentazzjoni ta' standards ta' kontroll intern ([34]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.60. *See reply to paragraph 1.58.*

([29]) Ċirkolari dwar ir-rapporti ta' l-attivitajiet tal-2003, SEC(2003)1469 tad-19 ta' Diċembru 2003.

([30]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni ta' ġestjoni bbażata fuq attività tal-Kummissjoni, flimkien ma' kjarifiki dwar il-metodolġija għat-twaqqif ta' Rapporti Annwali ta' l-Attività għall-2002 (COM(2003)28 ta' 12 Marzu 2003) u l-Komunikazzjoni tal-Kummisjoni: Kjarifiki tar-rwol tad-Diretturi-Ġenerali fil-ġestjoni komuni (C(2003)1830-2 tas-17 ta' Ġunju 2003).

([31]) Artikolu 60(7) tar-Regolament Finanzjarju.

([32]) L-indikaturi ta' eżekuzzjoni għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi umani, l-implimentazzjoni tal-*budget* u l-ivverifikar.

([33]) It-tabella standard titlob ċerta informazzjoni minima dwar il-kawża, il-kriterju ta' materjalità li ġie użat, kwantifikazzjoni (fejn in-nuqqas jista' jiġi kkwantifikat), l-effett fir-rigward ta' l-assigurazzjoni raġonevoli u l-miżuri korrettivi ppjanati.

([34]) Anness maċ-ċirkolari tar-rapporti ta' l-attività tal-2003 (SEC(2004)147 tad-19 ta' Frar 2004).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.62. Dawn l-elementi, flimkien mar-reviżjoni kontemporanja, għenu sabiex titjieb il-kwalità tar-rapporti annwali ta' l-attività. Għalhekk, b'mod ġenerali, ir-rapporti annwali ta' l-attività korrispondenti kellhom inkluż is-segwitu għall-pjanijiet ta' azzjoni adottati fil-kuntest tar-rapporti annwali ta' l-attività u s-Sintesi tal-Kummissjoni ([35]) tal-2002 u s-sorveljanza tal-miżuri li ttieħdu bħala riżultat tar-rakkomandazzjonijiet tal-verifiki interni u esterni. L-introduzzjoni ta' ċirkolari speċifiċi dwar dawn il-pjanijiet ta' azzjoni ([36]) li huma inkorporati fil-pjanijiet annwali ta' ġestjoni tal-Kummissjoni, ippermettew sorveljanza aħjar tal-progress. Iżda il-Qorti thoss li dan l-eżerċizju kollu jeħtieġ aktar konsolidazzjoni jekk irid jiġi implimentat b'mod effettiv.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.62. *The Commission considers that the annual activity reports are a useful management tool for supplying information on the weaknesses detected and providing an effective remedy. It feels that substantial improvements have been made to these reports and to the declarations accompanying them in 2003 and will continue its efforts along these lines.*

Riservi fid-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali

1.63. Fid-dikjarazzjonijiet tagħhom annessi mar-rapporti annwali ta' l-attività, id-Diretturi-Ġenerali jgħidu li l-kontrolli interni magħmula fid-dipartimenti tagħhom joffru assigurazzjoni raġonevoli li t-transazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari. Fil-każ ta' nuqqasijiet jew irregolaritajiet fil-kontroll intern, huma jagħmlu riservi u jħejju pjanijiet ta' azzjoni li jinkludu skadenzi għall-implimentazzjoni.

1.64. Sabiex jistabbilixxu l-iskop attwali tar-riservi, id-Diretturi-Ġenerali huma mitluba biex jispeċifikaw il-kriterju sabiex jagħtu definizzjoni tal-grad ta' materjalità. Barra mill-materjalità bbazzata fuq in-natura jew il-kuntest, id-direttivi jistabbilixxu l-grad ta' materjalità bħala funzjoni tal-*budget* għall-attività in kwestjoni, iġifieri 2 % tal-valur ta' l-attività in kwestjoni ([37]). Il-Qorti thoss li din in-nozzjoni ta' materjalità mhijiex fiha nnifisha tajba biex tidentifika difetti sistematiċi ([38]).

1.64. *In order to highlight only the most serious management weaknesses (management by exception), the term 'reservation' has been restricted to those shortcomings which have a real and verifiable impact — i.e. not those with only a potential risk — on the assurance to be given that the control procedures introduced provide the requisite guarantees as to the legality and regularity of the transactions carried out during the reference year. Now that the term 'reservation' has been defined in this way, progress still has to be made on the precise determination by the authorising officer by delegation of the impact which the reservations expressed have on the assurance given.*

([35]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sintesi tar-Rapporti Annwali ta' l-Attività tal-2002 tad-Direttorati Ġenerali u Servizzi (COM(2003)391-4 tad-9 ta' Lulju 2003).

([36]) Ċirkolari dwar is-segwitu għall-pjanijiet ta' azzjoni li jirriżultaw mir-rapporti annwali ta' l-attività tal-2002 u mis-sintesi (SEC(2003)1078 tal-10 ta' Ottubru 2003) imħejji għall-implimentazzjoni ta' Azzjoni numru 24 "Segwitu bis-servizzi" (ref. 5.4.6.) tar-riassunt tal-2002.

([37]) COM(2003)28 tat-12 ta' Marzu 2003.

([38]) Il-fatt hu li n-nuqqasijiet jistgħu jikkostitwixxu riskju għall-ġestjoni mingħajr ma jwasslu neċessarjament għal żbalji attwali f'dak li għandhu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi. Sabiex issir stima ta' l-importanza tan-nuqqasijiet tas-sistemi, wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux in-natura tagħhom biss (iġifieri s-serjetà tan-nuqqas) imma wkoll il-kobor tagħhom (jiġifieri l-effett finanzjarju li jista' jkollhom).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.65. Id-Diretturi Ġenerali jistgħu jitbegħdu minn dan il-kriterju jekk iħossu li l-kuntest jitlob din id-deċiżjoni jew jekk in-nuqqas huwa intrinsikament sinifikanti. F'dawk il-każi, l-għażla ta' grad ġdid jew kriterju ieħor ta' materjalità jridu jiġu ġġustifikati fir-rapport annwali ta' attività. Fejn hu xieraq, l-għażla trid tieħu in konsiderazzjoni r-riskji intrinsiċi għal kull wieħed mill-oqsma kkunsidrati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi politika aktar xierqa u speċifika biex tistabbilixxi gradi ta' materjalità bbażati fuq in-natura tat-transazzjonijiet ikkonċernati u fuq ir-riskji li huma aċċettabli għas-settur in kwestjoni u biex tiddetermina ir-riżorsi li jiġu mogħtija għall-kontrolli ([39]).

1.66. Id-Diretturi-Ġenerali kollha qalu li huma rċevew assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi li ġew allokati lilhom intużaw għal skopijiet speċifiċi u li l-kontrolli interni li huma kienu daħħlu kienu żguraw li t-transazzjonijiet ta' bażi kienu legali u regolari. 21 mit-39 dikjarazzjoni għandhom riservi li jillimitaw l-assigurazzjoni mogħtija mid-Diretturi-Ġenerali. Għalhekk, bħal fis-sena ta' qabel ([40]), id-Direttur-Ġenerali għall-*budget* aċċetta r-riservi fir-rigward tannuqqasijiet fis-sistema tal-kontijiet tal-Kummissjoni ([41]) (ara l-paragrafu 1.8).

1.67. Ir-riservi prinċipali jidhru fit-***Tabella 1.2***. Mill-49 riżerva espressi fl-2003 ([42]), il-parti l-kbira għandhom x'jaqsmu mannuqqasijiet li diġà żvelati fl-2002 ([43]). Ir-riservi l-oħra kienu diġà żvelati f'konnesjonijiet varji fir-rapport annwali ta' l-attività tad-Direttorati-Ġenerali għas-sena ta' qabel (ara l-paragrafi 3.58, 4.18, 5.57-5.62, 6.36, 7.47, 8.35, 8.37 u 9.64). Dan juri li n-nuqqasijiet identifikati jistgħu jiġu eliminati biss fuq perjodu ta' żmien medju (ara l-paragrafi 1.73, 1.76 u 1.79).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.65. *The Commission is willing to consider the possibility of introducing a certain degree of flexibility when determining the materiality thresholds for the various areas of management.*

1.66. *See Commission's reply to paragraph 1.8.*

1.67. *Although it does not agree with the Court's criticisms in Table 1.2 on the impact and the scope of reservations, the Commission takes note of the Court's observations and will continue to enhance the information so that the Court can use it more effectively in support of its declaration of assurance.*

([39]) Opinjoni Nru. 2/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri fuq il-mudell ta' "verifika waħdanija" (u proposta għall-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni) (ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1).

([40]) Il-paragrafu 1.92 tar-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002.

([41]) Iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt ħareġ riżerva dwar il-kredibilità tal-kontijiet.

([42]) Is-sitwazzjoni hija stabbli meta pparagunata mas-sena ta' qabel.

([43]) Eż. Direttorati-Ġenerali ta' l-Agrikoltura, *Budget*, Tkabbir, Impjiegi u Affarijiet Soċjali, Ambjent, Sajd, Soċjetà ta' l-Informazzjoni, l-Istampa u l-Komunikazzjoni, Politika Reġjonali, Relazzjonijiet Esterni, Riċerka, Enerġija u Trasport, Eurostat u ċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt.

Tabella 1.2 — Segwitu mill-Qorti għar-riservi espressi fl-2003 mid-Diretturi Ġenerali

Qasam	Riservi prinċipali	Impatt tar-riservi fuq l-Assigurazzjoni tad-Direttur-Ġenerali fl-opinjoni tal-Qorti (1)	Skop tar-riservi (2)	Nuqqasijiet oħra li ħarġu mill-verifiki tal-Qorti	Annotament ta' din l-informazzjoni kollha fil-konklużjonijiet tal-Qorti (3)
Riżorsi Proprji	— Monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' skemi preferenzjali — Importazzjoni ta' ross Basmati — Laħam taċ-Ċanga "Hilton"	B	A	—	A
Politika Agrikola Komuni	— Kunsill Internazzjonali taż-Żejt taż-Żebbuġa — IACS fil-Greċja	B	C	Ma ngħatax kas biżżejjed tas-sistemi ta' kontroll u ta' sorveljanza fl-2003	C
Miżuri Strutturali	— FAEGG-Gwida, ESF, IFOP: sistemi ta' kontroll u ġestjoni fl-Istati Membri (2000/2006) — ERDF: sistemi ta' ġestjoni u kontroll fil-Greċja u fi Spanja (2000/2006) — URBAN u INTERREG sistemi ta' ġestjoni u kontroll (2000/2006) — Fondi ta' Koeżjoni: sistemi ta' ġestjoni u kontroll fil-Greċja, fi Spanja u fil-Portugall (2000/2006)	C	C	Riskji marbutin ma' l-eġħluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 1994-1999 u/jew ta' nuqqasijiet sinifikanti fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2064/97	C
Politika interna, inkluża r-riċerka	— Eżaminazzjonijiet preliminarji fi ħdan il-qafas ta' ġestjoni indiretta ċentralizzata (Artikolu 35 MERF) — Verifiki fuq il-lok — Frekwenza ta' żbalji (eliġibilità) fid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa għal kuntratti ta' riċerka	B	B	Riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-eċċess sistemiku tal-perjodu ta' pagament fil-qasam tar-riċerka	B
Azzjonijiet esterni	— Shubija ma' organizzazzjoni mhux governattiva	B	C	Sistemi ta' monitoraġġ u kontroll għadhom mhumiex operattivi għal kollox	C
Ġhajnuna ta' qabel l-adeżjoni	— ISPA: sistemi ta' ġestjoni u kontroll — PHARE: Riskji possibli f'sistemi deċentralizzati, nuqqasijiet fis-sistemi ta' verifiki u fit-transazzjonijiet, inċertezzi fir-rigward ta' ilmenti ta' l-intermedjarji finanzjarji	C	C	Riskju li xi pajjiż kandidat ma jistax jwettaq l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' ko-finanzjament	C
Nefqa amministrattiva	— Implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern fid-delegazzjonijiet tal-UE	A	B	—	B

Noti:

(1) *Impatt tar-riservi fuq l-assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali fl-opinjoni tal-Qorti:*
A: assigurazzjoni raġonevoli li s-sistemi interni ta' kontroll jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi
B: assigurazzjoni raġonevoli b'riserva li s-sistemi interni ta' kontroll jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi
C: assigurazzjoni raġonevoli mhux suffiċjenti jew mhux sostnuta biżżejjed

(2) *Grad tar-riservi:*
A: ċar u mhux ambigwu
B: b'nuqqas ta' preċiżazzjonijiet mhux importanti
C: b'nuqqas ta' preċiżazzjonijiet sinifikanti jew b'nuqqas ta' preċiżazzjonijiet mhux ġustifikati biżżejjed (per eżempju: traskuraġni tal-problemi ta' ġestjoni komuni, kopertura tas-sena finanzjarja ta' qabel, nuqqas ta' kwantifikazzjoni, informazzjoni li ma tistax tintuża)

(3) *Annotament ta' din l-informazzjoni kollha fil-konklużjonijiet tal-verifiki tal-Qorti:*
A: sors utli
B: sors utli wara li saru xi korrezzjonijiet
C: sors mhux utli (eż. nuqqas ta' preċiżazzjonijiet materjali, informazzjoni nieqsa jew ma tistax tintuża)

Sors: Il-Qorti ta' l-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.68. Id-Direttivi għar-rapporti annwali ta' l-attività u l-Karta għall-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni mid-Delegazzjoni ([44]) jispeċifikaw li r-riservi ma jistgħux ineħħu l-importanza tad-Dikjarazzjoni u f'każi estremi ([45]), id-Direttur-Ġenerali ma jkunx jista' jagħti l-assigurazzjoni meħtieġa.

1.69. Fl-2003, il-grad ta' riservi espressi minn uħud mid-dipartimenti ([46]) mhux kompattibli jew ġustifikati b'mod suffiċjenti bl-iskop ta' assigurazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjonijiet (ara t-***Tabella 1.2*** u l-paragrafi 5.57-5.62, 7.48, 8.36 u 8.38). L-impatt tar-riservi fuq l-assigurazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjonijiet kienet barra minn hekk mogħtija definizzjoni aktar ċara fis-sena finanzjarja 2002.

1.70. Ix-xogħol tal-Qorti juri li s-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli f'ħafna oqsma tal-perspettivi finanzjarji għadhom ma laħqux livell sodisfaċenti u hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġu msaħħa. Għalhekk xi wħud minn nuqqasijiet magħżula mill-Qorti fil-verifiki tagħha ġew inklużi fid-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali (ara ***Tabella 1.2*** u l-paragrafi 4.22, 5.62, 6.37, 7.48 u 8.36). Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tad-Direttur-Ġenerali tad-DĠ Agrikoltura mhijiex ibbażata fuq eżaminazzjoni tat-transazzjonijiet tas-sena finanzjarja 2003 (ara l-paragrafi 4.19-4.20).

1.71. Minkejja ċertu titjib, il-Qorti temmen li r-rapporti annwali ta' l-attività u d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali ma jistgħux iservu sistemikament bħala bażi utili (ara l-paragrafu 1.4) għall-konklużjonijiet tal-verifiki fl-oqsma differenti tal-perspettivi finanzjarji (ara t-***Tabella 1.2***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.69. *Determination of the impact of reservations on the assurance is improving as the practice becomes routine. The Commission considers that, at present and increasingly so in the future, determining the consequences of the reservation for the area in question already makes it possible to establish — and will make it even clearer in future — that the assurance to be given by the authorising officer by delegation is totally justified.*

1.70. *See answers to paragraphs 1.33, 1.37 and 1.67 and to the specific paragraphs mentioned by the Court.*

1.71. *Through its work to improve the content of declarations and its monitoring of compliance with the standards on which the declarations are based, the Commission is endeavouring to make the annual declarations into a reliable indicator of its performance and its strategy for dealing with the risks identified, in order that the Court can use them as a basis for its assurance.*

([44]) Azzjoni Nru. 63 "Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ta' kull parteċipant finanzjarju" tal-*White Paper* u d-"Direttivi għad-dikjarazzjoni u r-riżervi ta' l-Uffiċjal li jawtorizza mid-Delegazzjoni fil-kuntest tar-rapport annwali ta' l-attività" (SEC(2002)401 tad-9 ta' April 2002).

([45]) Eż. meta r-riżervi għandhom effett importanti fud il-*budget* tad-Direttorat-Ġenerali.

([46]) Eż. id-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura, Edukazzjoni u Kultura, Tkabbir, Impjiegi u Affarijiet Soċjali, Sajd, l-IStampa u Komunikazzjoni, Politika Reġjonali u Eurostat.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Progress fil-qasam tar-riforma amministrattiva

Sintesi 2003

1.72. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tafferma fis-Sintesi tagħha li l-2003 ra progress sostanzjali fil-qasam tar-riforma amministrattiva, li prattikament l-azzjonijiet kollha tal-*White Paper* tlestew u l-parti l-kbira tal-pjanijiet ta' azzjoni maħsuba fis-Sintesi tal-2001 u tal-2002 tlestew jew għamlu progress sinifikanti. Iżda l-verifiki tal-Qorti wrew li din l-istima kienet ottimistika ħafna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnifisha tammetti li f'partiijiet differenti tas-Sintesi tagħha, ċerti oqsma għad għandhom bżonn ta' kontroll fis-snin li ġejjin u b'hekk dan jikkonferma l-verifiki tal-Qorti fl-oqsma li ġejjin:

a) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-*White Paper* (ara l-paragrafi 1.74-1.76) u s-sintesi tal-2001 u 2002 (ara l-paragrafi 1.77-1.79);

b) l-implimentazzjoni ta' standards ta' kontroll intern ([47]) (ara l-paragrafi 1.80-1.84);

c) il-produzzjoni ta' indikaturi adegwati għal ġestjoni bbażata fuq l-attività u ppjanar u programmar strateġiku (ara l-paragrafi1.85-1.87);

d) ġestjoni finanzjarja u l-preżentazzjoni ta' rapporti ([48]) (ara l-paragrafi 1.27-1.54 u 1.22-1.26);

e) il-kwalità u l-grad ta' riservi li jinsabu fid-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali (ara l-paragrafi 1.63-1.71).

1.73. Il-Qorti hi ta' l-istess opinjoni tal-Kummissjoni li l-punti fuq imsemmija kienu diġà ġew maħsuba mill-azzjonijiet inklużi fis-sintesi tas-snin ta' qabel. Hija tenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni għandha tikkonsolida b'suċċess il-pjanijiet orizzjontali tagħha u tinnota l-ħeġġa tal-Kummissjoni li tagħti każ tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-opinjoni tagħha dwar il-mudell ta' verifika waħdanija ([49]).

1.72. *The significant progress made in 2003 does not rule out the need to implement the corrective measures in the various sectors identified in the 2003 synthesis report. In some cases, the problems underlying these operations will only be resolved effectively and satisfactorily in the medium term. Thus, every year the synthesis of annual activity reports takes stock of the progress achieved and sets out and updates all the actions to be conducted at Commission level.*

Each of the actions under the White Paper and previous syntheses calls for the application of an instrument (e.g. a communication, the introduction of a measure, etc.). Once this instrument has been achieved, the action as such is no longer taken into consideration and, if the underlying problem has not been resolved, a new action is undertaken, usually through the annual synthesis report. This makes it possible to update the measures to be taken and also to perform an annual consolidation of ongoing actions which is not obstructed by the wide range of actions carried out in the past. It is thus the consolidation in the most recent synthesis which must be taken into account to obtain a table of ongoing horizontal actions.

([47]) B'mod partikulari, standards ta' kontroll intern. Is-sistema ta' kontroll intern tirrigwarda mhux biss id-dipartimenti fi Brussels imma anke l-uffiċċji lokali tal-Kummissjoni (delegazzjonijiet, rappreżentazzjonijiet u aġenziji eżekuttivi.

([48]) B'mod partikulari ġestjoni komuni, ċentrali, diretta u indiretta, kontrolli *ex-ante* u *ex-post* u l-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

([49]) Opinjoni tal-Qorti Nru.2/2004.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Azzjonijiet tal-White Paper

1.74. Bħala parti mill-monitoraġġ tal-progress fil-qasam tar-riforma amministrattiva, il-Kummissjoni ħabbret li mit-36 azzjoni stabbiliti fil-Kapitolu V tal-*White Paper* ([50]) dwar "Verifiki, ġestjoni u kontroll finanzjarju", 32 tlestew fl-2003. Ġie mħejji rapport dwar il-progress fuq il-*White Paper* ([51]) sabiex jinkludi rendikont sħiħ ta' l-oġġettivi li għad iridu jintlaħqu u tal-miżuri li għad iridu jiġu implimentati.

1.75. Il-Qorti tinnota l-progress li għamlet il-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil ta' qafas ġdid ta' kontroll regolatorju, iżda temmen li r-riżultati fir-rigward ta' l-implimentazzjoni u tal-proċedura attwali għadhom mhumiex sodisfaċenti. Għalhekk, 18 mis-36 azzjoni taħt Kapitolu V tal-*White Paper* kienu għadhom ma ġewx mitmuma sa l-aħħar tas-sena finanzjarja 2002 ([52]), tmien azzjonijiet kienu għadhom qed jiġu implimentati ([53]) sal 31 ta' Diċembru 2003. Għal tmienja mill-10 oqsma l-oħra fejn l-azzjonijiet ġew mitmuma fit-teorija, l-għan kien għadu ma ntlaħaqx għal kollox, l-implimentazzjoni ma kienetx sodisfaċenti u għad m'hemmx garanzija li dawn huma permanenti ([54]).

1.76. Ħafna mill-azzjonijiet li għadhom ma tlestewx huma inklużi fis-sintesi tar-rapporti annwali ta' l-attività u d-dikjarazzjonijiet ([55]) (ara l-paragrafi 1.77-1.79) u jeħtieġu li d-dipartimenti jibdlu l-abitudini tagħhom jew li jdaħħlu attivitajiet ġodda ([56]). It-tlestija għal kollox ta' dawn l-azzjonijiet, li jippermettu li l-iskopijiet ta' magħhom jiġu milħuqa, hija possibli biss fuq perjodu ta' żmien medju (ara t-***Tabella 1.3***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.74-1.76. *Once the instruments aimed at by the various measures have been installed, the settlement of outstanding issues will be covered each year by the synthesis reports (see reply to paragraph 1.72). Within this framework, the Commission considers that most of the actions mentioned by the Court had been achieved at 31 December 2003.*

1.75. *The Commission would make two comments on Action 83:*

— *in communication COM(2004) 93, which is mentioned by the Court, Action 83 is incorporated into Action 62, which refers both to the reform and to the effect of policies on the resources required;*

— *the resources required are examined every year during the annual policy strategy exercise (APS): since 2003 the Commission has adopted the policy of restricting the new posts it requests to the level needed for an enlarged European Union (see also the communication COM(2002) 311 on this subject) and of satisfying its other requirements by redeployment and the allocation of posts freed by successive early retirement schemes.*

([50]) COM(2000)200 tal-5 ta' April 2000.

([51]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-tmiem tal-mandat tar-riforma: rapport tal-progress u miżuri għall-implimentazzjoni fl-2004 (COM(2004)93 tal-10 ta' Frar 2004).

([52]) Il-paragrafi 1.65-1.67 tar-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002.

([53]) Azzjonijiet Nri. 74 "*Database* tal-Kuntratti", 83 "Livelli adegwati ta' Persunal", 87 "Eżaminazzjoni tal-progress magħmul mid-dipartimenti tal-Kummissjoni waqt il-proċess tal-bidla", 93 "Ko-ordinazzjoni aħjar ta' l-interazzjoni bejn l-OLAF u servizzi oħra", 94 "L-inaċċessibilità tal-leġislazzjoni u kontratt ta' ġestjoni tal-frodi", 95 "Ottimizzazzjoni ta' sistema ta' twissija kmieni", 96 "Ġestjoni aktar effettiva ta' rkupru ta' fondi mħallsa b'mod mhux dovut" u 97 "Titjib fil-kontroll finanzjarju u kontroll tal-Fondi Strutturali".

([54]) Azzjonijiet Nri. 66 "Panel ta' l-Irregolaritajiet Finanzjarji", 71 "Kumitat tal-Progress fil-Verifiki", 78 "Standards minimi għal kontroll intern", 81 "Tisħiħ tar-rwol ta' kontroll tad-direttorati-ġenerali" strutturi għal verifiki interni/kapaċitajiet ta' verifikar, 82 "Dikjarazzjoni mid-Direttur-Ġenerali fir-rapport annwali ta' l-attività tiegħu", 85 "Tfassil ta' kontrolli interni adegwati u proċessi finanzjarji", 90 "Stima tal-bżonnijiet tar-Riżorsi Umani għall-ġestjoni finanzjarja u kontroll" u 91 "Taħriġ" (ġestjoni u finanzi).

([55]) COM(2004)418 finali tad-9 ta' Ġunju 2004.

([56]) Il-paragrafu 1.109 tar-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002.

Tabella 1.3 — L-analiżi tal-Qorti ta' l-azzjonijiet prinċipali mhux magħluqa fil-Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll" tal-*White Paper* u l-pjan ta' azzjoni anness mas-Sintesi tar-rapporti annwali ta' attività u dikjarazzjonijiet tad-Diretturi Ġenerali għas-snin 2002 u 2001 (sal-31 ta' Diċembru 2003)

Referenza Kronoloġika u/jew sintesi	Azzjoni	Qasam/Tip ta' miżura	Sors tal-pjan ta' azzjoni	Dijanjosi/miżuri li għad iridu jittieħdu
71	Kumitat tal-Progress tal-Verifiki	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni lesta/titjib possibli** Sar xi tibdil organizzazzjonali sabiex titjieb l-amministrazzjoni tal-Kumitat, b'mod partikulari r-regoli li jirregolaw il-presidenza tal-laqgħat fil-każ ta' konflitti potenzjali ta' interessi, it-trasferiment tas-Segretarjat tal-Kumitat mid-DĠ BUDG lis-Segretarjat-Ġenerali u l-ħatra tat-tieni membru estern (COM(2004)93 tal-10 ta' Frar 2004, paragrafu 10.3). Għad jonqos progress, sabiex il-Kumitat ikun jista jissorvelja aħjar il-verifiki tal-Kummissjoni. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 19 "Kumitat ta' progress tal-verifika" (ref. 3.3.3.) tas-Sintesi tal-2002.*
78	Standards minimi ta' kontroll intern	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni lesta/implimentazzjoni qed issehħ — titjib possibli** L-istandards ta' verifiki interni ġew adottati fit-13 ta' Diċembru 2000 (SEC(2000)2203) u ġew emedati fil-21 ta' Diċembru 2001 (SEC(2001)2037). Dawn jipprovdu livell minimu ta' kontroll intern li kull Kummissjoni DĠ għandha tadotta (implimentazzjoni sħiħa ta' l-istandards tal-kontroll intern). Id-direttivi ġodda stabbiliti (SEC(2003)1287 tas-26 ta' Novembru 2003, Anness 5) jillimitaw l-applikazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern biss għal-linji bażi. Il-grad ta' implimentazzjoni tal-ħtiġijiet tal-linji bażi sal-31 ta' Diċembru 2003 turi li l-azzjoni għad ma tlestietx (ara ***Tabella 1.4.***). *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 1 "Standards ta' kontroll intern" (ref. 5.4.5.) tas-Sintesi tal-2002.*
81	Tisħiħ tar-rwol tal-funzjoni ta' kontroll tad-DĠ (strutturi interni ta' verifika/kapaċità ta' verifika)	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni lesta/titjib possibli** Sal-31 ta' Dicembru 2003, kull dipartiment tal-Kummissjoni kellu l-kapaċità li jagħmel verifika interna (SEC(2004)250 tas-27 ta' Frar 2004), barra f'xi każijiet bħal IAS, GOPA, SCIC-DGT u l-Uffiċċji tad-DG ADMIN (OIB, OIL, PMO and EPSO). Il-grad ta' implimentazzjoni tal-ħtiġijiet tal-linji bażi ta' standard 22 "kapaċità interna ta' verifika" sal-31 ta' Diċembru 2003 juri, iżda, li l-azzjoni għadha ma tlestitx (ara ***Tabella 1.4***). *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 12 "Ko-ordinazzjoni tal-komunità tal-verifiki tal-Kummissjoni" (ref. 3.3.2.) tas-Sintesi tal-2002.*
83	Livelli adegwati tal-persunal	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni li għadha għaddejja** Rapport tal-ħtiġijiet tal-Kummissjoni fil-rigward ta' taħriġ u riżorsi huwa fil-proċess li jitlesta. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 21 "Stima tar-riskju mill-ġestjoni" (ref. 3.3.2.)u 22 "Riżorsi Umani" (ref. 5.3.1.) tas-Sintesi tal-2002, 5 u 14 "Riżorsi umani" tas-Sintesi ta' l-2001.*

Referenza Kronoloġika u/jew sintesi	Azzjoni	Qasam/Tip ta' miżura	Sors tal-pjan ta' azzjoni	Dijanjosi/miżuri li għad iridu jittieħdu
87	Reviżjoni tal-progress magħmul mis-servizzi tal-Kummissjoni fit-tibdil tal-proċess	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni li ghadha ghaddejja** Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni ppjana li jtemm iċ-ciklu ta' verifiki fil-fond fid-Direttorati-Ġenerali sa l-aħħar ta' Settembru 2004 (COM(2004)93 of 10.2.2004, Anness 1).
93	Ko-ordinazzjoni aħjar ta' l-interazzjoni bejn l-OLAF u s-servizzi l-oħra	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni li ghadha ghaddejja** Ftehim protokoll proviżorju fuq kodiċi ta' kondotta biex jiżgura li jsir skambju ta' informazzjoni bejn l-OLAF u l-Kummissjoni dwar l-inkjesti interni ta' l-OLAF fil-Kummissjoni ġie approvat fi Frar 2004. Il-proposti ghal emenda tar-regolament fuq OLAF li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni fi Frar 2002, ghandhom effett fuq dan il-ftehim protokoll (COM(2004)93, Anness 1). Barra minn hekk, xogħol fuq it-titjib ta' skambju ta' informazzjoni u ko-operazzjoni bejn l-OLAF u l-Kummissjoni mill-ftehim protokoll ghadu ghaddej. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 15 "Sorveljanza OLAF" (ref. 5.3.9.) fis-Sintesi 2002.*
94	Ħidma kontra l-frodi fil-leġislazzjoni u ġestjoni tal-kuntratt	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni li ghada ghaddejja** Il-grupp ta' *interservice* fuq il-"fraud proofing" ippresedut mill-OLAF ghandu jkompli fl-2004 x-xogħol ta' segwitu ta' l-aspetti relatati ma' l-aspetti relatati mal-leġislazzjoni f'dak li ghandu x'jaqsam mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq l-"fraud proofing" (SEC(2001)2029 tas-7 ta' Novembru 2001 u COM(2004)93, Anness 1).
96	Ġestjoni aktar effettiva ta' l-irkupru ta' fondi mhallsa b'mod mhux dovut	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni kontinwa** Ir-rakkomandazzjonijiet mid-Dipartiment Intern tal-Verifiki iridu jittieħdu in konsiderazzjoni mid-Direttorati-Ġenerali u l-proċess ta' sorveljanza ta' l-arretrati fuq l-irkuprar ghandu jkun ko-ordinat b'mod aktar effettiv fil-livell ċentrali tad-Direttorat-Ġenerali tal-*Budgets*. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' 9 "Rkupru" (ref.: 5.3.2.) tas-Sintesi tal-2002.*
97	Sorveljanza aħjar tal-Fondi Strutturali	Kapitolu V "Verifiki, ġestjoni finanzjarja u kontroll"	White Paper	**Azzjoni li ghadha ghaddejja** L-applikazzjoni ta' proċeduri ġodda ghall-ġestjoni ta' Fondi Strutturali talab l-adozzjoni ta' Memorandum tal-Kummissjoni dwar il-kjarifika tar-responsabbiltajiet fi ħdan qafas ta' ġestjoni komuni (C(2003)1830-2 tas-17 ta' Ġunju 2003). Ġie mwaqqaf grupp interdipartimentali ghall-analiżi tal-miżuri possibli ghat-titjib tal-ġestjoni tal-Fondi Strutturali. F'Settembru 2004, il-Kummissjoni adottat Komunika dwar ir-responsabbiltajiet legali (COM(2004) 580 finali) u f'Awwissu 2004, addottat Komunika dwar il-metodoloġija tal-verifiki (C(2004) 3115) (ara l-paragrafu 1.84) *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjonijiet 7 "Ġestjoni komuni" u 17 "Verifiki f'ġestjoni komuni" (ref.: 5.3.3.) fis-Sintesi tal-2002 u 4 "Fondi Strutturali" u 12 "Ġestjoni komuni" fis-Sintesi tal-2001.*
6 (5.3.7)	Qafas tal-kontijiet	Ġestjoni Finanzjarja	Sintesi tal-2002	**Azzjoni li ghadha ghaddejja** B'mod ġenerali l-proġett ta' modernizzazzjoni tal-kontijiet ghaddej skond l-iskeda stabbilita, fir-rigward ta' l-addozzjoni tal-ħtiġijiet formali tar-Regolament Finanzjarju ġdid fl-2005 (COM(2004)565 tat-18 ta' Awwissu 2004). *Din l-azzjoni hija marbuta ma' l-azzjonijiet 16 "Qafas tal-kontijiet" u 17 "Sistemi Ċentrali ta' informazzjoni finanzjarja" fis-Sintesi tal-2001.*

Referenza Kronoloġika u/jew sintesi	Azzjoni	Qasam/Tip ta' miżura	Sors tal-pjan ta' azzjoni	Dijanjosi/miżuri li għad iridu jittieħdu
8 (5.3.4)	Ko-finanzjament	Ġestjoni Finanzjarja	Sintesi tal-2002	**Azzjoni li għadha għaddejja** Il-Grupp ta' *interservice* mwaqqaf fl-2003 taħt il-presidenza tas-Segretariat-Ġenerali biex jimplimenta din l-miżura huwa maqsum f'żewġ gruppi iżgħar ("fatturi b'rata fissa" u "metodi ta' verifika"). Huwa jippjana li jkompli x-xogħol fl-2004. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 1 "Programm ta' Riċerka" fis-Sintesi tal-2001.*
12 (3.3.2)	Ko-Ordinazzjoni tal-komunità tal-verifiki tal-Kummissjoni	Verifiki	Sintesi tal-2002	**Azzjoni li għadha għaddejja** Il-Kummissjoni ċċarat ir-responsabbiltajiet tal-atturi parteċipanti fil-qasam ta' verifiki interni u kontroll intern (SEC(2003)59 tal-21 ta' Jannar 2003). Xi attivitajiet ta' ko-ordinazzjoni (network ta' l-auditnet, żvilupp ta' metodi, għodda u teknika konġunta) ġew implimentati mis-Servizz ta' Verifiki Interni imma jeħtieġu sforzi oħra fl-2004. Fil-31 ta' Diċembru 2003 ma ntlaħaqx livell adegwat ta' ko-ordinazzjoni fil-verifiki. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 81 "Insaħħu r-rwol tal-funzjoni ta' kontroll tad-DĠ (kapaċitajiet ta' verifika)" fil-White Paper.*
23 (4.4)	Metodoloġija għar-rapporti annwali ta' l-attività	Metodoloġija għar-rapporti annwali ta' l-attività	Sintesi tal-2002	**Azzjoni lesta/titjib possibli** Id-direttivi għat-tħejjija tar-rapporti ta' attività tal-2003 iċċaraw il-kunċetti ta' riservi, assigurazzjoni, materjalita u dikjarazzjoni (SEC(2003)1469 tad-19 ta' Diċembru 2003 u SEC(2004)147 tad-19 ta' Frar 2004). Għad hemm bżonn ta' titjib fir-rigward tal-kunċett ta' materjalità u tal-effett tar-riservi fuq l-assigurazzjoni tad-Direttur-Ġenerali. Barra minn hekk, jeħtieġu direttivi aktar speċifiċi fir-rigward ta' indikaturi ta' effett (u riżultat), b'mod partikulari fuq il-kwalità tad-dħul u nefqa. *Din l-azzjoni hija marbuta ma' azzjoni 82 "Dikjarazzjoni tad-Direttur-Ġenerali fir-Rapport ta' Attività Annwali tiegħu/tagħhha" fil-White Paper.*
2	Azzjonijiet esterni	Domandi politiċi fil-qasam	Sintesi tal-2001	**Azzjoni parzjalment mhux sħiħa u l-oġġettiv intlaħaq parzjalment** L-organizzazzjoni ta' l-istrutturi u tar-riżorsi tad-dipartimenti milquta mir-Relazzjonijiet Esterni ma reġgħetx ġiet eżaminata sabiex jiġu identifikati sinerġiji potenzjali.
7	Sistema ta' informazzjoni relatata mal-ġestjoni	Twettiq tar-rforma	Sintesi tal-2002	**Azzjoni li għadha għaddejja** Wara l-verifika ta' l-IAS "Reviżjoni ta' azzjonijiet ta' l-IT fil-Kummissjoni", qed jitħejja Memorandum tal-Kummissjoni dwar l-inter-operabilità ta' sistemi eżistenti ta' l-IT fl-oqsma ta' ġestjoni.

Sors: Il-Qorti ta' l-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Pjanijiet ta' azzjoni annessi mas-Sintesi tar-rapporti annwali ta' l-attività tad-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni u tad-dipartimenti għas-snin finanzjarji 2002 u 2001

1.77. Is-sintesi tar-rapporti annwali ta' l-attività u d-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali ([57]) għas-sena finanzjarja 2002 jagħti kas tar-riforma fis-sistema ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u l-bidu ta' pjan ta' azzjoni ġdid biex jitrangaw in-nuqqasijiet li ġew innutati. Dan il-pjan ta' azzjoni jinkludi 25 miżura korrettiva flimkien ma' pjanijiet ta' azzjoni mfassla mid-Diretturi-Ġenerali fir-rapporti annwali ta' attività tagħhom u s-segwitu għall-pjan ta' azzjoni mfassal fis-Sintesi għall-2001 ([58]). Mill-azzjonijiet li l-aktar ikollhom effett fuq il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi ([59]), il-Qorti sabet li sal-31 ta' Diċembru 2003, l-azzjonijiet orizzontali ([60]) kienu għadhom mhux lesti ([61]).

1.77.-1.78. *In line with what was set out in the reply to paragraph 1.72 — that the actions to be undertaken are updated each year and the actions established by previous syntheses disappear — the actions in the 2001 and 2002 syntheses which were not completed at 31 December 2003 have been taken over and updated in the 2003 synthesis.*

Substantial progress has been made in the implementation of two actions concerning shared management. By September 2004 the Commission had adopted communications on the legal responsibilities under shared management (COM(2004) 580 final) and on the alignment of audit methodology in this area (C(2004) 3115); in December 2003 the Commission also published revised audit manuals for the Structural and Cohesion Funds. In the draft legislation for the Structural Funds in the 2007-2013 period the Commission has also taken up the idea of annual declarations by an independent audit body which was also mentioned in action 17.

([57]) COM(2003)391-4 tad-9 ta' Lulju 2003.

([58]) Komunikażzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Sintesi tar-Rapporti Annwali ta' Attività u dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali u Kapijiet tas-Servizz" (COM(2002)426 tal-24 ta' Lulju 2002).

([59]) Azzjonijiet Nri. 1 "Standards ta' Kontroll Intern" (ref. 5.4.5.), 3 "Komunikażzjoni" (ref. 3.3.2.), 6 "Qafas tal-kontijiet" (ref. 5.3.7.), 7 "Ġestjoni komuni" (ref. 5.3.3.), 8 "Ko-finanzjament" (ref. 5.3.4.), 9 "Rkupru" (ref. 5.3.2.), 12 "Ko-ordinazzjoni tal-komunità tal-verifiki tal-Kummissjoni" (ref. 3.3.2.), 13 "Metodoloġija tal-verifika" (ref. 3.3.3.), 14 "Segwitu tar-rapporti tal-verifika" (ref. 5.3.8.), 15 "Segwitu ta' l-OLAF" (ref. 5.3.9), 17 "Verifika f'ġestjoni komuni" (ref. 5.3.3.), 19 "Kumitat tal-Progress tal-Verifika: organiżazzjoni" (ref. 3.3.3.), 21 "Stima tar-riskju fil-ġestjoni" (ref. 3.3.2.), 23 "Metodoloġija AAR" (ref. 4.4.) u 24 "Segwitu mis-servizzi" (ref. 5.4.6.).

([60]) Azzjonijiet Nri. 6, 7, 8, 9, 12, 15, 17, 19, 21 u 23.

([61]) Azzjonijiet Nri. 6, 7, 8, 9, 12, 17 u 21: "kontinwi"; azzjonijiet Nri.15, 19 u 23: "kompletati, kompletati parzjalmenti jew azzjoni ta' segwitu biex tiġi introdotta".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.78. Fl-istess mod, il-pjan ta' azzjoni maħsub għas-Sintesi tal-2001 juri li ħafna mill-azzjonijiet li kienu għadhom ma kienux lesti sa l-aħħar tas-sena finanzjarja 2002 ([62]) kienu għadhom ma ġewx implimentati ([63]) sal-31 ta' Diċembru 2003. Fiż-żewġ oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' l-azzjonijiet, li fil-prinċipju kienu ġew mitmuma, l-oġġettiv kien għadu ma ntlaħaqx kollu, l-implimentazzjoni għadha mhijiex sodisfaċenti jew ma hemm ebda garanzija li huma permanenti ([64]). Fiż-żewġ oqsma, l-azzjonijiet mhumiex sħaħ u l-iskop intlaħaq parzjalment ([65]).

1.79. Il-Qorti tħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex timplimenta il-pjanijiet ta' azzjoni li għadhom mhux lesti biex b'hekk is-sistema ġdida ta' kontroll intern tkun tista' tibda taħdem sew, b'mod partikulari fl-oqsma ta' ġestjoni komuni, stima tar-riskju ta' ġestjoni u rkupru tad-djun (ara t-***Tabella 1.3***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.78. *With regard to the actions on shared management, the Commission refers to its reply to paragraph 1.77.*

Two separate actions are planned for Action 5: consideration of the resources needed (see reply to paragraph 1.75) and establishment of a method for assessing the resources required for existing and new activities. As regards Action 14, the Personnel and Administration Directorate-General has defined, through a poll in departments, the recruitment profiles relating to their needs and has asked the European Personnel Selection Office (EPSO) to organise the corresponding competitions from 2003 on. In the meantime, it may be necessary to continue recruiting more temporary staff on permanent posts.

As regards Action 15, the Commission would point out that on 14 July 2004 it adopted communication C(2004) 2694 on training and recruitment needs in the area of financial management as identified in the synthesis of Annual Activity Reports 2002.

1.79. *The Commission is investing considerable effort and interest in progressing on the three issues highlighted by the Court (i.e. shared management, risk management and recovery) as reflected in both the Synthesis of the 2003 and 2002 annual activity reports and the Overview of the state of internal control systems.*

([62]) Paragrafu 1.76 tar-Rapport Annwali li jirrigwarda s-sena finanzjarja 2002.

([63]) Azzjonijiet Nri. 1 "Programmi ta' Riċerka", 4 "Fondi Strutturali" (ġestjoni komuni), 5 "Riżorsi Umani" (riforma), 7 "Sistemi ta' Informazzjoni ta' Ġestjoni", 12 "Ġestjoni Komuni", 14 "Riżorsi Umani" (reklutaġġ), 16 "Qafas ta' Kontijiet" u 17 "Sistemi ta' informazzjoni finanzjarja importanti".

([64]) Azzjonijiet Nri. 9: "Proċeduri ta' kontroll intern, b'mod partikulari proċeduri finanzjarji" u 15 "Taħriġ" (ġestjoni finanzjarja).

([65]) Azzjonijiet Nri. 2 "Azzjonijiet esterni" u 18 "Pjanijiet ta' Azzjoni".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Standards ta' kontroll intern

1.80. Il-Qorti analizzat l-applikazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern ([66]) minn 16 mid-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni ([67]). L-iskop ma kienx biss li tkejjel il-grad ta' implimentazzjoni imma anke biex tivvaluta l-appikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-istandards sabiex tagħmel stima tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi fil-qasam ikkonċernat.

1.81. Il-Qorti sabet li, b'mod ġenerali, l-iskop u s-sustanza tas-sistemi u tal-kontrolli bażiċi li huma ta' bażi għall-istandards ippjanati għall-2003 ([68]) mhux faċli li jiġu pparagunati ma' dawk tal-2002.

1.81. *The fact that baseline requirements defined in 2003 are not entirely comparable with those defined in 2002 is consistent with the philosophy of those requirements. In fact, the baseline requirements were initially introduced in 2000 to make the 24 Internal control standards more concrete in practice by defining the minimum requirements at that time. Each year the baselines are updated in order to consider any additional requirement from any relevant Commission's decision/communication adopted in the meantime.*

In terms of charting progress from one point in time to another, the clarifications/updating made to the baselines make it difficult to compare the position at the end of 2002 and the end of 2003. However, there have been significant actions taken to strengthen internal control, particularly regarding the flow of information from Directorates-General to their Commissioner on critical issues of audit and control and Directorates-General have already demonstrated a strong commitment to delivering this in practice.

([66]) Standards Nri. 11 "Analisi tar-riskju u ġestjoni", 12 "Ġestjoni ta' l-informazzjoni adegwata", 14 "Rapporti tan-nuqqasijiet li nstabu", 17 "Sorveljanza", 18 "Annotamenti ta' eċċezzjonijiet", 20 "Annotamenti u korrezzjoni tan-nuqqasijiet ta' kontroll intern", 21 "Rapporti ta' verifika" u 22 "Kapaċita ta' verifika interna".

([67]) Id-Direttorati-Ġenerali għall-Affarijiet Finanzjarji u Ekonomiċi, Agrikoltura, Edukazzjoni u Kultura, Impjiegi u Affarijiet Soċjali, Sajd, Politika Regjonali, Riċerka, is-Soċjetà ta' Informazzjoni, Tkabbir, *Budget*, Personal u u Amministrazzjoni, Ġustizzja u Intern, l-Uffiċċju ta' Għajnuna Umanitarja, l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni ta' Għajnuna Ewropea, Eurostat u d-Dipartiment tal-verifiki interni.

([68]) Komunikazzjoni lill-Kummissjoni "dwar stima proprja tar-rieda tas-Servizzi li jħarsu l-linji bażi ta' kontroll intern sal-31 ta' Diċembru 2003" (SEC(2003)1287 tas-26 ta' Novembru 2003).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.82. Il-Kummissjoni ddikjarat li 91 % tal-linji bażi ġew imħarsa sal-31 ta' Diċembru 2003 ([69]). Minn dawn il-linji bażi, 26 % jidhru li ġew introdotti mill-aħħar ta' Settembru 2003 meta d-Direttorati-Ġenerali rrapportaw fuq il-kapaċità tagħhom li jirrispettaw id-dati ta' skadenza tal-31 ta' Diċemrbu 2003 biex iħarsu l-linji bażi kollha ([70]).

1.83. Skond il-Qorti, huwa diffiċli biex wieħed jara kif din ir-rata ta' progress jista' jkollha effett immedjat fuq ix-xogħol tas-sistema ta' kontroll intern li fuqu jiddependu l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-introduzzjoni ta' regoli proċedurali jew strumenti ta' kontroll, jeħtieġ aktar żmien biex wieħed jassigura li dawn l-istandards jiġu applikati. Għalhekk, f'ħafna mill-każijiet il-verifiki tal-Qorti jipprovaw jistabbilixxu jekk l-aġir tad-Direttorati-Ġenerali kienx konformi mal-linji bażi interni (ara l-paragrafi 4.23, 6.5, 7.40-7.41 u 9.55).

1.84. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-livelli ta' kontroll interni eżaminati fid-Direttorati-Ġenerali li ġew magħżula, il-Qorti sabet li l-informazzjoni ppreżentata kienet ibbilanċjata minħabba li din aktar għamlet referenza għall-eżistenza u t-tħaris ta' mekkaniżmi ta' kontroll intern milli għamlet referenza għax-xogħlijiet tagħhom (ara t-***Tabella 1.4*** u l-paragrafi 4.23, 5.10, 6.5, 7.43 u 9.55). Fuq kollox, dan il-grad ta' implimentazzjoni ma jistax ikun meqjus bħala biżżejjed biex jippermetti lis-sistema ta' kontroll intern tal-Kummissjoni tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli għal dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

1.82-1.83. *As indicated by the Court, Directorates-General assessed in December 2003 that overall 91 % of the baselines were achieved against 65 % reported by September 2003. It should be noted that in many cases those baselines not fully implemented by September 2003 were ongoing actions, where important progress had already been made and where there was only a little work required to finalise them.*

As stated in the Overview, the Commission acknowledges that in future the focus on internal control will need to concentrate on how well the internal control arrangements are working in practice and delivering the assurances needed rather than focusing overly on compliance.

Furthermore, effective implementation of an appropriate internal control system which delivers the assurances needed takes time. In reality, important attempts have already been made in moving beyond compliance. To this end, the Commission has developed a tool, iCAT (internal control assessment tool), to help services to assess the effectiveness of their internal control systems and some Directorates-General started to use a first version of this tool in 2003.

1.84. *The table 1.4 differs from the Commission's services' own assessment, which concludes that the internal control standards were 91 % applied at 31 December 2003. The incomplete application largely concerned areas with little effect on the risk of irregularity.*

Concerning the link between the level of compliance with those standards and the assurances needed on the legality and regularity of the underlying transactions, see Commission's reply to paragraphs 1.82. and 1.83.

([69]) Nota ta' Informazzjoni mis-Sinjura Schreyer fir-rigward tar-rieda tad-dipartimenti tal-Kummissjoni li jħarsu l-bżonnijiet minimi ta' l-istandards ta' kontroll intern sal-31 ta' Diċembru 2003 (SEC(2004)250 tas-27 ta' Frar 2004).

([70]) SEC(2003)1287 tas-26 ta' Novembru 2003.

Tabella 1.4 — Analiżi tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern (b'rabta diretta mal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi għad-Direttorati-Ġenerali importanti), sitwazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2003

Direttorat-Ġenerali jew dipartiment	Eżekuzzjoni ta' appropriazzjoni ta' ħlas fl-2003 (miljun euro)	Standard 11 "analiżi tar-riskju u ġestjoni"	Standard 12 "informazzjoni ta' ġestjoni *ad hoc*"	Standard 14 "nuqqasijiet fir-rapporti"	Standard 17 "sorveljanza"	Standard 18 "eċċezzjonijiet fl-annotament"	Standard 20 "annotament u korrezzjoni tan-nuqqasijiet ta' kontroll intern"	Standard 21 "rapporti ta' verifika"	Standard 22 "kapaċita ta' verifika interna"
ECFIN	367	B	B	A	A	A	A	A	A
EMPL	7 437	A	A	A	A	A	A	A	A
AGRI	47 067	A	A	A	B	A	A	A	A
RTD	1 933	A	B	A	A	A	A	A	A
INFSO	857	B	B	A	A	A	B	A	A
FISH	838	A	A	A	B	A	A	A	B
REGIO	18 540	A	A	A	A	A	A	A	A
EAC	796	B	B	A	B	A	A	A	A
JAI	86	A	B	A	B	A	B	A	A
ELARG	1 675	A	A	A	A	A	A	A	A
AIDCO	3 242	A	A	A	A	A	A	A	A
ECHO	518	A	A	A	A	A	A	A	A
ESTAT	44	B	B	A	B	B	B	A	A
ADMIN	282	A	A	A	A	A	A	A	A
BUDG	8	A	A	A	A	A	A	A	A
IAS	0,4	A	A	A	A	A	A	A	B

Stima:
A: implimentazzjoni tal-ħtiġijiet bażi
B: implimentazzjoni mhux adegwata tal-ħtiġijiet bażi
Sors: Il-Qorti ta' l-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Indikaturi tal-kwalità tad-dħul u tan-nefqa

1.85. B'mod ġenerali, ir-rapporti annwali ta' l-attività tal-2003 fihom informazzjoni fuq ir-riżultati miksuba (fis-sens ta' ekonomija, effiċjenza u effettività) mid-Direttorati-Ġenerali fir-rigward ta' attivitajiet politiċi u ġestjoni tar-riżorsi allokati.

1.85. *The aim of the annual activity reports is to take stock of the achievement of the objectives laid down in line with the Commission's priorities and the resources required for this purpose. They represent an instrument for monitoring the results of activities in relation to the objectives laid down, the risks involved, utilisation of the resources allocated and operation of the internal control system.*

1.86. Iżda, l-analiżi tal-Qorti turi li t-tfassil u l-użu ta' din l-informazzjoni mill-Kummissjoni ([71]) għadha mhux biżżejjed ([72]) biex titkejjel il-kwalita tas-sistema interna ta' kontroll u l-aspetti tal-legalità u regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi ([73]).

1.86. *The monitoring aspects are therefore highlighted in the annual activity reports. The overview mentioned above in paragraph 1.53 gives a more detailed account of internal control systems at the Commission.*

The aspects linked to the legality and regularity of transactions are monitored by each Directorate-General. Ex ante *and* ex post *control systems have been introduced or are now being introduced. Nevertheless, the Commission is ready to analyse the possibility of further developing the concepts of performance indicators already launched in the context of the Activity Based Management (ABM) process.*

1.87. Il-Qorti temmen li l-produzzjoni ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-legalità u regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi għandha tkun ta' prijorità għall-Kummissjoni. Fil-kuntest ta' ppjanar strateġiku u ċiklu ta' programmazzjoni, din l-informazzjoni tkun għodda ta' ġestjoni essenzjali għall-garanzija tal-kwalità tad-dħul u n-nefqa u għal stima tal-progress li sar ([74]) kieku din kellha x'taqsam mal-grad sa fejn aspetti importanti tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll ikunu ġew implimentati kif ukoll il-frekwenza, in-natura u l-impatt fuq il-*budget* ta' dawn l-iżbalji li dawn is-sistemi u kontrolli ma sabux u rranġawx.

1.87. *Continuous improvement of its performance and the assumption of responsibility by its managers to achieve the objectives laid down and implement an efficient internal control system are Commission priorities.*

Although monitoring implementation of the control systems and determining the extent to which they guarantee the legality and regularity of transactions is not the sole purpose of the annual activity reports, the Commission is willing to explore the possibility of giving greater coverage to supervisory controls and risk management in the next annual activity report.

([71]) SEC(2003)1469 tad-19 ta' Diċembru 2003.

([72]) Il-paragrafi 1.68-1.74 tar-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002.

([73]) Eż. id-Direttorati-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, Ambjent, Suq Intern, l-Istampa u Komunikazzjoni, Interpretazzjoni, Kummerċ, Enerġija u Trasport, is-Servizz Legali u l-Grupp ta' Konsulenti ta' Politika ma tawx l-indikaturi ta' eżekuzzjoni li ġew proposti fid-direttivi.

([74]) Il-paragrafu 1.110 tar-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002.

KAPITLU 2

Ġestjoni tal-*Budget*

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	2.1-2.4
Osservazzjonijiet ġenerali	2.5-2.22
Żieda fil-*budget*	2.5-2.6
Rata ta' nfiq ta' 92 % għall-pagamenti	2.7-2.8
Surplus imnaqqas u ġestit aħjar	2.9-2.13
Il-ġarr aktar realistiku ta' approprijazzjonijiet minn sena għall-oħra	2.14-2.15
L-impenji pendenti jibqgħu jiżdiedu	2.16-2.22
Osservazzjonijiet speċifici	2.23-2.46
Dħul komunitarju	2.23-2.24
Agrikoltura	2.25-2.26
Operazzjonijiet strutturali	2.27-2.35
Żieda fl-impenji pendenti	2.33-2.35
Politika interna	2.36-2.38
Azzjonijiet esterni	2.39-2.40
Għajnuna ta' qabel l-adeżjoni	2.41-2.45
Amministrazzjoni	2.46
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	2.47-2.50

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

2.1. Dan il-kapitolu jiddiskuti l-implementazzjoni tal-*budget* ta' l-UE fl-2003, l-aħħar sena qabel it-tkabbir ta' l-Unjoni u fin-nofs tal-perspettiva finanzjarja mis-sena 2000 sal-2006.

2.2. Il-*budget* annwali ta' l-Unjoni Ewropea huwa approvat mill-awtorità inkarigata mill-*budget* (il-Parlament u l-Kunsill) fuq il-bażi ta' proposti ppreżentati mill-Kumissjoni. Il-Kumissjoni timplimenta l-*budget* f'ko-operazzjoni ma' l-Istati Membri u ma' pajjiżi benefiċjarji oħra fil-każ ta' nefqa fuq l-agrikoltura, operazzjonijiet strutturali, azzjoniijiet esterni u għajnuna ta' qabel l-adeżjoni.

2.3. Jeżistu *budgets* separati għall-impenji u għall-ħlasijiet. Ħafna minn nefqa fuq l-operazzjonijiet strutturali u l-politika interna u esterna tieħu l-forma ta' programmi ġestiti fuq numru ta' snin (eż. mill-2000 sal-2006 għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali tal-Fondi Strutturali) li fihom impenji li joħorġu mill-*budget* — li jirriflettu obbligi legali għall-infiq — isiru f'sena waħda iżda jiħallsu ("likwidati") fuq numru ta' snin ("approprijazzjonijiet differenzjati") [1].

2.4. Informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-*budget* għall-2003 tista' tittieħed minn dokument tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport fuq il-ġestjoni tal-*budget* u fuq dik finanzjarja — Sena finanzjarja 2003". L-Artikolu 29 tar-Regolament Finanzjarju jitlob li dan ir-rapport jiġi ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Dan ma sarx għar-rapport tal-2002 iżda d-dokument kien disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni [2]. Il-verżjoni ta' l-2003 hija disponibbli fl-istess post. Il-Qorti tinnota l-isforzi li saru biex id-dokument jitjieb meta dan jiġi mqabbel ma' dak tal-2002, iżda tikkunsidra li l-analiżi in ġenerali setgħet tkun aktar utili li kieku ġet inkluża informazzjoni fuq l-istat globali ta' implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji, u kemm jieħu żmien biex l-Istati Membri u l-Istati benefiċjarji jħallsu lill-benfiċjarji finali.

2.4. *The Commission appreciates the Court's statement regarding the improved 'Report on budgetary and financial management' and agrees with the observation of the Court that there is still room for further improvements. With regard to payments to final beneficiaries, the regulations (for example, Regulation (EC) 1260/1999 for the Structural Funds, Regulation (EC) 1663/95 for EAGGF Guarantee) require Member and beneficiary States to reimburse final beneficiaries promptly. In future the Commission could distinguish, in the information provided on the Structural Funds in its 'Report on budgetary and financial management', between advances, paid at the beginning of the period and serving to constitute a rolling fund with which to pre-finance expenditure, and reimbursements of expenditure declared by final beneficiaries. The amount of advances (for the Structural Funds, 7 %) can be taken to be equivalent to the maximum level of payments by the Commission not yet paid to final beneficiaries.*

[1] Ara ***Anness I*** għal aktar informazzjoni fuq il-*budget*.
[2] http://europa.eu.int/comm/budget/infos/publications_en.htm.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

OSSERVAZZJONIET ĠENERALI

Żieda fil-budget

2.5. Għall-2003, l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti totali fil-*budget* [3] inizzjali li ġie approvat żdiedu b'1,9 % meta mqabbel mal-*budget* finali għall-2002. L-appropjazzjonijiet impenjati żdiedu biss b'0,3 %. Skond il-Kummissjoni, il-livell statiku virtwali ta' l-appropjazzjonijiet impenjati "juri l-istess determinazzjoni ta' l-awtorità inkarigata mill-budget u tal-Kummissjoni biex isolvu l-problemi ta' impenji pendenti u li għadhom qed jistennew il-ħlas" [4].

2.6. L-impenji u l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti baqgħu 2,6 biljun euro u 5,4 biljun euro rispettivament taħt il-limiti tal-perspettivi finanzjarji annwali tagħhom [5]. Id-differenza fir-rigward ta' l-impenji għandha x'taqsam ma' l-agrikoltura: l-oqsma l-oħra ta' nefqa laħqu l-limiti jew qegħdin qrib il-limiti rispettivi tagħhom. Għall-pagamenti, il-limitu tal-perspettiva finanzjarja japplika għall-*budget* sħiħ u mhux bil-qasam partikulari.

Rata ta' nfiq ta' 92 % għall-pagamenti

2.7. ***It-Tabella 2.1*** tagħti stampa ġenerali tar-riżultati tal-*budget* għas-sena finanzjarja tal-2003 kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti. Fl-2003 il-proporzjoni ta' approprijazzjonijiet impenjati wżata (ir-rata ta' implementazzjoni ta' l-impenji) kienet ta' 99 %, simili għar-rata ta' 98 % fl-2002. Il-proporzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti (ir-rata ta' nfiq għall-pagamenti) kienet 92 %, li tirrapreżenta żieda fuq is-86 % tas-sena 2002. Din iż-żieda seħħet primarjament minħabba nefqa akbar fuq operazzjonijiet strutturali — intnefqu 90 % ta' l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti meta mqabbla ma' l-74 % ta' l-2002 (ara l-paragrafi 2.27 sa 2.30).

2.8. Dawn ir-rati ta' infiq in ġenerali ma jgħidux l-istorja kollha dwar l-implimetazzjoni tal-*budget* għal żewġ raġunijiet prinċipali. Fl-ewwel lok, proporzjoni żgħira biss ta' l-impenji magħmula f'sena partikolari tirriżulta f'pagamenti waqt dik is-sena stess (ara l-paragrafi 2.3 u 2.16 sa 2.22). Fit-tieni lok "pagamenti" kif imfissra fil-kontijiet tal-Kummissjoni jinkludu ħlasijiet bil-quddiem lill-amministrazzjonijiet ta' l-iStati Membri u ta' l-iStati benefiċjarji jew intermedjarji oħra li jiġu wżati għall-pagamenti lill-benefiċjarji finali. F'uħud mill-każijiet, bħal Sapard (ara paragrafu 2.43), il-ħlas tal-fondi lill-benefiċjarji finali jieħu ħafna aktar fit-tul.

2.8. *In the case of Sapard, payments are made upon receipt of eligible claims, where the beneficiaries have to demonstrate that eligible project expenditure has been incurred. This process can be lengthy. The Sapard countries generally experienced technical and procedural difficulties during the initial period of implementation, resulting in delays in the processing of applications and payment claims. Although there are still certain problems in some countries, overall the situation has improved substantially.*

[3] Adottat mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 54, 28.2.2003).

[4] *Sors: Budget* ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2003 — Il-figuri, paragrafu 3.

[5] *Budgets* emendatorji sussegwenti ġabu l-approprijazzjonijiet impenjati għal 2,5 biljun euro, u l-approprijazzjonijiet ta' pagament għal 10,4 biljun euro taħt il-limitu.

Tabella 2.1 — Implimentazzjoni tal-*budget* tal-2003 permezz ta' intestatura ta' perspettiva finanzjarja

(miljun euro u %)

Intestatura ta' Perspettiva finanzjarja	Limiti ta' perspettiva finanzjarja	Budget		Implimentazzjoni tal-budget					
		Approprjazzjonijiet tal-bidu (1)	Approprjazzjonijiet finali (2)	Impenn u ħlasijiet li saru	Rata ta' implimentazzjoni	Approprjazzjonijiet li jinġarru ghall- 2004	% tal-appropriazzjoni finali disponibbli	Approprjazzjonijiet li skadew	% ta' l- approprjazzjoni finali disponibbli
	(a)	(b)	(c)	(d)	(e) = (d)/(c)	(f)	(g) = (f)/(c)	(h)	(i) = (h)/(c)
Approprjazzjonijiet impenjati									
Politika Agrikola Komuni	47 378	44 780	44 865	44 462	99 %	41	0,1	361	0,8
Operazzjonijiet Strutturali	33 968	33 980	34 013	33 987	100 %	4	0,0	22	0,1
Politka Interna	6 796	6 796	7 744	7 173	93 %	430	5,6	141	1,8
Azzjoni Esterna	4 972	4 949	5 219	5 067	97 %	94	1,8	59	1,1
Ghajnuna ta' qabel l-adeżjoni	3 386	3 386	3 449	3 393	98 %	43	1,2	13	0,4
Nefqa Amministrattiva	5 211	5 360	5 616	5 545	99 %	39	0,7	31	0,6
Riserva	434	434	328	148	45 %	0	0,0	180	54,9
Ghelug ghall-eqreb numru shih		1	– 1						
Total	**102 145**	**98 686**	**101 233**	**99 775**	**99 %**	**651**	**0,6**	**807**	**0,8**
Approprjazzjonijiet ta' ħlas									
Politika Agrikola Komuni		44 780	45 096	44 379	98 %	331	0,7	385	0,9
Operazzjonijiet Strutturali		33 173	31 838	28 528	90 %	177	0,6	3 134	9,8
Politika Interna		6 204	7 257	5 672	79 %	920	12,7	665	9,2
Azzjoni Esterna		4 844	4 899	4 286	88 %	113	2,3	500	10,2
Ghajnuna ta' qabel l-adeżjoni		2 707	2 799	2 240	80 %	55	2,0	504	18,0
Nefqa Amministrattiva		5 360	6 087	5 305	87 %	650	10,7	132	2,2
Riserva		434	364	148	41 %	0	0,0	216	59,3
Ghelug ghall-eqreb numru shih		1	– 1					– 1	
Total	**102 767**	**97 318**	**98 339**	**90 558**	**92 %**	**2 246**	**2,3**	**5 535**	**5,6**

(1) Il-*budget* ġie finalment adottat mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 54 tat-28.2. 2003).

(2) L-approprjazzjonijiet tal-*budget* li ġew emendati wara li ttieħdu in konsiderazzjoni l-emendi tal-*budget* u t-trasferimenti, u inklużi l-approprjazzjonijiet li nġarru mill-2002, approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet minn terzi persuni u minn dhul ieħor li jikkorrispondi ghal skop definit, u l-approprjazzjonijiet ġew magħmula disponibbli ghal darb'ohra.

Sors: kontijiet annwali tal-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Surplus imnaqqas u ġestit aħjar

2.9. Għall-2003 is-*surplus* (6) tal-*budget* laħaq is-somma ta' 5,5 biljun euro — għall-analiżi ara ***Tabella 2.2***. Għalkemm din is-somma għadha kbira f'termini assoluti, hija tirrappreżenta tnaqqis meta mqabbla mas-7,4 biljun euro tal-2002 u l-15,0 biljun euro għall-2001.

Tabella 2.2 — Kompożizzjoni tas-*surplus* fl-2003 (u 2002)

(miljun euro)

	2003				2002		
Dħul	*Baġitjati*	*Budgets Emendatorji* (2)	*Miġbura*	Kontribuzzjoni għas-surplus	*Baġitjati*	*Miġbura*	Kontribuzzjoni għas-surplus
Riżorsi proprji	88 989	– 4 978	83 633	– 378	80 926	79 775	– 1 151
Dħul ieħor	8 514		9 836	1 322	15 126	15 659	533
Total	**97 503**	**– 4 978**	**93 469**	**944**	**96 052**	**95 434**	**– 618**
Nefqa	*Infiq anqas* (1)	*Budgets Emendatorji* (2)	*Anqas x'jinġarr 'il quddiem għall-2004* (3)		*Inqas infiq* (1)	*Anqas x'jinġarr 'il quddiem għall-2003* (3)	
Agrikoltura	717		– 331	386	1 419	– 315	1 104
Operazzjonijiet Strutturali	8 310	– 5 000	– 177	3 133	8 104	– 3 254	4 850
Politika Interna	1 585		– 920	665	1 390	– 750	640
Azzjonijiet Esterni	613		– 113	500	546	– 68	478
Għajnuna ta' qabel l-adeżjoni	559		– 55	504	849	– 51	798
Amministrazzjoni	760	22	– 650	132	645	– 548	97
Riservi	216		0	216	481	– 9	472
Għeluq għall-eqreb numru shiħ	– 1			– 1	1		1
Total	**12 759**	**– 4 978**	**– 2 246**	**5 535**	**13 434**	**– 4 995**	**8 440**
Skambju tad-differenzi				– 109			– 253
Dħul immarkat (4)				– 740			0
Ieħor (5)				– 146			– 147
			Surplus totali	**5 484**			**7 422**

(1) Jinkludi l-kanċellament ta' krediti miġrura mhux użati ta' 2 074 iljun euro (309 miljun euro fl-2002).
(2) *Budgets* emendatorji 6/2003 u 7/2003.
(3) L-ammont miġrur jinkludi 1 044 miljun euro fir-rigward ta' dħul minn terzi persuni immarkat, li għalih ir-regoli normali ta' kanċellament ta' figuri miġrura ma japplikawx (684 miljun euro fl-2002).
(4) Tibdil tad-dħul immarkat li ġie riċevut imma ma sarx ħsieb għalih fil-*budget*. M'hemmx bżonn ta' tibdil għall-2002 minħabba proċeduri differenti tal-*budget*.
(5) Elementi varji relatati fil-biċċa l-kbira ma' krediti li reġgħu ġew użati u krediti miġrura u kontribuzzjonijiet ta' l-EFTA.
Sors: kontijiet annwali tal-2003.

(6) Iż-żejjed mhux riserva Ii tista' tiġi wżata fil-futur. Assenjazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati fil-maġġor part ital-każijiet jiġu kkanċellati jew jintilfu.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.10. Fir-rigward tas-sena finanzjarja 2002 il-Qorti kkritikat lill-Kummissjoni talli din ma ħaditx azzjoni fuq in-nuqqas ta' nfiq sostanzjali, għalkemm din is-sitwazzjoni kienet ġiet prevista qabel l-aħħar tas-sena (7). Fl-2003 ittieħdu miżuri speċifiċi mill-Kummissjoni biex jitjieb it-tbassir ta' l-użu tal-*budget*, wara li tqieset l-informazzjoni mill-Istati Membri u mill-Istati benefiċjarji. Din l-informazzjoni mtejba mirċieva, tat il-possibilità lill-Kummissjoni sabiex tressaq il-*budget* emendatorju fuq imsemmi u permezz ta' hekk naqset l-approprijazzjoni tal-pagamenti b'5 biljun euro, li huwa tnaqqis proporzjonat fid-dħul.

2.11. L-azzjoni tal-Kummissjoni matul l-2003 irrappreżentat titjib sinifikanti fil-ġestjoni tal-*budget* meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Iżda, minkejja l-azzjoni li ttieħdet, iż-żieda l-kbira li baqa' (5.5 biljun euro) turi li kien hemm lok għal tnaqqis akbar fl-approprijazzjonijiet.

2.12. ***It-Tabella 2.3*** turi l-livell ta' nuqqas ta' infieq gross, u l-konsegwenzi li ġab miegħu f'dawn l-aħħar ħames snin. Matul dan il-perjodu n-nuqqas ta' nefqa kkawża l-kanċellament ta' 39,9 biljun euro ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti. Matul l-istess perjodu il-*budget* żdied b'16.3 %, li jirrappreżenta total globali ta' 53.6 biljun euro ta' approprijazzjonijiet żejda.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Tabella 2.3 — Nuqqas ta' nfiq mill-1999 sa l-2003

(miljun euro)

	1999	2000	2001	2002	2003
Nuqqas ta' nfiq (1)	**7 071**	**11 478**	**17 173**	**13 434**	**12 759**
Proporzjon mill-budget	*8,1 %*	*12,1 %*	*17,7 %*	*13,6 %*	*13,0 %*
Jirriżulta f':					
Budget emendatorju	0	0	0	0	4 978
Ġarr	5 019	2 609	2 188	4 995	2 246
Kanċellamenti	2 052	8 868	14 985	8 440	5 535

(1) Nuqqas ta' nfiq kbir fl-approprjazzjoni tal-pagamenti għall-aħħar tas-sena u approprjazzjonijiet li nġarru.
Sors: Kontijiet annwali mil-1999 sal-2003.

2.13. Il-Qorti tinnota li mhuwiex realistiku li wieħed jistenna li l-*budget* jiġi implimentat 100 %. In-nefqa trid tkun legali u regolari u skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda. Fl-oqsma tal-*budget* fejn hemm ġestjoni maqsuma (fuq 80 % tal-valur) jekk it-talbiet ma jiġux mill-Istati Membri jew intermedjarji oħra, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tagħmel pagamenti. Anke fil-każ ta' nefqa ġestita direttament, il-Kummissjoni ta' spiss tiddependi fuq it-talbiet tal-benefiċjarji. In-nuqqas ta' infiq kostanti jirriżulta f'żieda fl-impenji pendenti (ara l-paragrafi 2.16 sa 2.22) u f'konċentrazzjoni tal-pagamenti fl-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni u dan huwa diffiċli biex jiġi ġestit.

(7) Paragrafu 2.10 tar-rapport annwali tal-qorti għas-sena 2002.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-ġarr aktar realistiku ta' approprijazzjonijiet minn sena għall-oħra

2.14. Bħal ma nnotat il-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2002 ([8]) il-ġarr ta' l-approprijazzjonijiet minn sena għall-oħra jikkomplika l-ġestjoni, il-kontijiet u l-annotamenti tal-*budget* bla bżonn. Il-ġarr ta' l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti mill-2002 ta' 5,0 biljun euro, li naqqas b'mod konsiderevoli s-*surplus* irrapportat f'dik is-sena, kien jaqbeż b'mod konsiderevoli l-ġarr tas-snin ta' qabel (ara ***Tabella 2.3***). Mill-ammont li nġarr, 3.3 biljun euro kienu jirrappreżentaw approprijazzjonijiet għall-ħlas ta' talbiet finali għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' l-1994 sa l-1999 għall-Fondi Strutturali. Fir-Rapport Annwali ([9]) għall-2002 il-Qorti avżat li l-Kummissjoni kienet se ssiba diffiċli biex tillikwida dawn l-approprijazzjonijiet, u hekk seħħ: 1,9 biljun euro minn dawn il-krediti ġew kanċellati fl-2003, u żiedu mas-*surplus*.

2.15. Il-ġarr ta' l-approprijazzjonijiet tal-pagamenti mill-2003 sal-2004 hu ta' 2,2 biljun euro, li jinkludi 1,2 biljun euro mill-*budget* operattiv u 1,0 biljun euro fir-rigward ta' fondi ta' terzi (ara paragrafu 2.37). Meta jitqabbel mal-2002 dan huwa livell ta' ġarr ta' krediti aktar realistiku.

L-impenji pendenti jibqgħu jiżdiedu

2.16. Fil-bidu taċ-ċiklu ta' programmazjoni għan-nefqa soġġetta għal programmi multiannwali, l-Istati Membri u l-Istati benefiċjarji jistgħu jieħdu ħafna żmien biex iħejju l-proċeduri amministrattivi u ta' kontroll, biex jidentifikaw u japprovaw proġetti xierqa għal finanzjament mill-UE u biex jipprovdu l-ko-finanzjament nazzjonali li hemm bżonn. Minbarra l-ħlas ta' l-ewwel pagamenti bil-quddiem, li jipprećedu n-nefqa bażi fuq proġett, il-Kummissjoni ta' spiss issiba diffiċli biex tagħmel pagamenti sostanzjali mill-*budget* sakemm iċ-ċiklu ta' programmazzjoni ma jkunx beda sewwa. Il-*budget* għall-approprijazzjoni ta' pagamenti għandu jkun aktar realistiku billi jieħu aktar in konsiderazzjoni ċ-ċiklu ta' programmazzjoni u l-ħila ta' l-Istati Membri li jassorbu n-nefqa. L-impenji jsiru fil-bidu tal-programm (b'eċċezzjoni tal-Fondi Stutturali fejn dawn isiru fuq bażi annwali — ara paragrafu 2.33) u jitmexxew il-quddiem ([10]) sakemm isiru il-pagamenti korrispondenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.14. *The Commission considers that the carryover procedure set by the regulatory framework is expedient, fairly simple, practical and transparent (see Commission's reply to the 2002 annual report, paragraphs 2.11 and 2.48).*

After the carryover, the amount of payment appropriations on the budget for the settlement of final claims for the 1994 to 1999 programme period was in line with the Member States' forecasts of the payments they would claim on the commitments outstanding. The budget turned out to be more than required for two reasons. First, the forecasts underestimated the amount of commitments that would not be claimed and would have to be decommitted. In the event, some EUR 2,8 billion of commitments were decommitted in 2003 in addition to the EUR 3,5 billion paid. Secondly, the closure documents (most of which were received just before the deadline of 31 March 2003) were of uneven quality, requiring clarifications and further work by Member States in many cases and delaying closure in these cases until 2004.

2.16. *The Commission recognises that the budget for payment appropriations should be more realistic by taking better account of the programme cycle and the ability of Member States to absorb expenditure. The payments budgets presented by the Commission represent its best estimates of the actual payment needs. As reliance on Member States' payment forecasts led to an over-estimation of needs, the Commission has resorted to budgeting more in line with its own estimates, based on recent patterns in implementation and foreseeable trends. As a result, implementation rates have improved in the last few financial years.*

The overlap of programme cycles for multiannual programmes tends to smooth the pattern of payments over time. For example, at the beginning of a new Structural Fund programme, period payments made in respect of programmes of the previous period normally compensate for the still low

([8]) Paragrafu 2.11.
([9]) Paragrafu 2.26.
([10]) Suġġett għal ċerti kundizzjonijiet bħal data finali għall-implimentazzjoni skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda (Artikolu 77 tar-Regolament Finanzjarju) jew miżuri speċifiċi bħar-regola ta' sena n+2 fir-rigward ta' Fondi Strutturali (ara paragrafu 2.35).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.17. Iktar ma jkun għoli l-valur ta' l-impenji pendenti, aktar tkun għolja t-talba fuq il-pagamenti tal-budget fis-snin futuri. Id-dewmien fil-proċess tal-budget huma murija fit-**Tabella 2.4**. Għal nefqa differenzjata ([11]), il-pagamenti fl-2003 fir-rigward ta' l-impenji magħmula fl-2003 ammontaw għal 5,7 biljun euro biss mill-49,6 biljun euro imwegħda, jew inkella 11 %. Fil-prattika l-impenji jistgħu jieħdu s-snin sakemm jitlestew, u oħrajn qatt ma jirriżultaw fi ħlas u għalhekk ikollhom jiġu kkanċellati — ara paragrafu 2.21.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

level of payments under current programmes before they reach cruising speed. This compensatory effect was less marked during the changeover from the 1994 to 1999 to the 2000 to 2006 periods, mainly because of the changeover in the payments system between the two periods from an advance-based to a reimbursement-based system. The Commission refers to its communication of 20 September 2002 'Evolution of budgetary execution of the Structural Funds, in particular outstanding commitments (RAL)' (COM(2002) 528 final).

2.17. *The time lag between commitments and payments of 'differentiated' expenditure, which is responsible for the 'RAL', is inherent in the budgeting of this expenditure. As noted in the reply to the previous point, the pattern of such expenditure is smoothed over time by the overlap of financial perspective periods.*

Tabella 2.4 — Bidla fil-bilanċ ta' l-impenji pendenti 2003

(miljun euro)

	Total	Nefqa mhux differenzjata				Nefqa differenzjata				
		Agrikoltura	"Amministrazzjoni"	Riservi	***Total mhux differenzjat***	Operazzjonijiet Strutturali	Politika Interna	Azzjonijiet Esterni	Ta' qabel l-adeżjoni	***Total differenzjat***
Impenji miġbura										
Bilanċ miġrur	**99 820**	231	473	0	***704***	66 731	11 205	12 763	8 417	***99 116***
Ħlasijiet	**– 35 590**	– 210	– 376	0	***– 586***	– 26 603	– 3 405	– 2 865	– 2 131	***– 35 004***
Disimpennji	**– 4 138**	– 3	– 11	0	***– 14***	– 2 917	– 504	– 658	– 45	***– 4 124***
Kanċellamenti	**– 102**	– 19	– 83	0	***– 102***	0	0	0	0	***0***
Impenji għas-sena 2003										
Impenji magħmula	**99 775**	44 462	5 545	148	***50 155***	33 987	7 173	5 067	3 393	***49 620***
Ħlasijiet	**– 54 968**	– 44 169	– 4 929	– 148	***– 49 246***	– 1 925	– 2 267	– 1 421	– 109	***– 5 722***
Kanċellamenti	**– 6**	0	– 6	0	***– 6***	0	0	0	0	***0***
Bilanċ miġrur	**104 791**	**292**	**613**	**0**	***905***	**69 273**	**12 202**	**12 886**	**9 525**	***103 886***

Sors: kontijiet ta' l-2003.

([11]) Nefqa fuq operazzjonijiet strutturali, politika interna, azzjonijiet esterni u għajnuna qabel l-adeżjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.18. Fl-aħħar ta' l-2003 l-impenji pendenti kienu jlaħħqu l-104,8 biljun euro — ara t-***Tabella 2.4***. Dan huwa ekwivalenti għal 94 % tal-*budget* impennjat għall-2004 (UE25) u jirrapreżenta żieda ta' 5,0 % meta mqabbel ma' l-2002. Iż-żieda seħħet minkejja:

— disimpenn ta' 4,1 biljun euro, li minnhom 2,7 biljun euro kienu relatati ma' proċedura speċjali (ara paragrafu 2.21);

— *budget* ta' l-impenji għall-2003 kważi statiku (ara paragrafu 2.5); u

— l-inklużjoni fil-*budget* ta' approprijazzjoni ta' pagamenti addizjonali intiżi speċifikament biex tittaffa din il-problema.

Għal nefqa differenzjata, il-bilanċ ta' l-impenji pendenti jirrapreżenta madwar sentejn u nofs ta' pagamenti bir-rata ta' infiq kurrenti. F'punt simili matul il-perjodu ta' perspettiva finanzjarja preċedenti (1996) il-valur ta' l-impenji pendenti fuq nefqa differenzjata kien ta' 47,9 biljun euro, liema somma kienet tirrapreżenta ftit inqas min sena u nofs ta' pagamenti skond ir-rata ta' infiq ta' dak iż-żmien.

2.19. Iżda l-bilanċ ta' impenji pendenti ma jirrappreżentax għal kollox l-impenji legali ta' nefqa magħmula mill-Unjoni, prinċipalment minħabba l-effett tal-proċess ta' l-impenji tal-Fondi Strutturali (ara paragrafu 2.33). Il-bilanċ tan-nefqa legalment impenjata sa l-aħħar tal-2003 fuq il-perjodu ta' programmazzjoni mill-2000 sal-2006, u muri bħala punti ta' barra mill-karta tal-bilanċ fil-kontijiet annwali, iżda mingħajr ma jidher bħala impenji fil-*budgets* annwali jammonta għal 95 biljun euro (ara paragrafu 2.34). Meta wieħed jikkunsidra dan it-total ta' l-impenji pendenti sa tlett snin qabel it-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni, dan huwa ta' madwar 200 biljun euro, jew inkella ħames snin ta' pagamenti bir-rata kurrenti ([12]). Għalkemm il-limitu taż-żmien sabiex isiru l-pagamenti jaqbeż t-tmiem tal-perjodu ta' programmazjoni ([13]), livell għoli ta' impenji pendenti jagħmlu pressjoni fuq il-pagamenti tal-*budget* u jistgħu possibilment idewwmu l-għeluq ta' ċerti programmi. Hemm ir-riskju li dawn il-fatturi jinfluwenzaw l-implementazjoni tal-*budget* fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss bħal ma ġara fil-passat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.18. *The comparison of the level of outstanding commitments between 1996 and 2003 should be seen in the light of a changed system for both annual commitments and payments for the Structural Funds.*

2.19. *The Commission refers to its answer to paragraph 2.48.*

([12]) Minkejja l-impenji annwali li jridu jsiru f'oqsma oħra tal-*budget* matul l-istess perjodu.

([13]) Sa l-aħħar ta' l-2008 għall-pagamenti fl-Istati Membri, sa l-2010 għall-pagamenti ta' l-aħħar mill-Kummissjoni (COM(2002) 528 Finali tal-20 ta' Settembru 2002).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.20. ***Grafika 2.1*** turi l-valur ta' l-impenji pendenti fuq nefqa differenzjata matul l-aħħar għaxar snin, imqabbla mal-*budget* impenjat għal kull sena. Matul l-aħħar ħames snin kien hemm żieda ta' 47 % fil-valur ta' impenji pendenti għan-nefqa differenzjata. Dan ġara minħabba żewġ fatturi: l-ewwel nett, is-snin 2002 sal-2003 huma l-perjodu tal-bidu tal-programmi l-kbar [14] (ara paragrafu 2.16); u t-tieni, in-nuqqas fl-infieq kontinwat fl-approprijazzjonijiet ta' pagamenti (ara l-paragrafi 2.12 u 2.13).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Grafika 2.1 — Impenji pendenti mill-1994 sal-2003



Nota: approprjazzjonijiet differenzjati li jinkludu n-nefqa fuq operazzjonijiet strutturali u l-politika interna, azzjonijiet esterni u għajnuna ta' qabel l-adeżjoni.
Sors: Kontijiet Annwali 1994 sal-2003.

(14) Fondi Strutturali — 2 000 sal-2006; 6 Programm Kwadru għar-riċerka u nefqa teknoloġika — 2 000 sal-2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.21. Il-Qorti ilha għal numru ta' snin tenfasizza l-bżonn tal-Kummissjoni li tidentifika u tieħu azzjoni fir-rigward ta' impenji pendenti u li huma antiki u inattivi u li jistgħu ma jirriżultaw qatt f'pagamenti. Fl-aħħar ta' l-2002 b'dikjarazzjoni konġunta, l-Awtorità tal-*Budget* u l-Kummissjoni ftehmu li jieħdu ħsieb sa l-aħħar tal-2003 dawk l-impenji pendenti li huma potenzjalment anormali ([15]). Matul l-2003, mis-17,3 biljun euro li kienu identifikati bħala "potenzjalment anormali", saru pagamenti fuq 4.0 biljun euro, 2,7 biljun euro ġew disimpenjati u nstab li 10,6 biljun euro kienu validi u għalhekk ġew mantenuti.

2.22. Id-data attwali tal-*budget* u l-analiżi tagħha tagħti ftit informazzjoni dwar il-konsegwenzi ta' livell għoli ta' impenji pendenti, kif ukoll fuq l-istat globali ta' l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji differenti. Il-livell għoli ta' impenji pendenti jirrappreżenta talba sinifikanti fuq il-pagamenti futuri li tista' tkun diffiċli biex tiġi ġestita fil-kuntest tal-proċess tal-*budget*, u fir-rigward tar-rispett tal-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.22. *For the Structural Funds the Commission already provides information,* inter alia, *on the cumulative state of implementation in its annual 'Analysis of the budgetary implementation of the Structural Funds'. The Commission is, however, ready to provide further information (see reply to paragraph 2.50). The demand on future payments should be reduced by the 'n+2' rule (see reply to paragraph 2.48).*

OSSERVAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Dħul komunitarju

2.23. Tabella 3.1 tagħti fil-qosor id-dħul tal-Komunità u Grafika 3.1 turi kif tqassmu t-tipi differenti ta' dħul. Grafika 3.2 turi l-evoluzzjoni tad-dħul effettiv matul il-perjodu mill-1989 sal-2003. B'mod partikolari dawk ir-riżorsi tradizzjonali proprji u r-riżors tal-VAT naqsu fl-importanza; waqt li r-riżors tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNI) żied fl-importanza. Il-*budget* emendatorju binnumru 6/2003 ta' l-4 ta' Decembru 2003 naqqas l-ammont ta' dħul neċessarju għal 2003 b' 5,0 biljun euro.

2.24. L-ammonti tar-riżorsi bbażati fuq il-VAT naqsu b' 5,0 % meta imqabbla mal-2002 minħabba li ġew irranġati l-bażijiet tal-VAT tas-snin ta' qabel, it-tlugħ u nżul fir-rata tal-kambju bejn il-lira sterlina u l-euro u rata aktar baxxa mir-rata regolari ta' sejħa. Barra minn hekk it-tnaqqis ta' 2 % fit-tbassir tad-DGN effettwa r-riżorsi tal-VAT permezz tal-proċedura tal-*capping* ([16]).

([15]) Definiti bħala impenji li għalihom ma saru ebda pagamenti għal dawn l-aħħar sentejn, u impenji li kienu fil-budget għal mill-inqas hames snin finanzjarji.

([16]) Ir-riżorsa tal-VAT tiġi mill-bażi tal-VAT kif imfissra bħala l-valur totali tal-merkanzija u s-servizzi li huma suġġetti għall-VAT skond is-Sitt Direttiva. Din il-bażi għandha limitu li ma jaqbiżx il-50 % tal-GNI f'kull pajjiż. Jekk id-GNI jaqa', taqà wkoll ir-riżorsa tal-VAT.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Agrikoltura

2.25. It-total disponibbli ta' approprijazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti għall-agrikoltura fl-2003 kien jammonta għal 44,9 biljun euro u 45,1 biljun euro rispettivament ([17]), żieda ta' 1,2 % meta imqabbel mal-2002. In-nefqa finali kienet ta' 44,5 biljun euro għall-impenji (rata ta' implementazzjoni ta' 99 %) u 44,4 biljun euro għal pagamenti (rata ta' implementazzjoni ta' 98 %).

2.26. Ir-rata ta' nfiq l-aktar baxxa (64 %) kienet fuq varjetà ta' miżuri li flimkien kienu jammontaw għal 3 % ta' l-approprijazzjonijiet totali awtorizzati, inklużi rifużjoni fuq l-esportazzjoni fuq prodotti pproċessati, fuq programmi ta' l-ikel u miżuri veterinarji ("nefqa anċillari"). Dan in-nuqqas fin-nefqa kien dovut għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' miżuri veterinarji u tassaħħa tal-pjanti. Din in-nefqa tinkludi wkoll il-biċċa l-kbira ta' l-ammont li nġarr għall-2004. L-implementazzjoni f'oqsma oħra tal-*budget*, inkluż l-iżvilupp rurali ([18]), kienet kważi totali.

Operazzjonijiet strutturali

2.27. Il-*budget* impennjat għas-sena żdied b'0,4 % meta mqabbel ma' l-2002. Il-*budget* tal-pagament żdied bi 3,2 % meta meta mqabbel mal-2002. Ir-rata tan-nefqa globali għall-pagamenti (wara l-kanċellament msemmi fil-paragrafu li ġej) kien ta' 90 %, li jirrappreżenta żieda konsiderevoli fl-implimentazzjoni fl-2002 (74 %).

2.28. In-nefqa gross anqas meta mqabbla mal-*budget* oriġinali kienet ta' 8.3 biljun euro, livell simili għall-2002 (ara ***Tabella 2.2***). Madankollu l-effett fuq iż-żieda globali naqas bil-kanċellament ta' 5,0 biljun euro ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti li l-Kummissjoni indunat li ma setgħux jintnefqu (ara paragrafu 2.31). Minkejja n-nuqqas fl-infiq nett ta' 3,3 biljun euro għall-operazzjonijiet strutturali globalment, seħħet żieda kbira fin-nefqa fir-rgward ta' l-Oġġettiv 2, fejn ir-rata ta' implementazzjoni żdiedet minn 48 % fl-2002 għal 91 % fl-2003 (ibbażata fuq *budget* ogħla ta' 1,1 %).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.26. *In veterinary and plant health measures for 2003 commitments were made for 99,7 % of the commitment appropriations. The reason why a large amount of the payments were carried over to 2004 is that, according to the legal base, Member States have time until some point in year n+1 (2004) to request for payment on activities agreed with the Commission and carried out in year n (2003). For the Commission these payments are covered by the commitments made in year n (2003).*

([17]) Jinkludi l-ammonti li nġarru mill-2002.

([18]) B'differenza mill-2002, meta kien hemm nuqqas sinifikanti fin-nefqa fuq l-iżvilupp rurali: il-paragrafu 2.19 Rapport Annwali tal-Qorti għall-2002.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.29. Għall-inizzjattivi Komunitarji, li huma programmi mwettqa fl-Istati Membri fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, l-implimentazzjoni fl-2002 kienet biss ta' 25 % u l-*budget* tnaqqas b' 2,0 % fl-2003. Ir-rata ta' infiq fl-2003 kienet ta' 48 %, l-aktar minħabba dewmien fl-għeluq tal-programmi ta' perjodu ta' programmazzjoni tal-1994 sal-1999 (rata ta' nfiq ta' 30 %) minħabba s-sottomissjoni tardiva ta' l-aħħar talbiet mill-Istati Membri. Għall-pagamenti fl-2003 b'relazzjoni mal-perjodu 2000 sal-2006 ir-rata ta' nfiq kienet ta' 75 %.

2.30. Għal pagamenti li għadhom għaddejjin taħt il-programmi attwali tal-Fondi Strutturali (perjodu 2000 sa 2006), li jirrappreżentaw madwar 74 % tal-*budget* inizzjali totali għall-qasam, ir-rata ta' nefqa kienet ta' madwar 96 %, żieda fuq il-91 % miksuba fl-2002. Ir-rata ta' nefqa kienet ħafna aktar baxxa għall-eġħluq tal-programmi tal-1994 sal-1999, 11,0 biljun euro ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti kienu disponibbli għas-sena; intużaw biss 3,5 biljun euro (32 %) ([19]). Il-Kummissjoni rrispondiet billi kkanċellat 5 biljun euro ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti li jirrigwardaw programmi ta' qabel l-2000 f'*budget* emendatorju li żied ir-rata ta' nefqa komplessiva (ara paragrafu 2.27).

2.31. Fir-Rapport Annwali ([20]) għall-2002, il-Qorti semmiet it-tbassir fqir li sar min- naħa ta' l-Istati Membri bħala waħda mir-raġunijiet prinċipali għaliex il-Kummissjoni ma setgħetx tieħu azzjoni xierqa u f'waqtha fuq in-nuqqas ta' nefqa. Saru sforzi fl-2003 sabiex il-proċess tat-tbassir jitjieb u l-iżball globali fit-tbassir għall-Fondi Strutturali naqas minn 73 % għal 50 %. Madankollu, dan għadu jirrappreżenta differenza ta' 13,0 biljun euro bejn it-tbassir u l-pagamenti li effettivament saru. Għal programmi ta' l-2000 sa l-2006 l-aqwa tbassir minn Stat Membru kien 12 % għola mill-bżonnijiet effettivi, u l-agħar tbassir kien b'iktar minn darbtejn u nofs aktar minn dak li kien hemm bżonn — ħames Stati Membri kellhom differenzi fit-tbassir tagħhom ta' biljun euro.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.30. *In addition to payments for 1994 to 1999 programmes of EUR 3,5 billion, some EUR 2,8 billion were decommitted. The combined effect of payments and decommitments reduced the 'RAL' for 1994 to 1999 programmes from EUR 15,4 billion at the end of 2002 to EUR 9,1 billion at the end of 2003, a reduction of 41 %.*

2.31. *The Commission refers to its answer to paragraph 2.16.*

([19]) Bħal ma ġie rappurtat fil-paragrafu 2.26 tar-Rapport Annwali tal-Qorti għall-2002, il-Kummissjoni ġarrbet dewmien fl-eġħluq ta' programmi minħabba li rċeviet ħafna mit-talbiet viċin l-iskadenza (31 ta' Marzu 2003) u spiss in-natura mhux sħiħa ta' dawn it-talbiet, wasslet għar-riskju sinifikanti li l-pagamenti setgħu jsiru biss fl-2004. It-tbassir tal-Kummissjoni ma kienx ikkunsidra biżżejjed il-possibilità ta' dewmien.

([20]) Paragrafu 2.24.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.32. Minkejja l-miżuri biex jassiguraw li l-applikazzjonijiet għall-ħlas jaslu mingħand l-Istati Membri b'mod kostanti tul is-sena kollha ([21]), waqt l-2003 iktar minn nofs il-pagamenti saru bejn Settembru u Diċembru, u kwart minnhom f'Diċembru biss. Din il-konċentrazzjoni fl-ipproċessar ta' l-operazzjonijiet fl-aħħar tas-sena tagħmel domanda mhux raġonevoli fuq ir-riżorsi ta' ġestjoni tal-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.32. *The Commission has little influence on the pattern of expenditure declarations by Member States. The Regulation asks for payment claims to be submitted three times a year, the third one by the end of October, but does not provide for sanctions. The 'n+2' rule has an impact in both directions: it encourages Member States to file large payment claims just before the year-end; on the other hand, the Commission's regular reminders of the situation of programmes with regard to the rule encourages them to accelerate claims.*

Żieda fl-impenji pendenti

2.33. L-approprijazzjonijiet impenjati għall-perjodu 2000 sal-2006 tal-Fondi Strutturali ddaħħlu fil-*budget* skond l-allokazzjoni tal-perspettiva finanzjarja, kif stabbilit fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Berlin. L-allokazzjoni komplessiva għal perjodu ta' seba' snin hija ta' 230,2 biljun euro ([22]) (il-Fondi Srutturali u l-Fond ta' Koeżjoni flimkien). Mill-210,6 biljun euro relatati mal-Fondi Strutturali, ġew allokati 201,1 biljun euro ([23]) lill-Istati Membri (jiġifieri saru impenji legali) permezz ta' programmi ta' nefqa miftehma bejn l-2000 u l-2002. L-impenji tal-*budget* imbagħad isiru kull sena fuq perjodu ta' programmazzjoni ta' seba' snin. Minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-programmi l-ġodda, l-livell ippjanat ta' impenji legali ma setax jsir, għalhekk il-limiti tal-perspettivi finanzjarji mill-2002 'il quddiem ġew miżjuda bl-approprijazzjonijiet li ma ntużawx fl-2000 u fl-2001.

2.34. Għall-perjodu 2000 sal-2002 in-nuqqas ta' nefqa nett fuq approprijazzjonijiet ta' pagamenti fuq operazzjonijiet strutturali ammonta għal 26,6 biljun euro (2000: 8,0 biljun euro; 2001: 10,5 biljun euro; 2002: 8,1 biljun euro). L-impenji pendenti għall-operazzjonijiet strutturali żdiedu b'2,5 biljun euro għal 69,3 biljun euro fl-2003; kważi valur ta' sentejn u nofs ta' pagamenti bir-rata ta' nefqa ta' l-2003. Fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-2000 sal-2006 l-impenji pendenti żdiedu b'19 % għal 53,2 biljun euro; 2,3 drabi l-infiq kurrenti. Barra minn hekk, l-impenji legali meħuda wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Berlin, iżda li għadhom ma nbidlux f'impenji tal-*budget* (ara paragrafu 2.33), total ta' 95 biljun euro ([24]), jammontaw għall-impenji pendenti ekwivalenti għal aktar minn 164 biljun euro, jew kważi 6 snin ta' pagamenti.

([21]) L-Artikolu 32(3) tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Fondi Strutturali jitlob li l-Istati Membri jassiguraw, sa fejn hu possibli, li l-applikazzjonijiet għall-pagamenti parzjali jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni fi gruppi tlett darbiet fis-sena, bl-aħħar applikazzjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru.

([22]) Bil-prezzijiet tal-2003.

([23]) Ġie miżmum ammont ta' 8,4 biljun euro bħala riżerva tar-rendiment, u 1,1 biljun euro għall-assistenza teknika u miżuri innovattivi ma ġewx allokati minn qabel.

([24]) Ara l-impenji li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fil-kontijiet annwali: partita 5 tal-passiv kontinġenti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.35. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000 sa l-2006, ġew introdotti regoli ġodda biex jintemmu b'mod awtomatiku ċerti impenji, li għalihom ma sar l-ebda pagament matul is-sentejn ta' wara s-sena li fiha li sar l-impenn. Id-disimpenji li jsegwu dawn ir-regoli fl-2003 ammontaw għal 31 miljun euro biss, li jirrappreżentaw 24 miljun euro għall-FSE u 7 miljun euro għall-FAEGG -Gwida. Fil-każ ta' l-EDRF ma sar l-ebda disimpenn għax l-Istati Membri għamlu talbiet għan-nefqa intermedjarja. Madankollu, hemm riskju li l-Istati Membri jitolbu ammont għall-ispiża li jkun ineliġibbli, biex jevitaw il-kanċellament ta' l-impenji.

Politika Interna

2.36. In-nefqa li taqa' taħt il-kategorija tal-perspettiva finanzjarja tal-politika interna hija l-aktar ġestita direttament mill-Kummissjoni u hija ddominata mir-riċerka u żvilupp teknoloġiku li jirrappreżenta 58 % tal-pagamenti fl-2003. Il-*budget* tal-pagamenti approvat wera żieda medja ta' 0,8 % fl-2002, b'varjazzjoni kbira bejn l-intestaturi varji. Per eżempju, in-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku naqset b'2,7 % fl-approprijazzjonijiet, waqt li għan-networks Trans-Ewropej kien hemm żieda ta' 12 %. L-appropjazzjonijiet impenjati approvati żdiedu b'medja ta' 3,4 %.

2.37. Ir-rata tan-nefqa fil-pagamenti kienet ta' 78 %, li tirrappreżenta tnaqqis meta imqabbla ma l-2002 (83 %). Madankollu, in-nuqqas fin-nefqa, li kkontribwixxa 626 miljun euro fiż-żieda globali, jista' jiġi fil-parti l-kbira spjegat b'arranġamenti speċjali għal "dħul immarkat għal terzi" ([25]). Meta pajjiżi terzi jikkontribwixxu għall-programmi tal-Komunità, dawn il-kontribuzjonijiet jiġu annotati fis-sena meta jiġu riċevuti kemm bħala impenn kif ukoll bħala approprijazzjoni ta' pagament, anke jekk iż-żmien meħtieġ biex il-proġetti jiġu implementati jfisser li d-domanda għall-pagamenti tinfirex fuq numru ta' snin. Approprijazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati jinġarru awtomatikament sakemm il-fondi jkunu jistgħu jiġu wżati. Dan allura għandu l-effett li jnaqqas ir-rata tan-nefqa. Mill-1,6 biljun euro gross fin-nuqqas ta' nefqa għas-sena, inġabru 0,8 biljun euro minn nefqa konnessa mad-dħul ta' terzi (27 % rata ta' infieq), u użu ta' livell standard ta' approprijazzjonijiet tal-*budget* — b'rata ta' nefqa ta' 93 % — kkontribwixxa għall-bilanċ.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.35. *The Commission recognised the risk to which the Court refers and took action by increasing its checks on payment claims.*

([25]) Ara l-paragrafi 2.32 u 2.33 tar-Rapport Annwali tal-Qorti għall-2002.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.38. Impenji pendenti għall-aħħar tas-sena finanzjarja tal-2003 jammontaw għal 12,2 biljun euro — żieda ta' 8,9 % fuq l-2002 — li jirrappreżenta aktar minn sentejn ta' pagamenti bir-rata ta' nefqa kurrenti. Dan jirrifletti żieda ogħla fl-impenji milli fil-pagamenti għas-sena (3,4 % versus 0,8 %) u huwa parzjalment spjegat mill-fatt illi l-2003 inzerta viċin il-bidu tas-6 Programm Qafas (FP6) għarriċerka u avvanz teknoloġiku (2002 sal-2006).

Azzjonijiet esterni

2.39. In-nefqa fuq l-azzjonijiet esterni hija l-aktar ġestita mill-Kummissjoni u tinkludi numru kbir ta' intestaturi differenti, bl-ebda intestatura ma tirrappreżenta aktar minn 16 % mit-total. Il-*budget* approvat għall-impenji kien 3,0 % ogħla minn dak ta' l-2002. Fil-każ tal-pagamenti, iż-żieda kienet ta' 3,8 %. Ir-rata ta' nefqa għall-pagamenti kienet ta' 87 %, simili għal dik fl-2002 (89 %); dan juri li l-ammont żejjed fil-*budget* ġie assorbit, iżda xejn aktar.

2.40. Fl-aħħar tal-2003, l-impenji pendenti kienu jammontaw għal 12,9 biljun euro, żieda ta' 1,0 % meta mqabbla ma' l-2002. Il-bilanċ ta' l-impenji li kienu għadhom ma twettqux kien jirrappreżenta l-valur ta' tlett snin ta' pagamenti bir-rata kurrenti ta' nefqa.

Għajnuna ta' qabel l-adeżjoni

2.41. L-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni tinkludi ammonti mħallsa lill-pajjiżi ta' adeżjoni u pajjiżi kandidati biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u hija l-aktar ġestita b'ko-operazzjoni ma' l-Istati benefiċarji. Fl-2002 intnefqu biss 67 % ta' l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti. Fil-*budget* tal-2003, l-impenji u l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti żdiedu b'1,7 % u 4,3 % rispettivament. Fl-2003 il-pagamenti ammontaw għal 2,2 biljun euro, li jirrappreżenta rata ta' nefqa ta' 80 %. In-nuqqas ta' nefqa, għalkemm kien proporzjonalment inqas milli fl-2002, ikkontribwixxa 0,5 biljun euro fis-*surplus* globali.

2.42. Għall-PHARE in-nefqa kienet ta' 1,5 biljun euro, li tirrappreżenta rata ta' nefqa ta' 94 %, u żieda sostanzjali mir-rata tal-2002 ta' 69 %.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.43. Sapard ([26]), l-iżgħar fost it-tlett strumenti ta' qabel l-adeżjoni, irċieva żieda ta' sena b' sena fl-approprijazzjonijiet tal-pagamenti ta' 20 % (73 miljun euro miż-żieda globali tal-112 miljun euro), minkejja rata ta' nefqa ta' 34 % biss għall-2002. Il-pagamenti magħmula lil Stati benefiċjarji fl-2003 żdiedu għal 264 miljun euro (rata ta' 61 %), imma ma joqorbux għal dak li hu biżżejjed sabiex jiġi assorbit il-*budget* li żdied. L-implimentazzjoni tiddependi fuq it-talbiet għal pagamenti magħmula mill-Istati benefiċjarji, u dawn ġew irċevuti iktar tard milli kien mistenni. Sa l-aħħar ta' l-2003, ġie ttrasferit ammont ta' 323 miljun euro lill-benefiċarji finali. Dan jirrappreżenta żieda sostanzjali fuq l-2002 (34 miljun euro) iżda l-pagamenti globali lil-benefiċarji finali fis-Sapard sa l-aħħar ta' l-2003 jirrappreżentaw biss 15 % tal-fondi disponibbli (2 % sa l-aħħar tal-2002).

2.44. Ir-rata ta' nefqa fl-approprijazzjonijiet ta' pagamenti ta' l-ISPA ([27]) naqset minn 79 % fl-2002 għal 60 % fl-2003. Ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni kienet dovuta għal *budget* ogħla minn dak li kien hemm bżonn u rata ta' implimentazzjoni aktar baxxa minn dak mistenni. Kien hemm dewmien fil-ħruġ ta' l-offerti u fil-proċeduri ta' l-għazla, u fl-amministrazzjoni tal-pajjiżi benefiċjari li għamlu t-talba għal pagamenti wara li l-proġett ġie approvat.

2.45. Fl-aħħar ta' l-2003 l-impenji pendenti fuq l-għajnuna mogħtija qabel id-dħul fl-Unjoni Ewropea kien ta' 9,5 biljun euro, li jirrappreżentaw il-valur ta' nefqa bir-rata kurrenti għal aktar minn erba' snin (l-ogħla minn kull settur tal-*budget*). Minkejja li l-*budget* tal-pagamenti qed jiżdied biex jgħin jitnaqqas l-livell ta' l-impenji pendenti, il-bilanċ żdied bi 13,2 % meta mqabbel ma' l-2002.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

2.43. *The Commission's answer to paragraph 2.39 of the Court's 2002 annual report sets out the reasons for the under-utilisation of the budgets for Sapard, one of which was that greater priority was given to firm management of appropriations.*

Overall spending rates in 2002 were low chiefly because Poland, Romania and Hungary, which together account for 70 % of the total Sapard budget, did not receive the Decision conferring management of aid (itself conditional upon the establishment of sound administrative and control systems by the national authorities) until the second half of that year.

Payments made and payment applications received by the Commission as at 1 July 2004 amounted to EUR 688,7 million (32 % of available funds for the 2000 to 2003 period) of which EUR 429,6 million have been transferred to final beneficiaries. The implementation of Sapard has now reached cruising speed.

2.44. *Tendering procedures were protracted in some cases because of the need to ensure a fair and transparent process. The Commission encouraged beneficiary state administrations to request their first advance payments quickly, but they were sometimes slow in doing so.*

2.45. *The Commission refers to its reply at paragraph 2.48.*

In pre-accession aid as in other budget areas, commitments in the budget are predetermined by the conclusions of the Berlin Council 1999 and the related Interinstitutional Agreement. Annual commitments are then made (for Sapard in the decisions authorising signature of each annual financing agreement) which give rise to a global commitment of the appropriations in the Community budget.

Consequently, the level of outstanding commitments (the difference between total available commitments and payments made) is not solely a function of future payments but also a result of administrative steps, predetermined by the relevant regulations. Payments are made upon receipt of eligible claims, where the beneficiaries have to demonstrate that eligible project expenditure has been incurred. The ratio of outstanding commitments to payments will continue to fall as payment rates improve.

([26]) Strument li jsostni agrikoltura u żvilupp rurali sostenibbli fl-Istati Membri u fil-Pajjiżi Kandidati ċentrali u tal-lvant ta' l-Unjoni Ewropea.

([27]) Strument li jsostni koeżjoni soċjali u ekonomika ġewwa l-pajjiżi kandidati, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-ambjent u tat-trasport.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Amministrazzjoni

2.46. In-nefqa amministrattiva tinkludi l-aktar l-ispejjeż tal-persunal u tal-bini. Żewġ terzi mill-*budget* jiġi wżat mill-Kummissjoni, ma' istituzzjonijiet oħra u aġenziji biex jkopru l-bilanċ. Għall-2003 il-*budget* żdied bi 3,5 % ([28]) biex ilaħħaq ma' l-effetti ta' l-inflazzjoni u biex ilesti għat-tkabbir, bil-Kummissjoni tirċevi żieda ta' 2,1 %, l-istituzzjonjiet l-oħra jirċevu żieda ta' 4,5 % u l-pensjoniet jirċevu żieda ta' 6,3 %. Iż-żieda għall-Kummissjoni ġiet immoderata biż-żieda fin-nefqa fuq it-tkabbir fil-*budget* ta' l-2002 ([29]); mingħajr din il-miżura, il-*budget* kien jaqbeż il-limitu tal-perspettivi finanzjarji. Ir-rata ta' implementazzjoni kienet ta 87 %, tnaqqis iżgħar mil-2002 (89 %).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

2.47. Fuq il-bażi ta' l-implimentazzjoni tal-*budget* tal-2003, il-ġestjoni mill-Kummissjoni tista' titqies bħala suċċess parzjali: l-istimi tjiebu, in-nuqqas ta' nefqa ġie imnaqqas u ittieħdet azzjoni biex jittnaqsu l-appropjazzjonijiet qabel l-aħħar sena. Madankollu, is-*surplus* tas-sena ta' 5,5 biljun euro (u n-nuqqas fin-nefqa) baqa' kbir, u dan juri potenzjal għal iżjed titjib.

2.47. *The annual payment budget is principally established through a 'bottom-up' procedure. For each commitment, the corresponding payment profile is determined, as a rule assuming a normal rate of implementation. Accordingly, unforeseen delays and downward adjustments of programmes lead to an under-implementation (i.e., an over-budgeting) of appropriations.*

At authorising officer level, priority is given to safeguarding the availability of payment appropriations to be able to meet, at due date, all payment obligations. The need to safeguard the availability of appropriations is also partly due to the time-consuming procedures for transfers and supplementary budgets, which require the approval of the budgetary authority.

For the Structural Funds, by far the biggest source of aggregate under-implementation and/or over-budgeting in the last years, the payment budget has been based on Member States' forecasts, with a substantial downward adjustment due to the Commission's own estimates, as well as a need for an overall budgetary rigour, capping the annual growth of the payment budget. The past substantial forecasting uncertainties for the Structural Funds have been, to a large extent, related to the closure of the 1994 to 1999 programmes with unexpected large under-utilisation of the programme allocations by Member States.

However, within the above constraints, the Commission is looking at possibilities to reduce the aggregate over-budgeting of the past years. One possibility is to shorten the time span — and thereby the uncertainties — between the payment forecast, budget decisions and implementation. This can be done by revising forecasts during the budgetary procedure, before the budget is finally approved, however, only within the limits of the Financial Regulation. A second possibility is to make an active use of the 'early warning system', i.e., the annual budget implementation plan and

([28]) L-istess kemm għall-impennji kif ukoll għall-pagmenti minħabba li ma ssirx differenza għall-ispiża amministrattiva.

([29]) Eżerċizzju ta' *front loading* simili seħħ fir-rigward tas-sena finanzjarja 2002 li involva l-*budget* ta' l-2001.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

its monitoring and revision, involving an amending budget which reduces payment appropriations (as happened in 2003 for the Structural Funds). A third possibility is to enhance payment forecasts and their monitoring, one example being the efforts to improve the Member States' forecasts for the Structural Funds.

2.48. Il-valur ta' l-impenji pendenti kompla jikber fl-2003 u laħaq 104 biljun euro sa l-aħħar tas-sena minkejja l-miżuri li ttieħdu mill-Kummissjoni bħad-dispożizzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' pagamenti addizjonali, u azzjoni speċifika fuq l-impenji kollha li huma potenzjalment anormali. Barra minn hekk, dan il-bilanċ ma jirrifletix 95 biljun euro ta' l-impenji legali għall-Fondi Strutturali. Iż-żieda fiż-żmien bejn l-impenji u l-pagamenti, il-probabbilità ta' domanda żejda fuq l-amministrazzjoni fl-aħħar tal-perjodi ta' programmazzjoni kurrenti, u d-domanda potenzjali fuq il-programmazzjoni futura huma kollha oqsma li jeħtieġu attenzjoni urġenti.

2.48. *The time lag between commitments and payments of 'differentiated' expenditure, which is responsible for the 'RAL', is inherent in the budgeting of this expenditure.*

For the Structural Funds, which account for the bulk of the 'RAL', the risk of an overhang that is difficult to manage in terms of settling payments at the end of the current programme period has been reduced, compared to the past, by the 'n+2' rule, which in effect involves closing annual commitments continuously during implementation some three years after they were entered in the budget. The 'n+2' rule should result in a stabilised level of outstanding commitments over the next few years, absorbing also the EUR 95 billion of legal commitments referred to by the Court as they fall due. A 'RAL' for the 2000 to 2006 period of 2,3 times current annual payments (see paragraph 2.34) is in line with the Commission's forecast. The Commission refers to its 'RAL' communication of September 2002 (see paragraph 2.16) and to the joint declaration on the liquidation of old and "potentially abnormal" commitments (see paragraph 2.21).

2.49. In-nuqqas ta' nefqa kontinwa għandu jiġi kkuntrastat biż-żieda rikorrenti fil-*budget* fl-istess żmien. Iż-żieda ta' kull sena tal-*budget* hija kontradittorja meta ma hemmx il-kapaċità li r-riżorsi jiġu assorbiti fuq il-programmi multi-annwali fl-iskeda mbassra. Il-Qorti tirrakkomanda li fil-proċess tal-*budget*, għandha tingħata attenzjoni għall-kapaċità li jsiru l-pagamenti meta jiġu stabbiliti l-*budgets* kemm ta' l-impenji kif ukoll tal-pagamenti maħsuba.

2.49. *Past absorption problems are only one criterion in forecasting payments. For example, past delays in implementation may actually imply a need for future increases of appropriations.*

2.50. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli ttejjeb l-informazzjoni tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-*budget*. L-analiżi tal-*budget* għandha tipprovdi informazzjoni ċara fuq l-istat globali ta' l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji, b'attenzjoni għall-użu ta' l-impenji, il-livell tal-pagamenti lill-benefiċarji finali u l-impenji li għad iridu jittieħdu. Dan it-titjib għandu bżonn ta' investiment konsiderevoli mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex tingħata l-informazzjoni neċessarja. Madankollu ż-żieda fit-trasparenza għandha tgħin fil-ġestjoni tal-*budget* u ttejjeb il-kontroll tal-fondi ta' l-UE għaċ-ċittadin.

2.50. *The Budgetary and Financial Management Report has focused on annual implementation. In addition, the Commission has, in certain areas, provided more comprehensive reports. For the Structural Funds, the Commission prepares annually the document 'Analysis of the budgetary implementation of the Structural Funds', covering,* inter alia, *the cumulative state of implementation.*

As in 2003 for the recommendation of inserting a section on own resources, the Commission is ready to follow this recommendation. It is willing in the next Budgetary and Financial Management Report to provide information on the cumulative state of implementation of the most important Community programmes, as well as the use of commitments and payments at different levels to the extent that this information is available to the Commission, as recommended by the Court. As this will require establishing new sources of information, it will take some time to fully implement the Court's recommendation.

KAPITLU 3

Riżorsi proprji

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	3.1-3.2
Stima speċifika fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' l-Assigurazzjoni	3.3-3.62
Riżorsi proprji tradizzjonali	3.3-3.41
Introduzzjoni	3.3-3.6
Valutazzjoni tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza	3.7-3.34
Sistemi ta' u kontrolli sorveljanza tal-Kummissjoni	3.7-3.9
Sistemi ta' u kontrolli sorveljanza fl-Istati Membri	3.10-3.34
Riżultati tal-kontrolli li saru fuq dikjarazzjonijie doganali u sistemi nazzjonali tal-kontabilità	3.35-3.40
Ammonti stabbiliti iżda mhux disponibbli għall-Kumissjoni (kontijiet B)	3.36-3.40
Xogħol ta' awdituri oħra	3.41
Riżorsi proprji tal-VAT/GNI	3.42-3.57
Introduzzjoni	3.42-3.43
Valutazzjoni ta' sistemi u kontrolli ta' sorveljanza	3.44-3.50
Sistemi u kontrolli ta' sorveljanza tal-Kummissjoni	3.44-3.48
Dewmien fil-ħlas u s-sottomissjoni tad-data relatata mar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-GNI	3.49-3.50
Ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa fuq il-korrezzjonijiet u l-kumpensi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT magħmula mill- Istati Membri	3.51-3.57
Osservazzjonijiet	3.54-3.57
Rapporti u dikjarazzjonijiet annwali ta' l-attivitajiet tad-Diretturi-Ġenerali	3.58
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	3.59-3.62
L-istat ta' preparazzjoni fir-riżorsi proprji tal-pajjiżi ta' adeżjoni	3.63-3.68

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

3.1. Id-dħul tal-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea huwa magħmul minn riżorsi proprji u dħul ieħor. Kif jidher mit-***Tabella 3.1***, l-***Grafika 3.1*** u l-***Grafika 3.2***, ir-riżorsi proprji huma bil-bosta s-sors prinċipali tal-finanzjament tan-nefqa tal-*budget* (89 %). Hemm tlett kategoriji ta' riżorsi proprji: riżorsi tradizzjonali proprji (dazji doganali, dazji ta' l-agrikultura u taxxa fuq iz-zokkor) (13 %), riżorsi proprji kkalkulati fuq il-bażi tat-taxxa fuq il-valur miżjud miġbura mill-Istati Membri (26 %), u riżorsi proprji miksubin minn dħul gross nazzjonali ta' l-Istati Membri (61 %). Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-*budget* tar-riżorsi proprji ara l-paragrafi 2.23-2.24.

Indiċi 3.1 — Dħul għas-snin finanzjarji 2002 u 2003

(miljun euro)

Tip ta' dħul u intestatura tal-budget korrispondenti	Dhul attwali fl-2002	Żvilupp tal-*budget* tal-2003		Dhul attwali fl-2003	% bidla (2002 sal-2003)
		Budget inizjali	*Budget* finali		
	(a)	(b)	(c)	(d)	e = [(d) – (a)]/(a)
1 *Riżorsi tradizzjonali proprji*	*9 214,0*	*12 140,3*	*10 906,2*	*10 857,2*	17,8 %
— Dazji agrikoli (Kapitolu 1 0)	886,4 (1)	879,8	879,8	1 011,8	14,1 %
— Dazji għaz-zokkor u l-isoglukosju (Kapitolu 1 1)	649,5 (1)	546,6	546,6	383,2	– 41,0 %
— Dazji doganali (Kapitolu 1 2)	9 701,1 (1)	10 713,9	9 479,8	9 462,1	– 2,5 %
— Bidla għall-2001 fl-ispejjeż ta' kollezzjoni (Kapitolu 2 0)	– 2 023,0 (2)	—	—	—	—
2 *Riżorsi tal-VAT*	*22 388,2*	*24 121,3*	*21 748,0*	*21 260,1*	– 5,0 %
— Riżorsi tal-VAT mis-sena finanzjarja kurrenti (Kapitolu 1 3)	22 539,0	24 121,3	21 748,0	21 534,9	
— Bilanċ mis-snin ta' qabel (Kapitolu 3 1)	– 150,8	0,0		– 274,8	
3 *Riżorsi tal-GNI*	*45 947,6*	*59 404,0*	*51 356,7*	*51 235,2*	11,5 %
— Riżorsi tal-GNI mis-sena finanzjarja kurrenti (Kapitolu 1 4)	45 850,3	59 404,0	51 356,7	50 624,3	
— Bilanċ mis-snin ta' qabel (Kapitolu 3 2)	97,3	0,0	0,0	610,9	
4 *Żbilanċ fil-budget*	*148,2*	*0,0*	*0,0*	*280,1*	89,0 %
— Korrezzjoni tar-Renju Unit (Kapitolu 1 5)	149,0	0,0	0,0	281,1	
— Kalkol+B25u finali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit (Kapitolu 3 5)	– 0,8	0,0	0,0	– 1,0	
5 *Dħul ieħor*	*17 736,4*	*1 837,4*	*8 513,9*	*9 836,1*	– 44,5 %
— Żieda mis-sena finanzjarja ta' qabel (Kapitolu 3 0)	15 375,0	1 000,0	7 676,8	7 676,8	– 50,1 %
— Dħul varju (Titoli 4 sa 9)	2 361,4	837,4	837,1	2 159,3	– 8,6 %
Total	**95 434,4**	**97 502,9**	**92 524,8**	**93 468,6**	**– 2,1 %**

(1) Dawn il-figuri huma ppreżentati netti mil-ġabra ta' l-ispejjeż għall-2002 (3 725,6 miljun euro) li ddaħħlu fil-kont fl-2002 taħt Kapitolu 1 9. Taħt l-Artikolu 42 tar-regolament finanzjarju l-ġdid, il-budget ma jistax ikollu dħul negattiv. Fl-2003, għalhekk, kemm il-budget kif ukoll il-figuri attwali għall-Kapitoli 1 0, 1 1, u 1 2 huma netti mill-ispejjeż tal-ġabra, u Kapitolu 1 9 ma ghadux jeżisti.

(2) Il-Kapitolu 2 0 deher biss fl-2002, biex jippermetti l-bidla ta' l-ispejjeż ta' kollezzjoni għar-riżorsi proprji tradizzjonali mill-10 % għall-25 % li ġie fis-seħħ matul l-2002 iżda b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2001 (ara rapport annwali tal-Qorti tal-2002, paragrafu 2.16).

Sors: kont tad-dħul u nfiq għall-2003.

Grafika 3.1 — Analiżi tad-dħul attwali fl-2003



Sors: kont tad-dħul u nfiq ghall-2003.

Grafika 3.2 — Evoluzzjoni tas-sorsi tad-dħul attwali mill-1989 sal-2003



(1) Ghandu s-surplus mis-sena finanzjarja ta' qabel u dħul varju.
Sors: kont tad-dħul u nfiq ghall-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.2. Id-dħul l-ieħor huwa magħmul prinċipalment mis-*surplus* mis-sena finanzjara ta' qabel. Fl-aħħar tliet snin (2001-2003) dan il-komponent kien ħafna akbar minn qabel; din il-kwestjoni hija diskussa fil-paragrafi 2.9-2.13.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

STIMA SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' L-ASSIGURAZZJONI

Riżorsi proprji tradizzjonali

Introduzzjoni

3.3. Ir-riżorsi proprji tradizzjonali huma stabbiliti u rkuprati mill-Istati Membri taħt id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali u dispożizzjonijiet regolatorji li jridu jlaħħqu mal-bżonnijiet tar-regoli tal-Komunità [1]. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* li toħroġ mid-dħul individwali doganali f'dak li hu msejjaħ kont A u jħallsu l-ammonti ta' dazju stabbiliti kollha, minbarra l-ispejjeż tal-ġbir lill-kont tal-Kummissjoni sa data speċifikata fit-tieni xahar wara dak ix-xahar meta minn meta dan id-dritt ġie stabbilit. Bħala eċċezzjoni, id-dazju li jibqa' ma jitħallasx u li mhuwiex assigurat, jew li huwa assigurat iżda taħt appell m'hemmx għalfejn li, jkun disponnibbli sakemm dan jinġabar. Jekk l-Istati Membri jeżerċitaw din l-għażla, id-dazju in kwestjoni ma jiġix reġistrat fill-kont A iżda minflok għandu jiġi mdaħħal f'kont separat [2] (dak li hu msejjaħ kont B).

3.4. Ir-riskji għall-ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali huma l-evażjoni tad-dazju b'rappreżentazzjoni ħażina jew sempliċement bil-kuntrabandu, kalkoli ħżiena jew nuqqas li jiġi stabbilit id-dazju minħabba żbalji li ma ġewx individwati jew nuqqasijiet oħra fis-sistemi, u żbalji jew ommissjonijiet fil-kontijiet ta' l-Istati Membri għad-dazju li dawn irċevew u li jirriżultaw f'dikjarazzjonijiet ħżiena ta' l-ammont li għandu jkun disponibbli lill-Kummissjoni.

[1] Id-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42); Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 130, 31.5.2000).

[2] Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.5. Ix-xogħol tal-verifika tal-Qorti kien jinkludi valutazzjoni tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza, kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fl-Istati Membri, kif ukoll eżaminazzjoni diretta tad-dikjarazzjonijiet doganali u tas-sistemi ta' kontijiet nazzjonali. Dan kien jikkonsisti fis-segwenti:

a) reviżjoni ta' l-organizzazzjoni tas-sorveljanza doganali fit-tnax l-Istat Membru ([3]), li bejniethom kienu responsabbli għal 96 % mid-dazji fuq l-importazzjoni miġbura fl-2003, biex jiġi vvalutat jekk l-arranġjamenti li jeżistu jagħtux assigurazzjoni raġonevoli ta' kompletezza. B'mod partikolari, l-Qorti eżaminat il-ġestjoni tal-kwoti tat-tariffi ta' l-agrikultura f'sitt Stati Membri, kontroll doganali fuq l-importazzjoni taħt arranġjamenti preferenzjali ta' negozju f'seba' Stati Membri, u sorveljanza doganali fil-portijiet f'għaxar Stati Membri;

b) eżaminazzjoni tal-kontijiet tal-Kummissjoni għar-riżorsi proprji tradizzjonali u s-sistemi ta' kontijiet nazzjonali bażi fi tnax-il Stat Membru ([3]), u analiżi tad-dħul mid-dazji mill-Istati Membri kollha biex tingħata assigurazzjoni raġonevoli li l-ammonti annotati f'kull stadju kienu sħaħ u korretti. Ix-xogħol kien jinkludi valutazzjoni tal-kontrolli interni, tqabbil, u verifiki ta' kampjuni ta' operazzjonijiet f'kull livell.

3.6. Il-Qorti tenfasizza li l-verifiki tagħha la jistgħu jkopru l-importazzjonijiet li ma ġewx iddikjarati u lanqas dawk li evitaw is-sorveljanza doganali u li fuqhom id-dazji baqgħu ma nġabrux.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza

Is-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza tal-Kummissjoni

3.7. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex tagħmel spezzjonijiet fir-rigward ta' l-istabbiliment u d-disponibilità tar-riżorsi proprji tradizzjonali, u tista' wkoll tagħmel dawn l-ispezzjonijiet hija nnfisha, jew flimkien ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jew fl-awtonomija tagħha ([4]). Ir-rapporti ta' l-ispezzjonijiet individwali jiġu indirizzati lill-Istati Membri involuti kollha u dawn ir-rapporti, flimkien mar-risposti li jaslu, jiġu eżaminati waqt il-laqgħat tal-Kumitat ta' Konsulenza fuq ir-Riżorsi Tradizzjonali ([5]). Kull tlett snin jiġi mħejji rapport ġenerali fuq il-funzjoni ta' dawn l-ispezzjonijiet u dan jiġi ppreżentat lill-awtorità tal-*budget* ([6]).

([3]) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, Finlandja u r-Renju Unit.

([4]) Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

([5]) Il-Kumitat ta' Konsulenza dwar ir-Riżorsi Proprji(ACOR), stabbilit permezz ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni, u jipprovdi mezz ta' għaqda bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fuq kwistjonijiet relatati mar-riżorsi proprji. Dan il-Kumitat jeżamina l-kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji tradizzjonali, kif ukoll l-istimi ta' l-istess riżorsi.

([6]) L-aktar dokument riċenti huwa dokument COM(2003) 345 finali, ir-Raba' rapport mill-Kummissjoni dwar ix-xogħol ta' l-arranġamenti għar-riżorsi proprji tradizzjonali (2000-2002).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.8. Il-Qorti rrevediet ix-xogħol ta' l-unità tal-Kummissjoni li wettqet dawn l-ispezzjonijiet. Bħal fis-snin ta' qabel, instab li l-metodoloġija tagħha kienet waħda soda u d-dokumentazzjoni tax-xogħol tagħha kienet tajba. It-temi għall-ispezzjoni huma magħżula fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskju. Fl-2003 suġġett ta' prijorità għall-unità kien is-sorveljanza tar-riżorsi proprji tradizzjonali tas-sistemi ta' ġbir tal-pajjiżi kandidati. Il-Qorti rrevediet ukoll dan is-suġġett, u f'dawn il-pajjiżi ma sabitx nuqqasijiet kbar barra dawk imsemmija fir-rapporti ta' sorveljanza tal-Kummissjoni lill-Kunsill (ara l-paragrafi 3.63-3.68).

3.9. Barra minn hekk, fuq il-bażi ta' l-analiżi kontinwa tagħha tar-riskji tar-riżorsi proprji tradizzjonali, l-unità għamlet spezzjonijiet fl-Istati Membri kollha għall-kont B u għall-proċedura ta' kanċellament, u għall-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali magħmula b'mod elettroniku. Fuq il-kontijiet B, ir-riżultati ta' l-unità jaqblu ma' dawk tal-Qorti (ara l-paragrafu 3.40); fuq id-dikjarazzjonijiet elettroniċi, l-unità sabet li s-sistemi kienu sodisfaċenti fl-intier tagħhom, u li s-sistema ta' kompjuterizzazzjoni ġabet benefiċċji u għandha tiġi estiża. Mhuwiex ir-rwol tas-servizzi ta' spezzjoni tal-Kummissjoni li jagħtu assigurazzjoni ġenerali li l-kontijiet huma korretti u li l-ammonti kollha dovuti jiġu identifikati u stabbiliti. Ir-riżultati tax-xogħol tagħhom huma minkejja kollox ikkunsidrati mill-Qorti.

Sistemi u kontrolli ta' sorveljanza fl-Istati Membri

3.10. Is-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza għar-riżorsi proprji tradizzjonali fl-Istati Membri jikkonsistu l-ewwel nett mis-sorveljanza mill-awtoritajiet doganali, mfissra mill-Kodiċi doganali tal-Komunità [7] bħala "azzjoni meħuda b'mod ġenerali minn dawk l-awtoritajiet bl-intenzjoni li jiżguraw li jiġu osservati r-regoli doganali u, fejn jixraq, dispożizzjonijiet oħra applikabbli għall-merkanzija soġġetta għas-sorveljanza doganali". Ġeneralment, il-legislazzjoni tal-Komunità ma tippreskrivix metodi partikolari jew il-livell ta' kontroll doganali, minħabba li dan jaqa' taħt id-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. Fir-rigward ta' ċerti aspetti tas-sorveljanza doganali, l-osservazzjonijiet li ġejjin ħarġu mill-verfika.

Kwoti ta' tariffi agrikoli

3.11. Il-Qorti għamlet eżaminazzjoni tal-ġestjoni tal-kwoti ta' tariffi agrikoli. Taħt dawn l-arranġamenti ta' kwoti, ċerti prodotti agrikoli jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati mnaqqsa jew b'rata żero. L-iskop tal-verifiki tal-Qorti kien biex tikseb assigurazzjoni li l-kwoti ġew allokati b'mod regolari u legali, u biex issir stima tal-ġestjoni u ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza relatati ma' l-arranġamenti differenti tal-kwoti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.11.-3.12. *Tariff quotas are managed:*

— *either by import certificates, giving a right to import at a reduced or zero tariff for a specified amount of products within a specified period. This system gives commercial security to importers;*

— *or by the 'first come/first served' system based on customs declarations, giving a right to import at a reduced or zero tariff for the quantity shown on an import declaration in so far as the import quota has not been exhausted on the day of declaration.*

[7] Artikolu 4(13), 4(14) u 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p.1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.12. Il-kwoti huma ġestiti mill-Kummissjoni, permezz ta' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. L-importaturi japplikaw għal-liċenzji ta' importazzjoni minn għand l-awtoritajiet nazzjonali. Wara li l-Kummissjoni tkun ikkonfermat li l-allokazzjoni tal-kwota hija disponibbli, l-awtorità nazzjonali toħroġ il-liċenzja ta' l-importazzjoni, li trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali mill-importatur, flimkien mal-merkanzija ddikjarata għall-importazzjoni. Is-servizzi doganali huma responsabbli li jivverifikaw li l-merkanzija importata hija konformi mal-liċenzja ta' l-importazzjoni. Meta l-kwantità kollha li għaliha tkun inħarġet il-liċenzja, tkun ġiet impurtata, il-liċenzja tiġi mogħtija lura lill-awtoritajiet li ħarġuha. L-awtoritajiet nazzjonali jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-importazzjonijiet attwali li jaqgħu taħt l-arranġamenti tal-kwota.

3.13. Il-Qorti eżaminat il-ġestjoni tal-kwota kemm fil-Kummissjoni kif ukoll f'sitt Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Olanda u r-Renju Unit). L-aktar setturi importanti tas-suq kienu suġġetti għal din il-verifika. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-kwistjonijiet segwenti jeħtieġu aktar azzjoni mill-Kummissjonimi.

3.14. Il-kwantita ta' kwoti [8] u proċeduri differenti relatati magħhom jitfgħu piż tqil fuq is-servizzi ta' ġestjoni kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fuq l-Istati Membri, u żżid ir-riskju ta' applikazzjonijiet irregolari u nuqqas ta' effiċjenza. Il-Qorti għalhekk tistieden lill-Kummissjoni biex tirrazzjonalizza u tarmonizza l-qafas proċedurali relatat mal-kwoti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.14. *Awareness of the problem raised by the Court was one of the reasons which led to the start of work on the AMIS-Quota project in 2002. The project foresees a central and integrated IT system that will help to manage agricultural import tariff quotas other than those managed by the 'first come, first served' system. The project will allow the national competent authorities to feed the newly developed computerised system directly with data concerning the quantities covered by import licences (requested, issued, used, and unused). AMIS-Quota will reduce the workload necessary for managing quotas and will contribute to the monitoring and transparency of the management process by centralising all relevant quota management information.*

The Commission is currently examining the regulations and systems relating to tariff quotas and import/export licences, with a view to making appropriate simplification proposals. It is intended that the implementation of AMIS-Quota, together with the outcome of the simplification study, will provide a positive response to the problems raised by the Court.

As far as monitoring is concerned, since 2001, 64 quotas concerning agricultural products have been transferred to the 'first come, first served' system with the aim of facilitating the management and corresponding monitoring.

[8] Fiż-żmien tal-verifiki tal-Qorti kien hemm madwar 950 miżura ta' kwota fis-seħħ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.15. Mill-verifiki tagħha, il-Qorti sabet li s-sistema biex tipprovdi lill-Istati Membri b'informazzjoni approprjata u aġġornata f'dak li għandu x'jaqsam mat-timbri uffiċjali wżati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex joħorġu liċenzji ([9]) ma ġietx applikata sewwa f'erbgħa mis-sitt Stati Membri li żaret. Hija tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha terġa' tara l-proċeduri biex tinforma lill-Istati Membri u tieħu azzjoni xierqa ta' rimedju.

3.16. Fil-preżent, ċerti kwoti jippermettu li numru kbir ta' importaturi, kollha marbutin ma' operatur prinċipali, jintroduċu t-talbiet tagħhom għal-liċenzji biex jassiguraw kwota massima ta' allokazzjoni. Dan jikkawża xogħol ta' kitba inutili u dewmien fil-proċeduri ta' l-applikazzjoni. Il-Qorti għalhekk tirrakkomanda lill-Kummissjoni biex toħroġ dispożizzjonijiet oħra, sabiex timpedixxi li dan jseħħ.

3.17. Għad-dipartimenti Franciżi barranin (Gwadalupe, Guyane, Martinique) il-Qorti sabet li għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti taħt l-arranġamenti tal-kwota, l-ebda allokazzjoni ta' kwota ma ġiet mitluba lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Franċiżi. Lanqas ma ġiet sottomessa informazzjoni mid-dwana Franċiża lill-Kummissjoni. Dan ifisser li jistgħu jsiru aktar importazzjonijiet mill-kwoti disponibbli. Il-Qorti tistieden lil-Kummissjoni biex tinvestiga u tikkoreġi dawn in-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-kwota fid-dipartimenti Franciżi barranin.

3.18. Il-Qorti identifikat ukoll nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-kwoti u fil-kontrolli relatati ma' l-importazzjonijiet taħt arranġamenti ta' kwota f'ħafna Stati Membri oħra. Il-Qorti tistieden lill-Kummissjoni biex issegwi dawn il-każijiet.

Kontrolli doganali fuq importazzjonijiet taħt arranġamenti preferenzjali ta' negozju

3.19. Il-Komunità hija involuta f'forom differenti ta' arranġamenti preferenzjali ta' negozju (xi 40 jikkonċernaw madwar 150 pajjiż). Fl-2001 ġie mitlub trattament preferenzjali għal 21 % tal-valur ta' l-importazzjonijiet kollha tal-Komunità. L-arranġamenti preferenzjali tan-negozju huma bbażati fuq il-kunċett ta' oriġini, li jfisser li l-merkanzija li toriġina fil-pajjiżi benefiċjarji biss huma intitolati għal trattament preferenzjali.

([9]) L-Artikolu 30(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.15. *The Commission supplies Member States on a regular basis with all information available concerning the 'licence issuing' agencies and prints of their official stamps via the Member States' representatives on the Management Committee on Trade Mechanisms.*

The Commmission will remind Member States of the necessity of making the information avalaible to those customs offices responsible for verifying the licences.

3.16. *In an effort to counter this, the Commission proposed prohibiting access to certain quotas for known linked persons under Article 143 of Regulation (EEC) No 2454/93 (Implementing provisions of the Customs Code). This proposal has been vigorously opposed by almost all Member States.*

In the beef sector the requirements ([1]) as to who can apply for the quota have been tightened. Proofs must be presented of independent activity by the importer, coupled with a high security to be forfeited where appropriate documents are not produced.

3.17. *The Commission is considering the appropriate action to take in the light of the French authorities' extensive and detailed responses to the Court's comments.*

3.18. *The Commission is continuing to followup the implications of these findings with the relevant Member States. Five of the points have been satisfactorily resolved including financial corrections, where required.*

([1]) Regulation (EC) No 954/2002 and (EC) No 780/2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.20. Ir-regoli ta' l-oriġini huma kumplessi, u huwa magħruf tajjeb li huwa diffiċli għall-awtoritajiet doganali biex jivverifikaw li l-arranġamenti qegħdin jiġu wżati sewwa. Fi *Green Paper* fuq ir-regoli ta' l-oriġini preferenzjali maħruġa f'Dicembru 2003 [10] il-Kummissjoni nnutat il-bżonn li r-regoli jiġu riveduti fundamentalment, u bdiet eżerċizzju ta' konsultazzjoni.

3.21. Il-karatteristiċi prinċipali ta' l-arranġamenti preferenzjali preżenti huma ċ-ċertifikazzjoni ta' l-istatus ta' l-oriġini mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż esportatur jew (taħt ċerti kundizzjonijiet) l-esportatur innifsu, u l-verifika sussegwenti ta' l-oriġini preferenzjali mill-istess pajjiż esportatur, fuq talba tal-pajjiż importatur.

3.22. Is-sorveljanza tal-konformità mar-regoli preferenzjali hija bbażata fuq diviżjoni ta' doveri u fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti kkonċernati. F'dan il-kuntest il-Qorti tinnota li fid-dikjarazzjoni tiegħu għall-2003 id-Direttur Ġenerali għat-Taxxi u l-Unjoni Doganali ħareġ riserva fuq is-sorveljanza tan-negozju preferenzjali, speċifikament b'riferiment għaz-zokkor importat mill-Istati tal-Balkani, li għalih l-ammont ta' riżorsi proprji involuti mhuwiex fih innifsu materjali, iżda li juri l-bżonn ta' ko-operazzjoni amministrativa effettiva bejn l-awtoritajiet involuti.

3.23. Il-bilanċ korrett huwa meħtieg fi tliet setturi, li huma l-kriterji għall-akkwist ta' l-istatus ta' oriġini u l-istruttura legali tagħhom, is-sorveljanza ta' l-applikazzjoni tagħhom, u l-proċeduri magħżula. Fl-2003 il-Qorti ffukat l-attenzjoni tagħha fuq is-sistemi eżistenti għall-importazzjoni preferenzjali fis-seba' Stati Membri li huma l-aktar pajjiżi importaturi sinifikanti [11]. L-eżaminazzjoni tal-Qorti kopriet il-kontrolli doganali ma' l-importazzjoni, l-użu magħmul minn talbiet sussegwenti ta' verifika u strateġija tal-kontroll doganali.

Kontrolli doganali fuq l-importazzjoni

3.24. Il-kontroll prinċipali waqt l-importazzjoni hija l-verifika li ċ-ċertifikati ta' l-oriġini huma ġenwini. L-arranġamenti jipprovdu li l-pajjiżi esportaturi għandhom jagħtu l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet li joħorġu ċ-ċertifikati, flimkien ma' kopji tat-timbri li jużaw, sabiex il-pajjiżi importaturi jkunu jistgħu jikkontrollaw iċ-ċertifikati.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.20. *The consultation period on the Green Paper on preferential origin rules is now closed and the Commission is preparing a synthesis of the replies received and orientations both for determining origin and revising administrative management and control.*

3.22. *The Director General's reservation demonstrates the Commission's awareness of the need for assurance of the proper application of rules of origin by exporting countries worldwide despite a lack of sufficient resources to monitor all preferential partner countries.*

The Commission intends to ensure proper follow-up of the Director General's reservation.

[10] Green Paper fuq il-futur tar-regoli ta' l-oriġini fl-arranġamenti tan-negozju preferenzjali (COM(2003) 787 finali tat-18 ta' Diċembru 2003).

[11] Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Olanda, ir-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.25. Madankollu, f'żewġ Stati Membri (il-Ġermanja u Spanja) kien hemm problema sistematika fl-ikkupjar u tqassim ta' dawn il-kampjuni ta' timbri lill-uffiċċji doganali lokali. Il-kopji li waslu fl-uffiċċji doganali lokali damu ma waslu, jew ma kienux jinqraw, u b'hekk il-kontroll taċ-ċertifikati ma setax isir. Għalhekk hemm ir-riskju li importazzjonijiet li ma humiex eliġibbli jiġu aċċettati għal trattament preferenzjali.

3.26. Ġie eżaminat kampjun ta' dikjarazzjonijiet ta' l-importazzjoni għal ċerti prodotti magħżula minn pajjiżi terzi. Ġie nnutat li ċ-ċertifikati kollha ta' l-oriġini minn ċerti pajjiżi fil-kampjun ġew maħruġa retrospettivament, jiġifieri, wara li l-merkanzija kienet telqet mill-pajjiż ta' esportazzjoni. Dan għandu jsir biss f'każijiet eċċezzjonali ([12]), peress li dan ifisser li l-awtoritajiet tal-pajjiżi esportaturi ma kellhom l-ebda possibilità biex jikkontrollaw il-merkanzija qabel ma din ġiet mgħobbija. Madankollu ma ġew mitluba ebda kontrolli sussegwenti mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għal dawn iċ-ċertifikati.

Verifika sussegwenti

3.27. L-arranġamenti jagħmulha possibbli li verifiki sussegwenti taċ-ċertifikati ta' l-oriġini u dikjarazzjonijiet fuq il-fattura jridu jiġu magħmula "b'mod każwali" jew kull meta l-awtoritajiet doganali jkollhom dubji raġonevoli rigward l-awtentiċità ta' dokumenti bħal dawn ([13]). Inkjesti fuq l-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' oriġini jiddependu fuq il-ko-operazzjoni effettiva ta' l-awtoritajiet li joħorġuhom.

3.28. Għall-każijiet magħżula b'mod każwali mid-Dwana n-numru ta' verifiki sussegwenti mitluba li ma rċevew l-ebda risposta minn pajjiżi terzi benefiċjarji kien għoli ħafna meta mqabbel ma' dawk il-każijiet li kellhom dubju raġjonevoli. Per eżempju, għal Stat Membru partikolari (il-Belġju) 40 % biss tat-talbiet ta' verifiki b'mod każwali rċevew risposta fiż-żmien preskritt ta' sitt xhur. Taħt id-dispożizzjonijiet preżenti "l-ebda risposta" tfisser, għal verifika "b'mod każwali", illi l-istatus preferenzjali tal-merkanzija ġie miżmum u bħala konsegwenza jista' jingħata trattament preferenzjali mhux dovut. Mill-banda l-oħra ġie nnutat li żewġ Stati Membri (Spanja u r-Renju Unit) kkunsidraw il-kontrolli sussegwenti kollha bħala każijiet "b'dubju raġjonevoli", u rtiraw it-trattament preferenzjali kull meta ma tiġi mogħtija ebda risposta.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.25. *The Commission supplies Member States with complete and prompt information on exporting countries' competent authorities and the stamps they use through a new electronic interface called 'SMS'. In additon the Commission has now received assurance from both Member States that solutions to the problem have been identified and implemented. This may be the subject of future scrutiny.*

3.26. *The Commission will examine the situation referred to by the Court and will take the necessary measures where appropriate.*

3.28. *It is important to distinguish between the different purposes behind the two methods of selecting certificates for post-clearance verification by the country of issue. Reasonable doubt is for use where the customs authorities have a concern about the bonafides of a certificate but insufficient grounds for refusing preferential treatment immediately. In these circumstances in the absence of any or a satisfactory response within a specific time period then it is appropriate to require payment of the full rate of duty. Verifications of randomly selected certificates merely provide an indicator of the overall level of reliability of the system. In those circumstances the absence of a prompt response from the issuing country does not provide grounds for charging the importer the higher rate of duty. The Commission is however aware that the frequent use of randomly selected verification requests might prove counter-productive, and the need for such checks will be revisited when the Commission services' consider the action to take on the Green paper.*

In recent years the Commission has paid attention during its inspections of traditional own resources to the proper selection and prompt follow-up of verifications on the basis of reasonable doubt. The Commission notes that the Court's examination of this area appears to indicate that these efforts have been largely successful. The Commission has been assured by Spain and the United Kingdom that procedures are now in place to request occasional verifications on a random basis and will encourage Belgium to tackle the level of non-response noted by the Court.

([12]) L-Artikolu 85 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jipprovdi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodici Doganali tal-Komunità (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2286/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1).

([13]) Artikolu 94 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Strateġija ta' kontroll doganali

3.29. Waqt li l-Istati Membri jagħmlu progess fl-introduzzjoni ta' sistemi ta' pproċessar doganali b'mod elettroniku mingħajr użu ta' karti ([14]), kontrolli fuq iċ-ċertifikati ta' l-oriġini jiġu ttrasferiti mill-fażi ta' importazzjoni għall-kontroll wara l-importazzjoni. Dan it-tnaqqis fil-livell ta' kontrolli waqt l-importazzjoni fl-Istati Membri huwa ostakolat mill-kontrolli ta' wara l-*clearance*; madanakollu żieda fil-verifiki sussegwenti taċ-ċertifikati ta' l-oriġini jista' jkollha rwol fil-kumpens għall-bidla. Ma nstabet l-ebda prova li kien hemm din iż-żieda. Pereżempju, f'żewġ Stati Membri li saret żjara fihom (il-Belġju u Spanja), ir-rata ta' verifiki sussegwenti kienet inqas minn 1 % ta' l-importazzjonijiet preferenzjali.

3.29. *As the Court itself remarks in paragraph 3.10 Community customs legislation rarely prescribes specific levels of customs control. In line with this approach no rates have been set for such verifications. The arrangements for verification by third countries are just one of the tools available to Member States to meet their obligation to ensure the proper application of that legislation.*

3.30. Meta l-kontrolli ta' wara l-importazzjoni juru li l-importazzjonijiet ma kienux eliġibbli għall-preferenza, importatur li għandu ċ-ċertifikati ta' l-oriġini u li jista' juri li aġixxa b'intenzjoni tajba jista' jkun intitolat għal eżenzjoni mid-dazju dovut. Din il-possibilità mhijiex disponibbli meta jiġu wżati dikjarazzjonijiet fuq il-fattura ([15]) bħala prova ta' l-oriġini, għaliex dawn jinvolvu r-responsabbiltà ta' l-esportatur u mhux ta' l-awtoritajiet nazzjonali. Żieda fl-użu tad-dikjarazzjonijiet fuq il-fattura bħala d-dokument li jiċċertifika l-oriġini jippreżenta għalhekk vantaġġi mill-aspett tar-riżorsi tagħhom, u l-Qorti tinnota li din hija fost l-għażliet proposti fil-Green Paper imsemmija fuq.

3.30. *As already indicated in reply to paragraph 3.20 the Commission is considering the follow-up to be given to the Green Paper.*

Sorveljanza mid-dwana għall-wasla tal-merkanzija fil-portijiet

3.31. Il-Qorti eżaminat il-*clearance* doganali minn portijiet magħżula f'10 Stati Membri ([16]) fejn id-dazju fuq il-merkanzija miġbur, jikkostitwixxi dħul kbir kontinwu li jirrappreżenta, fuq livell nazzjonali, bejn l-10 w il-50 % tad-dazju kollu miġbur. Il-verifiki jikkonċentraw fuq il-valutazzjoni tas-sorveljanza doganali u fuq il-proċeduri ta' kontroll li huma maħsubin biex jassiguraw li l-merkanzija kollha tiġi ddikjarata sewwa u f'waqtha, u li d-dazji ta' l-importazzjoni jiġu stabiliti b'mod korrett.

3.32. B'eċċezzjoni tan-nuqqas f'Antwerp (il-Belġju), li huwa deskritt fil-paragrafu li jmiss, instab li b'mod ġenerali kien hemm proċeduri sodisfaċenti biex jiġi żgurat li l-merkanzija li tkun dieħla, tiġi ddikjarata sewwa u li d-dazju ta' l-importazzjoni dovut ikun identifikat b'mod korrett.

([14]) Ara l-Komunika tal-Kummissjoni dwar ambjent sempliċi u bla karti għad-Dwana u l-Kummerċ (COM(2003) 452 finali, 24 ta' Lulju 2003).

([15]) Dikjarazzjonijiet fuq il-fattura huma forma sempliċi ta' dokument preferenzjali, aċċettati bħala prova ta' l-oriġini tal-merkanzija minn ċerti pajjiżi (ġeneralment suġġetti għal limiti fuq il-valur), minflok ċertifikati maħruġa minn gruppi uffiċjali. Huma jikkonsistu f'dikjarazzjoni li tagħmel użu minn test preskritt, magħmul mill-esportatur fuq il-fattura jew fuq xi dokument kummerċjali ieħor. Huma soġġetti għall-verifika sussegwenti bl-istess mod tal-provi ta' l-oriġini l-oħra.

([16]) Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ispanja, Franza, l-Olanda, il-Potugall, il-Finlandja u r-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.33. F'Antwerp numru kbir ta' kontejners magħżula mid-Dwana għal eżaminazzjoni b'raġġi X ma ġewx ippreżentati. Fuq perijodu ta' xhur, in-numru ta' kontejners li ma ġewx ippreżentati wera żieda, u għax-xahar ta' Awissu 2003 laħaq il-livell ta' 16 % (197 minn total ta 1 251 kontejners magħżula). Evażjoni bħal din ta' kontroll doganali tirrappreżenta ksur serju tas-sorveljanza doganali. Ġeneralment nuqqas ta' preżentazzjoni bħal dan huwa suġġett għal multa ta' 125 jew 250 euro. F'Antwerp ġie nnutat ukoll illi ġiet milħuqa rata ta' inqas minn 50 % għal 16 mis-36 mira fil-pjan ta' kontroll.

Limitu ta' żmien fuq ħażna temporanja

3.34. Merkanzija li tasal bil-baħar tista' titpoġġa f'maħżen separat temporanju għal massimu ta' 45 ġurnata qabel ma jgħadduha għal trattament jew użu approvat mid-dwana. Il-Qorti nnutat differenzi konsiderevoli bejn il-prattika ta' l-Istati Membri differenti rigward dan il-limitu ta' żmien. Fil-Portugall, il-limitu taż-żmien jiġi applikat b'mod strett, b'multi ta' 5 % mill-valur tad-dazju f'każ ta' ksur tal-liġi. Madanakollu, il-kontroll doganali ta' diversi Stati Membri oħra fuq il-limitu taż-żmien huwa inqas riġoruż u f'Ħamburg (il-Ġermanja) per eżempju, ma saret l-ebda lista ta' każijiet ta' 'l fuq minn 45 jum; f'Ħelsinki (il-Finlandja) kunsinni ta' aktar minn sena kienu għadhom f'maħżen temporanju, u l-istruzzjonijiet lokali fuq ir-regola kellhom bżonn ta' aġġornament.

Riżultati tal-kontrolli li saru fuq dikjarazzjonijiet doganali u sistemi nazzjonali ta' kontijiet

3.35. Kif issemma fuq (ara l-paragrafu 3.5b), il-Qorti eżaminat il-kontijiet tar-riżorsi proprji tradizzjonali fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri, u analizzat iċ-ċirkolazzjoni tad-dazji. Ma nstabux problemi kbar fil-kontijiet u fid-disponibilità lill-Kummissjoni tal-flus prinċipali tad-dazji fuq l-importazzjoni ġewwa l-kontijiet A. Madankollu, mill-verfika ħarġu dawn l-osservazzjonijiet, fir-rigward tal-kontijiet B.

Ammonti stabbiliti iżda mhux disponibbli għall-Kummissjoni (Kontijiet B)

3.36. Intitolamenti stabbiliti li għalihom ma hija meħtieġa l-ebda sigurtà, flimkien ma' dawk li ġew ikkontestati u jistgħu jiġu soġġetti għal bidla, m'hemmx bżonn li jkunu disponibbli għall-Kummissjoni jekk minflok jiġu mdaħħla mill-Istati Membri f'kontijiet separati (il-kontijiet B). Kull Stat Membru jipprovdi dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur fil-kontijiet B tiegħu lill-Kummissjoni. Il-bilanċi huma nklużi fil-karta ta' bilanċ tal-Komunitajiet taħt l-intestatura "Ammonti dovuti mill-Istati Membri".

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.33. *Once the Commission has had the opportunity to examine the Belgian authorities' comments it will take any necessary follow-up action.*

3.34. *The Commission will follow-up the Court's findings in Germany and Finland and will use those from the two locations in Portugal in its current correspondence with the Portuguese authorities about anomalies in the control of temporary storage found in other ports during Commission inspections.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.37. Fil-31 ta' Diċembru 2003 il-bilanċ gross tal-kontijiet B li kienu jinsabu fil-kotba tal-Kummissjoni, jiġifieri 2 364,3 miljun euro, kien 1.9 % ikbar mill-figura ekwivalenti fil-31 ta' Diċembru 2002 (2 321,2 miljun euro) ([17]).

3.38. Il-bilanċ tal-kont B jinkludi xi entrati li kienu ilhom ħafna u li l-irkupru kollu tagħhom issa jista' jitqies bħala dubjuż ħafna. Fil-paragrafu 1.19 tar-Rapport Annwali tal-2000, il-Qorti kkummentat illi m'hemm l-ebda skop għaliex għandhom jinżammu ċerti partiti fil-kontijiet B għal żmien indefinit jekk ftit li xejn hemm il-possibiltà li dawn jiġu rkuprati. Għalhekk, fl-Opinjoni tagħha Nru 7/2003 ([18]) il-Qorti laqgħet proposta tal-Kummissjoni ([19]) għal emendi fir-Regolament, inkluża l-ħtieġa li l-Istati Membri jikkanċellaw ammonti ta' riżorsi proprji tradizzjonali li ma ġewx irkuprati matul perjodu ta' żmien speċifiku (ħames snin) wara d-data li fiha t-talba għall-ħlas saret definittivament suġġetta għall-infurzar. Sakemm tiġi adottata din l-emenda, il-bilanċ tal-kont B ikun fih somma li tiżdied, magħmula minn ammonti li aktarx ma jiġu rkuprati qatt.

3.39. Biex wieħed jieħu in konsiderazzjoni din il-problema, il-Kummissjoni daħħlet fil-karta tal-bilanċ tagħha, *write-down* ta' 1 043,9 miljun euro li jnaqqas il-bilanċ nett tal-kont B bi 58,9 % għal 729,3 miljun euro. Il-Qorti eżaminat il-metodu wżat biex tiġi kkalkulata l-bidla u fiċ-ċirkustanzi, sabitu raġonevoli.

3.40. Bħal fis-snin ta' qabel ([20]), kemm il-Qorti, kif ukoll il-Kummissjoni fl-ispezzjonijiet tagħha (ara paragrafu 3.9), sabu problemi sistematiċi fil-kontijiet B, li jinkludu dewmien biex isir id-dħul, dħul żbaljat, omissjonijiet u kanċellamenti żbaljati, f'ħafna Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Portugall, il-Finlandja u r-Renju Unit). Il-Ġermanja neħħiet dħul li jlaħħaq 40,1 miljun euro mill-kont B tagħha, iżda għadha ma ġietx mogħtija spjega sħiħa għal dan it-tnaqqis. Barra min hekk ġew innutati anomaliji fir-rapporti tal-bilanċi tal-kont B lill-Kummissjoni (il-Belġju, l-Italja, l-Isvezja).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.38. *The Commission anticipates that the amendment introducing a specific deadline will be adopted by the Council in the latter part of 2004.*

3.40. *As the Court acknowledges the Commission is continuing to examine Member States' management of the B account and to require remedial action where necessary. As has already been alluded to in the Commmission's responses to paragraph 3.38. the Commission is also pursuing amendments to the regulations governing the operation of the B account with a view to improving its accuracy and reliability.*

([17]) Figuri mogħtija huma qabel it-tnaqqis ta' l-ispejjeż tal-ġbir (25 %).

([18]) Opinjoni Nru 7/2003 fuq proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet.

([19]) Proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (COM(2003) 366 finali — 2003/0131 (CNS)).

([20]) Ara r-Rapport Annwali tal-Qorti għas-sena 2002, paragrafu 3.12.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Xogħol ta' awdituri oħra

3.41. L-użu tax-xogħol magħmul minn awdituri oħra, fejn disponibbli, biex jinfurma lil min iwettaq ix-xogħol tal-verifiki tal-Qorti stess u l-konklużjonijiet jirrapreżentaw sostenn siewi għall-istima fil-kuntest tad-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni. Fil-verifiki tas-sorveljanza doganali fil-portijiet (ara l-paragrafi 3.31-3.34), kien hemm ko-operazzjoni konkreta mal-Qorti Federali Ġermaniża tal-Verfika (*Bundesrechnungshof*). Ġie adottat metodu komuni għall-verifiki, li juża l-istess kwestjonarji għall-verifiki, u l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-informazzjoni miksuba, ikkonfermata bid-dokumentazzjoni ulterjuri magħmula disponibbli. F'ħafna Stati Membri (id-Danimarka, il-Greċja, Spanja, l-Italja, l-Olanda, il-Finlandja) dokumentazzjoni tal-verifiki fuq punti relatati mad-dikjarazzjoni ta' l-assigurazzjoni ġiet magħmula disponibbli lill-Qorti, u din ġiet użata b'dan il-mod. Madankollu, f'numru ta' Stati Membri, id-dokumentazzjoni tax-xogħol magħmul mill-korpi tal-verifiki u ta' spezzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet doganali hija, bħala politika, mhux disponibbli għall-Qorti.

Riżorsi proprji tal-VAT/GNI

Introduzzjoni

3.42. B'kuntrast mad-dħul ta' l-UE minn riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsi proprji tal-VAT u l-GNI jirriflettu statistiċi makroekonomiċi li d-data ta' bażi tagħhom ma tistax tiġi eżaminata direttament. Għal din ir-raġuni, il-verifiki tal-VAT/GNI jieħdu bħala l-punt inizzjali, l-fatt li l-Kummissjoni rċeviet l-ammonti makroekonomiċi kollha ppreparati mill-Istati Membri (jew bħala previżjonijiet jew bħala figuri veri) u jfittxu li jagħmlu stima tas-sistema tal-Kummissjoni fl-użu tad-data sakemm din tiġi nkluża fil-kontijiet finali. Aspetti speċifiċi tar-riżorsi tad-data ta' l-istatistika bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT/GNI jistgħu, madankollu, ikunu suġġetti għal verifiki separati mill-Qorti, bħal dak li sar din is-sena fuq korrezzjonijiet u kumpensi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT ta' l-Istati Membri.

3.43. Il-verifika tal-Qorti fir-rigward tar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-GNI għalhekk koprew is-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli, korrezzjonijiet u kumpensi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT ta' l-Istati Membri u t-twaqqif tal-*budget* u l-implimentazzjoni tiegħu f'dawn l-oqsma:

— ħlas ta' kull xahar mill-Istati Membri,

— bilanċi u tibdil fil-bilanċi b'riferenza għas-snin ta' qabel,

— kalkolu tal-korrezzjoni tar-Renju Unit u l-finanzjament tiegħu fl-2003 u barra minn hekk il-kalkolu finali u l-finanzjament tiegħu għall-1999,

— rifużjonijiet lill-Istati Membri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni ta' sistemi u kontrolli ta' sorveljanza

Sistemi u kontrolli ta' sorveljanza tal-Kummissjoni

3.44. L-attivitajiet ta' l-ispezzjoni tal-Kummissjoni ([21]) li saru bil-ko-operazzjoni ta' l-Istati Membri jikkostitwixxu element essenzjali tas-sistema ta' kontroll għar-riżorsi proprji relatati tal-VAT/GNI. Il-Qorti rrevediet ix-xogħol ta' l-unitajiet li qed jagħmlu dawn l-ispezzjonijiet.

3.45. Fil-każ tar-riżorsa proprja tal-VAT, l-ispezzjonijiet fuq il-lok tal-Kummissjoni magħmula matul is-sena finanzjarja 2003 wasslu għal disa' riservi ġodda (ara paragrafu 3.56) għal dak li għandu x'jaqsam ma' elementi speċifiċi tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT ta' l-Istati Membri ([22]). Sar progress biex jitnaqqas in-numru ta' riservi (ġew imnehħija għoxrin matul is-sena), iżda fl-aħħar tal-2003 baqgħu 74 (ara wkoll il-paragrafu 3.57) ([23]).

3.45. *The Commission recently decided to sub-divide some reservations where this seems likely to enable separate elements of complex problems to be resolved one-by-one. Where this is done, absolute numbers of reservations may appear to diminish more slowly, even though there remain fewer real problems.*

3.46. Il-preparazzjonijiet u r-rapporti ta' dawn l-ispezzjonijiet, li ffukaw fuq id-dikjarazzjonijiet tal-VAT ta' l-Istati Membri, huma ta' kwalità tajba, kif ukoll is-segwitu ta' l-osservazzjonijiet tal-verifiki. Madankollu, il-Qorti tinnota li l-effett pożittiv ta' l-ispezzjonijiet jista' jiżdied jekk id-dikjarazzjonijiet tal-VAT jiġu ppreżentati f'qafas regolatorju u proċedurali ċar u jekk tiġi stabbilita politika ċara għall-amministrazzjoni tar-riżervi mill-Kummissjoni (ara paragrafu 3.57).

3.46. *The present legal framework enables Member States to reflect their particularities and the Commission's controls must necessarily take account of national variations. Nevertheless, the Commission will continue to encourage national administrations to present data in a clear, readily understandable, rigorous and more uniform way. For the policy regarding reservations, see the reply to paragraph 3.57.*

3.47. Fir-rigward tar-riżorsi proprji, il-Qorti indikat fl-osservazzjonijiet tagħha fir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2002 ([24]) illi n-natura eżatta tal-verifiki ([25]) fir-rigward tal-kwestjonarji annwali tal-GNI magħmula mill-Kummissjoni 'l hinn mill-eżaminazzjoni inizjali aritmetika ma kienitx ċara, u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fuq in-natura u l-iskop ta' dawn il-verifiki. Wara r-rakkomandazzjonijet tal-Qorti, il-Kummissjoni daħħlet listi ta' kontrolli speċifiċi għall-kontroll tad-data fil-kwestjonarji tal-GNI.

([21]) Iż-żjarat ta' spezzjoni huma bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir tar-riżorsi proprji li akkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa id-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Kumunitajiet.

([22]) Id-dikjarazzjoni tal-VAT hija dokument imfassal mill-Istati Membri li jrid jiġbor fi ħdanu d-data wżata biex tistabbilixxi r-rata tal-VAT. Ir-rata tal-VAT tikkostiwixxi l-bażi għall-kalkolu tar-riżorsa tradizzjonali tal-VAT u hija meħtieġa għall-kontroll tal-Kumissjoni (Artikli 7 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill 1553/89).

([23]) Meta titqies is-suddiviżjoni introdotta mill-Kummissjoni fl-2003 in-numru attwali tar-riservi huwa 85.

([24]) Ara ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2002, il-paragrafi 3.40-3.41 u 3.51-3.52.

([25]) Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill 1150/2000 jipprovdi għall-ispezzjonijiet annwali ta' l-ammonti ta' żbalji fil-kompilazzjoni u l-eżaminazzjoni tal-kalkoli u l-istatistiċi bażiċi jekk neċessarju. Artikolu 5(1) tar-Regolament 1287/2003 jipprovdi għall-verifika tas-sorsi u tal-metodi wżati mill-Istati Membri biex jikkalkolaw il-GNI.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.48. Madankollu, għad hemm verifika diretta limitata mill-Kummissjoni tal-kontijiet nazzjonali bażi li jipprovdu l-figuri ppreżentati fil-kwestjonarji tal-GNI.

Dewmien fil-ħlas u s-sottomissjoni tad-data relatata mar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-GNI

3.49. Il-Portugall u l-Isvezja damu ma ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-GNI, li kienu dovuti sa l-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Diċembru 2003. Il-Portugall ħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti tiegħu ta' 113 miljun euro fit-2 ta' Jannar 2004. L-Isvezja ħallset il-kontribuzzjoni dovuta tagħha f'żewg ammonti, 715,2 miljun SEK (79,1 miljun euro) fid-19 ta' Diċembru 2003 u 2 546,2 miljun SEK (280,5 miljun euro) fit-2 ta' Jannar 2004. Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni talbet l-interessi fuq ħlas magħmul tard li tħallsu mill-Portugall u l-Isvezja fiż-żmien dovut.

3.50. Barra minn hekk, numru dejjem jikber ta' Stati Membri ssottomettew id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħhom lill-Kummissjoni tard. Disa' Stati Membri ma rrispettawx l-iskadenza tal-31 ta' Lulju 2003 biex jissottomettu id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħhom għassena 2002. Barra minn hekk, tlett Stati Membri ma rrispettawx l-iskadenza tat-22 ta' Settembru 2003 biex jippreżentaw il-kwestjonarji tal-GNI. Il-Qorti ndikat illi jekk ma jiġix rispettat il-limitu taż-żmien tal-Komunità, dan jista' jfixkel ix-xogħol tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-kalkolu tar-riżorsi proprji tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri u ma' dak li għandu x'jaqsam ma' l-ispezzjonijiet tagħha tal-VAT/GNI.

Ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa fuq il-korrezzjonijiet u l-kumpensi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT magħmula mill-Istati Membri

3.51. Il-Qorti eżaminat il-kalkolu u l-preżentazzjoni tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT prodotti mill-Istati Membri li bħall-ġbir tal-VAT mill-Istati Membri eżaminati mill-Qorti s-sena li għaddiet, huma element importanti fil-kalkolu tar-riżorsi proprji tal-VAT. Il-Qorti rrevediet ukoll l-attivitajiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni relatati ma' l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni li tikkonċerna ir-riżorsi proprji tal-VAT.

3.52. Il-korrezzjonijiet u l-kumpensi għandhom jiġu kkalkolati mill-Istati Membri biex jieħdu r-rata uniformi tal-VAT li minnha, tiġi kkalkolata r-riżorsa proprja tal-VAT, kif stipulat fill-leġislazzjoni tal-Komunità ([26]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.48. *Verification of the national accounts is carried out through the analysis of countries' inventories of sources and methods used to compile GNI. The Commission does little direct verifications of data in the sense indicated by the Court, but is investigating the possibility for carrying out more direct verifications in the future.*

3.49. *The Commission shares the Court's concern about these instances of delayed payment.*

Making use of systematic monitoring and rigorous follow-up action, the Commission seeks to ensure that Member States respect Community rules for own resources payments.

3.50. *The Commission's records show that six VAT statements met the deadline of 31 July. Two more arrived on 1 August and by 31 August only two statements were lacking, although one Member State had sent only a summary. The penultimate statement was received on 12 September and the Portuguese statement on 1 April 2004, following the opening of infringement proceedings.*

The Commission has recently increased pressure on Member States to respect the deadlines, even if in practice control work has not been significantly hampered by these mostly minor delays.

([26]) Ara l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 u l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE(is-Sitt Direttiva) tas-17 ta' Mejju 1977.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.53. L-importanza tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi għar-riżorsi proprji tal-VAT tista' tidher mill-valur totali assolut ([27]) tagħhom, li għas-sena finanzjarja 2002 kien jammonta għal madwar 245 137 miljun euro jew 5,85 % tal-bażi armonizzata tal-VAT.

Osservazzjonijiet

Preżentazzjoni w użu tal-metodoloġiji u d-data

3.54. Il-Qorti nnutat differenzi fit-trattament tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi ppreżentat mill-Istati Membri fid-dikjarazzjonijiet annwali tal-VAT. Dawn id-differenzi jistgħu jaffettwaw il-kalkolu uniformi u preċiż tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi, u dan jista' jwassal għal trattament mhux uniformi ta' l-Istati Membri. Dawn għandhom x'jaqsmu ma' l-ammont tad-dettalji ta' sostenn mogħtija mal-kalkoli u ż-żmien tad-data wżata. Huma jinsabu irritati bin-nuqqas ta' regoli ċari ([28]) fuq kif għandhom jiġu kkalkolati l-korrezzjonijiet u l-kumpensi, kif il-kalkoli u d-data relatata magħhom għandhom jiġu ppreżentati u liema sorsi ta' data għandhom jiġu wżati.

3.55. Għalkemm hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jipproduċu korrezzjonijiet u kumpensi kkalkolati b'mod korrett u li jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-metodoloġiji wżati fil-kalkoli tagħhom, l-Istati Membri jiddependu ħafna fuq ir-riżultati taż-żjarat ta' spezzjoni tal-Kummissjoni biex jirranġaw jew jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u s-sorsi tad-data.

Ġestjoni tar-riservi

3.56. Jekk il-korrezzjonijiet jew il-kumpensi ma ġewx ikkalkolati skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha l-possibilità li tifformula riserva, li tagħmilha possibli li tirranġa dawn il-korrezzjonijiet u l-kumpensi wara l-iskadenza legali ([29]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.54. *Corrections and compensations are made because Member States do not apply Community VAT provisions in the same way. This implies a special effort on national administrations' part if data are to be presented in the same clear and consistent way, especially as they may not possess the same information about taxes and taxpayers for reasons often related to differing national circumstances (cultural factors, data protection rules, etc.). The Commission continues its efforts to ensure the use of precise, uniform methods and reliable, up-to-date sources.*

3.55. *Member States raised numerous questions of methods and sources with the Commission following the introduction of the VAT resource and newer Member States did so following successive enlargements. They tend to stop doing this after an initial period. Radical adjustments are now rare and the Commission is satisfied that its services have not failed to discuss any changes, which are often made at the Commission's urging, with the Member States concerned. Nevertheless, the Commission will remind Member States of the legal requirement for them to take the initiative in reporting significant changes rather than waiting for the Commission to raise the matter.*

([27]) Il-valur assolut totali tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi għas-sena finanzjarja kkonċernata ġie kkalkolat bħala s-somma tal-korrezzjonijiet pożittivi u negattivi ta' l-irċevuti tal-VAT, irrispettivament mis-sinjali tagħhom, diviżi bir-rata medja skond il-piż ta' kull Stat Membru, u t-total tal-kumpensi pożittivi u negattivi fuq il-bażi intermedjarja tal-VAT.

([28]) Il-qafas proċedurali biex jiġu kkalkolati u ppreżentati korrezzjonijiet u kumpensi huwa mniżżel fil-parti l-kbira tiegħu fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi għall-ġbir tar-riżorsi naturali mit-taxxa fuq il-valur miżjud u minn gwida interna fuq id-determinazzjoni tar-riżorsi tradizzjonali mill-VAT, mħejjija mill-Kummissjoni għall-benefiċju ta' l-uffiċjali ta' l-UE u l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri.

([29]) Ara l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill 1553/1989.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.57. Il-Qorti osservat nuqqas ta' konsistenza fit-tqegħid jew tneħħija ta' riservi li jikkonċernaw korrezzjonijiet jew kumpensi, u r-riservi jistgħu jibqgħu fis-seħħ għal perijodi twal. Dan jista' jwassal għal trattament mhux ugwali ta' l-Istati Membri, li jista' jkollu impatt fuq il-bażi tal-VAT. Il-Qorti tirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tirrevedi u tiddokumenta l-linji ta' gwida tal-politika tagħha dwar il-ġestjoni tar-riservi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.57. *Reservations are not normally placed where the financial consequences of a requested change are judged negligible, where a method has been accepted in the past but needs adjustment or where a change of sources and/or methods is expected to be agreed before the next control visit, provided that there is no risk that the VAT statement in question will be time-barred. Reservations are lifted when the Member State has met the Commission's demands. Where questions of principle or interpretation are at stake, the Commission has stated its intention to instigate legal proceedings in the European Court of Justice. The Commission can agree to review and document this policy.*

Rapporti u dikjarazzjonijiet annwali ta' l-attivitajiet tad-Diretturi-Ġenerali

3.58. Il-Qorti eżaminat ir-rapporti u d-dikjarazzjonijiet ta' l-attività annwali tad-Diretturi-Ġenerali għat-DĠ tat-Taxxa u l-Unjoni Doganali (ara paragrafu 3.22), DĠ tal-*Budget* u Eurostat. Għalkemm ir-rapport annwali ta' l-attività tad-DĠ tal-*Budget* isemmi attivitajiet ta' kontroll relatati mar-riżorsi proprji tradizzjonali u mar-riżorsa tradizzjonali tal-VAT, ma jagħmel l-ebda riferenza speċifika għal attivitajiet ta' kontroll relatati mar-riżorsi proprji tal-GNI anke jekk hija din ir-riżorsa li tipprovdi aktar minn nofs id-dħul. Ir-rapport annwali ta' l-attività tal-Eurostat bl-istess mod ma jagħmilx referenza għal attivitajiet ta' kontroll fuq id-data tal-GNI użata mid-DĠ tal-*Budget* fil-kalkoli tar-riżorsi proprji tal-GNI.

3.58. *Annual activity reports present the activities of Directorates-General at a high level of aggregation and tend to deal with specific activities mainly if they are priorities or have given rise to particular problems. It is therefore not surprising that the activity of verifying GNI data is not explicitly visible in the reports from the two services. This activity appears in its rightful place in the annual management plans of the two services, which set out the work programme for the year and are subject to regular internal monitoring and review.*

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

3.59. Meta wieħed jikkonsidra l-iskop tal-verifiki (ara l-paragrafi 3.5-3.6), u bl-eċċezzjoni tal-punti tal-kont B innotati fil-paragrafu 3.40, il-kontrolli u l-analiżi tas-sistemi mwettqa mill-Qorti taw riżultati ġeneralment sodisfaċenti dwar l-affidabilità tal-kontijiet li jannutaw ir-riżorsi proprji tradizzjonali (ara wkoll elementi ta' sorveljanza fl-***Annessi 1 u 2***). Ix-xogħol ta' verifika magħmul fuq is-sistemi u l-operazzjonijiet relatati magħhom li huma ta' bażi għall-kontijiet, taw riżultati ġenerali sodisfaċenti wkoll għal dik li hija l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet bażi, iżda li twassal għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sistemi:

3.59. *The Commission has explained in its reply to paragraph 3.40 its ongoing efforts to improve Member States' management of the B account together with the regulatory amendments expected to be in place by the end of 2004.*

a) fir-rigward tal-kwoti ta' tariffi agrikoli, il-Qorti sabet numru ta' punti fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri setgħu jtejjbu l-ġestjoni tal-kwota (ara l-paragrafi 3.11-3.18);

a) *As stated in the replies to paragraphs 3.17. and 3.18., the Commission will do all in its power to improve matters.*

b) fir-rigward tal-kummerċ preferenzjali (ara l-paragrafi 3.19-3.30), il-Qorti tinnota li l-kontroll tal-konformità jiddependi fuq il-ko-operazzjoni u li ħafna talbiet ta' verifiki ma jirċievux risposta mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi benefiċjarji. Il-proċedura ta' konsultazzjoni mibdija mill-Kummissjoni jkollha bżonn li tikkunsidra din il-problema, kif ukoll li teżamina l-limitazzjonijiet ta' sistema ta' evidenza bbażata fuq dokumenti, partikolarment fid-dawl tal-bidla għas-sistemi bla karti;

b) *The Commission's Green paper was a root and branch exploration of the whole concept of proof of preferential origin as it now applies, the way it is established and the respective responsibilities of economic operators and public authorities in managing and controlling it. Progress in this area will be an important part of following-up the Green Paper, as has already been indicated in response to point 3.20.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

c) għal dak li għandu x'jaqsam mal-portijiet, barra minnnuqqasijiet f'Antwerp (ara l-paragrafu 3.33), il-Qorti sabet li s-sorveljanza doganali kienet ġeneralment sodisfaċenti. Madankollu, hemm skop għall-uniformità fil-metodu ta' kif wieħed iħares lejn il-limitu taż-żmien fuq ħażna temporanja (ara l-paragrafu 3.34).

c) *Once it has had the opportunity to consider the Belgian authorities' views the Commission will take any necessary measures regarding Antwerp. The Commission will continue to follow-up the question of Member States' management of prompt removal from temporary storage during its inspections of TOR.*

3.60. B'riferiment għall-iskop tal-verifiki, kif stabbilit fil-paragrafi 3.42-3.43, il-Qorti sabet li r-riżorsi tal-VAT u GNI kienu qed jiġu kkalkolati sew mill-Kummissjoni u mdaħħla fil-kontijiet tal-Komunità.

3.61. Il-verifika tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT prodotti mill-Istati Membri identifikat madankollu żewġ nuqqasijiet fis-sistema (ara l-paragrafi 3.54-3.57) li, barra mir-riservi msemmija fil-paragrafu 3.45, jitfgħu xi dubji fuq il-preċiżjoni u l-affidabilità tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT prodotti mill-Istati Membri:

3.61. *The Commission believes that while complete accuracy and reliability can never be wholly guaranteed, its control activities, its bilateral contacts with Member States and the meetings of the Advisory Committee on Own Resources (ACOR) all serve to ensure a high level of uniformity, transparency and equality of treatment. Reservations also contribute to this process:*

a) m'hemm l-ebda qafas regolatorju u proċedurali preċiż u ċar fuq kif il-korrezzjonijiet u l-kumpensi għandhom jiġu kkalkolati, kif il-kalkoli u d-data relatata magħhom għandhom jiġu ppreżentati u liema sorsi tad-data għandhom jiġu wżati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti, jew taħt forma ta' tibdil fil-leġislazzjoni jew fil-ħruġ ta' struzzjonijiet vinkolanti jew direttivi, li jassiguraw trattament aktar trasparenti u uniformi tal-korrezzjonijiet u kumpensi mill-Istati Membri, u jipprovdu qafas aktar strutturat għall-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni;

a) *The Commission has issued non-binding guidelines for the establishment of VAT statements, which the Court possesses. While the Commission has no power to issue binding instructions and is most unlikely to obtain such power, its services work to ensure that each Member State correctly applies the existing rules to its own particular situation. This is done through control missions and the resulting reports, through meetings of the ACOR and by the use of an intranet site accessible to all European Union and national officials concerned that acts as a major stimulus to greater uniformity. The Commission notes the suggestions made by the Court in this chapter and will make every effort to put them into effect.*

b) ġew innotati nuqqas ta' konsistenzi fit-tqegħid u fit-tneħħija tar-riżervi li jirrigwardaw il-korrezzjonijet u l-kumpensi. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi u tiddokumenta l-politika tagħha għall-ġestjoni tar-riservi, biex tassigura trattament trasparenti, koerenti u ugwali ta' l-Istati Membri.

b) *The Commission's policy on reservations is explained in paragraph 3.57. As noted there the Commission will clarify and document this policy.*

3.62. Fir-rigward tar-riżorsi proprji relatati mal-GNI, il-Qorti tirrepeti r-rakkomandazzjoni li għamlet is-sena li għaddiet ([30]), li l-Kummissjoni żżid l-attivitajiet ta' verifika diretti tagħha fir-rigward tad-data tal-kontijiet nazzjonali bażi li jiġu mdaħħla fil-kwestjonarji tal-GNI, biex iżżid l-affidabilità tal-kalkolu tar-riżorsa proprja l-aktar importanti (ara l-paragrafu 3.48 u l-elementi ta' sorveljanza fl-***Anness 2***).

3.62. *The Commission is examining ways to carry out more direct verification in the sense indicated by the Court.*

L-ISTAT TA' PREPARAZZJONI FIR-RIŻORSI PROPRJI TAL-PAJJIŻI TA' ADEŻJONI

3.63. Minħabba l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea, il-Qorti rrevediet il-preparazzjonijiet għall-adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi, u qieset li huma jkollhom japplikaw il-leġislazzjoni tal-Komunità għal dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi proprji fil-mument ta' l-adeżjoni.

([30]) Ara l-paragrafu 3.57 tar-Rapport annwali għas-sena finanzjarja 2002.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.64. L-iskop tar-reviżjoni kien li ssir stima ta' kif il-Kummissjoni ssorveljat l-adegwatezza u l-affidabilità ta' l-attivitajiet relatati mar-riżorsi proprji f'dawn il-pajjiżi u jekk l-identifikazzjoni u s-segwitu tas-setturi problematiċi li fadal kienux tajbin u sħaħ. It-tlett tipi ta riżorsi proprji kienu suġġetti għal din ir-reviżjoni.

3.65. Ir-reviżjoni m' identifikatx nuqqasijiet sostanzjali f'dawn il-pajjiżi barra minn dawk imsemmija mir-rapporti ta' sorveljanza tal-Kummissjoni lill-Kunsill. Il-Qorti, madankollu, tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-punti li ġejjin li għandhom bżonn ta' aktar azzjoni jew segwitu, kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fil-pajjiżi l-ġodda.

3.66. Fiż-żmien tar-reviżjoni tal-Qorti, ħafna oqsma tal-proċeduri doganali kienu għadhom qed jiżviluppaw, b'hekk kien kmieni wisq biex wieħed jagħmel stima ta' jekk kienux xierqa għall-operazzjoni fil-mument tad-dħul. It-teknologija ta' l-informazzjoni doganali u l-kwistjonijiet relatati ma' l-interkonnettività kienu l-aktar punti pendenti f'ħafna pajjiżi. Il-proġetti ġew suġġetti għal dewmien serju, u aktar dewmien seta' jipperikola l-funzjoni tajba tas-servizzi doganali fil-mument ta' l-adeżjoni u wara. Il-proċeduri tal-kontijiet għaddazji doganali kienu għadhom ma ġewx finalizzati, u l-Qorti ma setgħetx takkwista assigurazzjoni illi r-regoli għall-kontijiet tar-riżorsi proprji tradizzjonali u d-disponibbilità tagħhom għall-Kummissjoni kienu se jiġu applikati b'mod korrett. Huma meħtieġa wkoll sforzi biex jiġi assigurat l-użu sistematiku tat-teknika ta' l-analiżi tar-riskju fil-kontroll doganali u l-ħatt tal-merkanzija.

3.67. B'referenza għar-riżorsi proprji tal-VAT, il-Kummissjoni għandha tikkonsidra jekk eżempji ta' "l-aħjar prattika" mill-kalkoli tal-VAT ta' l-Istati Membri eżistenti għandhomx ikunu disponibbli għall-pajjiżi l-ġodda. Fil-preżent, mhuwiex dejjem ċar għal dawn il-pajjiżi kemm għandha tiġi mogħtija informazzjoni, taħt forma ta' kalkoli u dokumenti ta' sostenn.

3.68. Proġetti PHARE fuq l-użu totali u l-inventarji tal-GNI ġestiti mill-Eurostat biex jagħmlu l-istimi tal-GNI f'konformità mal-ESA 95 ingħatalhom aktar żmien milli ppjanat fl-iskeda oriġinali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

3.66. *The Court draws attention to some of the challenges involved in evaluating, in advance of accession, whether the acceding countries would be able to fulfil their obligations to collect and account for traditional own resources. As part of its monitoring activity the Commission identified those areas where further progress was required and obtained commitments from the countries concerned to take the action needed. Progress against these commitments was monitored monthly until accesssion.*

The Commission tasks needed in the customs IT field to prepare the EU enlargement were completed well in advance of the deadline. The Commission has provided active support to the countries concerned in the development and testing of the customs IT systems. Since enlargement no problems have been experienced with interconnectivity between the customs IT systems and the Commission's systems and all the new Member States have provided the obligatory traditional own resources accounting statements on time. The Commission will be visiting every new Member State during the last four months of 2004 to examine the procedures and systems actually in place and to evaluate the timeliness and accuracy of their accounting for traditional own resources.

3.67. *The Commission has in fact used existing Member States' statements that it considers exemplary to show the new Member States what is expected and has followed this up by on-the-spot explanations of how these examples may be adapted to other countries' needs. This action is reinforced by the use of the CIRCA intranet to increase awareness of best practice.*

3.68. *The Commission confirms the delay reported by the Court, but believes there is sufficient time for the Commission to verify the new Member States' GNI calculations before the 2004 data become final in 2008 (in accordance with Article 10(8) of Council Regulation 1150/2000).*

ANNESS 1

Riżorsi proprji — Żvilupp ta' osservazzjonijiet importanti

Osservazzjonijiet	Miżuri meħuda	Miżuri li ghandhom jittiehdu
Disponibilità tar-riżorsi proprji *Dewmien fid-disponibilità tar-riżorsi proprji*		
L-eżaminazzjonijiet tal-Qorti tal-kontijiet u tal-proċeduri ta' ċentralizzazzjoni ghar-riżorsi proprji tradizzjonali wrew minn żmien ghal żmien illi ċerti drittijiet stabbiliti ma kienux disponibbli ghall-Kummissjoni jew ġew magħmula disponibbli b'ħafna dewmien.	L-unità tal-Kummissjoni inkarigata mill-attivitajiet ta' spezzjoni kif stabbilit fir-Regolament (Regolament tal-Kunsill Nru. 1150/2000) taġixxi fil-każi kollha ta' dewmien, u l-Istati Membri huma mistiedna biex iħallsu l-interessi fuq in-nuqqas meta meħtieġ. Matul l-ispezzjonijiet regolari tagħha, l-unità żiedet l-enfażi tagħha fuq kwistjonijiet ta' kontijiet, u problemi fis-sistemi ġew indirizzati kull meta nstabu mill-Qorti jew mill-Kummissjoni.	L-azzjonijiet tal-Kummissjoni huma sodisfaċenti.
Ammonti stabbiliti imma mhux disponibbli *Kontenut tal-kontijiet*		
Dħul fil-kontijiet B fihom żbalji li jinkludu dħul magħmula tard jew dħul dupplikat, ammonti żbaljati, u dħul illi suppost sar fil-kontijiet A.	L-unità tal-Kummissjoni inkarigata mill-attivitajiet ta' l-ispezzjoni kif previst fir-Regolament (Regulament tal-Kunsill Nru. 1150/2000) iddedikat riżorsi konsiderevoli lill-kontijiet B, u tat rapport fuq il-problemi li nstabu, iżda f'diversi Stati Membri ghad hemm problemi sistematiċi.	Ċerti Stati Membri ghandhom bżonn li jinvestu riżorsi ghall-miljorament fis-sistemi tal-kontijiet involuti.

ANNESS 2

Sistemi ta' sorveljanza u kontrolli

Qasam: Riżorsi proprji

Sistema: Riżorsi proprji tradizzjonali u riżorsi tal-VAT/GNI

Aspetti tas-sistema ta' sorveljanza tal-Kummissjoni	Riżorsi proprji tradizzjonali	VAT	GNI
Bidu	A	A	A
Traspożizzjoni prattika fil-fażijiet ta' proċedura — osservanza ma' l-istandards — titqies l-esperjenza	A	A	A
Operazzjoni attwali — konformità ma' l-istandards — titqies l-esperjenza	A	A	B
Riżultati — effett ta' rimedju — effett ta' prevenzjoni	A	A	A
Stima kumplessiva	A	A	A

A Taħdem tajjeb, meħtieġ ftit titjib jew titjib minuri.

B Taħdem imma hemm bżonn ta' titjib: hemm bżonn ta' verifika aktar diretta tad-data GNI.

Noti:

— Is-sistemi ta' sorveljanza ġew qabel ir-riformi tal-Kummissjoni.

— L-istimi huma bbażati fuq eżaminazzjoni dettaljata ta' l-unitajiet ta' sorveljanza u tar-rapporti tagħhom.

KAPITLU 4

Il-Politika Agrikola Komuni

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	4.1-4.4
Stima speċifika fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' l-Assigurazzjoni	4.5-4.51
Ghan tal-verifika	4.5-4.6
Ix-Xoghol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni	4.7-4.8
IACS	4.9-4.12
Kontrolli wara li jsir pagament skond ir-Regolament 4045/89	4.13-4.16
Il-kampjun ta' transazzjonijiet tal-Qorti	4.17
Rapport Annwali ta' l-Attività tad-Direttur-Ġenerali għall-Agrikoltura	4.18-4.23
Stima mill-Qorti ta' l-infiq f'setturi tal-CAP	4.24-4.46
Skemi ta' għajnuna skond iż-żona	4.24-4.30
Skemi ta' primjum fuq l-annimali	4.31-4.34
Sussidji mħallsa fuq il-bażi tal-kwantità prodotta	4.35-4.39
Żvilupp rurali	4.40-4.43
Nefqa oħra	4.44-4.46
Konklużjoni	4.47-4.48
Rakkomandazzjonijiet	4.49-4.51
L-approvazzjoni tal-kontijiet	4.52-4.80
Introduzzjoni	4.52
Deċiżjoni ta' l-approvazzjoni finanazjarja għall-2003	4.53-4.69
Opinjonijiet ta' verika tal-korpi ta' ċertifikazzjoni	4.54
Analiżi tax-xogħol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni	4.55-4.61
Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni	4.62-4.69
Deċizjonijiet ta' konformità li ttieħdu fl-2003	4.70-4.76
Is-suffiċenza tal-korrezzjonijiet	4.71-4.72
Regola ta' 24 xahar	4.73
Żmien li ttieħed sabiex isiru l-korrezzjonijiet	4.74
Deċiżjonijiet ta' l-approvazzjoni ta' kontijiet fi snin reċenti	4.75-4.76
Il-konklużjonjiet tal-Qorti	4.77-4.80
Deċiżjoni ta' l-approvazzjoni finanzjarja	4.77-4.79
Deċiżjonijiet ta' konformità	4.80
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti	4.81-4.98
Rifużjoni fuq l-esportazzjoni — destinazzjoni u tqegħid fis-suq	4.81-4.89
Skema ta' sostenn għaż-żejt taż-żebbuġa	4.90-4.98
Osservazzjonjiet prinċipali f'Rapporti Speċjali	4.99-4.139
Valutazzjoni tad-dħul ta' l-irziezet mill-Kummissjoni	4.99-4.105
Il-ġestjoni u s-sorveljanza mill-Kummissjoni ta' miżuri ta' kontroll u nefqa konessi mal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer	4.106-4.112

	Paragrafu
Rkupru ta' pagamenti irregolari taħt il-Politika Agrikola Komuni	4.113-4.121
L-introduzzjoni ta' Sistema għall-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Annimali Bovini (SIRB) ta' l-Unjoni Ewropea	4.122-4.129
Verifika soda tal-ġestjoni finanzjarja ta' l- organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk	4.130-4.139

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

4.1. In-nefqa fl-2003 fuq il-Politika Agrikola Komuni (CAP), jiġifieri l-Fond Ewropew ta' Garanzija u Gwida fl-Agrikoltura (Sezzjoni ta' Garanzija FEGGA), ammonta għal 44 378 miljun euro. ***Graff 4.1 u Graff 4.2*** juru kif intefqu l-flus. ***Graff 4.1*** turi d-dettalji tan-nefqa skond il-kategorija ekonomika (pagamenti diretti, rifużjonjiet fuq l-esportazzjoni, eċċ.). ***Graff 4.2*** turi d-distribuzzjoni skond is-settur agrikolu prinċipali (ċanga u vitella, żejt taż-żebbuġa, eċċ.).

4.2. Pagamenti diretti lill-bdiewa, ibbażati fuq l-ammont ta' art li jaħdmu jew in-numru ta' annimali fl-irziezet tagħhom, jikkostitwixxu l-parti l-kbira (58 %) tan-nefqa tal-CAP. Dawn il-pagamenti tal-CAP, li kienu parti importanti sa minn żmien ir-riforma tagħha fl-1992, huma primarjament intiżi biex jagħtu kumpens lill-bdiewa għat-tnaqqis li sar fil-prezzijiet tal-CAP.

4.3. Kważi n-nefqa kollha tal-CAP issir mill-aġenziji ta' ħlas ta' l-Istati Membri. Għall-parti l-kbira tan-nefqa, l-proċess huwa dan li ġej:

a) il-bdiewa jippreżentaw klejms lill-aġenziji ta' ħlas fis-sena qabel ma l-pagament huwa dovut, ibbażata fuq l-artijiet ikkultivati, in-numru ta' annimali eliġibbli li kellhom matul perjodu ta' pussess speċifikat, eċċ.;

b) l-aġenziji ta' ħlas jassoġġettjaw dawn il-klejms għal kontrolli amministrattivi u, fuq bażi ta' kampjun, għall-kontrolli fuq il-post, fil-biċċa l-kbira permezz tas-Sistema ta' Kontroll u Amministrazzjoni Integrata (IACS);

c) kull aġenzija ta' ħlas tħallas lil min għamel il-klejm, u tirrapporta n-nefqa għall-Kummissjoni li tirrifondi lill-aġenzija ta' ħlas;

d) Il-kontijiet u pagamenti ta' l-aġenzija ta' ħlas jiġu eżaminati minn awditur indipendenti (korp ta' ċertifikazzjoni) li jirrapporta lill-Kummissjoni fi Frar tas-sena ta' wara s-sena tal-*budget*;

e) sat-30 ta' April ta' dik is-sena, il-Kummissjoni trid tagħmel deċiżjoni (approvazzjoni finanzjarja) fuq jekk taċċettax dawn il-kontijiet u r-rapporti ta' verifika jew titlobx li jsir aktar xogħol jew li tingħata aktar informazzjoni;

f) imbagħad, il-Kummissjoni tista' teżamina l-pagamenti li saru mill-aġenziji ta' ħlas u, jekk dawn kienu irregolari, jew jekk il-kontrolli finanzjarji kienu dgħajfa, tista' tiddeċiedi illi parti minn nefqa għandha tiġi addebitata lill-Istati Membri involuti u mhux tiġi addebitata lill-*budget* ta' l-UE (bil-lingwaġġ Komunitarju, Il-Kummissjoni "ma tippermettix" nefqa bħal din bħala parti mill-"approvazzjoni tal-kontijiet" f"deċiżjonjiet ta' konformità"). Meta ma tippermettix nefqa, il-Kummissjoni tnaqqas il-pagamenti tagħha lill-aġenziji ta' ħlas bl-istess mod.

Grafika 4.1 — Ksur tan-nefqa ta' l-FEGGA-Garanzija skond il-kategoriji ekonomiċi — sena finanzjarja 2003



(1) Ohrajn: produzzjoni, ipproċessar jew ghajnuna ghall-konsum imhallsa lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew proċessuri u miżuri ohra.

(2) Interventi: hażna pubblika u privata, arranġamenti ta' revoka ghall-frott u haxix, distillazzjoni obbligatorja u volontarja.

NB: Dan il-ksur skond it-tip ekonomiku ġie kkalkolat fuq il-bażi ta' figuri gross qabel ġiet inkluża in-nefqa negattiva (rkupri, *clearance* u sospensjoni ta' hlasijiet bil-quddiem u ta' dazji fuq il-halib).

It-total ta' l-ghajnuna ghaż-żona, il-primjums fuq l-annimali flimkien ma' ghajnuna diretta ohra jaghtu total globali ghall-ghajnuna diretta ta' 67 % tan-nefqa tal-PAK.

Sors: Il-kontijiet annwali tal-Kummissjoni ghall-2003 — data globali.

Grafika 4.2 — Ksur tan-nefqa skond is-settur tal-FEGGA-Garanzija — sena finanzjarja 2003



Sors: Il-kontijiet annwali tal-Kummissjoni ghall-2003 — Volum II.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.4. Ta' kull sena, id-Direttur-Ġenerali għall-Agrikoltura tal-Kummissjoni jagħmel rapport ta' attività fuq in-nefqa tad-Direttorat-Ġenerali għall-Agrikoltura (DĠ AGRI) u dikjarazzjoni fuq il-legalità u r-r-regolarità tan-nefqa.

STIMA SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

Għan tal-verifika

4.5. Il-Qorti:

a) reġgħet rat ix-xogħol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni (ara l-paragrafi 4.7 sa 4.8);

b) ivvalorizzat sistemi ta' sorveljanza, b'mod partikolari l-IACS u l-kontrolli wara li jsir pagament (ara l-paragrafi 4.9 sa 4.16);

c) ittestjat it-transazzjonijiet direttament (ara l-paragrafu 4.17);

d) eżaminat ir-rapport u d-dikjarazzjoni mid-Direttur-Ġenerali għall-Agrikoltura (ara l-paragrafi 4.18 sa 4.23).

4.6. Il-paragrafi 4.24 sa 4.46 jagħtu l-istima tal-Qorti tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-CAP, ibbażżata l-biċċa l-kbira fuq is-sorsi ta' evidenza msemmija hawn fuq. L-osservazzjonijiet fuq l-affidabilità tal-kontabilità huma mfassla fil-Kapitlu 1, paragrafi 1.10 u 1.11.

Ix-Xogħol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni

4.7. Il-verifika ta' l-aġenziji tal-ħlas mill-korpi ta' ċertifikazzjoni tkopri l-kontabilità tagħhom, l-ipproċessar ta', u l-kontrolli tagħhom fuq, talbiet ta' ħlas ta' sussidji tal-CAP, u jekk iħarsux il-kriterji għall-akkreditar (ara l-paragrafu 4.53). Il-leġislazzjoni ta' l-UE dwar dan ma teħtieġx li l-korpi ta' ċertifikazzjoni jeżaminaw il-klejms fil-livell tal-bdiewa jew tal-kummerċjanti (ara l-paragrafu 4.8.c)).

4.8. Il-Qorti eżaminat ix-xogħol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li jkopri 80 % tan-nefqa fl-2003 bħala parti tal-eżaminazzjoni annwali tagħha tal-proċess ta' l-approvazzjoni ta' kontijiet (ara l-paragrafi 4.55 sa 4.61). Għalkemm il-Kummissjoni kellha thassib fuq ix-xogħol li għamlu numru ta' korpi ta' ċertifikazzjoni (ara l-paragrafu 4.65), għal dak li għandu x'jaqsam mad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti fasslet dawn il-konklużjonijiet ġenerali mix-xogħol tagħhom:

a) ir-rapporti jipprovdu assigurazzjoni illi informazzjoni finanzjarja pprovduta mill-aġenziji ta' ħlas (u inklużi fil-kontabilità tal-Kummissjoni) hija materjalment preċiża, madankollu din l-assigurazzjoni ma tkoprix ukoll informazzjoni fuq id-debituri għal numru ta' aġenziji (ara l-paragrafu 4.61);

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.8.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

b) b'mod ġenerali, ir-rapporti jipprovdu assigurazzjoni illi t-talbiet għall-ħlas jiġu eżaminati u pproċessati mill-aġenziji ta' ħlas skond ir-regoli li għandhom japplikaw, madankollu numru sinjifikanti ta' korpi ta' ċertifikazzjoni jagħtu opinjoni b'riserva fil-verifika tagħhom fir-rigward ta' ċertu setturi tan-nefqa (ara l-paragrafu 4.54);

c) ix-xogħol tal-korpi ta' ċertifikazzjoni (kif definit fir-Regolament Numru 1663/95) madankollu mhuwiex imfassal għal, u ma jipprovdix assigurazzjoni diretta illi l-informazzjoni li ngħatat minn dawk li qed jagħmlu l-klejms, u wżata mill-agenzija tal-ħlas biex jikkalkulaw il-pagamenti dovuti, hija koretta u għaldaqstant li l-pagamenti huma legali u regolari.

(c) *The work of the certifying body is to give assurance on the integrality, accuracy and veracity of the accounts.*

IACS

4.9. L-IACS tinkludi *database* kompjuterizzata ta' impriżi u applikazzjonijiet għall-għajnuna, sistemi għall-identifikazzjoni ta' rqajja' ta' art agrikola u għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali, u ġabra ta' kontrolli amministrattivi u spezzjonijiet fir-razzett. L-IACS tkopri nefqa fuq skemi ta' għajnuna skond iż-żona (ara l-paragrafi 4.24 sa 4.30) u skemi ta' primjum fuq l-annimali (ara l-paragrafi 4.31 sa 4.34) direttament. Klejms għal numru ta' skemi oħra għandhom ikunu kompatibbli mas-sistema (ara l-paragrafi 4.35).

4.10. Il-Qorti baqgħet teżamina l-ħidma ta' l-IACS (ara l-paragrafi 4.9 sa 4.13 tar-Rapport Annwali tal-Qorti tas-sena 2002). Din is-sena eżaminat il-mod kif IACS tiġi implimentata minn seba' aġenziji oħra (Niedersachsen (il-Ġermanja), Extremadura (Spanja), Lussemburgu, l-Awstrija, il-Finlandja, RPA u DARD (ir-Renju Unit)) u reġgħet rat ħames aġenziji fejn ġew identifikati problemi fl-2002 (il-Bavarja (il-Ġermanja), ONIC u OFIVAL (Franza), LASER (l-Olanda) u AGEA (l-Italja)).

4.11. Is-sejbiet prinċipali tal-Qorti permezz tal-verifika huma dawn li ġejjinj:

4.11.

a) il-kontrolli amministrattvi (partikolarment il-kontrolli bir-reqqa fuq il-bażi t x a' *database* tar-rqajja' jew ta' l-annimali) kienu tajbin jew sodisfaċenti fl-aġenziji ta' ħlas kollha barra Lussemburgu (għajnuna għaż-żona u primjum fuq l-annimali) filwaqt illi ċerti penali fuq klejms għal primjum ta' l-annimali ma ġewx ikkalkulati jew applikati b'mod korrett fl-Awstrija u fl-Irlanda ta' Fuq;

(a) *The aspects raised by the Court in respect of Austria and Northern Ireland are being followed up in the context of the clearance of accounts procedure. The situation in Luxembourg is being dealt with in the clearance of accounts procedure.*

b) analiżi tar-riskju u proċeduri ta' għażla għal spezzjonijiet fuq il-post kienu ġeneralment dgħajfa (ara wkoll 4.26);

(b) *The Court's remarks are in line with the Commission's own findings, which have resulted in detailed discussions with the Member States and a significantly reinforced IACS legislation with effect from claim year 2004.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

c) il-maġġoranza ta' l-ispezzjonjiet fuq il-post saru b'mod sodisfaċenti, iżda ċerti punti debboli kienu jidhru fil-maġġoranza ta' l-aġenziji ta' ħlas, u l-kwalità ta' l-ispezzjoni kienet inferjuri għall-primjums fuq l-annimali milli għall-għajnuna għaż-żona (eżempju, DARD (l-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit) fejn kienet tingħata notifika eċċessiva taż-żjarat ta' spezzjoni);

d) ir-rappurtar tar-riżultati ta' l-ispezzjonjiet kien dgħajjef f'ħafna aġenziji. L-iżbalji w l-anomaliji fil-figuri mibgħuta lill-Kummissjoni kienu konsiderevoli għal Niedersachsen, Lussemburgu u RPA Ingilterra (il-primjums kollha fuq l-annimali). Ir-rappurtar huwa inqas affidabbli għal primjum fuq l-annimali milli għal talbiet ta' għajnuna għaż-żona.

Anessi 2 u 3 jagħtu aktar dettalji fuq is-sejbiet tal-Qorti.

4.12. Għal dawk l-14-il Stat Membru li implimetaw b'mod sodisfaċenti l-IACS (mhux il-Greċja), riżultati ta' l-ispezzjonijiet IACS jirrapreżentaw sors importanti ta' evidenza tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet tal-CAP. Madankollu, l-iżbalji osservati hawn fuq fir-rappurtar tar-riżultati, b'mod partikolari għall-kontrolli fuq il-primjum fuq l-annimali (ara l-paragrafi 4.31 sa 4.32), inaqqsu l-affidabilità tal-figuri prodotti, filwaqt li l-fatt li r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni ma jagħmlux distinzjoni bejn sussidji differenti għal għajnuna għaż-żona, u jinkludu kontrolli li saru fuq żoni ta' għalf, inaqqsu l-utilità ta' l-informazzjoni għall-għajnuna għaż-żona (ara l-paragrafi 4.24 sa 4.30).

Kontrolli wara li jsir pagament skond ir-Regolament 4045/89

4.13. L-Istati Membri huma meħtieġa li jagħmlu programm ta' kontrolli wara li jsir pagament ta' dokumentazzjoni kummerċjali fuq firxa ta' sussidji tal-CAP, li jinkludu r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, sussidji fuq il-proċessar u t-trasformazzjoni, il-proċessar tal-qoton, iż-żejt taż-żebbuġa u t-tabakk u xi nefqa fuq l-iżvilupp rurali. L-Istati Membri għandhom ikunu sodisfatti illi t-transazzjonjiet saru u ġew imwettqa b'mod korrett; u għandhom jieħdu passi sabiex jirkupraw somom mitlufa minħabba irregolarità jew negligenza.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(c) *The two regimes are substantially different. In particular, the various bovine premia are directed towards different types of animals and involve different conditions. This, in addition to the need to check the movements of animals, has a significant impact on the nature of the inspections.*

(d) *The Commission has also identified the discrepancies mentioned by the Court. Overall, the statistics are considered as reliable as necessary for the purpose in hand i.e. to verify compliance with governing legislation on eligibility and control regimes. The Court uses data requested and collated by the Commission, and the tabulated presentation and information is generally taken from data the Commission has itself produced. The animal premium sector is more diverse than the arable crop sector, explaining the difficulties in reporting.*

The Court correctly states that the information supplied by Member States is not always fully correct, or presented in the timely fashion required by the governing legislation, in which case the Commission ensures prompt follow-up and revision in the framework of the clearance of accounts. In the case of Niedersachsen revised information has been provided.

4.12. *The Commission considers the statistical reporting to be a very good tool to verify the legality and regularity of CAP expenditure. In short, such discrepancies are duly corrected under the clearance of accounts procedure.*

While acknowledging that more detailed statistical information supplied by the Member States could provide a more secure environment, the benefits would be subject to 'diminishing returns' and there is a clear need to simplify administrative procedures.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.14. Il-Qorti eżaminat l-applikazzjoni tar-regolament permezz ta' żjarat lil ħdax-il Istat Membru u lill-Kummissjoni [1]. Il-verifika kopriet il-perjodu bejn Lulju 2002 u Ġunju 2003, għal liema l-Istati Membri kellhom jagħmlu rapport sa l-aħħar ta' l-2003. Dan kopra, fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri, pagamenti li saru fl-2001. Għal kull Stat Membru ġew eżaminati l-ippjanar, l-eżekuzzjoni, ir-rappurtar u l-monitoraġġ tal-kontrolli. Il-Qorti eżaminat il-kwalità tas-sistemi li se jiġu applikati mill-Istati Membri fil-futur biex jivverifikaw u, jekk neċessarju, jikkoreġu s-sussidji mħallsa fl-2003.

4.15. Il-Qorti sabet illi:

a) korpi li jikko-ordinaw fl-Istati Membri ġeneralment ippreparaw pjanijiet ta' verifika skond ir-regolament, madankollu nofs biss tal-kontrolli ppjanati għal dak il-perjodu tlestew fl-aħħar ta' l-2003, għalkemm l-Istati Membri irrappurtaw numru akbar lill-Kummissjoni;

b) wieħed minn kull ħamsa tal-kontrolli eżaminati mill-Qorti kienu totalment mhux affidabbli. Inqas minn wieħed minn kull tlieta kienu kkunsidrati totalment sodisfaċenti fl-opinjoni tal-Qorti [2];

c) ir-rapporti annwali mill-korpi li jikko-ordinaw ma jippreżentawx statistiki fuq ir-riżultati tal-verifiki f'format, li jippermetti analiżi u tqabbil li jagħmel sens, b'mod partikolari għax m'hemmx l-obbligu leġislattiv sabiex jiġu rrapurtati rati differenti ta' żbalji f'oqsma differenti ta' nefqa;

d) il-Kummissjoni kienet għada ma waqqfietx programm ta' spezzjonijiet sabiex tiżgura l-effikaċja tal-kontrolli li saru (l-aħħar spezzjonijiet saru fl-1999/2000);

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.15.

(a) *According to the Member States' annual reports the number of scrutinies completed was 2 469 which is 63 % of the 3 907 checks planned for the period.*

A further 33 % of the planned scrutinies were indicated as 'ongoing'; the fieldwork for most of these had been already performed, and either the report remained to be finalised or a reply was awaited to a mutual assistance request made to another Member State. A deadline of up to six months is permitted for replies to mutual assistance requests.

(b) *The Commission is not in a position to confirm the conclusion of the Court. The Commission will take these elements into consideration in its future work in relation to Regulation (EEC) No 4045/89 controls.*

(c) *Information received is analysed and treated by the Commission services in order to provide elements of comparison between Member States.*

(d) *Such programmes of inspections have taken place in previous years based on risk analysis and another round is currently being carried out.*

Moreover, implementation of Regulation (EEC) No 4045/89 is also evaluated in the field of export refunds, the largest area of expenditure covered by the regulation. The recent audit enquiries on differentiated refunds, prefinancing and origin each included an assessment of the contribution made by Regulation (EEC) No 4045/89 scrutinies to addressing the specific risks involved.

[1] Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit.

[2] Totalment mhux affidabbli: mhux imwettqa jew ma jkoprux numru ta' riskji jew kundizzjonijiet ta' eliġibilità; totalment sodisfaċenti: ikopri r-riskji prinċipali kollha u l-kundizzjonijiet ta' eliġibilità.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

e) il-Kummissjoni ma tatx risposta bil-miktub lill-Istati Membri dwar l-analiżi tar-riskju, il-pjani ta' ezaminazzjoni jew ir-rapporti annwali tagħhom [3].

4.16. Fejn isiru kif xieraq, kontrolli wara li jsir il-pagament jipprovdu ghodda siewi ghall-identifikazzjoni ta' pagamenti irregolari tal-CAP (ara l-***Graff 4.3***). Madankollu, fil-forma li huma qed jiġu rrapurtati fil-preżent mill-Istati Membri, dawn ma jgħinux lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni u fl-eżaminazzjoni tar-riskji prinċipali ta' l-irregolarità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(e) *For the period under review, the Commission services obtained additional assurance through informal discussions and requests for information.*

In the course of 2004 the Commission services implemented significant improvements in the monitoring and control of this aspect through formal letters to several Member States aiming in particular to improve the risk analysis proposed.

4.16. *More than 3 000 scrutinies are performed annually. During the period in question 320 irregularities were detected by the end of 2003 and this number will increase when the ongoing scrutinies are completed. During the period 2001 to 2003 860 irregularities were communicated to OLAF as a result of application of Regulation (EEC) No 4045/89. The post-payment scrutinies are not only an important tool for identification of irregularities but also serve as a considerable preventive element.*

Grafika 4.3 — Regolament 4045/89: Numru ta' kontrolli mwettqa wara li saru l-pagamenti u irregolaritajiet identifikati 1997/1998 — 2001/2002



Sors: Kummissjoni.

Il-kampjun ta' transazzjonijiet tal-Qorti

4.17. Il-Qorti eżaminat kampjun rappreżentattiv ta' 203 pagament meħud min-nefqa ta' 25 aġenziji ta' ħlas (li kienu reponsabbli b'mod kollettiv ghal 75 % tan-nefqa tal-CAP) kif ukoll min-nefqa diretta tal-Kummissjoni. Permezz ta' dawn it-testijiet,

4.17. *The control systems for CAP expenditure generally provide for physical checks on a percentage of transactions, 100 % documentary controls, dissuasive sanctions, and either post-payment checks according to Regulation (EEC) No 4045/89 or/and compatibility with IACS.*

[3] Skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89 "il-programmi mwaqqfa mill-Istati Membri u mghoddija lill-Kummissjoni, se jiġu mplimentati mill-Istati Membri, jekk, fi żmien tmien ġimgħat, il-Kummissjoni m'gharrfitx il-kummenti tagħha".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

il-Qorti fittxet li takkwista evidenza diretta li l-pagamenti saru b'mod xieraq għall-attività eliġibbli. Eżaminazzjonijiet bħal dawn jipprovdu evidenza tajba għal nefqa fuq sussidji ta' għajnuna f'żona u, sa livell inqas, il primjum fuq l-annimali fejn l-evidenza fiżika hija normalment disponnibli għall-awditur. B'kuntrast għal dan, f'oqsma bħal rifużjoni fuq l-esportazzjoni jew għajnuna mħallsa fuq il-bażi tal-kwantità prodotta, l-awditur jista' jeżamina dokumenti biss. L-ammont kemm dawn id-dokumenti jipprovdu evidenza affidabbli huwa influwenzat sew min-natura tat-transazzjoni u mis-sistema ta' kontroll ikkonċernata (ara wkoll il-paragrafi 4.36 sa 4.37 u 4.46).

Rapport Annwali ta' l-Attività tad-Direttur-Ġenerali għall-Agrikoltura

4.18. Ir-rapport ta' l-attività jiddeskrivi x'għamel id-DĠ AGRI matul l-2003 u fih dikjarazzjoni mid-Direttur-Ġenerali li l-proċeduri ta' kontroll jagħtu assigurazzjoni fuq il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet involuti. Ir-rapport jfittex li jipprovdi assigurazzjoni tal-ġestjoni li s-sistema ta' kontroll intern qegħda taħdem b'mod sodisfaċenti. Id-dikjarazzjoni tad-Direttur-Ġenerali tinkludi ħames riservi. Tnejn minn dawn huma dwar in-nefqa tal-CAP: tħassib kontinwu fuq il-ġestjoni u l-amministrazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żejt taż-Żebbuġa; u n-nuqqas tal-Greċja li timplimenta għal kollox l-IACS. Ir-rapport jiddiskuti progress magħmul fuq dawn iż-żewġ suġġetti sa mill-2002 u jikkonkludi li minkejja l-progress milħuq, għadu mhux possibbli li tkun taf jekk il-problemi osservati ġewx solvuti.

4.19. Għan-nefqa tal-CAP fejn il-ġestjoni hija maqsuma ma' l-Istati Membri, l-bażi tad-dikjarazzjoni tad-Direttur-Ġenerali hija:

a) id-deċiżjoni ta' approvazzjoni finanzjarja għall-2002 (mhux 2003);

b) deċiżjonijiet ta' konformità (ara l-paragrafu 4.70) li ttieħdu matul l-2003, li ma jinkludux korrezzjonjiet fir-rigward ta' l-2003. (Deċiżjonijiet ta' konformità fuq in-nefqa fl-2003 se jittieħdu fis-snin li ġejjin) [4].

4.20. Fi kliem ieħor, id-dikjarazzjoni hija dwar it-transazzjonjiet li saru fis-snin preċedenti għall-2003. Hija mhijiex imfassla sabiex, u ma tipprovdix assigurazzjoni fuq x'hiex il-Qorti tista' tibbaża għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ta' l-2003.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.58.

(a) *The accounts for Luxembourg have been disjoined — due to lack of reporting on the measures taken in response to previous year's recommendations. The issues mentioned by the Court will also be taken into consideration before the final clearance decision for this Member State.*

(b) *Regarding the late appointment of the auditor by the certifying body in Andalucía, the Commission agrees that such decisions should be made in good time. It will insist (as has already been done in the past for other paying agencies) on the importance of early appointment of audit firms.*

As far as the limited level of compliance testing is concerned, the Commission makes its clearance proposal taking into consideration the whole work performed by the certifying body.

Finally, with regard to the questions of the limited audit evidence and supervision, the Commission will insist on the need to ensure that both aspects receive sufficient attention by certifying bodies (in particular when audit firms are appointed to perform all or part of the audit work).

Debituri

4.59. Paragrafi 4.113 sa 4.121 jagħtu sommarju ta' Rapport Speċjali mill-Qorti fuq pagamenti rregolari u dejn tal-CAP.

4.60. Il-valur totali tad-dejn fil-5 ta' Ottubru 2003 kien ta' 2,3 biljun euro (l-istess bħas-sena ta' qabel). Erba' korpi ta' ċertifikazzjoni esprimew riserva fuq id-dikjarazzjoni tad-debituri (ara l-paragrafu 4.54) u ħafna oħrajn innutaw nuqqasijiet sinjifikanti fil-ġestjoni, reġistar u rkupru tad-djun (17-il aġenzija ta' ħlas).

4.61. Rapporti għal ħafna mill-aġenziji ta' ħlas jindikaw illi x-xogħol li sar mill-korpi ta' ċertifikazzjoni mhuwiex biżżejjed biex jassigura illi d-djun kollha jiġu rreġistrati b'mod affidabbli. Barra minn hekk, il-linja ta' gwida tal-Kummissjoni [18] fuq il-valutazzjoni tad-dejn tirrikjedi li l-korpi ta' ċertifikazzjoni jiffurmaw opinjoni fuq il-valur tad-djun lill-aġenziji ta' ħlas li x'aktarx li jiġu rkuprati. Erbgħa ma għamlux hekk.

4.60 and 4.61. *The Commission shares the view of the Court as regards the importance of this issue. It is aware of the difficulties of debt management in a number of paying agencies and also of the improvements introduced. This question has received particular attention since 1999 and will continue to be the subject of further review and action. Nevertheless, having taken all the available information into consideration, the Commission was able to propose clearance of the paying agencies' accounts, despite the existence of some difficulties. The Commission has always taken note of problems identified and will futher insist on the necessity of clear opinions from certifying bodies on this subject.*

The Commission continues to closely supervise this issue, and four visits to Member States have been organised for the second half of 2004.

[18] AGRI/24487/2000.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni

4.62. Il-Kummissjoni analizzat u vvalorizzat il- kontabilità, ċertifikati u rapporti għall-aġenziji ta' ħlas kollha minbarra sitta li ġew sottomessi tard jew fi stat mhux komplut ([19]). Il-Kummissjoni għamlet sensiela ta' kontrolli fuq data ta' pagament individwali sabiex tidentifika l-possibilità ta' pagamenti doppji ([20]).

4.63. Il-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni ta' approvazzjoni finanzjarja fid-29 t'April 2004 ([21]), skond id-data ta' skadenza stabbilita fir-regolament.

4.64. Il-Kummissjoni aċċettat il-kontabilità ta' 56 aġenzija ta' ħlas li flimkien jirrappreżentaw 25,2 biljun euro (57 % tat-total iddikjarat). Fejn hemm żbalji kwantifikabbli fil-kontijiet ta' l-aġenziji ta' ħlas il-Kummissjoni ndikat illi se tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji kif xieraq.

4.65. Il-Kummissjoni ppostponiet id-deċiżjoni tagħha fuq il-kontijiet ta' 29 aġenzija ta' ħlas li jirrappreżentaw 19-il biljun euro (43 % tat-total iddikjarat). Ir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissjoni għall-postponiment tad-deċiżjoni tagħha fuq il-kontijiet komuni għal iktar minn aġenzija waħda ta' ħlas kienu:

a) nuqqas mill-korpi ta' ċertifikazzjoni li jirrispettaw il-linji ta' gwida fuq it-teħid tal-kampjuni (l-użu ta' livell ta' kunfidenza baxx wisq/kampjun żgħir wisq) (15-il kont); jew

b) il-korpi ta' ċertifikazzjoni ma tawx dettallji biżżejjed fuq il-metodu tat-teħid ta' kampjuni wżat (2 kontijiet) ([22]).

4.66. Hija prattika standard tal-Kummissjoni li ddewwem l-approvazzjoni tagħha għar-rapporti tal-korpi ta' ċertifikazzjoni fejn għandha dubji fuq l-adegwatezza tax-xogħol tagħhom. Il-kontabilità ta' erba' aġenziji ta' ħlas tħallew barra mid-deċiżjoni finanazjarja għall-2001; u dawk ta' 17-il aġenzija ta' ħlas mid-deċiżjoni finanzjarja għall-2002.

4.67. Madankollu fl-ebda okkażjoni fil-passat ma l-Kummissjoni kienet ipposponiet id-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' numru daqshekk kbir ta' aġenziji ta' ħlas, li jirrapreżentaw proporzjon daqshekk kbir tan-nefqa.

([19]) L-Iżvezja; NAWAD (ir-Renju Unit); Berlin; Hamburg, Niedersachsen, Bayern StMiLF.

([20]) Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ma ġewx magħmula disponibbli għall-Qorti. Il-Kummissjoni kienet talbet lill-korpi ta' ċertifikazzjoni biex jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju ta' pagamenti doppji bħala parti mix-xogħol tagħhom għall-2004.

([21]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/451/KE tad-29 t'April 2004 (ĠU L 155, 30.4.2004, p. 123).

([22]) Il-Qorti qajmet dan il-punt fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 22/2000 fuq il-valutazzjoni tal-proċedura riformata ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.68. Mhux ċar f'liema stadju l-Kummissjoni se tkun tista' taċċetta l-kontabilità ta' l-aġenziji ta' ħlas mhux inklużi fid-deċiżjoni tagħha tad-29 t'April 2004. L-esperjenza tisuġġerixxi illi d-dewmien jista' jkun konsiderevoli — il-kontabilità ta' l-2000 għal dik li kienet l-aġenzija ta' ħlas Griega ma ġewx approvati sa l-2003, meta l-aġenzija ma kinietx baqgħet teżisti. L-ebda wieħed mill-kontijiet li ma ġiex inkluż fid-deċiżjonijiet finanzjarji ta' l-2001 u l-2002 ma kien approvat sa April 2004. Il-kontabilià ta' l-10 aġenziji ta' ħlas ([23]) jibqgħu mhux magħluqa għal sentejn mit-tliet snin li ghaddew.

4.69. Il-posponiment tad-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni finanzjarja m' għandu l-ebda konsegwenza finanzjarja fuq l-Istati Membri involuti, lanqas ma jippreġudika deċiżjoni futura fuq l-eligibilità tan-nefqa għall-iffinanzjar Komunitarju. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni sad-data dovuta fuq il-kontabilità ta' l-aġenziji ta' ħlas li jkopru 43 % tan-nefqa ddikjarata għall-2003.

Deċiżjonijiet ta' konformità li ttieħdu fl-2003

4.70. Fl-2003, il-Kummissjoni ħadet tliet deċiżjonijiet ta' konformità fir-rigward tan-nefqa ddikjarata mill-1996 sa l-2002 ([24]), u rrifjutat li tiffinanzja 377 miljun euro, li minnhom il-Qorti eżaminat ammont ta' 366 miljun euro u fittxet li tistabbilixxi jekk il-korrezzjonijiet kienux:

a) adegwati u fuq bażi soda;

b) magħmulin fil-ħin.

Is-Suffiċjenza tal-korrezzjonijiet

4.71. Il-Qorti kkonkludiet illi fir-rigward ta' 308 miljun euro ta' nefqa mhux aċċettati, il-proċeduri tal-Kummissjoni kienu stabbiliti fuq bażi soda u l-ammonti imħassra kienu konsistenti ma' l-iskala normali tagħha ta' korrezzjonijiet b'rata fissa ([25]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.68. *By the end of this year the Commission expects to clear the accounts for the four paying agencies disjoined for 2001, plus more than half of the paying agencies disjoined for 2002 (for which all necessary information has been provided).*

([23]) Baden-Württemberg, Bayern Umwelt, OPEKEPE, SDE, OFIVAL, ONIC, ONIFLHOR, FIRS, ONIVINS u NAWAD.

([24]) Deċizjoni tal-Kummissjoni 2003/102/KE ta' l-14 ta' Frar 2003 (ĠU L 42, 15.2.2003, p. 47), 2003/364/KE tal-15 ta' Mejju 2003 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 45) u 2003/536/KE tat-22 ta' Lulju 2003 (ĠU L 184, 23.7.2003, p. 42).

([25]) Il-korrezzjonijiet b'rata fissa huma applikati kif ġej: 2 % meta l-kontrolli prinċipali huma sodisfaċenti iżda l-kontrolli sekondarji huma parzjalment jew totalment mhux effettivi; 5 % meta l-kontrolli prinċipali huma eżegwiti imma n-numru, l-frekwenza u r-rigorożità rikjesti minn regolamenti mhux rispettati, u r-riskju ta' telf għall-Fond huma sinjifikanti; 10 % meta wieħed jew iktar mill-kontrolli prinċipali ma jaħdimx, li jagħmilha impossibli li tiġi stabbilita l-eliġibilità jew ir-regolarità tat-talba, b'riżultat ta' riskju għoli ta' telf għall-Fond.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.72. Fil-każijiet segwenti, il-Qorti kienet tal-fehma illi applikazzjoni iktar stretta tar-regoli tal-Kummissjoni stess kienet tkun ġustifikata (u kienet iżżid is-somma rifjutata b'65 miljun euro):

a) żejt taż-żebbuġa fl-Italja — korrezzjoni ta' 13-il miljun euro. Il-Kummissjoni applikat korrezzjoni ta' rata fissa ta' 2 % għan-nefqa li saret fl-2000, għalhekk tirrelata l-biċċa l-kbira mas-sena tas-suq ta' l-1998/99. Il-korrezzjoni hija l-biċċa l-kbira fuq nuqqasijiet sinjifikanti li nstabu fil-kontrolli li saru fl-imtieħen u n-nuqqas ta' rigorożità fir-rendiment u fis-segwitu għall-kontrolli ta' kompatibilità fuq il-kwantitajiet ta' żejt taż-żebbuġa prodotti. Barra minn hekk is-Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (SIĠ) ma kinietx sħiħa u operattiva meta saret n-nefqa; u n-numru minimu ta' kontrolli alternattivi meħtieġa ([26]) matul is-sena ta' suq 1998/1999 ma sarux. Il-Kummissjoni kklassifikat dawn il-kontrolli bħala kontrolli prinċipali. Rata ta' korrezzjoni ta' 5 % kienet tkun konsistenti ma' l-iskala ta' korrezzjonijiet b'rata fissa tal-Kummissjoni;

b) żejt taż-żebbuġa fil-Greċja — korrezzjoni ta' 45,1 miljun euro. Sa mill-1994, il-Kummissjoni applikat korrezzjoni ta' 5 % minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-reġistru ta' żejt taż-żebbuġa u minħabba difetti fid-*database* kompjuterizzata. Stati Membri kellhom ħames snin mill-1998/1999 biex jimplimetaw is-SIĠ, li jieħu post ir-reġistru u l-bażi ta' *data* tas-siġar taż-żebbuġ. Il-Kummissjoni tikkunsidra li n-nuqqas ta' sforz biex tiġi żviluppata s-SIĠ hija nuqqas fiha nnifisha u l-iżvilupp li sar ma jikkompensax għal dan in-nuqqas. Għalhekk ir-rata fissa ta' 5 % applikata għan-nefqa mġarrba fl-2000, li tirrelata l-biċċa l-kbira mas-sena tas-suq 1998/99, inżammet. Dawn il-kontrolli huma kontrolli prinċipali u minħabba li mhumiex implimentati, korrezzjoni ta' 10 % kienet tkun konsistenti ma' l-iskala normali tal-korrezzjonijiet b'rata fissa tal-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.72. *In assessing the financial corrections the Commission has to consider what alternative forms of check would reduce the risk to the EAGGF. Its decision must therefore be deemed to be in line with the rules and protocols.*

The Commission considers that it has fully and correctly applied its guidelines on fixing the levels of financial corrections, and must stress also its legal obligation to accurately assess the real risk to the Fund. The Commission maintains that the rates of financial correction imposed in the concerned cases were justified.

(a) *In the 1998/99 marketing year Italy introduced alternative forms of check that reduced the risk to the EAGGF. This led the Commission to propose a correction rate of 2 % despite the existence of failings in key controls. In particular Italy had an olive cultivation register and in 1998/99 made many on-the-spot checks in connection with creation of the olive cultivation GIS. These checks resulted in significant penalties on growers whose crop declarations showed discrepancies.*

(b) *Under the olive oil production aid scheme there are two key interdependent controls, on mills and on trees.*

It is true that Greece had neither an olive cultivation register, operational computerised files or an olive cultivation GIS (compulsory from 1998/99), but she did make the alternative checks specified in the rules for cases where there was no GIS and imposed penalties when incorrect declarations were found. There were also checks on mills and on abnormally high yields.

These factors led the Commission to maintain a 5 % correction rate for the marketing years in question.

([26]) L-Artikolu 28(2)(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2366/98 (ĠU L 293, 31.10.1998, p. 50) jiddikjara li hemm bżonn ta' kontrolli alternattivi sakemm is-SIĠ ma tkunx sħiħa u mħaddma.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Regola ta' 24 xahar

4.73. Il-kapaċità tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-iffinanzjar tan-nefqa ddikjarata hija limitata għan-nefqa li saret fl-24 xahar li jipprećedu d-*data* li fiha tkun innotifikat is-sejbiet fl-inkjesta tagħha lill-Istat Membru ([27]). Għalhekk, nuqqas misjub matul l-inkjesta li tkopri perjodu ta' tliet snin tista' twassal biss għall-korrezzjoni tan-nefqa ddikjarata matul sentejn. Fl-2002 saret proposta mill-Kummissjoni biex il-perjodu jiżdied għal 36 xahar, u din ġiet appoġġjata mill-Qorti, iżda ġiet irrifjutata mill-Kunsill ([28]).

Żmien li ttieħed sabiex isiru l-korrezzjonijiet

4.74. It-tul medju tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet, għall-korrezzjonijiet li saru fit-tliet deċiżjonijiet li ttieħdu fl-2003, mid-data tal-missjoni fl-Istati Membri għall-inklużjoni tal-korrezzjoni fid-deċiżjoni, huwa iktar minn sentejn u nofs (900 ġurnata). Dan huwa tnaqqis fit-tul medju tal-proċedura fl-2002 ta' tliet snin (1 100 ġurnata). Madankollu ż-żmien medju li ttieħed mid-data tal-missjoni sa l-ittra finali li tinnotifika l-korrezzjoni jkompli jaqbeż b'mod sinjifikanti l-istandards definiti internament mis-servizzi tal-Kummissjoni.

4.74. *The Commission acknowledges that in some cases delays in the progress of accounts clearance persist. But, as the Court finds from year to year, major efforts have been made to reduce the average duration of the procedure. These will be continued.*

Deċiżjonijiet ta' l-approvazzjoni ta' kontijiet fi snin reċenti

4.75. L-approvazzjoni tal-kontijiet isir fuq perjodu ta' snin (ara l-paragrafi 4.52 u 4.70). ***Tabella 4.6*** turi r-riżultati tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni għall-1991 u għas-snin ta' wara. L-approvazzjoni għandha mhiex kompluta għal kollox għas-snin ta' wara l-1997. Il-korrezzjonijiet totali jirrappreżentaw il-mod kif taħsibha l-Kummissjoni, għal-linji tal-*budget* u għall-Istati Membri li tkun eżaminat, ta' l-ammont ta' nefqa illi, prinċipalment minħabba nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ta nefqa ta' l-Istati Membri, m'għandhomx ikunu merfugħa mill-*budget* Komunitarju.

4.76. ***Graff 4.6 u Graff 4.7*** juru d-distribuzzjoni tal-korrezzjonijiet f'deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni matul il-perjodu bejn l-1999 sa 2003 ([29]), għall-Istati Membru u għas-settur tas-suq. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' partiti ta' nefqa mill-*budget* Komunitarju għas-snin 1996 sa 2002.

4.75. *In June 2004 only nine procedures remain open (three predating 1 January 2000) out of a total of 482 initiated between 1997 and the end of 2000.*

The Commission has applied itself to reducing the backlog and the oldest cases still open were given particular attention when the 2004 work programme for auditing agricultural expenditure was drawn up.

([27]) Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/95 tas-7 ta' Lulju 1995 (ĠU L 158, 8.7.1995, p. 6).

([28]) Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 fuq l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni COM/2002/0293 finali.

([29]) L-1999 kienet l-ewwel sena meta l-Kummisjoni ħadet deċiżjonijiet b'mod konformi mal-proċedura rreveduta għall-approvazzjoni tal-kontijiet introdotta fl-1996.

Tabella 4.6 — Korrezzjonijiet fil-clearance tad-deċiżjonijiet tal-kontijiet fir-rigward tas-snin tal-budget 1991-2003

(miljun euro)

	1991	1992	1993	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003
Nefqa ddikjarata	**31 255,9**	**30 480,2**	**34 008,0**	**33 592,8**	**35 654,4**	**39 062,5**	**40 884,3**	**38 857,4**	**40 726,2**	**40 410,6**	**41 593,8**	**42 710,8**	**43 988,4**
Ammont totali ta' korrezzjonijiet	– 1 504,1	– 788,2	– 737,0	– 307,8	– 572,9	– 790,1	– 481,4	– 328,3	– 248,4	– 305,0	– 132,7	– 0,2	0,0
li minnhom													
a) Dazji kbar fuq il-ħalib	– 979,2	– 419,7	– 248	0,0	– 15,1	– 215	– 110,2	0	0	0	0	0	0
b) Korrezzjonijiet	– 524,9	– 368,5	– 489,0	– 307,8	– 557,8	– 575,1	– 371,2	– 328,3	– 248,4	– 305,0	– 132,7	– 0,2	0,0
Korrezzjonijiet bħala perċentwali tan-nefqa ddikjarata	1,7 %	1,2 %	1,4 %	0,9 %	1,6 %	1,5 %	0,9 %	0,8 %	0,6 %	0,8 %	0,3 %	0,0 %	0,0 %

NB: Il-clearance għadu mhuwiex lest għas-snin wara l-1997.

Sorġe: Sors: Deċiżjonijiet ta' "konformità" tal-Kummissjoni mibdula biex iqisu l-korrezzjonijiet li ġew ikkanċellati bħala riżultat tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Grafika 4.6 — Korrezzjonijiet għad-deċiżjonijiet ta' konformità (1999 sal-2003) għal kull Stat Membru



Sors: Deċiżjonijiet ta' konformità tal-Kummissjoni li ttieħdu mill-1999 sal-2003.

Grafika 4.7 — Korrezzjonijiet għad-deċiżjonijiet ta' konformità skond is suq (1999 sal-2003)



Sors: Deċiżjonijiet ta' konformità tal-Kummissjoni li ttieħdu mill-1999 sal-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Il-konklużjonijiet tal-Qorti

Deċiżjoni ta' l-approvazzjoni finanzjarja

4.77. Soġġetta għall-problemi individwali elenkati fil-paragrafi 4.54 sa 4.57 hawn fuq, iċ-ċertifikazzjoni tal-kontabilità ta' l-aġenziji ta' ħlas ħadmet b'mod sodisfaċenti.

4.78. Madankollu hemm skop għal:

a) Kummissjoni li tevalwa x-xogħol li sar mill-korpi ta' ċertifikazzjoni fuq il-post fuq bażi ċiklika (ara l-paragrafu 4.58);

b) korpi ta' ċertifikazzjoni li jsegwu iktar mill-qrib il-linji ta' gwida tal-Kummissjoni fir-rigward tat-trattament tad-dejn tal-CAP (ara l-paragrafi 4.59 sa 4.61).

4.79. Il-fatt illi l-ebda deċiżjoni ta' l-approvazzjoni finanzjarja għadha ma ttieħdet għal 43 % tan-nefqa ddikjarata fl-2003 lanqas għal 21 kont ta' l-aġenziji ta' ħlas għall-2001 jew 2002 hija kawża ta' ħassib (ara l-paragrafi 4.65 u 4.68).

4.78.

(a) *Specific on the spot reviews of the certifying bodies' activity will be considered, after examining all the priorities for the auditors of the Commission.*

(b) *The Commission will insist on the importance of proper reporting on debtors and increase the attention paid to this subject for the next accounts clearance decision.*

4.79. *It should be emphasised that the disjunction of accounts does not cause any financial consequences for the Member States concerned, nor does it prejudice any exclusion of expenditure of Community financing.*

The postponement of the clearance allows the Member States to provide additional information and in some cases to perform certain tasks requested by the guidelines which were not finalised by the regulatory deadline of 30 April. Once these matters are addressed by the Member States the Commission should be in a position to clear the disjoined accounts.

The Commission continues to make efforts to clear the backlog of cases from the 2001 and 2002 exercises. It expects to clear the accounts for the four paying agencies disjoined for 2001, plus more than half of the paying agencies disjoined for 2002.

Deċiżjonijiet ta' konformità

4.80. Il-parti l-kbira tal-korrezzjonijiet li saru fl-2003 kienu kkalkolati fuq il-bażi ta' l-iskala normali ta' korrezzjonijiet b'rata fissa tal-Kummissjoni (ara l-paragrafu 4.71). F'żewġ każijiet, rata għola ta' korrezzjoni setgħet ġiet applikata (ara l-paragrafu 4.72).

4.80. *The Commission maintains that the rates of financial correction imposed in the following cases were justified.*

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI

Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni — destinazzjoni u tqegħid fis-suq

4.81. Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni huma sussidji mħallsa fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli biex jikkompensaw lill-esportaturi għad-differenza bejn il-prezzijiet ta' l-UE u prezzijiet irħas prevalenti fuq is-suq dinji. Rati għall-istess prodott jistgħu jvarjaw skond id-destinazzjoni.

4.81. *The significance of export refunds as a policy instrument has steadily decreased due to the successive reforms of the Common Agricultural Policy designed to make Community produce more competitive by bringing EU prices closer to world market prices. 10 years ago expenditure on export refunds exceeded 10 billion euro; in 2003 it was down to 3,7 billion euro. This trend is expected to continue with the latest CAP reforms of 2003 and 2004.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.82. Fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 7/2001 ([30]) il-Qorti rrikonoxxiet illi kien aħjar li tapplika rata ta' rifużjoni waħda għal kull prodott għad-destinazzjonijiet kollha, għalkemm dan ma kienx immedjatament possibli. Għalhekk għamlet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin biex tissimplifika u ttejjeb il-kontroll finanzjarju ta' dawn it-transazzjonijiet:

a) provi tal-wasla m'għandhomx ikunu neċessarji f'kull każ, iżda biss f'każijiet ta' dubju, jew għal destinazzjonijet b'riskju għoli;

b) id-dokumenti tat-trasport u l-irċevuti kummerċjali għandhom jiġu ppreżentati lill-aġenziji ta' ħlas tal-CAP għat-talbiet kollha li huma aktar mil-limitu *de minimis* ([31]);

c) kontrolli *a posteriori* li l-prodotti tpoġġew fis-suq intiż (u li ma ġewx esportati x'imkien ieħor) għandhom jiġu ntensifikati; bażi ta' *data* tal-ġarr bil-baħar u tal-moviment tal-kontejner għandhom jiġu kkonsultati għat-transazzjoni magħżula għall-kontrolli li jsiru *a posteriori* ([32]).

4.83. Il-Qorti resqet ukoll sensiela ta' rakkomandazzjonijiet dettaljati għal titjib fl-arranġamenti tal-kontroll finanzjarju li għandhom jiġu applikati jekk dak li huwa stabbilit għall-preżentazzjoni sistemtika tal-provi tal-wasla jinżamm.

4.84. Il-Kunsill u l-Parlament appoġġjaw ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal tibdil ([33]). B'mod partikolari l-Parlament stieden lill-Kummissjoni biex tagħmel sforz radikali biex tissimplifika l-leġislazzjoni u l-proċeduri għal iktar trasparenza, qabel ma l-iskema ta' rifużjoni ta' esportazzjoni titneħħa gradwalment.

4.85. Il-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni biex tissimplifika l-iskema kif rakkomandat fil-paragrafu 4.82.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.82 and 4.85. *The Commission has reacted appropriately to remedy the weaknesses identified in the special report. An action plan was defined and has been implemented. The Commission believes that with the measures taken, the management of the risks involved has significantly improved.*

(a) *Relaxing the requirements for proof of arrival could generate a potential risk for the Community budget through a loss of control over exports to countries for which an export refund is not fixed. It would also expose the Commission to fundamental criticism of the way the EU monitors and controls its subsidised trade with third countries, particularly taking into consideration its international undertakings to refrain from granting export refunds for specific markets.*

(b) *The Commission considers that generally speaking customs import declarations issued by official state authorities give greater assurance that goods have been imported in the third country for which the refund is paid than transport documents and commercial invoices issued by private operators. However, the Commission has decided to double the* de minimis limit *by which payment claims involving small amounts of refunds can be exempted from production of proof of import, but to maintain this requirement for differentiated export refunds above this limit.*

(c) *Given the decision to continue to require proof of import for differentiated export refunds, there is no need for a posteriori checks that products had been placed on the market intended to be intensified. Nevertheless, the Commission has encouraged Member State authorities to use the data held by transport companies as an additional element of check on the arrival of goods at their destination.*

4.85. *See reply to paragraph 4.82.*

([30]) ĠU C 314, 8.11.2001.
([31]) Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999.
([32]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89.
([33]) Sessjoni numru 2 410 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Frar 2002 u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 t'April 2002 dwar l-għoti ta' permess fir-rigward ta' l-implimetazzjoni tal-*budget* ġenerali ta' l-UE għas-sena finanzjarja 2000 (Kummissjoni) (ĠU L 158, 17.6.2002).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.86. Minn naħa l-oħra il-Kummissjoni rrispondiet b'mod pożittiv għal ħafna mill-osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet iktar dettaljati tal-Qorti:

a) proċeduri għall-approvazzjoni ta' kumpaniji ta' sorveljanza ġew rinfurzati;

b) issa teżisti disposizzjoni għal sanzjonijiet kontra kumpaniji ta' sorveljanza għall-ħruġ ta' ċertifikati foloz;

c) ġew introdotti regoli li jirregolaw il-ħruġ ta' ċertifikati ta' ħatt minn ambaxxati ta' l-Istati Membri;

d) il-limitu *de minimis* li għandu jiġi applikat għar-raġunijiet ta' kontroll tar-rifużjoni tal-kunsinni esportati, ġie rduppjat;

e) saru disposizzjonijiet biex jevitaw *carousel traffic* fi prodotti tal-ħalib bejn l-UE u l-Istati Baltiċi billi titneħħa r-rifużjoni fuq prodotti tal-ħalib esportati lejn dawn l-Istati;

f) fl-2001 ġiet imwaqqfa proċedura ([34]) għal skambju *online* ta' informazzjoni mad-Dwana Russa dwar dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni ffalsifikati (għalkemm din mhijiex użata mill-Istati Membri kollha);

g) sar xi titjib fir-rigward ta' l-esportazzjoni tal-baqar: ir-rata ogħla ta' rifużjoni għall-annimali ta' razza pura intiżi għat-tnissil hija issa pagabbli biss għall-annimali ta' inqas minn 30 xahar fl-età ([35]) ([36]);

h) l-unità ta' l-Approvazzjoni tal-Kontijiet tal-Kummissjoni eżaminat is-sistema ta' provi tal-wasla fl-2001 u fl-2002 u bħala riżultat ta' dan bdiet azzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja kontra ċerti Stati Membri.

4.87. Madankollu, fuq punti dettaljati oħra mqajjma mill-Qorti, il-Kummissjoni:

a) ma ħaditx fuqha r-responsabbiltà għall-approvazzjoni ta' kumpaniji ta' sorveljanza;

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.87. *Having examined the recommendations of the Court the Commission decided not to follow the recommendation suggested by the Court in point (a) whereas actions have been taken in relation to points (b) and (c).*

(a) *Within the framework of shared management the responsibility for approval of supervisory companies lies within the Member States and the Commission has no intention to take it over. Member States are closer to events on the ground and are in a better position for managing the conditions for the approval and control of supervisory companies.*

However, following the Court recommendation, procedures for approval of supervisory companies have been reinforced (see Commission Regulation (EC) No 1253/2002 OJ L 183, 12.7.2002, p. 12)).

([34]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2584/2000 ta' l-24 ta' Novembru 2000 emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 44/2003 tal-10 ta' Jannar 2003.

([35]) Madankollu r-rifużjonijiet għadhom jiġu kkalkulati skond il-piż, li huwa loġiku għall-annimali għall-qatla, u mhux skond ir-ras, li huwa addattat għal annimali ntiżi għat-tnissil.

([36]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2003, preambolu (4) jipprovdi illi fir-rigward ta' annimali ħajjin, sabiex jevitaw kull abbuż, ir-rifużjonijiet ta' esportazzjoni għall-annimali tat-trobija ta' razza pura għandhom ikunu limitati għal għoġġiela u baqar ta' mhux aktar minn 30-il xahar.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

b) għadha ma pprovditx lill-Istati Membri b'mudell ta' *fajl* ta' provi ta' wasla aċċettabli (dokumenti tad-dwana u timbri tad-dwana wżati fi Stati varji li mhux Membri);

c) setgħet għamlet użu iktar effettiv ta' kumpaniji ta' verifika esterna biex teżamina s-sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni differenzjata.

4.88. L-OLAF segwiet xi każijiet ta' tħassib identifikati mill-Qorti, iżda ma ħaditx jew ma komplietx azzjoni fir-rigward ta' sensiela ta' każijiet oħra li jinvolvu esportazzjoni illegali lejn l-Iraq, nuqqasijiet fil-kunsinni tal-baqar lejn il-Lebanon, kummerċ *carousel* fi prodotti tal-ħalib ma' l-Istati Baltiċi, bidla fid-destinazzjoni tal-ġobon mill-Istati Uniti għall-Kanada u kunsinni lejn il-Korea ta' Fuq ta' ġobon feta li qabeż b'mod sostanzjali d-data ta' skadenza tiegħu.

4.89. Kien hemm għalhekk segwitu parzjali biss għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti (u l-konklużjonijiet tal-Kunsill u l-Parlament). Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet skond id-destinazzjoni jkomplu jirrappreżentaw proporzjon sinjifikanti (45 %) tan-nefqa fuq ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, (jiġifieri 1 882 miljun euro fl-2003).

Skemi ta' għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġa

4.90. F'Lulju 2000, il-Qorti ppubblikat Rapport Speċjali ([37]) fuq ir-riżultati tal-verifika tagħha ta' l-iskema ta' għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġa. Il-verifika kienet iffukata fuq il-ġestjoni ta' l-iskema mill-Kummissjoni u l-operat tal-kontrolli fl-Istati Membri, sabiex tiġi stmata l-kontribuzzjoni tagħhom għas-suċċess tal-miri prinċipali ta' l-iskema. Fid-29 t'April 2004, il-Kunsill adotta riforma taċ-CMO għaż-żejt taż-żebbuġa, li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2005 ([38]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

(b) *The verification of the validity of proofs which are furnished by exporters in the payment application for differentiated refunds is the responsibility of Member States' paying agencies. However, the Commission launched a tendering procedure, but this proved to be unsuccessful and had to be relaunched. Bearing in mind the time needed for the tender's procedure and completion of the study, the results will not be available until the end of 2005. Meanwhile, in order to ensure a better coordination between paying agencies, Member States have been asked to exchange copies of the customs import documents, customs stamps and customs codes (entry for home use, entry for warehousing, entry for inward processing, etc.) that are available in their paying agencies concerning various third countries included in the study.*

(c) *The Commission contracted for the first time external audit firms for this task in 2001. With hindsight some aspects might have been perfectible and experience has already been, and will continue to be, taken into account in possible future engagements of external auditors.*

4.88. *The case 'diversion of cheese from USA to Canada' will be finalised shortly. Follow-up actions for all mentioned cases are still ongoing.*

4.89. *As the Court recognises in paragraph 4.87, the Commission has responded positively to many of the Court's more detailed observations and recommendations. For the recommendations not accepted, due explanation is given in the reply to paragraphs 4.83, 4.86 and 4.88.*

The Commission has reacted where appropriate to remedy the weaknesses identified in the Court's special report. An action plan was defined and has been implemented. The Commission believes that with the measures taken, the management of the risks involved has significantly improved.

([37]) Rapport Speċjali Nru 11/2000 fuq l-iskema ta' għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġa (ĠU C 215, 27.7.2000).

([38]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 97).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.91. Fir-Rapport Speċjali tagħha l-Qorti osservat b'mod partikolari illi:

a) is-sistema ta' ġestjoni u kontroll mill-Kummissjoni ma kinietx effiċjenti u affidabbli biżżejjed;

b) il-miri taċ-CMO imfassla ma kienux ċari biżżejjed;

c) fis-Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-kultivazzjoni taż-żebbuġ (SIĠ) ([39]) fl-Istati Membri, il-Kummissjoni m'għandiex tħalli r-ripetizzjoni tad-dewmien esperjenzat bir-reġistru inizjali tal-kultivazzjoni taż-żebbuġ;

d) kwalunkwe riforma għandha tħalli l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda kif stabbilit fir-Regolament Finanzjarju u l-miri taċ-CMO għandhom ikunu speċifikati b'mod li jagħmilha possibili li jiġi mkejjel il-progress li sar lejhom;

e) pagament ibbażat fuq in-numru ta' siġar aktar milli l-kwantità tal-produzzjoni jagħti inqas problemi ta' kontroll iżda jirrinforza aktar il-bżonn ta' SIĠ tal-kultivazzjoni taż-żebbuġa.

4.92. Il-Kunsill u l-Parlament ([40]) appoġġjaw ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar il-bżonn ta' ġestjoni u kontroll suffiċjenti u affidabbli permezz tas-SIĠ tal-kultivazzjoni taż-żebbuġa li taħdem u l-integrazzjoni ta' *data* dwar iż-żejt taż-żebbuġa fis-sistema IACS. Minħabba illi l-għajnuna għall-konsum ġiet abolita bir-riforma ta' l-1998 u minħabba n-nuqqas ta' importanza tar-rifużjoni ta' esportazzjoni, is-segwitu tal-Qorti jikkonċentra fuq l-għajnuna għall-produzzjoni lill-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa.

4.93. Il-Qorti tinnota illi, fil-perjodu qabel ir-riforma ta' l-2004, il-Kummissjoni kienet diġà indirizzat numru ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu sew mal-produzzjoni eċċessiva u mal-kompetittività tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Minkejja l-fatt illi kull sena, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex iħaffu l-proċeduri tagħhom, għad hemm diskrepanza bejn in-numru ta' penali rrakkomandati mill-aġenziji ta' kontroll taż-żejt taż-żebbuġa u n-numru ta' penali effettivament imposti mill-Istati Membri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.93. *The Commission closely monitors the quality of the Member States' monitoring of the work of the inspection bodies. Any inadequacies found are taken into account in the accounts clearance procedures for the olive oil production aid.*

([39]) B'segwitu għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 se tinħoloq is-"SIĠ tal-Kultivazzjoni taż-Żebbuġa" bl-użu ta' *data* mir-reġistru tal-kultivazzjoni taż-żebbuġ, u l-informazzjoni se tkun stabbilita ġeografikament permezz ta' ritratti kompjuterizzati mill-ajru.

([40]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fuq ir-Rapport Speċjali Nru 11/2000 tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri fuq l-iskema ta' għajnuna għaż-żejt taż-żebbuġa, akkumpanjata minn risposti tal-Kummissjoni (CD5-0009/2001 — 2001/2001/COS)).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.94. Ir-riforma ta' l-2004, billi fasslet miri aktar ċari u bidlet l-għajnuna għall-produzzjoni bbażata fuq il-kwantità ma' għajnuna taż-żona, abolixxiet numru ta' miżuri fejn il-Qorti sabet nuqqasijiet, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kontrolli fl-Istati Membri, l-obbligu li jiġi stmat il-ħsad ta' produzzjoni, u s-separazzjoni ta' l-għajnuna mill-produzzjoni. Madankollu, l-Kummissjoni ma kkwantifikatx il-miri tar-riforma kif mitlub mir-Regolamenti Finanzjarji. Dan ifixkel il-kejl tal-progress biex dawn jintlaħqu.

4.95. Taħt ir-Regolament il-ġdid tal-Kunsill l-għajnuna se tkun ibbażata fuq żona mħawwla bis-siġar taż-żebbuġa b'ammont minimu ta' għajnuna ta' 60 % allokata għall-iskema ta' pagament wieħed. Din il-parti tal-għajnuna la se tkun relatata mal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u lanqas man-numru tas-siġar taż-żebbuġ. L-40 % li jifdal se jkunu marbutin man-numru ta' siġar taż-żebbuġa. Madankollu, sakemm is-SIĠ tal-kultivazzjoni taż-żebbuġa titlesta, l-ġestjoni u l-kontroll ta' din il-parti ta' 40 % ta' l-għajnuna, marbuta kif inhi man-numru ta' siġar taż-żebbuġa, se tkompli tiddependi fuq *data* ta' statistika mhux affidabbli biżżejjed. In-nuqqas ta' *data* u n-nuqqas ta' l-affidabilità ta' l-informazzjoni ta' statistika tal-Kummissjoni ġie kkonfermat ukoll minn valutazzjoni esterna, mitluba minn din ta' l-aħħar, biex tevalwa l-impatt tal-miżuri prinċipali ta' l-organizzazzjoni tas-suq tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa ([41]).

4.96. Kuntrarjament għar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill ([42]) dewmien fit-tmiem tas-SIĠ tal-kultivazzjoni taż-żebbuġa ta' sentejn sal-31 t'Ottubru 2003. Il-fatt illi dan ma kienx totalment imwettaq sad-data se jkollu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tar-riforma.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.94. *The reform of the olive oil sector is part of the reform of the common agricultural policy started in 2003 and aims at achieving the same objectives, which were presented in the explanatory memorandum of the proposal for a long term policy perspective for sustainable agriculture (COM(2003) 23 final, 21 January 2003), namely:*

— *to enhance the competitiveness of the EU agriculture,*

— *to promote a more market oriented, sustainable agriculture,*

— *to provide a better balance of support and strengthen rural development.*

The achievement of the objectives is assessed by the Commission as part of the ongoing management and monitoring of the implementation of the CMO. Council Regulation (EC) No 864/2004 foresees that the Commission shall, before 31 December 2009, provide the Council with a report on the situation among others of this sector, accompanied, if appropriate, by proposals for amendments.

4.95. *The remaining funds (up to a maximum of 40 %) would be retained by Member States for the granting of aid confined to olive groves already registered in a GIS. Producer Member States have informed the Commission as regards completion at various stages of the GIS. According to legislation in force, the GIS shall be fully operational for the payment of the aid from the marketing year 2003/04 onwards (advance payment fixed in September 2004, final payment to be fixed in June 2005) — see also reply to 4.97.*

The purpose of this aid is to contribute to the maintenance of olive groves of environmental or social value. It will be granted per hectare of olive grove, whether or not in production. For the granting of this aid variations in the number of trees registered on 1 January 2005 in the olive groves should not exceed 10 %.

4.96. *The proposal to delay in the completion of the olive cultivation GIS was motivated by the limited progress achieved in 2001 by the Member States in the execution of the GIS and the aim of obtaining a reliable and trustworthy tool for the management of the sector. In cases where the GIS had not been completed, Member States were required to carry out reinforced on the spot controls (Regulation (CE) No 2366/98).*

The proposal was accompanied by additional provisions stipulating that from November 1st 2003, olive trees and corresponding areas not attested by a GIS or olive oil produced therefrom are not eligible for aid to be paid to olive producers. According to the information provided by the producer Member States to the Commission, the GIS is largely operational to check the aid payments for the marketing year 2003/04, and its role in the practical implementation of the reform will be verified in due course in the framework of the clearance of accounts procedure.

([41]) Rapport lill-Kummissjoni fuq "Evaluation des impacts des principales mesures de l'OCM dans le secteur de l'huile d'olive". ADE s.a., Brussels, Diċembru 2002.

([42]) Proposta tal-Kumissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti Nru 136/66/KEE u (KE) Nru 1638/98 dwar l-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' l-iskema ta' għajnuna u l-istrateġija ta' kwalità taż-żejt taż-żebbuġa (ĠU C 213 E, 31.7.2001, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.97. Il-Kummissjoni qieset il-proċedura ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet, in-nuqqas ta' l-Istati Membri li jħarsu d-disposizzjonijiet taċ-CMO li għandhom x'jaqsmu mar-reġistru taż-żejt taż-żebbuġa u l-fajls kompjuterizzati. Madankollu, fir-Rapport Annwali tagħha ta' l-2002 [43] u fir-Rapport Annwali preżenti, il-Qorti talbet lill-Kummissjoni biex tkun aktar rigoruża fl-applikazzjoni ta' l-istruzzjonijiet tagħha stess li għandhom x'jaqsmu mal-korrezzjonijiet tan-nefqa taż-żejt taż-żebbuġa (ara l-paragrafu 4.72 u Rapport Annwali 2002, paragrafu 4.61).

4.98. Meta wieħed iħares lejn dan kollu, il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni mmedjata biex tindirizza il-kwistjonijiet li għadhom ma ġewx solvuti:

a) tfassal indikaturi xierqa u li jistgħu jitkejlu sabiex issegwi l-implimetazzjoni tal-miri tar-riforma u, b'dan il-mod, tħares id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju fuq ġestjoni finanzjarja soda, u ttejjeb il-ġestjoni taċ-CMO;

b) tinsisti illi l-Istati Membri jiddisponu minn SIĠ tal-kultivazzjoni taż-żebbuġa li taħdem u li tkun affidabbli u jekk dan ma jistax iseħħ, tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji xierqa skond ir-regoli applikabbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.97. *The Commission maintains that the rates of financial correction imposed in the concerned cases were justified. See the reply to point 4.72. and the 2002 Annual Report.*

4.98.

(a) *The reform of the olive oil sector is part of the reform of the Common Agricultural Policy started in 2003 and therefore aims at achieving the same objectives. The Commission will monitor the achievement of these objectives.*

(b) *As of November 1 2003, olive trees and corresponding areas not attested by a GIS or olive oil produced therefrom are not eligible for an aid to be paid to olive producers.*

The Commission accepts the Court's recommendation and as in the past will continue to verify that checks are made correctly and uniformly.

OSSERVAZZJONIJET PRINĊIPALI F'RAPPORTI SPEĊJALI

Valutazzjoni tad-dħul ta' l-irziezet mill-Kummissjoni

4.99. Skond l-Artiklu 33(1) tat-Trattat tal-KE, wieħed mill-ħames objettivi tal-Politika Agrikola Komuni (CAP) hu l-assigurazzjoni ta' livell ta' ħajja tajjeb għall- komunità agrikola, b'mod partikulari billi żżied id-dħul individwali tal-persuni li jaħdmu fil-qasam agrikolu. Dan l-objettiv qed juri ruħu bħala prinċipju ta' gwida ġenwin ta' l-CAP.

4.100. Il-Kummissjoni għandha tlett sistemi sabiex tikkalkula d-dħul ta' l-irzietzet: Ix-Xibka ta' Komunikazzjoni tad-Data dwar il-Kontabilità ta' l-oqsma ta' l-Irziezet (FADN), li tikkalkula d-dħul ta' l-impriżi agrikoli fuq il-bażi ta' kontijiet armonizzati, imma hija inadegwata fejn jidħlu l-kwalità u l-komparabilità tar-riżultati, il-Kontijiet Ekonomiċi ta' l-Agrikoltura (EAA), li tipprovdi data li tvarja fil-kwalità skond l-Istat Membru involut, u d-Dħul tas-Settur tad-Djar Argikoli (IAHS), li fiha statistiċi li mhumiex omoġenji u li m'għadhomx jintużaw.

4.100. *Improving the quality and especially the comparability of the statistical data from the FADN is a major concern of the departments responsible for these statistics and has been the subject of constant attention on the part of the Commission, the FADN Committee and the Member States. The latter have introduced a basic methodology designed to improve quality and harmonise the results from the FADN. It is true that the regional diversity of agriculture,in both socio-economic and structural terms, has meant the adoption of rules specific to some Member States. However, the impact of the methodological differences referred to by the Court is reduced as much as possible by the efforts made regarding sampling and weighting.*

The economic accounts for agriculture are continuously and closely monitored for accuracy and comparability by the Working Party 'Agricultural accounts and prices' and more specific controls such as the inventories. This is why the quality of the income statistics produced under the EAA has always been considered satisfactory. In addition, although the choice of sources of data is left to the Member States depending on the specific structure of their agricultural sector and their statistical system, this has little impact on the quality of the EAA data.

[43] Rapport fuq l-attivitajiet iffinanzjati mill-*budget*.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

It is in fact not the harmonisation of data sources but the harmonisation of definitions and principles of data extraction which guarantees the harmonisation of the EAA data among Member States and contributes to their quality. Finally, studies have shown that the multiplicity of data sources makes accuracy indicators very difficult to establish and complex to interpret for such statistics as national accounts and accounts for agriculture.

The statistics on incomes of agricultural households do not benefit from the same degree of quality, homogeneity and updating as the FADN and the EAA. A taskforce to develop and improve these statistics was set up in 2003 in collaboration with the FAO, the OECD and UN/EEC.

4.101. Il-Komunità Ewropea qatt ma ddefiniet kunċetti ta' "popolazzjoni agrikola", "livell tal-ħajja tajjeb" jew "dħul" li huma mniżżla fl-Artiklu 33 tat-Trattat KE. Bħala konsegwenza, sa llum m'hemmx kunċetti u kriterji ċari li jistgħu jiġu applikati għall-istatistiċi li għandhom jikkalkulaw dan il-kobor.

4.102. Il-Qorti kienet f'pożizzjoni li tistabbilixxi li n-natura ta' l-informazzjoni meħtieġa fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-bdiewa żviluppat matul is-snin. Filwaqt li taħt ir-riforma ta' Mac Sharry ta' l-1992, l-għan kien li tagħmel tajjeb għat-telf ta' dħul biss permezz ta' pagamenti diretti, il-Kummissjoni hija issa wkoll interestata fis-sorsi ta' dħul li m'għandhomx jaqsmu mal-irziezet u fid-distribuzzjoni ta' l-introjti ġo s-settur agrikolu. Informazzjoni fuq id-dħul ġenerali tad-djar agrikoli hija meħtieġa sabiex teżamina dawn il-mistoqsijiet.

4.101 and 4.102. *There are various different measures of income (inter alia, income by branch of activity and income of households at macroeconomic level, and income of holdings at microeconomic level). These have been extensively used and published by the Commission for the purposes of monitoring and analysing the levels of and changes in incomes in agriculture, as well as contributing to generating agricultural policy.*

4.103. Il-Qorti ppruvat, bl-għajnuna ta' espert, tikkjarifika l-kunċetti varji mniżżla fl-Artiklu 33 tal-KE. Il-konklużjoni ta' dan l-istudju kien illi, fejn m'hemmx *data* oħra, id-dħul totali disponibbli għall-membri kollha tad-dar jista' jservi bħala indikazzjoni approssimattiv tal-livell tal-ħajja. Barra minn hekk, il-livell tal-ħajja ma jistax iktar jiġi kkunsidrat ġust jekk d-dħul totali disponibbli tal-membri kollha tad-dar jaqa' taħt ċertu livell meta tqabblu ma dak tad-djar ta' negozjanti oħra.

4.104. Il-Qorti eżaminat it-tlett-sistemi ta' l-istatistiċi agrikoli tal-Kummissjoni mill-aspett tar-"relevanza" tagħhom fir-rigawrd tal-kondizzjonijiet meħtieġa mill-CAP. L-għan ta' dawn is-sistemi kollha huwa li tikkalkula d-dħul fis-settur agrikolu. Madanakollu, il-FADN jagħti biss iċ-ċifra tal-profitti ta' dawk li jissejjħu rziezet professjonali, mingħajr ma jieħu in konsiderazzjoni la d-dħul li ma ġiex mill-irziezet u lanqas id-dħul ta' membri tad-djar. Rigward l-EAA, ir-riżultat prinċipali li jagħti huwa l-bilanċ li jibqa wara li l-ispejjeż tal-prodotti agrikoli kollha jkunu koperti. Dawn iż-żewġ sistemi allura ma jagħtux xi informazzjoni diretta fuq il-livell tal-ħajja tad-djar agrikoli. Il-proġett ta' l-IAHS kien maħsub għal dan l-iskop imma dan qatt ma pproduċa riżultati affidabbli jew li tista' tqabbel.

4.104. *The statistical instruments represented by FADN and EAA have made it possible from their inception to monitor, evaluate and analyse changes in the income generated by agricultural activity, both across the agricultural sector as a whole and by farm specialisation. Moreover, since the most significant part of farm households' income comes from agricultural activity (and mainly commercial holdings), these statistics also make it possible to monitor and analyse changes in farm households' income in a relatively reliable way. In fact, this is in line with of Article 33 (a) and (b), which explicitly link the goal of ensuring a fair standard of living for the farming community to increases in income generated by agricultural activity.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.105. Fl-aħħarnett, is-sistemi ta' statistika tal-Komunità bħalissa ma jipprovdux informazzjoni biżżejjed fuq id-dħul *net* tad-djar agrikoli u ma jippermettux illi l-livell tal-ħajja tal-popolazzjoni agrikola jkun analizzat. Il-Kummissjoni għalhekk għandha terġa' tiddefinixxi preċiżament il-bżonnijiet tal-Komunità.

Il-ġestjoni u s-sorveljanza tal-Kummissjoni tal-miżuri ta' kontroll u nefqa konessi mal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ([44])

4.106. Minħabba l-bżonn li jiġi kkompletat is-suq komuni u l-bżonn ta' promozzjoni tal-kummerċ fil-bhejjem b'mod ġenerali kien essenzjali li l-Kommunità tistabbilixxi politika komuni għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer. Għalhekk mill-1992, il-Kommunità għamlet projbizzjoni fuq tilqim preventiv fuq bhejjem kontra l-marda u introduċiet sistema komplessa ta' prevenzjoni u kontroll bl-għan illi tnaqqas l-introduzzjoni tal-virus kif ukoll timpedixxi li l-marda tinfirex madwar it-territorju tal-Komunità. Fil-każ ta' epidemija, annimali kontaminati kellhom jiġu maqtula, il-katavri meqruda, u l-post u t-tagħmir iddiżinfettat. L-ispejjeż kollha li l-Istati Membri jkunu nefqu f'dan ir-rigward imbagħad jiġu rimborżati parzjalment mill-fond veterinarju ta' emerġenza mwaqqaf fis-Settur ta' Garanzija tal-EAGGF.

4.107. Wara l-kriżi ta' l-2001, l-Istati Membri talbu rimborż ta' 1 616 miljun euro mill-fond veterinarju ta' emerġenza. Dik l-ispiża, flimkien ma' l-iskala tal-firxa, kienet il-motivazzjoni tal-verifika tal-Qorti. Il-verifika kellha tlett miri, l-ewwelnett, jekk il-metodu ta' analiżi wżat mill-Kummissjoni bħala l-bażi ta' l-istrateġija ta' qirda kienx aġġornat; fit-tieni lok, jekk l-istrateġija kinitx implimentata,

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.105. *Each of the statistical tools provides additional information in the decision-making process. Therefore, they should be seen as complementary parts in a very complex policy field.*

4.135. Kien hemm ħafna nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-kontrolli meħtieġa mir-regolamenti minn naħa ta' l-Istati Membri u l-verifika ta' kontrolli prinċipali u t-tfittxija ta' rettifiki mill-proċess ta' l-Approvazzjoni tal-Kontabiltà kellhom jiġu estiżi. L-ebda deċiżjoni fuq l-Approvazzjoni tal-Kontabiltà ma ttieħdet minn Ġunju 2004.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.134. *The Commission's proposal for the 1998 reform was based on a report presented in 1996. This report was based on the most reliable data available at that time, which suffered from some limitations. The Commission does not consider that its market analysis was affected by this lack of data. The reform did significantly reduce the production of the two lowest quality groups of tobacco, thereby addressing the problem that the qualities grown were not suited for the market demand. The alleged anti-competitive behaviour within the tobacco sector is being followed up by the Commission (see also point 4.139).*

4.135. *The Commission's clearance of accounts departments were not inactive as regards tobacco. Based on their own risk analysis, and taking into account certain preliminary remarks of the Court of Auditors, they launched an investigation into tobacco in 2001 (audits in Greece, Italy, France and Germany) plus another three audits in 2003 (Greece, Italy and Spain). The procedures following the 2001 audits have been finalised for Germany and France. For some of the other Member States, however, the Commission is aware of some delays and will attempt to finalise its investigations as soon as possible.*

The Commission notes the extended list of key controls now proposed by the Court. However, the Commission defined the key controls to be carried out in the tobacco sector in 2001 and is of the opinion that they cover the essential controls laid down in the Regulation.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.136. L-immonitorjar tal-Kummissjoni ma kienx sodisfaċenti u l-valutazzjoni ta' l-CMO ħadet wisq żmien biex tibda ssehħ. Ir-riżultati tal-valutazzjoni li saret minn konsulenti esterni saru pubbliki f' rapport f' Ottubru 2003 u huma, fuq ċerti kwistjonijiet komuni, simili ħafna ma' dawk tal-Qorti.

4.137. F'Lulju 2002, il-Kummissjoni ppublikat *mid-term review* tal-Politika Agrikola Komuni u pproponiet strateġija ġdida għal żvilupp sostennibbli fis-settur agrikolu li jkun ibbażat fuq is-separazzjoni ta' l-għajnuna mill-produzzjoni u tipprovdi sostenn lill-bdiewa bi skema ta' pagament uniku għal kull razzett. Il-verifika eżaminat ukoll kif dan jista jaffettwa t-tabakk ta' l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq.

4.138. Ir-riforma adottata mill-Kunsill f'April 2004 ([51]) ipprevediet s-separazzjoni, f' fażijiet, ta' l-għajnuna mill-produzzjoni. Sostenn fil-futur għall-produtturi tat-tabakk ser ikun inkluż fi skema ta' pagament uniku għal kull razzett. Ser ikun hemm wkoll pakkett finanzjarju speċifiku għar-ristrutturar ta' żoni riservati għall-produzzjoni tat-tabakk.

([51]) Regolament tal-Kunsill (KE) 864/2004, (ĠU L 161, tat-30.4.2004, p. 48)

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.136. *The Commission is of the opinion that its monitoring proved satisfactory.*

Article 26 of Regulation (EEC) No 2075/92 required the Commission to submit a report on the functioning of the common organisation of the market in raw tobacco to the European Parliament and to the Council before 1 April 2002. The Commission submitted the requested report ([9]) in November 2002, seven months behind deadline.

In the meantime, the Commission had employed an external evaluator to examine the CMO. This evaluation ([10]) was available in October 2003. Furthermore, in preparation for a reform of the raw tobacco sector, the Commission carried out an extended impact assessment ([11]) which was completed on 23 September 2003.

4.138. *On 22 April 2004 the Council of Agriculture Ministers decided to fundamentally reform the support for the tobacco sector. The 2004 Reform provides that, from 2010 onwards, tobacco aid will be completely decoupled from production. Half of the aid will be transferred to the single farm payment and the remaining half will be used for restructuring tobacco-producing regions under the rural development policy. In a four-year transition period, between 2006 and 2009, at least 40 % of the aid will be decoupled and integrated in the single farm payment. Member States may decide to retain up to 60 % as a coupled payment. The coupled payment has to be granted in such a way as to ensure equal treatment between farmers and/or according to objective criteria such as for tobacco producers situated in Objective I regions or for tobacco farmers producing varieties of a certain quality. Further criteria may be considered in the future. The 2004 reform should in principle resolve all of the present difficulties.*

([9]) *Report to the European Parliament and the Council on the operation of the common organisation of the market in raw tobacco. SEC(2002) 1183, 6.11.2002.*

([10]) *Evaluation of the common organisation of the market in raw tobacco. COGEA, 2003. Rome. 220 pp.*

([11]) *Tobacco sector, extended impact assessment. COM(2003) 554 final, SEC(2003) 1023.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.139. Il-Qorti tilqa' b'mod favorevoli r-riforma li hemm bħalissa, li għandha tikkontribwixxi sabiex jiġu affrontati ħafna mill-punti debboli identifikati mill-verifika, avolja hemm bżonn aktar żmien biex dan iseħħ. Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli l-investigazzjonijiet fuq l-imġiba mhux kompetitiva ta' l-Istati Membri u, jekk din tkun ikkonfermata, hija tieħu l-azzjoni xierqa. In-nuqqasijiet minn naħa tal-Pajjiżi Membri sabiex japplikaw il-kontrolli kollha kif meħtieġ mir-regolamenti għandhom wkoll jiġu segwiti u r-retifiki għandhom isiru meta jkun neċessarju.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

4.139. *The Commission has issued statements of objections concerning alleged cartels in the raw tobacco markets in Spain and Italy (in December 2003 and February 2004 respectively). These statements of objections contain the preliminary conclusions of the Commission's investigations on alleged anti-competitive behaviour by producer groups and processors in the two Member States which started in October 2001 and January 2002 respectively. Issuing a statement of objections is a preliminary step in the procedure that may lead to the adoption of a prohibition decision imposing fines on the companies concerned.*

As regards possible financial corrections the Commission refers to the ongoing clearance of accounts procedure following the 2001 and 2003 audits.

ANNESS 1

Evoluzzjoni ta' l-osservazzjonijiet prinċipali — Agrikoltura

	2002		2003	
	Osservazzjonijiet	Risposti tal-Kummissjoni	Osservazzjonijiet	Rakkomandazzjonijiet
Skemi ta' ġhajnuna ġhaż-żoni	Stati Membri ma kienux konsistenti fil-forniment ta' l-analiżi tar-riżultati, u dan jaffetttwa t-tqabbil tar-riżultati bejn l-Istati Membri, u bejn ir-riżultati ta' l-eżaminazzjonijiet li jsiru b'bażi ta' riskju kif ukoll dawk li jsiru b'mod każwali. L-istatistiċi ta' l-IACS jeħtieġu jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata fuq il-kategoriji tat-transazzjonijiet eżaminati. Il-Kumissjoni teħtieġ tinvestiga r-raġuni li ġhaliha l-eżaminazzjonijiet magħmula b'mod każwali juru rata ta' żball ogħla minn dawk magħżula fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.	Korrettament, il-Qorti turi n-natura varjabbli ta' l-istatistiċi moġħtija minn xi Stati Membri, u din hija wisq diffiċli biex tiġi meġħluba f'qasir żmien. Madankollu l-parti l-kbira ta' l-Istati Membri pprovdew analiżi adegwata ġhall-2001, u kemm huma kif ukoll il-Kummissjoni baqgħu jtejbu t-teknika tar-rapporti fl-2002 u 2003. Il-Kummissjoni hija konxja ta' ħafna raġunijiet ġhas-sitwazzjonijiet deskritta mill-Qorti mhux ta' l-inqas ikun it-tfassil u l-valutazzjoni ġenerali dġhajfa ta' l-analiżi tar-riskju ta' l-Istati Membri li, ġhalkemm legalment valida u li ġhalkemm ta' spiss tipprovdi l-massimu tal-kopertura, mhux dejjem tidentifika l-ikbar riskji.	Mhuwiex possibli li ssir distinzjoni bejn ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet ta' l-IACS ġhal kultivazzjonijiet differenti u ġhal żoni b'kultivazzjonijiet ġhall-ġhalf. Ir-rata globali ta' l-iżbalji misjuba minn eżaminazzjonijiet fuq bażi każwali kienet ta' 2,4 %, meta mqabbla mal-1,5 % ġhal eżaminazzjonijiet magħżula fuq bażi ta' l-evalwazzjoni tar-riskju.	— Il-Kumissjoni trid tara li tidentifika r-raġuni ġhal eżaminazzjonijiet ta' kwalità baxxa tan-nefqa tal-PAK (b'mod partikolari ġhal dawk li jsiru wara l-pagamenti) u modi ta' kif dawn jistgħu jitjiebu; — titjib tal-format ta' kif isiru r-rapporti tar-riżultati ġhas-sistemi ta' sorveljanza kollha, ġhal inqas jipprovdi analiżi tan-numru u l-valur tal-pagamenti vverifikati u ta' l-iżbalji misjuba mill-kapitolu tal-*budget*; — użu ta' l-informazzjoni hekk ipprovduta biex jitqabblu r-riżultati ipprovduti mill-Istati Membri differenti biex a) jiġu identifikati s-sussidji li huma partikolarment soġġetti ġhal frodi jew żbalji; b) jiġi evalwat ir-rendiment relattiv ġhall-Istati Membri differenti; u c) jiġi propost tibdil fir-regolamenti u s-sistemi mmirati li jeliminaw dawn iż-żoni ta' riskju u jnaqqsu r-rata ta' żbalji. Fid-dawl tal-figuri tal-Qorti ġhall-2002 u 2003, u l-kummenti magħmula mill-Kummissjoni b'risposta ġhar-rapport tas-sena li ġhaddiet, il-Qorti tirrakkomanda illi l-Kummissjoni tinvestiga r-raġuni ġhala, ġhall-verifiki tal-IACS fuq żoni, testijiet magħmula fuq bażi każwali jibqgħu juru rata ogħla ta' żbalji minn dawk magħżula fuq bażi ta' analiżi ta' riskju. Il-Qorti tikkunsidra li fir-rapport ta' l-attività annwali tad-Direttur-Ġenerali ġhall-Agrikultura ġhandu jiġi inluż sommarju tar-riżultati tal-verifiki ta' sorveljanza.
Skemi ta' primjum fuq l-annimali	B'mod ġenerali, il-persentaġġ globali ta' l-annimali misjuba nieqsa jew mhux eliġibbli mill-ispezzjonijiet ta' l-IACS juri varjazzjoni konsiderevoli minn sena ġhal sena u minn Stat Membru ġhal ieħor. Kemm ir-riżultat tat-testijiet tal-IACS u x-xoġħol dirett tal-Qorti jindikaw li hemm riskju sinifikanti f'din iż-żona. L-istatistiċi ta' l-IACS jeħtieġu jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata fuq il-kategoriji tat-transazzjonijiet eżaminati.	B'mod ġenerali kwalunkwe r-rati ta' żball notifikati mill-Istat Membru huma eżaminati b'mod naturali fid-dawl tat-tisjib mis-servizz tal-verifika agrikola tal-Kumissjoni kif stabbilit wara verifika dokumentarja u fir-rigward tal-verifiki fuq il-post, li fil-fatt spiss ipoġġu dubju fuq il-veraċità ta' xi figuri ppreżentati.	L-istatistiċi ta' l-ispezzjoni tal-IACS ġhal primjum fuq l-annimali juru n-numru ta' annimali li l-bdiewa bbażaw it-talba fuqhom li l-ispetturi sabu li ma jeżistux jew li ma kienux eliġibbli ġhas-sussidju. Il-Qorti tikkunsidra dawn l-istatistiċi bħala inqas affidabbli milli l-istatistiċi ekwivalenti ġhal applikazzjonijiet ġhal ġhajnuna ġhaż-żona.	
Nefqa oħra	Il-Kummissjoni identifikat nuqqasijiet fil-verifiki magħmula skond ir-Regolamenti (KEE) Nru 4045/89 u (KEE) Nru 386/90. Ġhal rifużjonijiet fuq l-esportazjoni u sussidji mħallsa lil intermedjarji, il-Kummissjoni ġhandha tassigura li statistiċi fuq il-verifiki fiżiċi dokumentarji u *a posteriori* jkunu disponibbli fuq bażi konsistenti u fil-ħin u juru l-valur tat-transazzjonijiet suġġetti ġhal verifiki u l-valur u l-inċidenza ta' l-irregolaritajiet mikxufa.	In-nuqqasijiet imsemmija mill-Qorti nstabu mis-servizzi tal-Kummissjoni f'sensiela ta' verifiki ta' segwitu magħmula fl-2000 f'dawk l-Istati Membri fejn kienu nstabu nuqqasijiet serji f'verifiki preċedenti u fejn ġew imposti korrezzjonijiet finanzjarji. F'kull wieħed mill-Istati Membri msemmija, kien sar titjib kbir. Is-servizzi tal-Kummissjoni ġhamlu rakkomandazzjonijiet ġhal aktar titjib. Sa l-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri jagħmlu l-istatistiċi annwali fuq il-kontrolli fiżiċi (li jinkludu informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4.49) disponibbli ġhall-Kummissjoni. Dawn l-istatistiċi huma mmonitorati mill-qrib mis-servizzi responsabbli.	Il-Qorti ġhadha ssib żbalji serji f'dan is-settur ta' nfiq, u eżaminat żewġ sistemi relevanti ta' kontroll: — verifiki wara li jkun sar il-pagament instabu li kienu ta' standard baxx kemm ġhal dak li ġhandu x'jaqsam mar-rendiment ta' l-ispezzjonijiet (waħda minn kull ħamsa nstabet ġhal kollox mhux affidabbli) u mar-rapportar ta' żbalji (il-Kummissjoni ma ġhandha l-ebda informazzjoni fuq il-kwalità tan-nefqa l-aktar f'riskju); — verifiki fiżiċi u dokumentarji fuq il-merkanzija waqt il-ħin ta' l-esportazzjoni jkopru ta' l-inqas 5 % ta' l-esportazzjonijiet issussidjati [1]. Ir-riżultati ma jindikawx l-ammont ta' sussidju rrifjutat, lanqas il-kwalità ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni l-aktar affettwati.	
Żvilupp rurali	Skemi ta' din il-kwalità ġhandhom kundizzjonijiet ta' eliġibilità li huma aktar kumplessi u diffiċli biex jiġu vverifikati minn pagamenti lil bdiewa ġhal kultivazzjonijiet ħarratija jew primjum fuq l-annimali. Kundizzjonijiet frekwenti jinkludu li jinżammu "metodi ta' biedja tajba" u standards minimi ġhall-impatt ambjentali, iġjene u benesseri ta' l-annimali. Il-kriterju ta' metodi ta' biedja tajba ġhandu jkun iċċarat jew mibdula bi kriterju aktar sod.	Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, żviluppat approċċ prattiku meta, fl-2000, ġew introdotti metodi ta' biedja tajba u standards minimi. Il-Kummissjoni qegħda ssegwi b'attenzjoni u kontinwament l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ mill-Istati Membri.		

	2002		2003	
	Osservazzjonijiet	Risposti tal-Kummissjoni	Osservazzjonijiet	Rakkomandazzjonijiet
Sussidji mħallsa fuq il-bażi tal- kwantitajiet prodotti	Jidher li hemm żewġ riskji: — Produtturi spiss għandhom inċentiv li jagħtu stima iżgħar taż-żona kkultivata b'din it-tip ta' kultivazzjoni, u li jagħtu stima akbar taż-żona b'kultivazzjoni imħallsa fuq il-bażi ta' għajnuna għaż-żona; — Is-sistema tiddependi fuq intermedjarji- (imtieħen taż-żebbuġ, rdieden tat-tfesdiq tal-qoton, eċċ.) li jipprovdu figura xierqa għall-kwantitajiet prodotti (din il-figura ma tistax tiġi vverifikata b'mod dirett f'data oħra). *Għall-aġenziji taż-żejt taż-żebbuġa, il-Kummissjoni għandha tassigura li l-ispezzjonijiet u r-riżultati jiġu kklassifikati fuq bażi konsistenti.*	Kull waħda minn dawn l-iskemi li l-Qorti għamlet referenza għalihom saret kompatibbli ma' l-IACS b'mod obbligatorju sa minn Jannar ta' l-2003, minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni tistenna li l-mekkaniżmi ta' kontroll jitjiebu b'mod sinifikanti. Ir-riżultati fuq l-ispezzjonijiet ta' l-aġenziji taż-żejt taż-żebbuġa huma dejjem ippreżentati fir-Rapport Finanzjarju Annwali tal-FEGGA; barra minn hekk, statistiċi fuq spezzjonijiet u r-riżultati tal-verifiki ta' sorveljanza huma kklassifikati f'tabelli statistiċi komparattivi li jsegwu komunikazzjonijiet ta' kull sena mill-aġenziji jew mill-Istati Membri kkonċernati.	Fil-Greċja, l-IACS mhijiex implimentata għal kollox, u l-personal fl-uffiċċji reġjonali mhux dejjem għandhom aċċess għall-bażi ta' data tal-IACS, li jfisser li l-ivverifikar fil-fond fuq il-produtturi tal-qoton, taż-żejt taż-żebbuġa u tat-tabakk ma jistax isir; La Spanja u lanqas il-Greċja ma kellhom GIS li taħdem għall-perijodu relevanti għall-pagamenti magħmula fl-2003. Parti prinċipali tax-xogħol ta' l-aġenziji ta' kontroll taż-żejt taż-żebbuġa kellu x'jaqsam mal-verifiki fuq imtieħen taż-żebbuġ (il-produtturi huma mħallsa fuq bażi ta' kwantitajiet miżuna u pproċessati fl-imtieħen). Fejn l-aġenziji jsibu diskrepanzi fl-imtieħen, dawn jistgħu jipproponu firxa ta' penali, l-aktar waħda serja tkun dik li l-miħna tiġi mneħħija mil-lista approvata. Fl-2002 (verifiki li jaffettwaw in-nefqa ta' l-2003) l-aġenziji pproponew dan il-kors ta' azzjoni f'wieħed minn 10 ta' l-imtieħen spezzjonati. Fil-prattika, ministeri ta' l-agrikultura ta l-Istati Membri spiss jimponu penali iżgħar.	Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni xierqa pernezz ta' *clearance* ta' deċiżjonijiet tal-kontabilità.

(1) Regolament 386/90

ANNESS 2

Elementi ta' monitoraġġ ta' l-IACS- Is-segwitu l-aġenziji ta' ħlas 2002

MS	AGENZIJA TA' ĦLAS	Sena ta' stima (1)	Ghajnuna ghaż-żona: Proċeduri amministrattivi u kontrolli biex jiġi assigurat ħlas korrett	Ghajnuna ghaż-żona: Analiżi tar-riskju u proċeduri ta' ghażla ghall-ispezzjonijiet.	Ghajnuna ghaż-żona: Metodoloġija ta' l-ispezzjoni u r-rapportar tar-riżultati individwali	Ghajnuna ghaż-żona: Preparazzjoni u affidabilità ta' l-istatistiċi fuq l-ispezzjonijiet u riżultati	Primjum fuq l-annimali: Proċeduri amministrattivi u kontrolli biex jiġi assikurat ħlas korrett	Primjum fuq l-annimali: Analiżi tar-riskju u proċeduri ta' ghażla ghall-ispezzjonijiet.	Primjum fuq l-annimali: Metodoloġija ta' l-ispezzjoni u r-rapportar tar-riżultati individwali	Primjum fuq l-annimali: Preparazzjoni u affidabilità ta' l-istatistiċi fuq l-ispezzjonijiet u riżultati
DE (2)	BAYERN L.	2002								
		2003								
		2004								
FR (2)	OFIVAL (3)	2002								
		2003								
		2004								
	ONIC (4)	2002								
		2003								
		2004								
IT (2)	AGEA	2002								
		2003								
		2004								
NL (2)	LASER	2002								
		2003								
		2004								

A — Taħdem tajjeb; ftit titjib jew ebda titjib ma huwa meħtieġ

B — Taħdem, imma hemm bżonn ta' titjib

C — Ma taħdimx kif ġiet maħsuba

(1) Is-sena ta' ħlas tal-FEGGA tkopri mis-16 ta' Ottubru sal-15 ta' Ottubru. Ghall-ghajnuna ghaż-żona, tkopri sussidji mhallsa ghat-talbiet (applikazzjonjiet) maghmula fis-sena tal-kampanja ta' qabel, i kienet ġiet spezzjonata f'dik is-sena tal- kampanja. Per eżempju, is-sena ta' pagament 2002, li tispiċċa fil-15 ta' Ottubru 2002, tkopri appikazzjonijiet ghall-ghajnuna maghmula u spezzjonati fis-sena preċedenti tal-kampanja 2001. Ghall-primjum fuq l-annimali, is-sussidji huma spezzjonati u mhallsa fis-sena ta' l-applikazzjoni.

(2) Ħafna mill-aġenziji ta' ħlas eżaminati ghas-sena ta' pagament li tispiċċa fil-15 ta' Ottubru 2002, li tkopri pagamenti maghmula b'riferenza ghat-talbiet u spezzjonijiet maghmula fil-kampanja tal-2001, ma kienux f'pożizzjoni li jieħdu miżuri ta' korrezzjoni fil-ħin ghall-kampanja ta' l-2002. Dan effettwa s-sena ta' pagament li tispiċċa fil-15 ta' Ottubru 2003. F'hafna każijiet, il-miżuri ta' korrezzjoni setghu jittieħdu biss fi-ħin ghall-kampanja tal-2003, li effetwa l-pagamenti fis- sena ta' pagament tal-FEGGA li tispiċċa fil-15 ta' Ottubru 2004.

(3) Franza — OFIVAL hija l-aġenzija li thallas il-primjums fuq l-annimali, l-iskemi huma amministrati u spezzjonati mis-servizzi lokali tal-Ministru ta' l-Agrikoltra.

(4) Franza — ONIC hija l-aġenzija ghaz-żona, u taghmel spezzjonijiet. L-iskema tiġi amministrata mis-servizzi lokali tal-Ministru ta' l-Agrikoltura, li jaghżel ukoll l-ispezzjonijiet.

Sors: Reviżjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ghas-sistemi ta' l-IACS ta' l-aġenziji ta' ħlas.

ANNESS 3

Elementi ta' monitoraġġ ta' l-IACS 2003

MS	AĠENZIJA TA' ĦLAS	Żoni ta' ġhajnuna				Primjum fuq l-annimali			
		Proċeduri amministrattivi u kontrolli biex jiġi assigurat ħlas korrett	Analiżi tar-riskju u proċeduri ta' ġhażla ġhall-ispezzjonijiet	Metodoloġija ta' l-ispezzjoni u r-rapportar tar-riżultati individwali	Preparazzjoni u affidabilità ta' l-istatistiċi fuq l-ispezzjonijiet u riżultati	Proċeduri amministrattivi u kontrolli biex jiġi assikurat ħlas korrett	Analiżi tar-riskju u proċeduri ta' ġhażla ġhall-ispezzjonijiet	Metodoloġija ta' l-ispezzjoni u rapportar tar-riżultati individwali	Preparazzjoni u affidabilità ta' l-istatistiċi fuq l-ispezzjonijiet u riżultati
DE	Niedersachsen		2				2		4
ES	Extramadura						2	8	
LU	Il-Lussemburgu	1	2			5			10
AT	AMA					6			
FI	Il-Finlandja		2				2		
UK	RPA Ingilterra		2						4
UK	DARD N. Irl.			3		7		9	
Revisjoni tal-Kummisjoni fuq l-aġenziji ta' ħlas ta' l -iSM									

	A	Taħdem tajjeb; ftit titjib jew ebda titjib ma huwa meħtieġ
	B	Taħdem, imma hemm bżonn ta' titjib
	C	Ma taħdimx kif ġiet maħsuba

1	Ir-reġistru ta' l-art mhuwiex aġġornat, li jirriżulta f'numru kbir ta' anomaliji meta jsiru verifiki fil-fond.
2	L-ebda valutazzjoni/valutazzjoni mhux adegwata ġhall-effettività ta' l-analiżi tar-riskju u lanqas tal-kriterji ta' l-ġhażla individwali. Regolament tal-Kummissjoni 118/2004 tat-23.1.2004 jaġhmel dan obbligatorju ġhas-sena ta' kampanja 2004 (sena ta' pagament 2005). Xi SM ma janalizzawx żbalji signifikanti, jew ma japplikawx il-fatturi ta' riskju statutorji.
3	L-ispezzjoni mill-ġdid uriet dubji serji fuq l-ispezzjoni oriġinali, u l-kwalità tal-proċeduri ta' kontroll mhijiex adegwata.
4	Differenzi sinifikanti bejn l-informazzjoni moġhtija mill-Kummissjoni u l-informazzjoni bażi moġhtija mill-verifikaturi.
5	L-ebda kontroll fuq il-perjodu ta' żamma tal-primjum tal-qatla, huwa stmat li 10-20 % tal-primjum tal-qatla jiġi mhallas lill-benefiċjarji żbaljati. Intraċċar tal-verifika fuq il-kalkolazzjoni u l-applikazzjonijiet tas-sanzjonijiet dġhajjef ferm.
6	L-ebda penali applikati fuq primjums ta' l-estensifikazzjoni meta l-primjums bażi jiġu sanzjonati, xi sanzjonijiet ġew ikkalkolati b'mod żbaljat u s-somom li thallsu żejjed fis-snin preċedenti ma ġewx irkuprati.
7	Applikazzjonijiet ġhall-ġhajnuna jistġhu jiġu rtirati wara li tithabbar spezzjoni u s-sanzjonijiet mhumiex applikati ġhall-annimali minġhajr tikketta mal-widna.
8	Ebda proċedura ta' spezzjoni ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità ġhal spezzjonijiet ta' l-annimali, ġhal spezzjonijiet moġhtija biex isiru minn ħaddieħor.
9	Avviż eċċessiv ta' spezzjonijiet u applikazzjonijiet jista' jiġi rtirat wara li tiġi mħabbra spezzjoni. L-ispezzjonijiet ma jkoprux it-talbiet li jkunu saru matul it-12-il xahar preċedenti, lanqas ma hemm verifiki ġhad-dokumenti bażi. Il-kontrolli fuq il-kwalità huma limitati ġhar-reviżjoni dokumentarja ta' żbalji serji biss.
10	L-ebda statistika moġhtija lill-Kumissjoni, informazzjoni fuq l-ispezzjonijiet mhijiex disponibbli.

Sors: Reviżjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ġhas-sistemi ta' l-IACS ta' l-aġenziji ta' ħlas.

KAPITLU 5

Miżuri strutturali

WERREJ

	Paragrafi
Introduzzjoni	5.1-5.5
Stima speċifika fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni	5.6-5.69
Għan u skop tal-verifika	5.6
Il-qasam tal-kontroll intern fil-Kummissjoni	5.7-5.11
Analiżi tar-riskju magħmula mill-Kummissjoni: Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri għad mhux qegħdin jipprovdu assigurazzjoni biżżejjed tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa	5.8
Implimentazzjoni tal-livelli ta' kontroll intern: progress ġeneralment sodisfaċenti mill-miżuri strutturali tad-Direttorati-Ġenerali	5.9-5.10
Segwitu għall-Pjan t'Azzjoni	5.11
Ġestjoni tal-perijodu tal-programm ta' l-1994-1999	5.12-5.40
Titjib magħmul għall-qafas tal-kontroll finanzjarju, għalkemm tard fil-perijodu tal-programm	5.12-5.13
Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri: nuqqasijiet li jiġu rrispettati l-kondizzjonijiet regolatorji	5.14-5.22
L-eżaminazzjoni fid-dettall ta' l-operazzjonijiet mill-Qorti: id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa finali fihom livelli sinifikanti ta' żbalji	5.23-5.27
Għeluq tal-programmi ta' l-1994-1999: dewmien fl-Istati Membri…	5.28
… u problemi għall-eżaminazzjoni ta' fajls tal-Kummissjoni…	5.29-5.37
… dewmu l-għeluq tal-perijodu tal-programm ta' l-1994 sa l-1999	5.38-5.39
Firxa limitata tal-verifiki ta' l-għeluq tal-Kummissjoni	5.40
Ġestjoni tal-perijodu tal-programm ta' l-2000 sa l-2006	5.41-5.56
Aktar ħtiġijiet ta' kontroll finanzjarju introdotti fil-qafas regolatorju	5.41
Is-sorveljanza tal-Kummissjoni għas-sistemi ta' l-Istati Membri: assigurazzjoni limitata fuq il-legalità u r-regolarità tan-nefqa	5.42-5.46
L-operat tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri: fil-perijodu tal-programm kurrenti għad hemm nuqqasijiet li jiġu osservati l-ħtiġijiet regolatorji	5.47-5.54
L-eżaminazzjoni fid-dettall ta' l-operazzjonijiet mill-Qorti: nuqqasijiet fis-sistemi meqjusin bħala żbalji jippersistu fil-perijodu tal-programm kurrenti	5.55-5.56
Rapporti annwali ta' l-attività u dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali	5.57-5.62
Assigurazzjoni ġenerali pożittiva fuq il-legalità u r-regolarità tan-nefqa limitata minn riservi serji fuq l-operat tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-Istati Membri	5.57-5.62
Segwitu ta' osservazzjonijiet minn dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni preċedenti	5.63-5.65
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	5.66-5.69

Paragrafi

Segwitu għal osservazzjonijiet fir-Rapport Speċjali Nru 7/2000 fuq il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda u l-Programm Speċjali ta' Sostenn għall-Paċi u Rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-konteji ġirien ta' l-Irlanda (1995-1999) 5.70-5.86

Skop tar-Rapport Speċjali u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali 5.70-5.71

Il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda 5.72-5.76

Stima tal-bżonnijiet finanzjarji 5.72-5.73

Kriterji ta' evalwazzjoni addattati għall-applikazzjonijiet imħaddma u sostnuti b'mod konsistenti 5.74-5.75

Kontroll ta' rutina tal-kontribuzzjoni tal-Komunità fil-proġetti IFI u evalwazzjoni tal-merti tal-proġetti 5.76

Programm Speċjali ta' Appoġġ għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-konteji ġirien ta' l-Irlanda 5.77-5.86

Aktar għajnuna għall-korpi implimentattivi li jiżguraw kriterji ta' għażla konsistenti għal proġetti lokali tal-Komunità u ta' gruppi soċjali kif ukoll gwida u riżorsi li jiżguraw l-għajnuna għall-istess proġetti u gruppi 5.77-5.78

Stima tal-bżonnijiet finanzjarji bbażata fuq l-attività pproġettata 5.79

Reviżjoni ta' xogħol ta' korpi mhux governattivi 5.80-5.81

Stimi ta' proġetti ddokumentati skond kriterji speċifiċi u miktuba 5.82

Introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' kontroll xierqa 5.83-5.84

Stima ta' sinerġija u ko-ordinazzjoni bejn l-IFI u l-Fondi Strutturali 5.85-5.86

Osservazzjonijiet prinċipali fir-Rapport speċjali Nru 4/2004 fuq l-ipprogrammar ta' Interreg III 5.87-5.97

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

5.1. Il-miżuri strutturali jgħinu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-miżuri huma ffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni u l-erba' Fondi Strutturali: il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali Ewropew (ERDF), il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), il-Fond Ewropew ta' Garanzija u Gwida ta' l-Agrikultura, sezzjoni "Gwida", (FEGGA-Gwida) u l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG). Il-Fondi strutturali jikko-finanzjaw il-programmi ta' żvilupp soċjo-ekonomiku fl-Istati Membri u l-Fond ta' Koeżjoni jikko-finanzja proġetti li jtejbu l-ambjent u jiżviluppaw infrastruttura għat-trasport fil-Pajjiżi Membri fejn il-PGD ras għal ras huwa inqas minn 90 % tal-medja ta' l-Unjoni ([1]).

5.2. Għall-perijodu 2000-2006, in-nefqa totali ppjanata hija ta' 230 177 miljun euro ([2]). Il-***Grafiċi 5.1 u 5.2*** juru kif tinqasam in-nefqa mpenjata u imħallsa fl-2003. Il-biċċa l-kbira tan-nefqa hija diretta lejn tlett miri politiċi ta' prijorità:

— Mira 1: il-promozzjoni ta' l-iżvilupp u l-aġġustament strutturali tar-reġjuni fejn l-iżvilupp għadu lura;

— Mira 2: is-sostenn tat-tibdil ekonomiku u soċjali ta' oqsma li jiffaċjaw diffikultajiet strutturali;

— Mira 3: is-sostenn ta' l-adattament u l-moderniżżazzjoni tal-politika u s-sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u impieg.

Inizjattivi tal-Komunità jirrappreżentaw ftit aktar minn 5 % tan-nefqa għall-Miżuri strutturali fl-2003. Dawn huma programmi ta' interess Komunitarju mwettqa fi u mill-Istati Membri fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex iżżid l-azzjonijiet implimentati taħt il-programmi prinċipali.

([1]) Fl-2003: il-Greċja, Spanja, l-Irlanda u l-Portugall.

([2]) 210 579 miljun euro għall-Fondi Strutturali u 19 598 miljun euro għall-Fond ta' Koeżjoni (bil-prezzijiet ta' l-2003).

Grafika 5.1 — Kif jinqasmu l-impenji skond is-settur fil-*budget* fl-2003



NB: ghal aktar informazzjoni dettaljata ara d-dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: Kontijiet annwali ghall-2003.

Grafika 5.2 — Analiżi ta' l-impennji skond il-qasam fil-budget fl-2003



NB: ghal aktar informazzjoni dettaljata ara d-dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: Kontijiet annwali ghall-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.3. L-għajnuna mill-Fondi Strutturali tieħu l-forma ta' "programmi operattivi" li huma magħmula minn numri kbar ta' operazzjonijiet jew proġetti, filwaqt li l-għajnuna tal-Fond ta' Koeżjoni hija bbażata fuq kontribuzzjonijiet għal proġetti individwali ([3]). Il-miżuri huma mplimentati mill-ko-finanzjament ta' programmi nazzjonali u reġjonali u proġetti ndividwali ([4]). Kull programm jew proġett ikollu jiġi approvat mill-Kummissjoni u jkun akkumpanjat bi pjan finanzjarju indikattiv li jispeċifika l-ammont ta' għajnuna tal-Komunità u l-kontribuzzjoni ta' l-Istat Membru. Għall-perijodu 1994 sa 1999 il-Kummissjoni approvat 1 104 programm ta' Fondi Strutturali u 920 proġetti ta' Fondi ta' koeżjoni. Għall-perijodu 2000 sa 2006 hemm 470 programm ta' Fondi strutturali u 450 proġett ta' Fondi ta' Koeżjoni ([5]).

5.4. Għall-perijodi tal-programmi mill-1994 sa 1999 u ta' qabel, il-kontribuzzjonijiet għall-miżuri strutturali ġew imħallsa taħt forma ta' ħlas bil-quddiem u pagamenti finali, dawn ta' l-aħħar jikkostitwixxu l-"għeluq" tal-programmi jew proġetti. L-iffinanzjar tal-Komunità fil-perijodi tal-programm 2000 sa 2006 jieħu l-forma ta' ħlas bil-quddiem inizzjali ta' 7 % tal-kontribuzzjoni totali għall-programm jew proġett, segwit b'rifużjoni tan-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri u l-pagamenti finali. Din ir-rifużjoni hija msejħa "pagament *interim*". Għall-Fondi Strutturali, kull pagament mill-Kummissjoni għandu x'jaqsam ma' Fond partikolari u ma' programm partikolari.

5.5. Il-miżuri strutturali huma soġġetti għall-prinċipju ta' "ġestjoni maqsuma". Dan ifisser li, waqt li l-kummissjoni timplimenta il-*budget* tal-Komunità u tkun responsabbli għalih hi, il-ġestjoni u l-kontroll huma maqsumin bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u dawn ta' l-aħħar huma meħtieġa li jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jassiguraw li n-nefqa tkun magħmula skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda ([6]). Huma involuti erba' Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni; id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali (DĠ REGIO) għall-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Impiegi u l-Affarijiet Soċjali (DĠ EMPL) għall-ESF, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikultura (DĠ AGRI) għall-Gwida-FEGGA u d-Direttorat Ġenerali għas-Sajd (DĠ FISH) għall-FIFG. Id-DĠ REGIO għandu rwol ta' koordinament fir-rigward ta' l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Fondi kollha, bħall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' ġestjoni jew il-kwestjoni ta' gwida teknika għall-Istati Membri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

5.5. *The Commission would refer to its communication of 6 September 2004 on the respective responsibilities of the Commission and the Member States for shared management (COM(2004) 580).*

([3]) Il-Kummissjoni tista' twettaq azzjonijiet ta' għajnuna innovattivi u tekniċi diretti, sa limitu fl-estimi ta' 0,65 %.

([4]) Sabiex tkun tista' ssir referenza faċili, it-terminu waħdieni "programm" huwa wżat matul it-test kollu sabiex jirreferi b'mod ġenerali għal għajnuna mill-Fondi Strutturali. Programm jista' jirċievi għajnuna għal aktar minn Fond wieħed.

([5]) Dawn huma l-figuri qabel l-approvazzjoni tal-programmiu proġetti għall-Istati Membri l-ġodda mill-2004.

([6]) Artikolu 274 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

STIMA SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

Għan u skop tal-verifika

5.6. L-għan tal-verifika kien li jikkontribwixxi għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti fuq il-*budget* ġenerali permezz ta' stima speċifika għas-settur ta' miżuri strutturali in ġenerali. Għal din ir-raġuni, il-verifika eżaminat b'mod partikulari il-ħidma tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri, u stmat kemm il-kontrolli esterni mibnija fuq dawn is-sistemi taw assigurazzjoni fuq il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi. Fuq bażi ta' għażla b'mod każwali ta' programmi u proġetti mill-perijodi ta' programmi ta' qabel (1994-1999) u kurrenti (2000-2006), il-Qorti għamlet eżaminazzjonijiet fuq transazzjonijiet ta' bażi bħala verifika indipendenti u biex takkwista aktar evidenza fuq l-operat tal-fondi. Il-verifika ffukat fuq:

— l-ambjent ta' kontroll intern fil-Kummissjoni;

— il-ġestjoni tal-perijodu tal-programm 1994-1999;

— il-ġestjoni tal-perijodu tal-programm 2000-2006;

— rapporti ta' l-Attività Annwali u dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali;

— segwitu għal osservazzjonijiet preċedenti f'Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni reċenti.

Il-qasam tal-kontroll intern fil-Kummissjoni

5.7. Fil-kuntest tar-riforma li għadha għaddejja tal-ġestjoni finanzjarja u operattiva u s-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni, il-verifika eżaminat il-ħidma ta' kontrolli interni fil-Kummissjoni, b'mod partikolari l-ġestjoni ta' riskji u l-implimentazzjoni tal-livelli ta' kontroll intern (ara paragrafi 1.87-1.91).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Analiżi tar-riskju magħmula mill-Kummissjoni: Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri għad mhux qegħdin jipprovdu assigurazzjoni biżżejjed tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa

5.8. Ir-riskji prinċipali li jistgħu jiġu identifikati għall-legalità u għar-regolarità tan-nefqa għal miżuri strutturali joħorġu minn ġestjoni maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, il-multipliċità ta' korpi u awtoritajiet — bi strutturi ta' kontroll u prattiċi differenti — li jintervjenu fil-proċess ta' ġestjoni, in-numru kbir ta' programmi li kull wieħed minnhom jista' jkun fih diversi eluf ta' proġetti, implimentati tul perijodu ta' snin, u minn nuqqasijiet li jistgħu jiġu fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll. Bħas-sena ta' qabel, l-eżaminazzjoni tal-Qorti ta' l-analiżi tar-riskju mwettqa mid-Direttorati-Ġenerali responsabbli mill-miżuri strutturali ta' ġestjoni ma taw lok għal ebda osservazzjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi għal darb'oħra r-riskju li ma tistax takkwista assigurazzjoni adegwata li l-operazzjonijiet magħmula fl-Istati Membri għall-perijodu ta' programm 2000 sa 2006 huma legali u regolari minħabba li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri ma jipprovdux fil-każijiet kollha assigurazzjoni biżżejjed tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa. Fl-2003, il-Kummissjoni kompliet tagħmel titjib għas-sistemi interni ta' kontroll tagħha kif ukoll kompliet tanalizza d-deskrizzjonijiet ta' sistemi mressqa mill-Istati Membri. Ir-reviżjonijiet li saru fl-uffiċċji tal-Kummissjoni u l-verifiki fuq il-post tal-ġestjoni kif ukoll is-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri identifikaw numru ta' nuqqasijiet, għalkemm iż-żjarat fuq il-post koprew biss numru limitat ta' dawk is-sistemi (ara l-paragrafi 5.42-5.46).

5.8. *The Commission considers that the supervision and control it exercises over the Member States are an adequate response to the risk of irregularity in the underlying transactions. In a given year the Commission can cover by its own audit work a limited number of Member States' systems, particularly having regard to other risks, such as the closure of the previous programme period, to which the Court refers. The Commission has a multiannual audit strategy for its own audit work aimed at achieving a reasonable assurance on the functioning of the systems during the programme period.*

Implimentazzjoni tal-livelli ta' kontroll intern: progress ġeneralment sodisfaċenti mill-miżuri strutturali tad-Direttorati-Ġenerali

5.9. L-eżaminazzjoni tal-Qorti ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri strutturali tad-Direttorati-Ġenerali tat-tmien livelli ta' kontroll intern (minn total ta' 24) ta' importanza partikolari għall-legalità u għar-regolarità tan-nefqa ([7]). Is-sintesi tar-Rapporti ta' l-Attività Annwali ta' l-2002 kienet teħtieġ l-implimentazzjoni tal-livelli kollha qabel l-aħħar ta' l-2003.

5.10. Għal DĠ REGIO u għal DĠ EMPL, l-implimentazzjoni tal-livelli nstabet li kienet ġeneralment tajba. Id-DĠ FISH kien għadu ma mplimentax tnejn ([8]) mill-livelli u d-DĠ AGRI kien għadu ma mplimentax wieħed minnhom (ara wkoll paragrafu 4.23). Għal dak li għandu x'jaqsam ma' Livell 17 "Sorveljanza", iż-żewg DĠs qed jiżviluppaw jew jifformalizzaw proċeduri biex titkompla l-implimentazzjoni tagħhom.

([7]) Standard 11 "Analiżi tar-riskju u ġestjoni", Standard 12 "Informazzjoni dwar il-ġestjoni", Standard 14 "Nuqqasijiet fl-irrappurtar", Standard 17 "Sorveljanza", Standard18 "Rappurtar ta' l-eċċezzjonijiet", Standard 20 "Annotament u korrezzjoni tan-nuqqasijiet fil-kontroll intern", Standard 21 "Rapporti ta' verifika" u Standard 22 "Kapaċità ta' verifika nterna".

([8]) Standardi 17 "Sorveljanza" u 22 "Kapaċità ta' verifika nterna".

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Segwitu għall-Pjan t'Azzjoni

5.11. Il-Qorti eżaminat is-segwitu mogħti mill-miżuri strutturali tad-Direttorati-Ġenerali għall-pjan t'azzjoni introdott mill-Kummisjoni biex jagħti rimedju għal nuqqasijiet identifikati (tnejn mill-azzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' aspetti ta' ġestjoni maqsuma). Dawn l-azzjonijiet kienu nklużi fir-Rapport ta' Sinteżi ta' l-2001, b'data ta' għeluq għall-2004, u dawn għadhom qed jiġu mplimentati (ara wkoll paragrafi 1.84-1.86).

5.11. *Substantial progress has been made in the implementation of the two actions concerning shared management. By September 2004 the Commission had adopted communications on the legal responsibilities under shared management (COM(2004) 580) and on the alignment of audit methodology in this area (COM(2004) 3115); in December 2003 the Commission also published revised audit manuals for the Structural and Cohesion Funds. In the draft legislation for the Structural Funds in the 2007-13 period the Commission has also taken up the idea of annual declarations by an independent audit body which was also mentioned in action 17.*

Ġestjoni tal-perijodu tal-programm ta' l-1994-1999

Titjib magħmul għall-qafas tal-kontroll finanzjarju, għalkemm tard fil-perijodu tal-programm

5.12. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2064/97 [9], li daħal fis-seħħ f'Novembru 1997, kien pass importanti fl-iżvilupp tal-ġestjoni u arranġamenti ta' kontroll għall-Fondi strutturali. Huwa ntroduċa sensiela ta' ħtiġijiet minimi komuni għas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-Istati Membri. L-elementi prinċipali huma:

— il-ħtieġa li l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jipprovdu ċertifikazzjoni sodisfaċenti tal-validità ta' talbiet ta' ħlas;

— verifika tajba biżżejjed li tippermetti r-rikonċiljazzjoni ta' dikjarazzjonijiet magħmula lill-Kummissjoni u reġistri tal-kontabilità fl-Istati Membri, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-Komunità;

— livell minimu ta' verifiki indipendenti (ta' l-inqas kampjun ta' 5 %), miżjud mal-verifiki ta' ġestjoni ta' l-operazzjonijiet ta' kuljum, biex tiġi vverifikata l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, il-ħarsien tal-ħtiġijiet tal-Komunità u l-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa; u

[9] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2064/97 tal-15 t'Ottubru 1997 li jistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 dwar il-kontroll finanzjarju mill-Istati Membri ta' l-operazzjonijiet ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali ((ĠU) L 290, 23.10.1997, p. 1). Is-sistemi tal-Fond ta' Koeżjoni huma rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni ((ĠU) L 130, 25.5.1994, p.1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— il-ħtieġa (taħt Artikolu 8) li l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni, fl-għeluq ta' kull programm, dikjarazzjoni magħmula mill-persuna jew organizzazzjoni li taħdem b'mod indipendenti mis-servizz implimentattiv; din id-dikjarazzjoni għandha tagħti fil-qosor il-konklużjonijiet tal-verifiki magħmula fis-snin ta' qabel u tipprovdi konklużjoni ġenerali dwar dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u mar-regolarità ta' l-operazzjonijiet ta' bażi għad-dikjarazzjoni finali tan-nefqa.

5.13. L-Istati Membri kellhom jiżviluppaw l-istrutturi ta' kontroll tagħhom b'risposta għal dawn il-ħtiġijiet kollha. Madankollu, ir-Regolament ma daħalx fis-seħħ qabel Novembru 1997 u kien hemm dewmien biex tiġi pprovduta gwida xierqa. Bħalma l-Qorti kienet innutat qabel ([10]), dan kien tard wisq biex jinfluwenza l-mod li bih ġew stabbiliti s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-bidu; implimentazzjoni aktar bikrija setgħet tgħin biex jiġu evitati xi nuqqasijiet fis-sistemi ta' l-Istati Membri.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

5.13. *The adoption of Regulation (EC) No 2064/97 substantially contributed to strengthening control arrangements for the Structural Funds. The Regulation required Member States to adapt their structures and entered into force four years before the end of the eligibility period and over five years before the final deadline for submitting closure dossiers. During this period the Commission made significant efforts from the date of adoption to provide guidance, answered Member States' questions and carried out audits to ensure correct transposition.*

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri: nuqqasijiet li jiġu osservati il-kondizzjonijiet regolatorji

5.14. Bħala parti mix-xogħol lejn stima speċifika tal-miżuri strutturali tan-nefqa, il-Qorti eżaminat it-tħaddim tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri fuq il-bażi ta' kampjun meħud b'mod każwali ta' seba' pagamenti finali magħmula mill-Kummissjoni (fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja, u fil-Portugall (2)) ([11]).

Separazzjoni mhux adegwata tal-funzjonijiet

5.15. Għal wieħed mill-programmi eżaminati mill-Qorti, ħafna mill-verifiki indipendenti fuq proġetti saru mill-istess dipartiment responsabbli milli jipproponi ħlasijiet ([12]) u f'żewġ każijiet oħra, xi proġetti ġew ivverifikati minn persuni li jwettqu verifiki tal-ġestjoni jew li huma involuti fil-proċess tad-dikjarazzjoni finali ([13]). Dan imur kontra l-prinċipju fundamentali ta' kontroll tas-separazzjoni ta' funzjonijiet.

5.15. *The Commission has been aware of the issue of independence of bodies carrying out checks under Article 3 of Regulation (EC) No 2064/97 from its own systems audits carried out in 2001/2002. Guidance was given to the independent bodies as to how to treat the matter in the closure guidelines of the Commission.*

For the cases concerned, based on the information on this point provided by the independent body, the Commission considered that sufficient checks had been carried out to meet the requirements of the Regulation.

([10]) Qorti ta' l-Awdituri, Rapport Speċjali Nru 10/2001 dwar il-kontroll finanzjarju tal-Fondi Strutturali, Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2064/97 u (KE) Nru 1681/94 u Qorti ta' l-Awdituri, Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002, paragrafi 5.16 sa 5.21.

([11]) 3 ERDF, 2 ESF, 1 Gwida-FEGGA u Fond ta' Koeżjoni 1.

([12]) Irlanda Gwida-FEGGA Għan 194IR16006.

([13]) Franza (Pays de la Loire) ERDF Għan 2 970313015; Ġermanja (Thüringen) ERDF Għan 1940209005.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Nuqqasijiet fil-verifiki tal-ġestjoni ta' l-operazzjonijiet

5.16. Fi programm wieħed, fejn l-organizzazzjoni inkarigata minn proġett kienet tat l-implimentazzjoni ta' parti kbira mill-proġett b'sottokontratt lil korp ieħor, il-verifiki ta' ġestjoni ġew limitati għal eżaminazzjoni tal-fatturi rċevuti mill-organizzazzjoni mingħand is-sottokontrattur ([14]). Qabel, il-Qorti kienet enfasizzat ir-riskji partikolari li jirrappreżentaw l-ispejjeż sottokuntrattati ([15]).

5.16. *As regards subcontracting, the Commission would refer to its reply to paragraphs 5.20 and 5.23 of this report and to its reply to paragraph 3.66 of the 1999 annual report.*

Nuqqasijiet fil-verifiki indipendenti

5.17. Il-bażi ta' teħid ta' kampjuni wżata għall-verifiki indipendenti (kampjun ta' 5 %) biex tiġi vverifikata l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ma kienetx dejjem ċara. Għal żewġ programmi, kienu msemmija l-fatturi ta' riskju, imma ma kienx ċar kif kienu ġew applikati ([16]). Għal programm ieħor, ġie identifikat sett ta' miżuri omoġenji li minnhom seta' jintagħżel kampjun meħud b'mod każwali, imma ma kien hemm l-ebda fattur ta' riskju speċifiku assoċjat ma' dawn il-miżuri ([17]). F'każ ieħor, ma saret l-ebda analiżi tar-riskju ([18]).

5.17. *In its guidance on closure statements the Commission made it clear that the body issuing the statement must satisfy itself that the sampling basis was adequate. The Commission checked the information given on this aspect in its analysis of the statements.*

For the Azores programme the statement indicated that the sample was balanced across the measures of the programme and took account of the level of financing involved.

For Ireland (EAGGF Guidance Section), based on the information available, and especially the confirmations of the independent body, the Commission considered that sufficient independent checks had been carried out to meet the requirements of the Regulation.

5.18. Għall-programmi eżaminati mill-Qorti, il-verifiki ta' l-Istat Membru ġeneralment kienu jkopru l-perijodu sħiħ meħtieġ mir-Regolament. Madankollu, f'ċerti Stati Membri, il-proċess biex isiru verifiki indipendenti skond ir-Regolament kien għadu ma bediex sa l-2000 jew l-2001 ([19]).

([14]) Italja (Emilia-Romagna) ESF Għan 3 94000913.
([15]) Qorti ta' l-Awdituri — Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 1999, paragrafu 3.66.
([16]) Il-Portugall (Azores) ERDF Għan 1941209013; Franza (Pays de la Loire) ERDF Ghan 2 970313015.
([17]) Ġermaja (Thüringen) ERDF Ghan 1940209005.
([18]) Irlanda Gwida-FEGGA Ghan 194IR16006.
([19]) Qorti ta' l-Awdituri, Rapport Speċjali Nru 10/2001 dwar il-kontroll finanzjarju tal-Fondi Strutturali, paragrafu 33.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.19. Ir-Regolament jindika dak li suppost ikopru l-verifiki, bħall-applikazzjoni prattika u l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, il-qbil tar-reġistri tal-kontabilità mad-dokumenti ta' sostenn, rispett għall-ħtiġijiet tal-Komunità u l-għotja ta' kofinanzjament nazzjonali xieraq. Għal tliet programmi, il-verifiki naqsu f'ċerti każijiet li jinkludu aspetti speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-eliġibilità tan-nefqa ko-iffinanzjata mill-Fondi Strutturali ([20]).

5.20. F'żewġ każijiet, il-verifiki ta' l-Istat Membru ma ġewx magħmula fuq il-proġetti. F'każ wieħed, fuq il-bażi li l-proġetti kienu ġew soġġetti b'mod sistematiku għal żjarat ta' kontroll ta' ġestjoni, l-Istat Membru — waqt li jirreferi għal korrispondenza speċifika mal-Kummissjoni — għamel il-verifiki indipendenti għal kollox fuq dokumentazzjoni mingħajr qatt ma żar il-proġetti, kuntrarjament għall-gwida ġenerali tal-Kummissjoni ([21]). F'każ ieħor, subkuntrattur, li kien qed jaħdem mingħajr kuntratt formali, ma setgħax jipproduċi evidenza għall-ammont li talab li jiġi mħallas mill-promotur tal-proġett ([22]). F'żewġ każijiet oħra, il-verifiki kienu limitati għall-organizzazzjoni li tiġġestixxi l-għajnuna, bi ftit verifikar ta' fatturi ([23]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

5.19. *The Commission is examining the Court's findings in the light of the replies of the authorities of the Member States concerned. It will take account of the results for its closure audits. The Commission considers that the instructions provided in Portugal on the content of the checks were comprehensive.*

5.20. *The Commission is examining the Court's findings in the light of the replies of the authorities of the Member States concerned. It will take account of the results for its closure audits. Where the Commission has found cases where Member States had not checked supporting documentation held by the final recipients of aid, it has required them to quantify the expenditure affected and carry out further audit work if necessary.*

For Ireland (EAGGF Guidance Section), based on the information available, and especially the confirmations of the independent body, the Commission considered that sufficient checks had been carried out to meet the requirements of the 1994-1999 Regulations.

Concerning the ESF case in Italy (Emilia Romagna) referred to in footnote 21, the guidance note sent by the Commission to the Italian authorities states that the independent body may also base its work on duly documented checks already carried out on the spot, but those checks must of course comply with certain conditions to be verified by the independent body; in particular, they must have been carried out using appropriate methods and with a sufficient degree of independence and reliability. The Commission, which has complied with its own guidance notes, did not therefore specify that the checks could not be carried out on the spot.

As regards the ESF subcontracting case in Portugal (Madeira) referred to in footnote 22, the Commission is particularly vigilant on the question of fictitious or unnecessary subcontracting whose aim is essentially to increase the costs declared. The Commission has therefore introduced the rule on eligibility sheet No 4, whereby subcontracting which is unjustified or does not add value is not admissible.

([20]) L-Irlanda Gwida-FEGGA Għan 194IR16006; il-Ġermanja (Thüringen) ERDF Ghan 1940209005; Portugall (Azores) ERDF Ghan 1941209013.
([21]) L-Italja (Emilia-Romagna) ESF Ghan 3 940009I3.
([22]) Il-Portugall (Madeira) ESF Ghan 1947000P1.
([23]) Franza (Pays de la Loire) ERDF Ghan 2 970313015; Irlanda Gwida-FEGGA Ghan 194IR16006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Nuqqasijiet fis-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli, żbalji persistenti fil-pagamenti. In-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli ghadhom ta' riskju ghal-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Ġie nnutat xi progress imma s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri ghadhom mhux biżżejjed biex jassiguraw illi r-regoli tal-Komunità jiġu segwiti b'mod konsistenti. Nefqa ineliġibbli ghadha tiġi ddikjarata u ghadhom isiru hlasijiet li mhux suppost isiru, kemm waqt kif ukoll wara l-gheluq tal-programmi. Il-problemi prinċipali jibqghu hemm, jiġifieri n-nuqqas ta' l-Istati Membri li japplikaw il-proċeduri stabbiliti fir-regolamenti, separazzjoni mhux ċara tal-funzjonijiet u nuqqasijiet fil-verifiki mwettqa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri. Jibqghu jsiru żbalji fin-nefqa li ghandha x'taqsam ma' l-gheluq ta' programmi tal-perijodu 1994-1999 u mal-pagamenti *interim* ghall-programmi ghall-perijodu 2000-2006. Nuqqasijiet fis-sistemi huma kkonfermati bl-iżbalji misjuba fi proġetti individwali. (Rapport Annwali 1999, paragrafi 3.43 sa 3.52; Rapport Annwali 2000, paragrafi 3.36 sa 3.38, 3.44 sa 3.56; Rapport Annwali 2001, paragrafi 3.56 sa 3.64, Rapport Annwali 2002, paragrafi 5.22 sa 5.32)	Il-Kummissjoni ghandha biss evidenza dokumentarja ghas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ta' numru kbir ta' Stati Membri. Hija obbligat ruhha li żżid in-numru ta' verifiki inkluża l-verifika ta' l-ispiża li ghandha x'taqsam mat-talbiet ghal ħlas mill-Istati Membri. Is-servizz shih tal-verifika ghadu llimitat meta mqabbel mal-qasam tal-verifika imma jaghmlu evidenti n-nuqqasijiet ta' l-Istati Membri li josservaw ir-regolamenti.	Ghalkemm il-Kummissjoni ghamlet sforzi biex tkabbar l-assigurazzjoni taghha, l-ebda garanzija ma tista' tingħata dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażili jaqaw taħt il-pagamenti tal-Komunità. Il-Kummissjoni ghalhekk ghadha ma tista' taghti l-ebda garanzija fuq l-effettività prattika tas-sistemi u kontrolli.	The Commission has made significant progress in auditing Member States' management and control systems for the 2000-06 period. Whenever they were found not to comply with the regulations or to operate ineffectively the Commission has recommended improvements and in some cases agreed comprehensive action plans with the Member State and is following up their implementation. In addition to its own audit work, the Commission monitors that of the Member States' authorities, discusses the systems with them and provides guidance. In cases of serious doubt that systems do not guarantee that the expenditure declared is regular, the Commission suspends payments to the programmes concerned. The result of this work is that in 2003 the assurance the Commission had obtained on national systems was in general broader than in 2002. Concerning 1994-99 programmes, the Commission considers that the thorough checking of closure documentation, its closure audits of a risk-based sample of programmes and the application of financial corrections for inadequate audit work or individual errors provide a sound basis for obtaining reasonable assurance on the expenditure cofinanced.
Limitazzjonijiet fl-assigurazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-operat tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll Id-Diretturi Ġenerali tal-Miżuri Strutturali jaghmlu dikjarazzjonijiet dwar l-oqsma tal-politika rispettivi taghhom. Huma jillimitaw l-assigurazzjoni taghhom dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa lis-sistemi interni fil-Kummissjoni u jipprovdu ftit assigurazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri. Ghall-perijodu 1994-1999, id-Diretturi Ġenerali ma ghamlu l-ebda riserva ghall-erba' Fondi Strutturali. Dan mhuwiex konsistenti ma' l-osservazzjonijiet tal-Qorti, ikkonfermati mill-Kummissjoni, li jindikaw numru ta' nuqqasijiet fis-sistemi. Il-Kummissjoni spiss irrispondiet ghall-osservazzjonijiet tal-Qorti li kellhom isiru verifiki adegwati fl-gheluq tal-programmi 1994-1999. Madankollu, il-Kummissjoni tippjana li taghmel verifiki fuq n-nefqa kkonċernata *wara* li jsiru l-pagamenti finali. Il-Kummissjoni taghmel verifiki fuq l-Istat Membru qabel ma thallas f'każijiet eċċezzjonali biss. (Rapport Annwali 2002, paragrafi 5.10 sa 5.14 u 5.21)	Fl-Istati Membri sar numru limitat ta' verifiki. Barra minn hekk, id-dikjarazzjonijiet huma bbażati fuq l-ipoteżi li l-Istati Membri sejrin jissodisfaw l-obbligi taghhom tal-kontroll u ġestjoni f'konformità mar-regolamenti relevanti. Ghalhekk, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-informazzjoni dwar is-sistemi li hemm fl-Istati Membri u kemm dawn huma affidabbli, f'ċerti każi id-dikjarazzjonijiet huma limitati ghal stima negattiva.	Ghalkemm saru xi sforzi biex tiġi rranġata il-kwalità tad-dikjarazzjonijiet, is-servizz shih li jaghtu jibqa' limitat prinċipalment ghas-sistemi ta' kontroll intern fil-Kummissjoni. Ma jaghtux indikazzjoni globali, lanqas indiretta, dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ġestita mis-sistemi ta' l-Istati Membri.	The scope of the declarations has become broader as the Directorates General have completed their assessment of the systems and carried out further audit work in the Member States. Nevertheless, the declarations are necessarily focussed on the assurance with regard to the expenditure effected by the DG and with regard to its own activities and systems for ensuring the regularity of expenditure managed by the Member States.
Dewmien u nuqqasijiet fl-gheluq tal-programmi ta' l-1994-1999 L-gheluq tal-programmi mill-perijodu preċedenti ra biss progress limitat. Ħafna dikjarazzjonijiet ta' l-gheluq sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri ma kinux kompleti u ma setghux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni ghamlet pagamenti finali ghalkemm mhux il-htiġijiet kollha tar-regolamenti ġew rispettati. (Rapport Annwali 2002, paragrafi 5.36 sa 5.38)	Il-Kummissjoni ghandha programm ta' verifiki *ex post*.	Il-parti l-kbira tal-verifiki se jsiru tard fl-2004 jew fl-2005.	Despite the late submission and variable quality of the closure documentation provided by Member States, the Commission made good progress in 2003 in examining the final claims for 1994-99 programmes. The Commission began closure audits in 2002 and for some funds had completed the bulk of them by mid-2004.
Segwitu limitat mill-Kummissjoni ghar-riżultati tal-verifika Ghalkemm ġie nnutat xi titjib, is-segwitu tal-Kummissjoni ghar-riżultati tal-verifiki tal-Qorti mhuwiex dejjem fil-ħin, addattat jew komplet. Il-Kummissjoni rari estendiet l-investigazzjonijiet taghha 'l hinn mill-kampjuni eżaminati mill-Qorti, anke meta hemm provi li żbalji misjuba jista' jkollhom effett sistematiku. (Rapport Annwali, paragrafi 5.44 sa 5.52)	L-azzjoni ta' segwitu tal-Kummissjoni tjiebet, ghalkemm ghad hemm dewmien.		

KAPITLU 6

Politika interna, inkluża r-riċerka

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	6.1-6.2
Stima speċifika fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni	6.3-6.45
Għanijiet tal-verifika u skop tal-verifika	6.3
Stima tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni	6.4-6.16
Implimentazzjoni ta' l-istandards ta' Kontroll Intern	6.4-6.5
Stima preliminari tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-FP6	6.6-6.11
Stima preliminari tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u ġustizzja	6.12-6.16
Riżultati tat-testijiet ta' transazzjonijiet ta' bażi awtorizzati matul is-sena finanzjarja	6.17-6.26
Analiżi tal-verifiki finanzjarji ex-post tal-Kummissjoni	6.27-6.33
Reviżjoni tar-Rapporti ta' l-Attività Annwali u tad-Dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali	6.34-6.40
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	6.41-6.45
Segwitu għall-osservazzjonijiet preċedenti fir-Rapport Speċjali Nru 2/2002 "Socrates" u "Żgħażagħ għall-Ewropa"	6.46-6.59
Osservazzjonijiet prinċipali fir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar FP5 (1998 sa 2002)	6.60-6.70

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

6.1. Il-politika interna ta' l-Ewropa tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq komuni u tkopri erba' sub-sezzjonijiet sħaħ tal-*budget* (barra minn partijiet żgħar ta' sub-sezzjonijiet oħra ([1])):

— edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u ż-żgħażagħ (sub-sezzjoni B3);

— enerġija, salvagwardji nuklejari tal-Euratom u l-ambjent (sub-sezzjoni B4);

— protezzjoni tal-konsumatur, is-suq komuni, industrija u *Networks* mifruxa ma' l-Ewropa (sub-sezzjoni B5); u

— riċerka u żvilupp teknoloġiku (sub-sezzjoni B6).

Illustrazzjonijiet 6.1 u 6.2 juru kif intnefqu l-approprjazzjonijiet fl-2003.

6.2. Fil-Kummissjoni, ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-politika iinterna u l-ġestjoni tal-*budget* korrespondenti hija mifruxa fuq 14-il Direttorat-Ġenerali ([2]). Dawk prinċipali — f'termini tal-fondi ġestiti — huma d-Direttorati Ġenerali għar-Riċerka, għall-Enerġija u Trasport, għas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, għall-Edukazzjoni u Kultura u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

([1]) Operazzjonijiet agrikoli oħra, operazzjonijiet reġjunali oħra, trasport kif ukoll miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mas-sajd u l-baħar (Titoli B2-5 sa B2-9 tas-sub-sezzjoni B2), u għarfien pubbliku tal-politika agrikola komuni (Artikolu B1-382).

([2]) Id-Direttorat-Ġenerali għar-Riċerka (RTD), Soċjetà ta' l-Informazzjoni (INFSO), Enerġija u Trasport (TREN), Intrapriża (ENTR), Sajd (FISH), Ġustizzja u Affarijiet Interni (JHA), Edukazzjoni u Kultura (EAC), Ambjent (ENV), Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur (SANCO), Kompetizzjoni (COMP), Suq Komuni (MARKT), Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECFIN), EUROSTAT u ċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt (JRC).

Grafika 6.1 — Analiżi ta' l-impenji skond l-oqsma tal-*budget* fl-2003

Impenji totali: 7 173 miljun euro



NB: ghal informazzjoni aktar dettaljata ara d-Dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: kontijiet annwali ta' l-2003.

Grafika 6.2 — Analiżi tal-pagamenti skond l-oqsma tal-*budget* fl-2003

Pagamenti totali: 5 672 miljun euro



NB: ghal informazzjoni aktar dettaljata ara d-Dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: kontijiet annwali ta' l-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

STIMA SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

Għanijiet tal-verifika u skop tal-verifika

6.3. L-għan tal-verifika kien li jikkontribwixxi għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti dwar il-*budget* ġenerali permezz ta' stima speċifika għall-qasam tal-politika iinterna fit-totalità tagħha. Għal dak il-għan, il-verifika eżaminat b'mod partikolari l-operazzjoni tas-sistemi magħżula ta' sorveljanza u kontrolli u tat stima dwar kemm il-kontrolli interni tal-Kummissjoni jagħtu assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi. Il-verifika ffukat fuq:

— l-ambjent ta' kontroll intern tal-Kummissjoni għal erba' mill-erbatax-il Direttorat-Ġenerali fil-qasam tal-politika iinterna, li huma dawk għar-Riċerka, għas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni u għall-Edukazzjoni u Kultura;

— is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għas-sitt Programm ta' qafas (FP6) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (RTD) u għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ERF) fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja;

— testijiet ta' kampjun ta' impennji u pagamenti awtorizzati fl-2003;

— ir-rapporti għall-verifiki finanzjarji tal-Kummissjoni; u

— ir-Rapporti ta' l-Attività Annwali u d-Dikjarazzjonijiet mid-Diretturi-Ġenerali għall-erba' dipartimenti tal-Kummissjoni imsemmija fuq ([3]).

([3]) Ir-Rapporti Annwali ta' l-Attività 2003 tad-Direttorati-Ġenerali għar-Riċerka (30 ta' Marzu 2004), għas-Soċjetà ta' Informazzjoni (6 ta' April 2004), għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni (31 ta' Marzu 2004) u għall-Edukazzjoni u Kultura (7 ta' April 2004).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Stima tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni

Implimentazzjoni ta' l-Istandards ta' Kontroll Intern

Skop tar-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni

6.4. Il-Qorti rrevediet l-implimentazzjoni ta' tmienja mill-erba' u għoxrin Standard ta' Kontroll Intern (4) fid-Direttorati-Ġenerali għar-Riċerka, għas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, għall-Edukazzjoni u Kultura u għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni, li kollha kellhom jiġu implimentati sa l-aħħar ta' l-2003, u rat jekk l-istima li l-Kummissjoni għamlet tagħha nnfisha kienitx preċiża (ara l-Kapitolu 1, il-paragrafi 1.80 sa 1.84) (5).

Il-Qorti ma taqbilx ma' l-istima li l-Kummissjoni għamlet tagħha nnfisha f'ħafna oqsma

6.5. Ix-xogħol ta' verifika tal-Qorti kkonferma li l-erba' Direttorati-Ġenerali b'mod ġenerali żammew mal-ħtiġijiet imfassla fl-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni matul l-2003, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— Fid-Direttorat-Ġenerali għall-Istandards ta' Riċerka, instab li 20 "Reġistrazzjoni u korrezzjoni tan-nuqqasijiet ta' kontroll intern" u 21 "Rapporti tal-Verifika" ġew implimentati suffiċjentement, għalkemm is-segwitu adegwat għall-azzjonijiet korrettivi imfassal b'relazzjoni ma' dawn l-istandards (li kienu ġew deċentralizzati għal-livell ta' direttorat) ma kienx żgurat għal kollox sa l-aħħar ta' l-2003 (6). L-analiżi kkonfermat ukoll osservazzjonijiet preċedenti li għamlet il-Qorti dwar in-nuqqas ta' konformità biżżejjed ma' l-Istandard 12 "Informazzjoni adegwata dwar il-ġestjoni" (7).

6.5.

— *Setting up the Unit 'Coordination and integration of the internal control systems' in DG RTD in February 2004 should help to improve the follow-up of the corrective actions.*

The Commission intends to complete the implementation of control standard 12 in the course of 2004.

(4) Standard 11 "Analiżi tar-Riskju u ġestjoni", Standard 12 "Ġestjoni adegwata ta' l-Informazzjoni", Standard 14 "Nuqqasijiet fir-rapportar", Standard 17 "Superviżjoni", Standard 18 "Eċċezzjonijiet tar-rapportar", Standard 20 "Rapportar u korrezzjoni tan-nuqqasijiet ta' kontroll intern", Standard 21 "Rapporti ta' verifika" u Standard 22 "Kapaċita' ta' verifika iinterna".

(5) Il-Kummissjoni Ewropea, COM(2000) 2203 datata 13 ta' Diċembru 2000, u Azzjoni Nru. 78 tal-White Paper, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, Sinteżi tar-Rapporti Annwali ta' l-Attività 2002 tad-DĠs u s-Servizzi, COM(2003) 391 finali, 9 ta' Lulju 2003.

(6) Dan ġie korrett fi Frar 2004 permezz tal-ħolqien ta' unità ċentrali għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi.

(7) Rapport Speċjal Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002) flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni, il-paragrafu 110.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI	IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI
— Għad-Direttorat-Ġenerali għal Soċjetà ta' Informazzjoni, il-Qorti tikkunsidra li r-rekwiżiti bażiċi huma implimentati parzjalment f'żewġ każijiet. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' Standard 12 "Informazzjoni Adegwata dwar il-Ġestjoni", dan hu dovut għal użu mhux sistematiku tal-għodda ta' l-ippjanar IRMS ("Sistema ta' Ġestjoni tar-Riżorsi Integrata"). Għal dak li għandu x'jaqsam ma' Standard 20 "Reġistrazzjoni u korrezzjoni tan-nuqqasijiet fil-kontroll intern", il-proċeduri l-ġodda huma ta' natura formali, u mhux spjegati b'mod ċar u għalhekk hemm ir-riskju li ma jkunux effettivi b'mod suffiċjenti.	— *DG INFSO considers that the baseline requirements are adequately met but agrees with the Court that there is scope for improvement as regards the effectiveness of the procedures related to standard 20 (Identification and correction of internal control weaknesses).*
— Bl-istess mod, fil-każ tad-Direttorat-Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura, ix-xogħol tal-verifika tal-Qorti kixef li s-sistema użata għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-*budget* ma kienitx waħda affidabbli għal kollox, li setgħet potenzjalment twassal għall-ipproċessar ta' informazzjoni mhux korretta.	— *The Commission proposes to eliminate the risk of errors in encoding data relating to monthly budgetary implementation through more extensive automation of data extraction.*
— Fid-Direttorat għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni, għalkemm saru rapporti kif imfassal fir-rekwiżiti, l-informazzjoni finanzjarja dwar id-dewmien fil-pagament fir-rapporti ma kienitx ta' min joqgħod fuqha.	— *DG JAI had already noted the inadequate quality of the data of the DWH (Data WareHouse) used for the establishment of the statistics on payment delays and this point raised by the Court was commented on by the Director-General of DG JAI in his 2003 annual report. Measures have already been taken by the Commission in the context of the implementation of the new integrated accounting system.*
B'riżultat ta' dan, fl-opinjoni tal-Qorti, l-erba' dipartimenti tal-Kummissjoni li ġew eżaminati mill-Qorti ma kkonformawx ma' Standard 12 "Informazzjoni adegwata dwar il-ġestjoni" matul l-2003.	*For the reasons explained above, the Commission is of the opinion that Standard 12 has been adequately complied with.*

Stima preliminari tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-FP6

Skop ta' l-analiżi preliminari

6.6. L-2003 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tas-6 programm ta' qafas ta' l-RTD (FP6). B'*budget* inizzjali (qabel it-tkabbir) ta' 17 500 miljun euro, dan ikopri il-perjodu mill-2000 sa l-2006 ([8]). L-FP6 huwa implimentat permezz ta' strumenti speċifiċi

([8]) Il-*budget* tal-FP6 jinkludi 16 270 miljun għas-sezzjoni tal-Komunità Ewropea (KE) u 1 230 miljun euro għas-sezzjoni ta' l-Euratom. Dan il-*budget* għandu jiżdied permezz tal-kontribuzzjonijiet minghand pajjiżi terzi li jiffirmaw ftehim ta' ko-operazzjoni mal-Komunità sabiex jipparteċipaw fl-FP6. Dan il-*budget* jinkludi 760 miljun u 290 miljun euro mis-sezzjonijiet tal-KE u l-Euratom rispettivament, intiżi sabiex ikopru l-attivitajiet diretti ta' riċerka magħmula mid-Direttorat-Ġenerali għaċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

biex jindirizza oqsma xjentifiċi u biex jgħin l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika ta' riċerka nazzjonali fl-Unjoni Ewropea ([9]). Bħal fil-programm ta' qafas preċedenti, azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt l-FP6 huma ġestiti bi sħab minn ħames Direttorati-Ġenerali (li huma d-Direttorati-Ġenerali għar-Riċerka, għas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, għall-Enerġija u Trasport, għall-Intrapriża u għas-Sajd). Pagamenti għall-FP6 u azzjonijiet indiretti tal-RTD, il-parti l-kbira ħlas bil-quddiem, ammontaw għal 551,5 miljun euro (li huma 9,7 % ta' l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti għall-politika Iinterna).

Qafas regolatorju adottat fil-ħin, imma l-mudell tal-kuntratt ġie ffinalizzat tard

6.7. Għall-FP6, ir-Regolament (KE) Nru 2321/2002 dwar ir-regoli għall-parteċipazzjoni ta' l-intrapriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka, ġie adottat fis-16 ta' Diċembru 2002 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u dan temm il-qafas regolatorju fiċ-ċiklu tal-programm ta' qafas ħafna qabel iż-żmien meta mqabbel ma' l-FP5 ([10]).

6.8. Il-Kummissjoni riedet tissimplifika l-ġestjoni tal-FP6 u l-azzjonijiet indiretti tal-RTD permezz ta' l-użu ta' mudell ta' kuntratt wieħed, li jkopri t-tipi kollha ta' azzjonijiet (bl-eċċezzjoni tal-*fellowships* Marie-Curie) ([11]). Madankollu, minħabba li l-arranġamenti kontrattwali l-ġodda jipprovdu għal numru kbir ta'

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.8. *The Commission considers the significant reduction in the number of model contracts as a major simplification that will contribute to improve the management of the Framework Programme and to reduce errors and misinterpretations at the level of the final beneficiary. Minor modifications to the initial version of the FP6 model contract were adopted in October 2003, and only a reduced number of the special clauses were approved in December 2003. On the other hand, draft versions of the financial guidelines have been available on the Commission's website since Summer 2003. Overall, the Commission considers that final beneficiaries were not exposed to uncertainty during the negotiation of contracts for FP6 indirect RTD actions.*

([9]) Fl-2003, il-ħames Direttorati-Ġenerali iffirmaw 507 kuntratt għall-azzjonijiet indiretti tal-FTD (li huma *Networks* ta' eċċellenza, Proġetti Integrati, Proġetti b'mira speċifika, azzjonijiet taħt l-Artikolu 169, Proġetti ta' riċerka speċifika għall-SMEs, Azzjonijiet għall-promozzjoni u żvilupp tar-riżorsi umani u mobilità, Azzjonijiet Speċifiċi għall-promozzjoni ta' Infrastruttura ta' Riċerka, Azzjonijiet ta' ko-ordinazzjoni, Azzjonijiet speċifiċi ta' sostenn, Inizzjattivi integrati ta' infrastruttura) għal kontribuzzjoni totali mill-Komunità ta' 1 945,7 miljun euro. Dan jipparaguna mat-846 kuntratt għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP5, li jkopru kontribuzzjoni totali mill-Komunità ta' 961,0 miljun euro, iffirmati fl-1999, l-ewwel sena tal-programm ta' qafas ta' RTD preċedenti (ara r-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafi 59, 60, 132 u l-anness 3a u 3b).

([10]) L-FP6 ġie adottat fis-27 ta' Ġunju 2002 permezz tad-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-programmi speċifiċi "Nintegraw u nsaħħu l-Qasam Ewropew tar-Riċerka" u "Nistrutturaw il-Qasam Ewropew tar-Riċerka" ġew adottati fit-30 ta' Settembru 2002 permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Nru 834 u Nru 835 rispettivament (ara r-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafi 11 sa 15).

([11]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafu 15.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

klawsoli speċjali u ta' annessi speċifiċi għall-strumenti differenti, ma nkisbet l-ebda simplifikazzjoni. Barra minn hekk, il-versjoni sħiħa tal-mudell tal-kuntratt tal-FP6 għal azzjonijiet indiretti tal-RTD ma kienitx disponibbli qabel Diċembru 2003 ([12]). Barra minn hekk, il-linji ta' gwida finanzjarji, li jiċċaraw il-kriterji ta' l-eliġibilità għall-ispejjeż li għandhom jiġu ddikjarati mill-benefiċjarji finali, ġew adottati formalment f'Jannar biss u dawn ġew sussegwentement modifikati f'April 2004 ([13]). Fl-opinjoni tal-Qorti, din l-adozzjoni tard ħolqot inċertezza li ma kienx hemm bżonnha (b'mod partikolari għan-negozjati ta' kuntratti għall-azzjonijiet indiretti RTD tal-FP6) u b'hekk ħolqot riskju għall-implimentazzjoni legali u regolari tal-FP6.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Dewmien fl-użu ta' sistema komuni ta' IT għall-FP6, li mhux qed tiġi użata mid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni

6.9. Il-Kummissjoni mmirat li żżid l-effettività tal-kontrolli interni tagħha fl-FP6 permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistema komuni ta' IT għall-ġestjoni ta' proposti, kuntratti u proġetti, biex b'hekk tindirizza rakkomandazzjoni preċedenti tal-Qorti ([14]). Madankollu, din is-sistema ta' IT mhux se tiġi mħaddma mid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni minħabba li d-Direttorat-Ġenerali għall-Enerġija u Trasport għadu juża s-sistema ta' IT tiegħu għal funzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, matul l-2003 — l-ewwel sena tal-perijodu tal-programm tal-FP6 — uħud mill-moduli tas-sistema komuni ta' IT kienu għadhom ma jaħdmux. Dan naqqas l-effettività tal-kontrolli interni fl-FP6, b'mod partikolari meta tiġi stmata l-vijabilità legali u finanzjarja tal-parteċipanti u waqt l-evalwazzjoni u n-negozjar tal-proposti. Dan naqqas ukoll l-affidabilità ta' l-informazzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni.

6.9. *The Commission shares the Court's view on the need for a common IT system to manage the RTD framework programmes. The Directorates-General operating these programmes collaborated in setting-up a joint IT Management Office which became operational in 2004.*

DG TREN has participated in the design of the common FP 6 IT system and decided to use all of its modules except the contract module. At the same time an interface has been set up to enable data exchange with the common system.

The implementation of a common IT system represents major progress in the set-up of the Commission's systems for the management of the European RTD framework programmes.

([12]) Mudell ta' kuntratt ewlieni adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 799/1 datata 10 ta' Marzu 2003, modifikat permezz ta' C(2003) 799/2 datata 12 ta' Marzu 2003 u Ċ(2003) 3834 tat-23 ta' Ottubru 2003 (flimkien ma' l-Anness II "Kundizzjonijiet Ġenerali", Anness III għall-"Proġetti Integrati" u "Netwerks ta' Eċċellenza"); Anness III għal "Inizzjattivi Integrati għall-Infrastrutturi" adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 2029 datata 2 ta' Lulju 2003; żewġ settijiet ta' Klawsoli Speċjali ġenerali adottati permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni DL/2003/3004 (datata 7 ta' Novembru 2003) u DL/2003/3188 (datata 27 ta' Novembru 2003); Klawsoli Speċjali mmirati permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni DL/2003/3140 (għall-"Organizzazzjonijiet Iinternazzjonali") u DL/2003/3141 (għal "Azzjonijiet speċifiċi ta' sostenn li jinvolvu Aċċess Transnazzjonali"), it-tnejn datati 20 ta' Novembru 2003 u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni DL/2003/3388 (għal "Azzjonijiet Speċifiċi ta' Sostenn għall-Infrastrutturi") datata 10 ta' Diċembru 2003.

([13]) Il-Kummissjoni Ewropea, "Gwida għall-Kwistjonijiet Finanzjarji għal dak li għandu x'jaqsam ma' Azzjonijiet Indiretti tas-Sitt Programm ta' Qafas", verżjoni April 2004.

([14]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafi 42 sa 45 u 114.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Bżonn ta' aktar kjarifiki għaċ-ċertifikati ta' verifika

6.10. Fl-opinjoni tal-Qorti, ir-rekwiżit obbligatorju li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP6 għandhom jiġu ċċertifikati, matul iż-żmien għandu jssaħħaħ il-kontroll tal-Kummissjoni fuq in-nefqa għall-programmi strutturali tal-RTD b'mod sinifikanti. Dawn iċ-ċertifikati ta' verifika jingħataw minn awditur estern indipendenti jew, fil-każ ta' korpi pubbliċi, minn uffiċjal pubbliku kompetenti. Madankollu, il-Kummissjoni għadha ma tatx il-kjarifikazzjoni meħtieġa lill-kuntratturi u lill-awdituri esterni dwar l-iskop tal-verifika, l-obbligi ta' rappurtar ta' l-awditur estern u r-rwol tal-Kummissjoni li tivverifika l-adegwatezza ta' ċertifikati ta' verifika għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP6 ([15]). Fl-opinjoni tal-Qorti, il-limitazzjoni prinċipali tas-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-FP6 hija li l-awdituri esterni mhumiex meħtieġa jikkonfermaw jekk l-ispejjeż li saru kienux meħtieġa.

6.10. *The audit scope is sufficiently defined in the wording of the model audit certificate attached to the Financial Guidelines for FP6. The auditors have to certify that the costs claimed are in compliance with the eligibility criteria as defined in the legal base, except for their necessity. The assessment of necessity is subject to the scientific monitoring assured by the Commission's services with the assistance of external experts.*

L-approċċ tal-verifika tal-FP6 mhuwiex aċċettat mid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni

6.11. Bi qbil mar-riforma amministrattiva tal-Kummissjoni, verifiki finanzjarji ex-post saru wieħed mill-elementi l-aktar importanti tal-proċeduri ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-istima tal-legalità u tar-regolarità ta' pagamenti għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP6. Approċċ komuni ta' verifika għall-FP6, li jagħti kas tat-tibdil fl-ambjent tal-kontroll fl-FP6 meta mqabbel mal-programm ta' qafas preċedenti, ġie propost mid-Direttorat-Ġenerali għar-Riċerka, iżda għadu ma ġiex miftiehem mill-ħames Direttorati-Ġenerali kollha ([16]). Barra minn hekk, din il-proposta ma tistabbilixxix miri ċari li jistgħu jitkejjlu għall-kopertura tal-verifiki tal-FP6 (bħall-għan li jiġu vverifikati 10 % mill-kuntratturi kollha matul l-FP5) minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti ([17]).

6.11. *The Directorates-General operating RTD framework programmes agreed in May 2004 the main principles of a common audit strategy for FP6 and will put in place the mechanism for the implementation of the common audit approach. They continue to collaborate intensively in order to define more detailed principles and to exchange the results of their audits.*

The Commission confirms the target of auditing 10 % of all contractors during FP5. For FP6, the situation is entirely different as the introduction of audit certificates is generalised and the Commission's audit strategy will focus on the qualitative assessment of the system based on audit certificates.

([15]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafu 132.

([16]) Dan l-approċċ jipprovdi għal tlett tipi ta' verifiki li jsiru minn (jew għannom tal-) Kummissjoni: verifiki finanzjarji ex-post sabiex jivverifikaw l-affidabilità taċ-ċertifikati ta' verifika li jakkumpanjaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP6, verifiki ta' konformità (dawk li jissejħu "verifiki ta' ġestjoni") li jipprovdu assigurazzjoni dwar l-operazzjoni effettiva ta' strumenti ġodda (li huma "*Networks* ta' Eċċellenza" u "Proġetti integrati"); u — verifiki finanzjarji ex-post għal dawk l-istrumenti li ma jeħtieġux ċertifikat ta' verifika, intiżi biex jikkonfermaw l-eliġibilità ta' l-ispejjeż iddikjarati (ara d-Direttorat-Ġenerali għar-Riċerka, L4/RH/ER D (2003), Politika ta' Verifika Komuni tad-DĠ għall-FP6, datata 5 ta' Diċembru 2003).

([17]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafu 132.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Stima preliminari tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja

Skop ta' l-istima preliminari

6.12. Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni jqieġħed fis-seħħ programmi u attivitajiet fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja. Fl-2003 approprjazzjonijiet ta' 138,7 miljun euro ġew użati taħt it-titolu B5-8 tal-*budget* u l-pagamenti ammontaw għal 101,8 miljun euro.

6.13. Il-"Fond Ewropew għar-Refuġjati" (ERF) (2000 sa l-2004), li jgħin lill-Istati Membri biex jirċievu u jsostnu l-konsegwenzi talli jirċievu refuġjati u persuni mkeċċija minn pajjiżhom, kien jirrappreżenta 28 % tal-pagamenti kollha f'dan il-qasam fl-2003 ([18]). Dan jinkludi tlett miżuri differenti, li huma l-ilqugħ, l-integrazzjoni u r-ripatrijazzjoni volontarja. L-allokazzjoni ta' fondi fost l-14-il Stat Membru li qed jipparteċipaw fl-ERF ([19]) tinkludi ammont annwali fiss u ammont varjabbli fi proporzjon għan-numru ta' refuġjati u persuni mkeċċija minn pajjiżhom li ġew milqugħa matul it-tlett snin preċedenti. Fil-perijodu 2000 sa l-2002, in-numru ta' applikanti għar-refuġju varja ħafna fost l-Istati Membri. Meta jitqies dan il-fatt u l-għażliet differenti ta' finanzjament magħmula mill-Istati Membri għat-tlett miżuri, kien hemm differenzi kbar fil-kontribuzzjoni tal-Komunità għal kull applikant u kull Stat Membru.

6.14. Il-Qorti eżaminat il-proċeduri ta' ġestjoni u kontroll ta' l-ERF u eżaminat kampjun ta' pagamenti awtorizzati fl-2003 fil-Kummissjoni, u estendiet il-verifika għall-benefiċjarju finali fejn kien hemm bżonn.

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE tat-28 ta' Settembru 2000 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ĠUJ L 252, 6.10.2000, p. 12).

([19]) Id-Danimarka mhux qed tipparteċipa fil-programm ta' l-ERF (Reċita 23 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Proċeduri operazzjonali għadhom ma ġewx dokumentati fid-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni

6.15. Standard ta' Kontroll Intern 15 "Dokumentazzjoni ta' proċeduri" jiddikjara li d-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni kellhom jiddokumentaw kompletament il-proċeduri finanzjarji tagħhom u kellhom jipproduċu manwali operazzjonali aġġornati sal-31 ta' Diċembru 2002 ([20]). Kuntrarjament għal dak li ġie mitlub, ma kienx jeżisiti manwal dettaljat għall-proċeduri operazzjonali għall-ebda wieħed mill-programmi ġestiti mid-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni sa l-aħħar ta' l-2003 ([21]).

6.15. *The staff in charge of the management of the financial intervention programmes has at its disposal the Vade-mecum of financial procedures of the Directorate-General which contains numerous references concerning operational provisions.*

Discussions are already in progress to bring together in the manuals of operational procedures for the programmes the various standard documents already accessible in the common information technology repertories of each programme.

Nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll ta' l-ERF f'livelli differenti

6.16. Dawn in-nuqqasijiet li ġejjin ġew identifikati mill-verifika tal-Qorti ta' l-ERF fil-livelli tal-Kummissjoni, ta' l-Istat Membru u l-benefiċjaru finali:

— *adozzjoni tard tar-regoli ta' implimentazzjoni:* L-Istati Membri huma responsabbli li jassiguraw ambjent ta' kontroll finanzjarju xieraq ([22]). Għalkemm l-ERF twaqqaf f'Settembru 2000, il-Kummissjoni fissret ir-regoli dwar l-eliġibilità tan-nefqa f'Marzu 2001 u dwar il-ġestjoni u l-kontrolli fl-Istati Membri f'Diċembru 2001. Dan ħalla lill-korpi intermedjari nazzjonali ta' ġestjoni mingħajr istruzzjonijiet ċari matul il-fażi tal-bidu tal-programm ([23]);

6.16.

— *The Commission is aware that a delay has occurred in the adoption of the various decisions concerning the implementing procedures, in particular as a result of the consultations needed with the Member States.*

This is already the subject of measures by the Commission in the context of the second phase of the European Refugee Fund.

([20]) L-Artikolu 15, rekwiżiti bażi sal-31 ta' Diċembru 2002 ta' l-Istima tal-Kontroll Intern u tar-Riskju 2002 (ICRSA) 2002, Taqsira tar-rekwiżiti bażi u tar-rekwiżiti kollha ta' l-istandards ta' kontroll intern (http://intracomm.cec.eu-admin.net/budg/document/crd/ics/baseline-en-1.03-final.pdf).

([21]) Barra mill-linji ta' ġwida mħejjija f'livell tekniku, li mhumiex approvati formalment mill-ġerarkija, l-uniċi manwali fid-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni kienu fuq proċeduri finanzjarji u konsultazzjoni inter-dipartimentali (b'mod partikolari "Vademecum des Circuits financiers", Unità Ċ1, Riżorsi umani, *budget*, Informazzjoni, sigurtà; "Vademecum sur les procédures institutionelles", Lulju 2003, DG JAI.01).

([22]) L-Artikolu 7 flimkien ma' l-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE.

([23]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/275/KE ta' l-20 ta' Marzu 2001 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE dwar l-eliġibilità tan-nefqa u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni fil-kuntest ta' azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ĠU L 95, 5.4.2001, p. 27). Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/307/KE tat-18 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u proċeduri biex isiru korrezzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ĠU L 106, 23.4.2002, p. 11).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— *nuqqas li jiġu rispettati l-kriterji ta' eliġibilità:* l-ERF issostni miżuri għall-ilqugħ, l-integrazzjoni u r-ripatrijazzjoni tar-refuġjati. Skond id-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-ERF, ir-ripatrijazzjoni għandha tiġi ffinanzjata sakemm ir-refuġjati kkonċernati ma jakkwistawx nazzjonalità ġdida u ma jkunux telqu mit-territorju ta' l-Istat Membru ([24]). Il-Qorti sabet li fil-Ġermanja din il-kundizzjoni ta' l-aħħar ma ġietx imħarsa;

— *ambjent ta' kontroll dgħajjef fl-Istati Membri:* mill-2002, il-Kummissjoni għamlet żjarat fl-Istati Membri kollha kkonċernati, biex tissorvelja s-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll għall-ERF. Diversi rapporti ta' monitoraġġ jindikaw nuqqasijiet fl-ambjent ta' kontroll ta' l-Istati Membri, bħal proċeduri ta' ġestjoni u kontroll li ma setgħux jiġu vverfikati, dokumentazzjoni mhux adegwata ta' l-evalwazzjoni u l-għażla ta' proġetti, nuqqas ta' ħarsien tar-regolament tal-Komunità dwar l-eliġibilità ta' proġetti, verifika mhux suffiċjenti ta' l-eliġibilità ta' l-ispejjeż mill-korpi intermedjari u nuqqas ta' kontrolli fuq kampjuni kif meħtieġ. Dawn in-nuqqasijiet juru bżonn għal żieda ulterjuri fil-verifiki finanzjarji ex-post mill-Kummissjoni f'dan il-qasam, barra mit-tisħiħ ta' l-ambjent ta' kontroll ta' l-Istati Membri ([25]);

— *ħtiġijiet speċifiċi fuq dokumentazzjoni ta' sostenn mhux imħarsa mill-Istati Membri:* is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu veduta xierqa tal-verifka. Dan għandu jippermetti r-rikonċiljazzjoni tal-"kontijiet fil-qosor" (li huma d-dikjarazzjonijiet ta' spejjeż mill-korpi intermedjari lill-Kummissjoni) mar-rapporti tan-nefqa individwali u mad-dokumenti ta' sostenn miżmuma fil-livelli amministrativi varji u mill-benefiċjari finali ([26]). Il-verifika sabet li dan ma kienx dejjem possibbli ([27]);

— *pagamenti bil-quddiem iddikjarati b'mod mhux korrett bħala nefqa:* meta jippreżentaw il-"kontijiet fil-qosor" lill-Kummissjoni, korpi intermedjarji għandhom jikkonfermaw li l-ispejjeż dikjarati kienu ġew fil-fatt magħmula, kienu eliġibbli u kienu ġew reġistrati fil-kontijiet u fir-reġistru prinċipali tat-taxxa tal-benefiċjarju finali. Il-verifika tal-Qorti uriet li l-ħlasijiet bil-quddiem konċessi mill-korpi intermedjari lill-beneficjari finali ġew iddikjarati lill-Kummissjoni bħala spejjeż magħmula.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

— *On the basis of information provided by the Court, the Commission has contacted the Member State about the project concerned and financial adjustments will be made if necessary.*

— *The Commission organised in 2002 and 2003 monitoring visits in all the Member States and verifications of project expenditure.*

The monitoring visits showed that improvements were possible, and the weaknesses were taken into account in the programming of the ex-post audits.

— *The Court's findings have been sent to the Member State concerned and, where appropriate, rectifications will be made. The Commission will inform the Court once replies have been provided by the Member State*

— *In 2002 the Commission specified the implementing procedures, in particular as regards the definition of expenditure incurred.*

The Court's findings have been sent to the Member State concerned and, where appropriate, rectifications will be made. The Commission will take appropriate measures to remind the Member States about the provisions contained in the implementing rules concerning the ERF.

In addition, the definition of the concept of 'eligible expenditure' has been included in the Commission proposal for the second phase of the European Refugee Fund (COM(2004)102 of 12 February 2004, Articles 20 and 23.

([24]) L-Artikolu 4(1)(ċ) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE.

([25]) Ir-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002, il-paragrafu 6.43.

([26]) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/307/KE dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u proċeduri biex isiru korrezzjonijiet finanzjarji fil-kuntest ta' azzjonijiet ko-finanzjati mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

([27]) Fil-każ ta' transazzjoni waħda vverifikata mill-Qorti, ir-rapport interim imħejji mill-benefiċjarju finali u ppreżentat lill-awtorità nazzjonali ma kellux informazzjoni biżżejjed biex jiġġustifika n-nefqa. Minkejja dan, l-ammont ġie aċċettat għal kollox u ċċertifikat għall-Kummissjoni u fuq din il-bażi l-Kummissjoni awtorizzat il-pagament. Rapport finali ieħor kien jinkludi ammonti mħallsa mill-uffiċċju lokali tal-benfiċjarju fil-Kosovo minghajr dokumentazzjoni ta' sostenn adegwata fil-*file*.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Riżultati tat-testijiet ta' transazzjonijiet ta' bażi awtorizzati matul is-sena finanzjarja

Skop ta' l-ittestjar

6.17. Il-verifika tal-Qorti għamlet stima tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi fil-qasam tal-politika iinterna bbażata fuq kampjun meħud fuq bażi każwali fil-livell tal-Kummissjoni ta' tlieta u disgħin pagament u disa' impennji. Dan il-kampjun kien jinkludi finanzjament bil-quddiem, bejn pagament u ieħor, pagamenti finali u singoli, fir-rigward ta' azzjonijiet implimentati minn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, ftehim ta' finanzjament u kuntratti ta' xogħol. F'dan il-kampjun, ġie ttestjat ħmistax-il pagament ibbażat fuq dikjarazzjonijiet ta' spejjeż li saru fuq livell tal-benefiċjarju finali.

6.18. Dan il-kampjun kien jinkludi tmien pagamenti u żewġ impennji għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP6, u ġie miżjud bi sbatax-il pagament tat-titolu B5-8 "Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" tal-*budget* li minnhom erba' ġew ikkontrollati fil-benefiċjarju finali.

Nuqqasijiet osservati fit-tħaddim ta' kontrolli interni tal-Kummissjoni

6.19. F'numru ta' każijiet, l-iskop u r-riġidità tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni ma kienux biżżejjed. Eżempji jinkludu l-għoti ta' finanzjament li għalihom ma setgħux jingħataw id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, jew ġestjoni ħażina ta' kuntratt (inklużi tibdiliet fil-kuntratt) u nuqqas ta' konformità mal-proċeduri finanzjarji applikabbli għall-awtorizzazzjoni ta' pagamenti. Il-Qorti tinnota li f'numru ta' każijiet, id-dokumentazzjoni tal-kontrolli mwettqa għadha mhux adegwata.

6.19. *In the cases to which the Court alludes, Community aid was not granted without a decision having been taken. Its finding concerns an archiving problem concerning a document dating back eight years; the Commission considers that the disputed amendments are justified in all the specific cases analysed by the Court.*

Following the Court's audit the correct application of the financial procedures was reviewed by the Commission.

6.20. F'xi każijiet il-Kummissjoni naqset ukoll milli tirrispetta l-proċeduri ta' għoti u ta' impenn. F'żewġ każijiet oħra, riservi espliċiti magħmula mill-unità ta' kontroll intern tal-Kummissjoni dwar ir-regolarità tal-għażla tal-kuntratturi u dwar il-ġestjoni tal-kuntratti ta' servizzi ma wasslux għall-azzjoni korrettiva tajba.

6.20. *In the two cases mentioned by the Court the recommendations made subsequently by the control units had effects which the Commission judged appropriate.*

6.21. Meta ġiet ivverifikata l-eliġibilità u l-preċiżjoni ta' l-ispejjeż mitluba mill-benefiċjarju finali (jew awtoritajiet nazzjonali li jaġixxu bħala korp intermedjarju) u ġew ipproċessati pagamenti ibbażati fuq kemm ġie mitlub, kontrolli dgħajfa jew ineffettivi ta' spiss wasslu għal ħlas żejjed mill-Kummissjoni.

6.21. *When the Commission is processing payments based on cost claims by final beneficiaries, desk controls are performed on these claims according to the existing contractual provisions, whereas only a full financial audit at the level of beneficiaries can determine with certainty and exactitude the correctness of the claimed costs. As far as the desk controls are concerned the Commission therefore agrees that their scope is limited and that they cannot provide full assurance on the legality and regularity of the cost claimed. The Commission has therefore significantly increased its financial audits at beneficiary level over the last few years (see also point 6.29).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.22. Bħal fis-snin ta' qabel, pagamenti mill-Kummissjoni ġew ta' spiss magħmula tard. Dan huwa kkonfermat mill-informazzjoni miġbura fir-Rapporti ta' l-Attività Annwali 2003 ta' numru ta' Direttorati-Ġenerali ([28]).

Thassib dwar dikjarazzjonijiet ta' spejjeż għola mill-benefiċjarji għal azzjonijiet indiretti tal-RDT

6.23. Fis-sub-sezzjoni B6 tal-*budget* "Riċerka u żvilupp teknoloġiku", pagamenti għall-azzjonijiet indiretti tal-RDT tal-FP6 magħmula fl-2003 kienu fil-parti l-kbira ħlas bil-quddiem wara l-firma tal-kuntratt. Dawn it-transazzjonijiet ma ġewx ivverifikati mill-Qorti fil-benefiċjarju finali. Għall-każijiet li kellhom x'jaqsmu ma' programmi ta' qafas tal-RDT preċedenti, ħafna dikjarazzjonijiet ta' l-ispejjeż kellhom rati ta' finanzjament tal-Komunità li ma kienux jaqblu ma' dawk fil-kuntratt, mingħajr ma dawn ġew innutati mill-kontrolli interni tal-Kummissjoni. Il-Qorti ssostni t-tħassib tagħha fuq il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti bbażati fuq it-talba ta' l-ispejjeż awtorizzati mill-Kummissjoni għall-FP5 fit-totalità tiegħu, minħabba l-frekwenza u l-impatt ta' l-iżbalji f'dan il-qasam ([29]).

Osservazzjonijiet preċedenti għall-TEN-T ikkonfermati minn dak li nstab fil-verifiki ta' din is-sena

6.24. Bl-istess mod, għas-Sistemi tat-Trasport Trans-Ewropej (TEN-T) fit-titolu B5-7 tal-*budget*, il-verifika ta' din is-sena kkonfermat l-osservazzjonijiet li ġew irrappurtati qabel mill-Qorti ([30]). B'mod partikolari il-verifika sabet li pagamenti *interim* u finali kienu spiss awtorizzati mill-Kummissjoni mingħajr ma ġew sodisfatti l-prekundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fid-disposizzjonijiet finanzjarji ta' implimentazzjoni.

Nuqqasijiet fil-kontroll identifikati fil-"Qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja"

6.25. Għal dak li għandu x'jaqsam mat-titolu B5-8 tal-*budget* "Qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja", ir-regolament tal-Komunità ġie applikat ħażin mill-korpi intermedjarji fl-Istati Membri. It-talbiet għall-finanzjament li ġew sottomessi wara d-data ta' għeluq uffiċjali ġew aċċettati.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.22. *The Commission is closely monitoring the payment times indicator and has made further progress.*

In a number of cases payment delays are due to deferred availability of appropriations at the beginning of the financial year, additional controls or requests for new substantiating documents, which are not always correctly recorded as giving rise to an interruption in the reference period for making the payment in question.

6.23. *To address the problem of erroneous cost statements submitted by beneficiaries, the Commission has adopted a number of corrective measures. For FP5, the number of financial audits at beneficiary level has been significantly increased. Moreover the Commission has made a concerted effort to ensure consistency and uniformity of legal interpretations and applications by means of the Action Plan established further to the Commission's synthesis of the 2001 Annual Activity Reports (Communication from the Commission to the European Parliament and the Council. Synthesis of the Annual Activity Reports and Declarations of the Directors-General and Heads of Service. COM(2002) 426 final, Brussels, 24.7.2002).*

For FP6 the measures taken include a simplification of rules, the use of audit certificates and the introduction of sanctions.

6.24. *The Commission considers, as already indicated in its reply to the ECA's Annual Report 2002 (paragraphs 6.35 and 6.36) that the preconditions for interim and final payments were met. The difference in the interpretation of activities eligible for funding as studies will be addressed by a revised definition of studies and works to be integrated into the TEN-T handbook for beneficiaries.*

6.25. *The Commission will remind the Member States of the provisions of Decision 2000/596/EC.*

([28]) Ir-Rapport Annwali ta' l-Attività 2003 għad-DĠ RTD, per eżempju, jgħid li l-limiti ta' żmien għall-Kummissjoni m'għadhomx jiġu rispettati f'aktar minn 60 % tal-każijiet.

([29]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar il-ġestjoni ta' azzjonijiet indiretti tal-RTD taħt il-5 Programm ta' Qafas (FP5) għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (1998 sa l-2002), flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni: il-paragrafi 90 sa 100 u 129.

([30]) Ir-Rapport Annwali dwar is-sena finanzjara 2001, il-paragrafi 4.27 sa 4.30; Rapport Annwali dwar is-sena finanzjarja 2002, il-paragrafi 6.33 sa 6.36.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Nuqqas ta' ħarsien tar-rekwiżiti kuntrattwali fil-livell tal-benefiċjarju finali

6.26. L-iżbalji li nstabu fil-livell tal-benefiċjarji finali għandhom x'jaqsmu fil-parti l-kbira tagħhom man-nuqqas ta' ħarsien tar-rekwiżiti kuntrattwali. Bħal fis-snin ta' qabel, il-verifika sabet li l-benefiċjarji kienu qed iżidu fl-ispejjeż, primarjament minħabba kalkoli ħżiena ta' l-ispejjeż li saru għall-attività ffinanzjata, jew minħabba dikjarazzjonijiet ta' spejjeż ineliġibbli, spejjeż li fil-fatt ma sarux jew spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ineliġibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

([59]) Kummissjoni Ewropea, "Evaluation intermédiaire du Programme Jeunesse 2000-2006 (couvrant la période 2000-2003)", 8 ta' Marzu 2004, COM(2004) 158 finali.

([60]) Fil-bidu ta' l-2004, wara ri-organizzazzjoni iinterna, funzjoni speċifika fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura ġiet fdata sabiex tistma r-rapporti ta' ċertifikazzjoni ta' l-Aġenziji Nazzjonali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.54. Madanakollu, ħafna miċ-ċertifikati ta' verifika fl-2003 ma ġewx aċċettati minnufih mill-Kummissjoni, jew ġew aċċettatti soġġetti għal riservi materjali. F'xi każijiet, rapporti ta' ċertifikazzjoni mressqa mill-Aġenziji Nazzjonali lill-Kummissjoni kixfu nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' sostenn sabiex jiġġustikaw l-ispejjeż li saru għall-azzjonijiet deċentralizzati ([61]). Dan jindika li l-kontrolli li saru mill-Aġenziji Nazzjonali ma kienux diretti u rigorużi biżżejjed. Dan juri wkoll li d-definizzjoni ta' l-iskop u l-grad tax-xogħol ta' verifika li għandu jsir mill-(jew f'isem) Aġenziji Nazzjonali għassottomissjoni ta' ċertifikati ta' verifika għandu jitjieb mill-Kummissjoni. Meta wieħed jikkunsidra l-kwalità fqira tar-rapporti ta' ċertifikazzjoni għaż-żewġ programmi, jibqa' r-riskju li dawn ir-rapporti ma jkunux biżżejjed biex jassiguraw kontroll fuq il-pagamenti lill-Aġenziji Nazzjonali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.54. *The introduction of an expenditure certification procedure is part of the measures taken by the Commission to step up the auditing of the national agencies. For example, as the Court observes, the Commission did not immediately accept most of the audit certificates for 2003. The Commission is endeavouring to improve the operation and utilisation of the results of this certification. However, it considers that the certification of accounts is only one means among others of ensuring effective auditing of payments authorised by the national agencies and has stepped up other methods of controlling these agencies (audit inspections, monitoring inspections, report processes).*

Titjib fl-evalwazzjoni tal-programm tal-Kummissjoni

6.55. Il-bażijiet legali ta' "Socrates" ([62]) u "Youth" ([63]) jeħtieġu evalwazzjoni tal-programm. Ir-Rapport Speċjali nnota nuqqas ta' kultura ġenwina ta' kontroll u ta' evalwazzjoni minn naħa tal-korpi ta' ġestjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Komunità.

6.56. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni bdiet strateġija totali ta' twettieq ta' evalwazzjonijiet "*ex-ante*", "fin-nofs" u "*ex-post*" ([64]). Għall-evalwazzjonijiet tal-programmi tagħha, il-Kummissjoni żiedet ukoll l-isforzi tagħha biex tipprovdi sostenn metodoloġiku għall-evalwazzjonijiet, inkluż it-twaqqif ta' "network ta' sostenn għall-evalwazzjoni" għad-Direttorati-Ġenerali kollha.

6.57. Barra minn hekk, bi qbil mar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Qorti sabiex issaħħaħ il-politika totali ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, il-Kummissjoni għamlet xi evalwazzjonijiet immirati għal aspetti speċifiċi, b'żieda ma' l-evalwazzjoni globali tal-programm "Socrates" ([65]) jew "Youth" ([66]).

6.56 and 6.57. *As the Court observes, the Commission has stepped up its efforts with regard to programme evaluation, acting on the recommendations in Special report 2/2002.*

([61]) Ara per eżempju r-rapporti ta' ċertifikazzjoni ta' l-Aġenzija Nazzjonali Franċiża tal-11 ta' Frar 2004 jew ir-rapport mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Lussemburgu ta' l-10 ta' Frar 2004.

([62]) Id-Deċiżjoni Nru. 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2000 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-edukazzjoni "Socrates"; Artikolu 14 "Monitoraġġ u Evalwazzjoni".

([63]) Id-Deċiżjoni Nru. 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni tal-Komunità "Youth"; Artikolu 13 "Monitoraġġ u Evalwazzjoni".

([64]) Komunikazzjoni COM(2002) 276 tal-5 ta' Ġunju 2002.

([65]) Kummissjoni Ewropea, "Interim evaluation report on the results achieved and on the qualitative and quantitative aspects of the implementation of the second phase of the 'Socrates' Community action programme in the field of education" 8 ta' Marzu 2004, COM(2004) 153 finali.

([66]) Kummissjoni Ewropea, "Evaluation intermédiaire du Programme Jeunesse 2000-2006 (couvrant la période 2000-2003)", 8 ta' Marzu 2004, COM(2004) 158 finali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

6.58. Il-Kummissjoni indirizzat numru ta' nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fir-Rapport Speċjali. F'xi oqsma, bħat-tfassil ta' programm u l-istruttura ta' ġestjoni tiegħu, il-Kummissjoni għandha biss spazju limitat biex timmanuvra minħabba l-bażi legali li tibqa' tapplika sa l-2006. F'oqsma oħra, is-segwitu ta' dan ir-Rapport Speċjali wera nuqqasijiet kontinwi, uħud minnhom imsemmija wkoll fir-Rapporti Annwali ta' l-Attività ta' l-2002 u l-2003 tad-Direttorat-Ġenerali għall-Edukazzjoni u Kulturatura ([67]).

6.59. B'mod partikolari, il-Kumissjoni hija rakkommandata li tieħu azzjoni korrettiva ulterjuri fl-oqsma li ġejjin:

— Il-Kummissjoni għandha tagħti kas tal-kummenti tal-Qorti dwar is-simplifikazzjoni tat-tfassil tal-programm u l-istruttura ta' ġestjoni meta tkun qed tagħmel proposta għal programm futur ta' Socrates jew Youth.

— Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa indikaturi rilevanti u li jistgħu jitkejjlu bi qbil mal-linji ta' gwida li jfissru l-għanijiet u l-indikaturi stabbiliti mis-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni ([68]). Dawn l-indikaturi għandhom jiġu rrappurtati perjodikament lill-amministrazzjoni anzjana, u għandhom jipprovdu għal iffissar ta' standards bejn id-direttorati u l-programmi differenti. B'mod partikolari, għandhom ikopru wkoll il-ħidma effiċjenti u effettiva tal-kontrolli interni.

— Il-proċeduri ta' amministrazzjoni tal-Kummissjoni, mill-preparazzjoni ta' proposta sa l-eġħluq ta' azzjoni, għandhom jiġu ssimplifikati aktar. L-użu ta' sistema elettronika għassottomissjoni u l-ipproċessar tal-proposti mill-Aġenziji Nazzjonali għandu jippermetti aktar simplifikazzjoni u vantaġġi fl-effiċjenza.

— Sabiex tikkjarifika aktar l-iskop u l-grad tax-xogħol ta' verifika li għandu jsir mill- (jew f'isem) Aġenziji Nazzjonali għassottomissjoni taċ-ċertifikati ta' verifika (li huma "rapporti ta' ċertifikazzjoni"), il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida speċifika għall-Aġenziji Nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummmissjoni għandha tispeċifika strateġija dwar kif tivverifika fil-livell ta' kull Stat Membru, li ċ-ċertifikati ta' verifika sottomessi mill-Aġenziji Nazzjonali saru f'konformità mal-ħtiġijiet minimi speċifikati fl-iskop u l-grad tax-xogħol ta' verifika.

6.59.

— *On 14 July 2004 the Commission proposed simplified architecture programmes compared with the current generation of the next period of financial perspectives 2007-2013.*

— *It is endeavouring to develop measurable indicators, including concerning internal control.*

— *It will continue to simplify the management of actions (greater use of flat rates, introduction shortly of an electronic grant application submission tool).*

— *It will strengthen the validity of the arrangement launched with the certification obligation for the accounts of national agencies. The guidelines referred to by the Court in point 6.52 are already available to the national agencies.*

([67]) Direttorat-Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura, "Rapport Annwali ta' l-Attività 2002", 14 ta' April 2003.

([68]) Ara d-DĠ *Budget* — Servizz Finanzjarju Ċentrali, "Standards for Iinternal Control within the Commission's services and the baseline for implementation by the 31 December 2001", 18 ta' Diċembru 2001.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— Id-Direttorat-Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura għandu jikkummissjona wkoll evalwazzjonijiet dwar kwestjonijiet amministrattivi rilevanti, b'mod partikolari jimmira għal proposti sabiex jissemplifika l-aspetti amministrattivi u finanzjarji tal-programmi Socrates u Youth. Ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijet għandhom jiġu kkomunikati fil-ħin dovut lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Aġenziji Nazzjonali sabiex tkun tista' ssir diskussjoni dettaljata fuq dawn l-aspetti u għalhekk ikunu jistgħu jitqiesu l-konklużjonijiet għat-twaqqif ta' programmi suċċessivi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

— *In addition, it will evaluate the programmes in due course in terms of effectiveness (implementation, results) and efficiency (administrative and financial aspects) and ensure appropriate follow-up arising from these two aspects.*

OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI FIR-RAPPORT SPEĊJALI NRU 1/2004 DWAR L-FP5 (1998 SA L-2002)

6.60. Il-verifika tal-Qorti ffukat fuq il-5 Programm ta' Qafas li jkopri attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u ta' attivitajiet ta' wirja (FP5) tal-Komunità Ewropea (KE) li ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Diċembru 1998 b'*budget* totali ta' 13 700 miljun euro ([69]). Il-finanzjament annwali pprovdut għasseba' programmi tematiċi u orizzontali fil-perjodu sa l-2002 jirrispondi għal bejn wieħed u ieħor kwart mill-finanzjament pubbliku għal proġetti ta' riċerka fl-Unjoni Ewropea.

6.61. L-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati taħt l-FP5 isiru permezz ta' kuntratti ma' terzi persuni u huma ffinanzjati in parti mill-*budget* tal-Komunità. Sew ir-regolament ta' implimentazzjoni kif ukoll il-mudell tal-kuntratti ġew adottati tard. In-numru kbir ta' mudelli ta' kuntratti żied bla bżonn il-kumplessità tal-proċessi ta' ġestjoni tal-kuntratti.

6.61. *Some delays have occurred, mainly in connection with the adoption of a legal basis for FP5. However, most of the documentation has been produced, thus enabling negotiations with participants to be started. The number of different model contracts has been reduced significantly in FP6, with only one model contract for all indirect RTD actions (except for Marie Curie actions). Specific annexes take account of the specificities required for the main instruments.*

6.62. Kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-*budget* tal-Komunità huma bbażati fuq ir-rimborż ta' l-ispejjeż li fil-fatt saru u huma ġustifikati kif suppost. Il-kumplessità tar-regoli biex tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni jdewwem il-ġestjoni effettiva ta' l-aspetti finanzjarji u amministrattivi mill-Kummissjoni u hija kumplikazzjoni bla bżonn għall-parteċipanti. L-introduzzjoni ta' sistema ta' rimborż ta' l-ispejjeż ibbażata fuq rata bażi fl-FP5, kienet timmira għas-simplifikazzjoni u kienet tipprovdi inċentiv għall-parteċipanti sabiex jibdlu għal mekkaniżmu ta' finanzjament aktar vantaġġjuż.

6.62. *FP5 cost reimbursement systems reflect the provisions of the legal basis. The Commission has initiated an in-depth reform of the contractual and financial arrangements for Community research programmes as part of FP6.*

([69]) Rapport Speċjali Nru 1/2004.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.63. Il-proposta tal-Kummissjoni biex tissimplifika s-sistemi ta' l-ispejjeż għall-FP6 (2002 sa l-2006) bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-Qorti ġiet miċħuda mill-Kunsill u mill-Parlament. Ir-regoli biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità li ġew adottati sussegwentement mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew jindirizzaw parzjalment biss it-tħassib tal-Qorti. Il-Qorti tilqa' l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet li jidhru u disswasivi u l-ħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni taddikjarazzjonijiet finanzjarji minn awditur estern fl-FP6.

6.64. Is-seba' programmi speċifiċi ta' l-FP5 huma ġestiti b'mod konġunt mill-ħames Direttorati-Ġenerali. It-taqsim tal-programmi jirriżulta fi tqassim tar-responsabbiltajiet, duplikazzjoni talfunzjonijiet u żieda fil-bżonn ta' ko-ordinazzjoni u konsultazzjoni. Barra minn hekk, il-kunċett bażiku ta' programmi magħmula minn azzjonijiet importanti mhwieux rifless b'mod adegwat fl-istruttura organizzattiva tal-Kummissjoni.

6.65. Il-FP5 esperjenza problemi organizzattivi sinifikanti u dewmien fil-fażi tal-bidu, li jibdew mill-adozzjoni tardiva tad-Deċiżjoni mill-Kunsill u l-Parlament. Minħabba l-ħtieġijiet legali, ir-regoli interni tal-Kummissjoni u ċerti użanzi amministrattivi, il-proċess ħa minn tmienja sa disa' xhur, minn meta bdew jaslu l-proposti sa meta l-Kummissjoni iffirmat il-kuntratt għal azzjonijiet indiretti tal-RTD. Il-Kummissjoni kompliet tiltaqa' ma' diffikultajiet fl-impjieg ta' persunal bil-profil meħtieġ kif ukoll problemi fl-impjieg ta' uffiċjali permanenti. Sa l-aħħar ta' l-2001, bejn wieħed u ieħor ġew impjegati 2 000 membru tal-personal fuq attivitajiet li kellhom x'jaqsmu mal-FP5, madwar terz minnhom għall-amministrazzjoni talproposti, kuntratti u proġetti għal azzjonijiet indiretti tal-RTD. Bejn wieħed u ieħor kien hemm disponibbli minn erbgħa sa ħames t'ijiem ta' xogħol għall-monitoraġġ xjentifiku ta' kull azzjoni indiretta tal-RTD. Il-proċeduri u l-prattiċi amministrattivi għall-għażla ta' l-azzjonijiet indiretti tal-RTD, flimkien man-natura ċiklika tassottomissjoni tad-*deliverables* tal-proġett speċifikati fil-mudell talkuntratti, wasslu għal ammont mhux indaqs ta' każijiet fil-livell tal-Kummissjoni. Il-problemi li rriżultaw ma kienux iwassalu għal operazzjonijiet effiċjenti tas-sistema ta' ġestjoni u dan ikkontribwixxew għal dewmien amministrattiv u nuqqasijiet fil-kontrolli interni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.63. *FP6 introduced major simplifications for the implementation of research actions. The Commission's proposals were to a large extent based on the Court's recommendations, but they were amended by the Council and the European Parliament.*

The cost reimbursement system set up for FP6 is simpler to implement both for the participants and for the Commission services. Consequently, it should provide better protection for the Community's financial interests. In addition to the sanctions provided for in the model contract and the FP6 participation rules, possibilities are also indicated in Article 114 of the new Community Financial Regulation.

6.64. *The organisational structure established by the Commission has made it possible to develop synergies between research and other Community policies. Responsibilities have been defined accordingly, and common tools gradually made available. Furthermore, the joint management of programmes by different Directorates-General is facilitated by a number of co-ordination mechanisms.*

For FP6, the establishment of management tools, including centralised support functions, illustrates the Commission's concern to ensure greater coordination between its services.

6.65. *The management procedures were all established in compliance with the rules and objectives of the framework programme. The time limit up to the signature of contracts is used to guarantee the quality of the essential selection and negotiation phases.*

Measures to further reduce the duration of the procedures have been renewed in FP6 and provide a useful complement for the new procedures for the entry into force of contracts established by the FP6 participation rules.

In line with recommendations in the White Paper on Commission Reform, the Commission has addressed the specific difficulties as regards staff policy in the research domain.

Simplified procedures and better planification should make it possible to even out the caseload under FP6, improving internal control and speeding up processes.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.66. Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jadottaw programmi speċifiċi jpoġġu limiti għan-nefqa amministrattiva ta' bejn 6,5 % u 9,8 % tan-nefqa totali għal kull programm speċifiku. Dawn il-limiti ġew rispettati għall-programmi kollha. Mod alternattiv ta' kejl, li jqabbel in-nefqa ddedikata għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD mal-*budget* totali, jindika li 837,4 miljun euro (6,4 % minn nefqa totali għall-FP5) intnefqu fuq il-ġestjoni ta' Programmi Kwadri tal-RTD matul il-perjodu kollu tal-FP5. Il-Kummissjoni timmonitorja l-allokazzjoni tar-riżorsi tagħha permezz tas-Sistema ta' *Budgeting* Ibbażata fuq l-Attività (ABB). Kemm għal raġunijiet metodoloġiċi kif ukoll minħabba l-implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistema ta' *Budgeting* Ibbażata fuq l-Attività, dan mhuwiex l-aħjar mod biex wieħed ikejjel l-ispejjeż ta' tħaddim tal-programmi ta' qafas tal-RTD.

6.67. Il-Kummissjoni ma żviluppatx sistema komuni jew integrata ta' IT minkejja li s-sistema ta' ġestjoni kienet essenzjalment l-istess għas-servizzi kollha li jimplimentaw l-azzjonijiet indiretti tal-RTD. Is-sistemi ta' IT użati mill-Kummissjoni għall-proposta, kuntratt u ġestjoni tal-proġett kienu inadegwati, minħabba investiment mhux biżżejjed. Ġie innotat titjib lejn l-aħħar tal-perjodu tal-programm FP5, iżda kien għad baqa' problemi tekniċi u operattivi f'ħafna mid-Direttorati-Ġenerali.

6.68. Filwaqt li l-Programmi ta' Qafas ta' RTD jeħtieġu li jiġu implimentati permezz ta' sensiela komuni ta' prinċipji u proċeduri, ir-riforma amministrattiva tal-Kummissjoni tħares lejn id-deċentralizzazzjoni u t-tisħiħ tas-servizzi. Il-kontradizzjonijiet bejn dawn l-approċċi hija l-bażi ta' ħafna diffikultajiet esperjenzjati mid-Direttorati-Ġenerali fil-ġestjoni konġunta tal-FP5. Il-kumplessità tal-mekkaniżmi ta' intervent u r-regoli għall-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Komunità jżidu l-importanza ta' ko-ordinazzjoni effiċjenti fi ħdan il-Programm ta' Qafas. It-testijiet ta' l-aktar kontrolli importanti għal kampjun ta' kuntratti għal azzjonijiet indiretti tal-RTD wera li mhux kollha ġew imħaddma b'mod effettiv. Kontrolli oħra kienu nieqsa. Fuq kollox, il-livell ta' kontroll varja konsiderevolment bejn id-Direttorati-Ġenerali li jħaddmu l-FP5.

6.69. L-eżaminazzjoni tal-legalità u regolarità tal-pagamenti ibbażati fuq talba għall-ħlas għall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP5 fil-livell tal-benefiċjarju kixef frekwenza sinifikattiva ta' żbalji, dovuta primarjament għal dikjarazzjoni ta' spejjeż akbar mill-benefiċjarji finali. Ma ġiex innotat titjib ġenerali meta pparagunat max-xogħol ta' verifika li għandu x'jaqsam mal-Programmi ta' Qafas preċedenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.66. *The Commission has implemented FP5 within the budget adopted by the European Parliament and the Council. The alternative method proposed by the Court is not required by the rules.*

The staff allocation is presented in the Annual Management Plan in accordance with the newly introduced Activity Based Budgeting (ABB) since 2002, but 2004 will be the first year where the General Budget will be officially based on this new system. The Activity Based Budgeting methodology further increases the transparency of the Commission's budgetary management.

6.67. *The progressive integration of IT systems has improved significantly throughout the FP5 programme period. Moreover, IT support in FP5 compares favourably to that in FP4.*

Specific deficiencies identified by the Court are addressed by the Commission in the development of a common IT system for FP6.

6.68. *The Commission considers that there is no contradiction between the administrative reform objectives and the need to implement principles and procedures common to the various research Directorates-General. The strengthened responsibilities at decentralised level are no obstacle to their being well defined and effective collaboration established.*

Following the Court's audit, both in the perspective of FP6 and in the framework of the financial reform in progress, the Commission has already improved several aspects of its internal control mechanisms. An action plan common to the Directorates-General concerned was implemented by the Commission in 2003.

6.69. *The Commission acknowledges the problem, which is due to the fact that the Community's financial contribution is paid on the basis of eligible costs incurred, as declared by final beneficiaries. The exactitude of these costs and their conformity with the contractual provisions cannot be completely and accurately verified by the Commission prior to the authorisation of payments. Only a financial audit at the beneficiary level can determine with certainty and exactitude the correctness of the costs claimed and their conformity to the contractual provisions.*

In order to reduce the frequency of errors, the Commission has increased the ex-post audits and drawn up an action plan following the synthesis report of the 2001 annual activity reports which has been implemented and is regularly monitored. In addition in FP6, audit certificates from beneficiaries will be required.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.70. Is-sistemi ta' ġestjoni ta' l-informazzjoni u rrapportar lid-Diretturi u d-Diretturi-Ġenerali (deputati) għad iridu jitjiebu. Fl-ebda wieħed mill-ħames Direttorati-Ġenerali għar-Riċerka ma kien hemm proċeduri u prattiċi biex jassiguraw li l-informazzjoni tal-livell ta' ġestjoni ġiet imħejjija fil-ħin jew kienet aċċessibli f'format standardizzat. Fl-2002 ir-rapportar tal-ġestjoni għall-programmi ta' qafas ma kienx konformi għal kollox mar-rekwiżiti mfissra fl-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

6.70. *The Commission's internal reporting to Directors and (deputy) Directors-General is characterised by the different roles and responsibilities of decentralised and centralised management functions within the Directorates-General and FP5 programmes. Within each Directorate-General senior management meetings are the driving force behind the management and supervision information system.*

In addition to the formal internal reporting to management, the Commission produces, as required by the legal basis, an extensive reporting to external users such as programme committees, external advisory groups or monitoring panels.

The Commission's Internal Control Standards were in effect only for part of the period covered by the Court's audit but they have been fully implemented now. The deployment of the common IT system for FP6 will help to improve management reporting.

ANNESS 1

Politika interna (inkluża r-riċerka) — Stima ta' l-aktar aspetti prinċipali osservati qabel

Osservazzjonijet	Azzjoni li ttieħdet fl-2003	Azzjoni li ġħandha tiġi implimentata
1.a Sistemi ta' sorveljanza u kontroll — verifiki ex-post tal-benefiċjarji finali li jipparteċipaw fil-programmi ta' qafas tal-RTD		
Fl-1998 il-ħames Direttorati-Ġenerali li jħaddmu l-programmi ta' qafas tal-RTD ifformolaw approċċ ta' verifika, u stabbilew mira ġħall-FP5, li jivverifikaw 10 % tal-kuntratturi (ara r-Rapport Annwali 2001 u 2002). Dawn il-verifiki huma sa ċertu punt mwettqa minn ditti ta' awdituri esterni f'isem il-Kummissjoni. Il-Qorti sabet li: — Id-definizzjoni "popolazzjoni verifikabbli" użata mill-Kummissjoni tirriżulta f'anqas minn 10 % ta' l-azzjonijiet indiretti tal-RTD jew dikjarazzjonijiet ta' spejjeż li kienu qed jiġu vverifikati matul il-perjodu tal-programm (ara r-Rapport Annwali 2002);		
— Il-Kummissjoni ma tistax tilħaq il-mira taġħha tal-kopertura tal-verifika (ara r-Rapporti Annwali 2001, 2002, 2003);	Fl-2003, it-tmiem ta' 373 verifika, l-aktar azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP5, jibqgħu ma jikkonformawx mal-mira.	Il-Kummissjoni ġħandha tiddefinixxi l-ġħanijiet li jistgħu jitkejjlu, li jistgħu jintlaħqu b'mod realistiku ġħall-FP6.
— Il-Kummissjoni ma adottatx approċċ ta' verifika komuni ġħall-FP6;	Proposta ġħal approċċ ta' verifika komuni fl-2004.	Ġħandu jiġi adottat approċċ ta' verifika komuni ġħall-FP6 b'mod formali mill-ħames Direttorati-Ġenerali kollha.
— Il-kontinwità ta' l-attività ta' verifika tal-Kummissjoni tiddependi fuq il-ġħotja tal-possibilità li tissubkuntratta verifiki esterni ex-post (l-iskadenza tal-kuntratt ta' qafas mad-ditta ta' awdituri esterni fl-2003).	Proċedura ta' ġħoti ġħal kuntratt ta' qafas ġdid (ġħall-azzjonijiet indiretti tal-RTD tal-FP5) imniedi f'Ottubru 2003, iżda li ġħadu ma ġiex iffirmat.	Ġħandu jiġi ffirmat kuntratt ta' qafas ġdid ġħall-FP6 biex jipprovdi sostenn estern adegwat ġħall-Kummissjoni biex timplimenta l-approċċ taġħha ta' verifika ġħall-FP6.
1.b Sistemi ta' sorveljanza u kontroll — verifiki ex-post tal-benefiċjarji finali li jipparteċipaw fl-azzjonijiet TEN-Transport		
Il-kontrolli regolari fuq il-post ġħall-monitoraġġ ta' azzjonijiet TEN-T huma mwettqa mill-Kummissjoni. Madankollu, dawn il-kontrolli mhumiex sostnuti minn verifiki finanzjarji u tekniċi ex-post (fejn xieraq, imwettqa mid-DĠ TREN jew esperti esterni) (ara r-Rapport Annwali 2001 u 2002). Il-Qorti sabet li: — l-azzjonijiet TEN-T mhumiex koperti mill-programm ta' verifika tad-Direttorat-Ġenerali ġħall-Enerġija u t-Trasport.	Ġħalkemm, ma ġiex stabbilit programm formali ta' verifika ġħall-verifiki TEN-T fl-2003, ġew ippreżentati 5 verifiki fuq il-post mill-Unità ta' Verifika tad-DĠ TREN.	Ġħall-2004, id-DĠ TREN jista' jaġħmel użu minn Pjan ta' Verifika li jipprevedi 20 verifika TEN-T li ġħandhom jiġu mibdija sa l-aħħar ta' l-2004.
2. Sistemi ta' sorveljanza u kontroll — Verifika ta' l-eliġibbiltà ta' l-ispejjeż ġħall-azzjonijiet TEN-Transport		
Ġħall-azzjonijiet TEN-T, l-ispejjeż eliġibbli u ineliġibbli huma definiti fil-bażi legali u fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (Rapporti Annwali 2001 u 2002). Il-Qorti sabet li: — dawn id-definizzjonijiet mhumiex speċifiċi biżżejjed biex jistabbilixxu l-ispejjeż attwali li saru mill-benefiċjarju; — dawn id-definizzjonijiet huma differenti minn dawk applikati ġħal proġetti ta' infrastruttura simili ko-finanzjati permezz ta' Miżuri Strutturali;	Mill-2002, it-test standard tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-TEN-T ġie rivedut b'mod sostanzjali, ġie ispirat mid-deċiżjoni tal-Fond tal-Koeżjoni u jipprovdi aktar dettalji ta' l-ispejjeż eliġibbli. Fl-2003 ġie adottat mudell ġdid tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, li jinkludi: — kjarifika ta' l-ispejjeż eliġibbli;	
— l-użu ta' rati differenti ta' finanzjament ġħal studji u xoġħlijiet iġib mieġħu ir-riskju li l-benfiċjarji jistgħu jżidu l-finanzjament billi jallokaw bi żball l-ispejjeż ġħall-istudji; u	— definizzjoni modifikata ta' studji u xoġħlijiet; u	
— in-nuqqas ta' formoli standardizzati ġħad-dikjarazzjonijiet jikkomplika x-xoġħol ta' verifika tal-Kummissjoni.	— tabella li tindika "Lista ta' l-ispejjeż eliġibbli stmati matul il-perjodu ta' l-attivitajiet ipprogrammati" li tista' tintuża mill-benefiċjarji ġħar-rapporti ta' l-ispejjeż imġarrba.	Barra mill-miżuri li ttieħdu fl-2003, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li d-definizzjoni ta' l-istudji u x-xoġħlijiet tista' titjieb aktar. Fl-2004, definizzjoni riveduta ta' l-istudji u x-xoġħlijiet ġħandha tiġi integrata fil-manwal tat-TENT.

ANNESS 2

Sistemi ta' sorveljanza u kontroll

Qasam: Politika interna (inkluża r-Riċerka)
Sistema: Is-6 Programm ta' Qafas ghar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (FP6) u l-Fond Ewropew ghar-Refuġjati (ERF)

FP6	Kummissjoni	Livell Intermedjarju	Benefiċjarju	Stima Totali
Bidu	B	—	B	B
Traspożizzjoni prattika fl-istadji proċedurali: — konformità ma' l-istandards — titqies l-esperjenza	B	—	Ċ	B
Operazzjoni attwali: — konformità ma' l-istandards — titqies l-esperjenza	B	—	M/A	M/A
Riżultati: — effett rimedjali — effett preventiv	M/A	—	M/A	M/A
Stima totali	B	—	B	B

ERF	Kummissjoni	Livell Intermedjarju	Benefiċjarju	Stima Totali
Bidu	B	B	M/A	B
Traspożizzjoni prattika fl-istadji proċedurali: — konformità ma' l-istandards — titqies l-esperjenza	B	B	B	B
Operazzjoni attwali: — konformità ma' l-istandards — titqies l-esperjenza	Ċ	B	Ċ	Ċ
Riżultati: — effett rimedjali — effett preventiv	B	B	M/A	B
Stima totali	B	B	B	B

A Taħdem tajjeb, teħtieġ ftit titjib jew titjib minuri
B Taħdem tajjeb biżżejjed iżda teħtieġ li titjieb
Ċ Taħdem, imma mhux f'livell sodisfaċenti
M/A Mhux applikabbli

KAPITLU 7

Azzjonijiet esterni

WERREJ

	Paragrafu
L-Introduzzjoni	7.1-7.2
L-Istima speċifika fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' l-Assigurazzjoni	7.3-7.53
L-Iskop u n-Natura tal-Verifiki	7.3-7.6
Is-Sistemi u l-Kontrolli ta' Sorveljanza	7.7-7.32
L-Istandards ta' Kontroll Intern	7.7
L-Uffiċċju għall-Għajnuna Umanitarja	7.8-7.11
L-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid fil-livell ċentrali	7.12-7.25
Is-Sistemi u l-Kontrolli ta' Sorveljanza fil-livell tad-Delegazzjonijiet	7.26-7.32
Il-Verifika tat-Transazzjonijiet	7.33-7.39
Il-Verifika tat-Transazzjonijiet mwettqa fil-livell ċentrali	7.33-7.34
Il-Verifika tat-Transazzjonijiet mwettqa fl-livell tad-Delegazzjonijiet	7.35-7.36
L-Organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni	7.37-7.39
L-Analiżi tar-Rapporti Annwali ta' l-Attività u d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Uffiċjali li jawtorizzaw b' delegazzjoni	7.40-7.48
Il-Konklużjonijiet	7.49-7.51
Ir-Rakkomandazzjonijiet	7.52-7.53

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-INTRODUZZJONI

7.1. Dan il-kapitlu jiddiskuti l-għajnuna esterna li tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali. L-oqsma prinċipali ta' interess huma għajnuna fl-ikel/sigurtà ta' l-ikel, għajnuna umanitarja, ko-finanzjament tal-NGO u ko-operazzjoni finanzjarja u teknika ma' l-Asja, l-Amerika Latina, il-pajjiżi tal-Mediterran, il-Balkani tal-Punent, l-Istati Indipendenti Ġodda u l-Mongolja. Id-Direttorati-Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni u Żvilupp huma responsabli għat-tfassil ta' strateġiji ta' ko-operazzjoni fl-iżvilupp u sabiex ifasslu strateġiji għall-pajjiż/reġjuni u għall-programmazzjoni multi-annwali. Mill-banda l-oħra l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid (EuropeAid) huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' ko-operazzjoni fl-iżvilupp. L-Uffiċċju għall-Għajnuna Umanitarja (ECHO) hu responsabbli fuq kollox għall-għajnuna umanitarja. L-għajnuna li hija pprovduta mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp [1] tidher biss bħala p.m. fil-baġit ġenerali, minħabba li huwa ffinanzjat separatament. ***Il-Grafiċi 7.1 u 7.2*** juru kif intnefqu l-fondi fl-2003 għall-perspettiva finanzjarja fl-Intestatura 4 (ara l-paragrafi 2.40 sa 2.41 għall-osservazzjonijiet fuq l-ġestjoni tal-baġit).

7.2. Fl-2003, il-proċess ta' devoluzzjoni, li bih il-funzjonijiet u x-xogħlijiet reġgħu tqassmu mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni lid-Delegazzjonijiet tagħha, intemm għall-programmi ġeografiċi [2] għad-Delegazzjonijiet li qegħdin fil-pajjiżi li rċevew fondi mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni. Fl-2003 ukoll, daħal fis-seħħ ir-Regolament Finanzjarju [3] l-ġdid. Il-funzjoni ta' verifika interna, mitluba mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid, kienet diġà ġiet introdotta fl-2002. Kif ġie adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni [4] dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati fl-aħħar ta' Diċembru ta' l-2002, il-modifiki sussegwenti fil-manwali u d-direttivi ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid setgħu jiġu mitmuma, tradotti u kkomunikati lid-Delegazzjonijiet matul l-ewwel nofs ta' l-2003 biss. L-aktar konsegwenzi importanti għas-sistemi u kontrolli ta' sorvejanza kienu l-abbandun tal-funzjoni ta' kontrollur finanzjarju ċentralizzat u — bħala konsegwenza ta' dan — it-tisħiħ fl-irwol ta' l-oqsma finazjarji u l-introduzzjoni ta' verifiki ex-ante u ex-post taħt ir-responsabbiltà ta' l-uffiċjal li jawtorizza.

(1) Ara r-rapport separat dwar l-EDF.

(2) Programmi ffinanzjati mil-linji tal-baġit li kienu jiffokaw fuq ċerti reġjuni ġeografiċi (bħall-Asja, l-Amerika Latina, il-pajjiżi tal-Mediterran, l-Ewropa tal-Lvant u l-Balkani) b'kuntrast mal-linji tal-baġit li jiffinanzjaw ċerti tipi ta' operazzjonijiet (eż. għajnuna ta' l-ikel, ko-finanzjament tal-NGO).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248, tas-16.9.2002. p. 1).

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 357, tal-31.12.2002. p. 1).

Grafika 7.1 — Taqsim ta' l-impenji skond l-oqsma tal-*budget* fl-2003

Impenji Totali: 5 067 miljun euro



NB: ghal informazzjoni aktar fid-dettal ara d-Dijagrammi III u IV ta' I-anness 1.
Sors: kontijiet annwali ghall-2003.

Grafika 7.2 — Taqsim ta' l-impenji skond l-oqsma tal-*budget* fl-2003

Pagamenti totali: 4 286 miljun euro



NB: ghal informazzjoni aktar dettaljata ara d-Dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: kontijiet annwali ghall-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-ISTIMA SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' L- ASSIGURAZZJONI

L-Iskop u n-natura tal-verifiki

7.3. L-iskop globali ta' l-istima speċifika kienet li tipprovdi konklużjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet fil-qasam ta' l-Azzjonijiet Esterni (Intestatura 4 tal-perspettiva finanzjarja tal-baġit ġenerali). Il-verifiki kienu jinkludu reviżjoni tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza li kellhom jassiguraw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet, sostenuti b'testijiet tat-transazzjonijiet fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni, Delegazzjonijiet u organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, u reviżjoni tar-Rapporti Annwali ta' Attività tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid u tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Ġhajnuna Umanitarja.

7.4. Din il-verifika twettqet ukoll fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni f'sitt delegazzjonijiet (l-Albanija, l-Indonesja, il-Marokk, il-Peru, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna) u fi 13-il organizzazzjoni ta' implimentazzjoni. L-oqsma msemmija fil-paragrafu 7.1 ġew riveduti u ttestjati. Ghall-Albanija u l-Ukrajna, il-verifiki tal-Qorti kienu limitati ġhal stima preliminari tas-sistemi mingħajr ma dawn ġew ittestjati b'mod dirett. L-ġhajnuna ġhar-rikostruzzjoni tal-Kosovo u tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja hija soġġetta ġhal verifika annwali separata mill-Aġenzija Ewropea ġhar-Rikostruzzjoni. Barra minn hekk, il-verifika kienet tinkludi l-verifika ta' numru limitat ta' transazzjonijiet taħt Il-Ftehim Internazzjonali fuq is-Sajd.

7.5. Fir-rigward tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza, il-Qorti kkonċentrat ir-reviżjoni taġhha fuq l-istandards ta' kontroll intern li ġhandhom x'jaqsmu ma' l-analiżi tar-riskju mwettqa mis-servizzi rilevanti, fuq l-istrutturi ta' informazzjoni u l-annotament fil-kuntest ta' sorveljanza finanzjarja u kontroll, u l-funzjonijiet ta' verifiki interni fl-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid u fl-Uffiċċju ġhall-Ġhajnuna Umanitarja.

7.6. Il-Qorti kienet ostakolata f'xoġholha minħabba li, fil-mument tat-tħejjija tar-rapport taġhha, kienet ġhadha ma rċevitx l-informazzjoni kollha minġhand il-kwartieri ġenerali ta' l-Uffiċċju ġhall-Ko-operazzjoni tal-EuropeAid dwar ir-rapporti moġhtija lil-hom mid-Delegazzjonijiet li jittieħdu in konsiderazzjoni fil-preparazzjoni tar-Rapport Annwali ta' Attività tal-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali.

7.6. *The Commission will endeavour to ensure that this procedure operates smoothly in the future.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Is-Sistemi u l-Kontrolli ta' Sorveljanza

L-Istandards ta' Kontrol Intern

7.7. Fl-2002, kemm l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid kif ukoll l-Uffiċċju għall-Ġhajnuna Umanitarja lestew il-qafas għall-implementazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern kif mfisser mill-Kummissjoni nhar it-13 ta' Diċembru 2000 ([5]). L-introduzzjoni ta' dawn l-istandards ġiet sostenuta mill-ħruġ jew l-aġġornament ta' struzzjonijiet u linji ta' gwida u programmi estensivi ta' taħriġ, b'mod partikolari fuq il-proċeduri amministrattivi u finanzjarji. Fl-2003, dawn ta' l-aħħar ġew aġġornati b'mod sostanzjali u riveduti minħabba l-introduzzjoni tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

L-Uffiċċju għall-Ġhajnuna Umanitarja

L-Istima tar-riskju

7.8. L-Uffiċċju għall-Ġhajnuna Umanitarja wettaq stima sodisfaċenti tar-riskju fuqu nnifsu, u kkonkluda li ħafna riskji fil-qasam ta' l-ġhajnuna umanitarja kienu barra mill-kontroll tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-kwalità tas-sħubija ta' implimentazzjoni. B'konsistenza mas-snin ta' qabel, l-isforzi ġhat-tnaqqis fir-riskji kkonċentraw fuq il-proċedura tal-ġhażla tas-sħubija ta' implimentazzjoni flimkien ma' sistema stretta ta' verifiki fuq dawk li ntagħżlu.

7.8. *The risk was reduced by several other measures which include: monitoring by the technical assistants (ECHO experts), the use of a specific monitoring tool, the progressively increased use of specific indicators to measure the achievement of the objectives of the project.*

Il-Verifiki fuq is-sħubija ta' implimentazzjoni

7.9. Fl-2002, l-Uffiċċju għall-Ġhajnuna Umanitarja beda metodu komprensiv ta' verifiki tas-sħubija ta' implimentazzjoni. Din is-sistema bdiet taħdem ġhal kollox fl-2003. Il-verifiki assessjaw aspetti bħall-organizzazzjoni, il-proċeduri, u l-kontrolli interni tas-sħubija ta' implimentazzjoni kif ukoll tas-sistemi tal-kontijiet u finanzjarji. Saru eżamijiet dettaljati tan-nefqa tal-proġetti implementati mis-sħubija. Madanakollu ġie nnutat li fl-2003 minbarra żjara fuq il-post fil-każ ta' proġett ta' l-UNHCR ġewwa s-Sierra Leone, ma sarux testijiet hekk fuq organizzazzjonijiet internazzjonali (primarjament il-Korpi tal-Ġnus Magħquda).

7.9. *The Commission (ECHO) did not carry out audits at the headquarters of international organisations in 2003 as the new Framework Partnership Agreement (FPA) was being established. At this time negotiations with the UN organisations leading to the Financial and Administrative Framework Agreement (FAFA) were being finalised (completed on 29 April 2003). The FAFA in turn resulted in the revision of the FPA for international organisations.*

Further to the above the Commission services (EuropeAid and ECHO) started to review the UN's control systems used in the management of EU funded projects. The on the spot verifications of these systems and expenditure records, at the UN headquarters, started in 2004. The International Red Cross family was audited in the first half of 2004.

([5]) SEC(2000) 2203.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.10. Fl-2003, intemmu l-verifiki fuq 136 sħubija ta' implimentazzjoni, li jirrappreżentaw 535 proġett. Il-Qorti rrevediet 16-il verifika, li kienu ta' kwalità tajba. L-iktar problemi importanti mikxufa minn dawn il-verifiki kienu: proċeduri bagħtuti għal xogħol bl-appalt (7 każi minn 16), dgħjufija fis-sistema tal-kontijiet, problemi fir-rikonċiljazzjoni, rapporti finanzjarji (7 każi minn 16) u dgħjufija fil-kontrolli tal-merkanzjia maħżuna (3 minn 16). L-aktar raġunijiet frekwenti għaliex in-nefqa ma tħallitx issir kienu: nuqqas ta' ġustifikazzjoni tan-nefqa minħabba n-nuqqas ta' dokumenti li jsostnu l-ispiża u l-ineliġibilità tan-nefqa. Instab każ wieħed biss li ma rrispettax ir-regoli tax-xogħol bl-appalt minħabba li ħafna mill-verifiki m' għamlux testijiet tax-xogħol bl-appalt. In-natura ta' l-osservazzjonijiet magħmula fir-rapporti ta' dawn il-verifiki u l-iżbalji misjuba fin-nefqa, jikkorrispondu b'mod ġenerali massejbiet tal-verifiki tal-Qorti fuq l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni (ara l-paragrafi 7.38 sa 7.39).

7.11. Is-sħubija ta' implimentazzjoni impenjaw ruħhom li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula għat-titjib tas-sistemi tagħhom. L-ammonti li ma tħallewx għandhom jitnaqqsu mill-pagamenti għall-proġetti li għadhom għaddejjin jew għall-proġetti l-ġodda. Dawn ir-riżultati juru li l-verifiki fuq l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni huma strument effettiv ta' sorveljanza u kontroll.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid fil-livell ċentrali

Segwitu ta' l-osservazzjonijiet tal-2002

7.12. Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2002 (ara l-paragrafi 7.6 u 7.37), il-Qorti osservat li kien għad jeħtieġ li ssir stima tar-riskju globali, li l-kwestjonarji għall-ipproċessar ta' l-impenji u l-pagamenti ma kienux qed jiġu wżati b'mod sistemiku, u li kienet nieqsa s-sistema ta' annotament ta' l-ordnijiet ta' rkupru u tan-nuqqasijiet tal-kontrolli interni. Fl-2003, is-sitwazzjoni tjiebet minħabba li f'Ottubru ta' l-2003 l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid temm l-istima tar-riskju tiegħu u nstab li fid-Delegazzjonijiet li żaret il-Qorti, l-kwestjonarji kienu qed jiġu wżati b'mod sistemiku. Madankollu, apparti minn reviżjoni fil-fond ta' l-irkupri mwettqa mill-qasam ta' l-"Analiżi tal-ġestjoni finanzjarja u kontrolli" (FMC), ma kienx hemm fis-seħħ sorveljanza sodisfaċenti u annotament ta' l-irkupri mill-oqsma "Finanzi, kuntratti u verifiki" tad-Direttorati kollha (ara l-paragrafu 7.23). Bl-istess mod, ma hemm l-ebda evidenza li s-sistema li tiżgura li l-persunal jirrapporta fuq in-nuqqasijiet fil-kontroll intern kienet qiegħda taħdem.

7.12. *The Commission takes note of the Court's observations concerning progress made by the EuropeAid Cooperation Office in 2003 in comparison to 2002, regarding Risk Assessment and the systematic use of checklists.*

Regarding recovery, the efforts made during the most recent exercise have resulted in a fall in the amount to be recovered that had accumulated at the end of 2002 by almost 100 claims, representing nearly EUR 10 million. These results are partially obscured by the sudden appearance of a new RAR during 2003 (an increase of 50 claims worth EUR 2 million). At the beginning of the 2003 exercise, the number of claims not resolved by their due date stood at 614 (for a total of EUR 64 038 938,27), while by the end of the exercise it had fallen to 567 (for a total of EUR 56 542 997,78) The number of outstanding claims therefore fell by 7,65 %, and their total dipped by 11,7 %.

Regarding the reporting of internal control weaknesses by staff, the Commission will study ways of improving its functioning.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-Istima tar-riskju

7.13. L-istima tar-riskju mitmuma f'Ottubru ta' l-2003 tagħti preżentazzjoni tar-riskji kif applikabbli lid-donaturi ta' l-assistenza esterna. Din l-istima iffukat fuq ir-riskji relatati mal-pajjiżi msieħba, riskji marbuta ma' organizzazzjonijiet ta' żvilupp u riskji assoċjati mas-sostenn tal-baġit. L-istima tindika liema tipi ta' azzjonijiet qed jittieħdu kontra r-riskji, li jikkonsistu f'metodi aħjar fl-iżvilupp ta' l-għajnuna u proċeduri jew djalogu aħjar mas-sħab ta' l-iżvilupp. L-azzjonijiet fuq ir-riskji finanzjarji, kif deskritti fl-istima tar-riskju, jiffukaw fuq il-qasam ta' verifika interna u fuq it-tisħiħ tal-verifiki esterni ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni b'mod globali. Fil-pjan annwali ta' ġestjoni għall-2004, l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid ħejja numru ta' azzjonijiet aktar konkreti f'dan ir-rigward, li għandhom joħolqu l-bażi għal sistema ta' sorveljanza u kontrolli ko-ordinata u komprensiva.

Informazzjoni u annotamenti

7.14. B'mod partikolari, fis-sitwazzjoni fejn il-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' żvilupp huwa devolut b'ċertu grad lejn id-Delegazzjonijiet, hi essenzjali s-sorveljanza fuq il-bażi ta' informazzjoni adegwata u sistemi ta' annotament mill-kwartieri ġenerali ta' Brussel. Dan il-prinċipju, li huwa mniżżel fl-analiżi tar-riskju mill-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid f'Diċembru 2002 ġie kkonfermat mill-istima tar-riskju tiegħu nnfisu li ntemmet f'Ottubru 2003.

7.15. Ħafna mill-informazzjoni li tiġi wżata għal raġunijiet ta' sorveljanza tittieħed mill-*Common Relex Information System* (CRIS) ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid. Fl-2003, il-kwalità ta' l-informazzjoni fil-CRIS tjiebet b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza tal-progress ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti. L-informazzjoni finanzjarja tiffoka fuq deċiżjonijiet, kuntratti, impenji, u pagamenti. Is-sistema ma tagħtix informazzjoni fuq bażi ta' proġett, proġett fuq il-verifiki li saru, ir-riżultati tagħhom u l-azzjoni li ttieħdet.

7.15. *The introduction of new tools (such as CRIS Audit) will contribute to further improving the flow of information on audit results at central level. Data in relation to audits launched by Headquarters and Delegations are registered in CRIS Audit.*

Information relating to audits to be provided by beneficiaries before introducing requests for payments (certification audits) will be encoded at two stages, once when the contract is concluded and second, when the certificate or the audit report is presented. The procedural steps, as well as the appropriate fields in CRIS, are envisaged but still need to be developped. It is not intended, however, to register information on certification audits to the same extent as data relating to external audits launched by headquarters or delegations.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Is-Sorveljanza finanzjarja

7.16. Bħalissa, is-sorveljanza finanzjarja fil-kwartieri ġeneralissir primarjament mill-oqsma tal-"Finanzi, kuntratti u verifiki". Għal dan il-għan, l-oqsma għandhom fost l-oħrajn, l-istrumenti li ġejjin:

— l-informazzjoni finanzjara pprovduta mis-sistema tal-CRIS u informazzjoni ulterjuri mid-Delgazzjonijiet;

— il-verifiki tad-delegazzjonijiet;

— il-verifiki ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni u li ġew introdotti mis-servizzi tal-Kummissjoni jew ipprovduti mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk saru wkoll kontrolli ex-ante (ara l-paragrafu 7.20).

7.17. L-oqsma finanzjarji kollha jwettqu analiżi ta' numru ta' indikaturi finanzjarji bħall-ammonti ta' impenji u pagamenti u l-bqija ta' l-ammonti li jkunu għad iridu jintefqu fuq proġetti. Kull qasam finanzjarju ta' kull wieħed mid-Direttorati huwa liberu li jiddeċiedi liema aspetti għandhom jiġu sorveljati. Is-sorveljanza finanzjarja tista' tissaħħaħ permezz ta' analiżi komuni ta' l-informazzjoni neċessarja u metodoloġija komuni ġenerali.

7.17. *The Commission recognises that a common overall methodology on the use of management information could strengthen the monitoring of the implementation and the performance against pre-defined targets and objectives.*

7.18. L-oqsma finanzjarji ta' tnejn mill-ħames Direttorati li jieħdu ħsieb il-ġestjoni ta' l-operazzjonijiet li ġew devoluti, wettqu verifiki tad-Delegazzjonijiet tagħhom taħt il-forma ta' reviżjoni tas-sistemi finanzjarji wżati biex jipproċessaw it-transazzjonijiet tagħhom, is-sistemi tal-kuntratti tagħhom u tas-Sistemi u kontrolli ta' sorveljanza, mitmuma b'verifika tat-transazzjonijiet ipproċessati mid-Delegazzjonijiet. Huma sabu li s-sistemi finanzjarji f'dan il-livell ħadmu tajjeb. Dan l-strument importanti ta' verifika tad-Delegazzjonijiet għandu jiġi wżat mid-Direttorati kollha.

7.18. *The devolution of the management of external aid has involved a considerable transferral of tasks and responsibilities to delegations, and hence major changes in the quantity, nature and organisation of work done in the delegations. Given the scale of the expected changes, a verification exercise was systematically carried out before devolution was held to be operational in a Delegation, in order to:*

— *confirm with the head of delegation that the conditions necessary to begin devolved operations are in place,*

— *supply the subdelegated authorising officer in question (the Director at headquarters) with sufficient information to form an opinion about each delegation's capacity to perform in a devolved manner within acceptable levels of efficiency and risk, with particular regard to training and levels of staff expertise,*

— *provide the head of delegation and the director in question with an opinion on the conformity of the systems that have been created, and on the extent to which transactions conform to the rules in force.*

Some directorates have made additional assessments primarily in cases where devolution took place in the first wave (2001).

Directorates where devolution took place later will consider when to carry out such assessments.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Il-Verifiki ta' l-Organizzazzjonijiet ta' Implimentazzjoni

7.19. Fl-2003, ġew introdotti madwar 100 verifika ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni minn uħud mid-Direttorati ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid bħala parti mill-programm ta' verifiki tal-2003. Fil-bidu ta' l-2004, ħafna mill-verifiki kienu għadhom ma tlestewx. Dawn il-verifiki ġew mibdija flimkien ma' madwar 350 verifika li saru f'isem id-Delegazzjonijiet u numru mhux magħruf ta' verifiki li ġew ikkuntrattati direttament mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-bżonnijiet tagħhom ta' annotamenti u approvazzjoni. Fl-2003 sar progress konsiderevoli fir-rigward ta' numru ta' verifiki meta mqabbel mas-sena ta' qabel (250 verifika b'kollox fl-2002). Fir-rigward ta' ppjanar u ko-ordinazzjoni tal-verifiki, ġie stabbilit programm ta' verifiki għall-2003 imma dan sar għal 100 verifika biss mibdija mill-kwartieri ġenerali. F'ħafna mill-każijiet, is-servizzi tal-kwartieri ġenerali ma kellhomx l-informazzjoni fuq bażi kontinwa fuq il-verifiki mibdija mid-Delegazzjonijiet. Informazzjoni sħiħa fuq il-verifiki għadha mhix inkluża fis-sistema ta' informazzjoni finanzjarja tal-CRIS ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid. Saru l-ewwel passi għall-ħolqien ta' mudell ta' verifiki.

7.19. *The Commission shares the Court's views on progress made in 2003. As regards information on audits launched by delegations, since the inclusion of reporting tables in the EAMR (external assistance management reports), such information has become more regularly available.*

Moreover, CRIS AUDIT (a module of CRIS) has been made available for encoding audits both in headquarters and delegations. The use of this module requires appropriate training. This training started in May 2004.

Is-Setturi ta' Kontroll ex-ante

7.20. F'kull wieħed mid-Direttorati inħoloq settur għat-twettiq ta' kontrolli ex-ante fuq bażi fakoltattiva (ara l-paragrafu 7.16) barra mill-verifiki normali ex-ante previsti mill-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju. Dan sar bħala miżura intermedjarja wara li ġiet abolita l-funzjoni tal-Kontrollur Finanzjarju. Il-Qorti rċeviet informazzjoni fuq il-kontrolli finanzjarji ex-ante mingħand nofs id-Direttorati. Minħabba l-problema tan-nuqqas ta' persunal, għal perjodi twal tas-sena ma sarux kontrolli ex-ante. F'wieħed mid-Direttorati, it-transazzjonijiet kollha ġew ikkontrollati; fit-tnejn l-oħra madwar 310 transazzjoni ġew ikkontrollati minn total ta' 3 500. Dawn il-kontrolli jinkludu dawk fuq pagamenti awtorizzati mill-kwartieri ġenerali jew mid-Delegazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni fuq il-bażi tat-talbiet ta' dawn ta' l-aħħar għall-ħlas, li huma sostnuti b'deskrizzjoni finanzjarja tan-nefqa li saret. F'dak l-istadju, l-ebda dokument ta' sostenn bażi, bħall-fatturi, ma jiġu kkontrollati. Wieħed mit-tlett Direttorati fuq imsemmija ppreżentaw rapport b'analiżi tar-riżultati tal-kontrolli ex-ante. Ġew mogħtija spjegazzjonijiet verbali minn żewġ Direttorati oħra. Dan wera li l-kontrolli ex-ante li saru kixfu primarjament nuqqasijiet formali, u dan jaqbel mar-riżultati tal-verifiki tat-transazzjonijiet li wettqet il-Qorti fil-livell tal-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u tad-Delegazzjonijiet.

7.20. *CRIS AUDIT is a second level* ex ante *optional control function, implemented on an interim basis as a measure to accompany the changes ensuing from the entry into force of the new financial Regulation, in the expectation of the creation of a centralised* ex post *verification system at EuropeAid level.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kapaċità ta' Verifiki Interni

7.21. Il-qasam tal-kapaċità tal-verifiki interni, fl-2003 temm l-istima ta' l-istandards ta' kontroll intern u wettaq reviżjoni tas-sistemi ta' kontroll fi tlett oqsma speċifiċi. F'Marzu 2004, dan il-qasam wettaq ukoll, aġġornament tar-reviżjonijiet ta' l-istandards ta' kontroll intern, u għamel rakkomadazzjonijiet validi ħafna fuq l-adozzjoni ta' analiżi tar-riskju aktar dettaljata u fuq titjib tas-Sistemi u kontrolli ta' sorveljanza. Barra mix-xogħol ta' verifika fuq imsemmija, dan is-settur wettaq ukoll stima tal-kwantità ta' xogħol li hemm kemm fil-livell tal-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-livell tad-Delegazzjonijiet. Għalkemm l-istima tal-kwantità tax-xogħol tat riżultati interessanti bħala l-ewwel pass fl-istima tal-ħtiġijiet tal-persunal, hemm dubju dwar jekk dan it-tip ta' xogħol għandux isir mill-qasam tal-kapaċità tal-verifika interni, b'mod partikolari meta wieħed iqis in-numru limitat ta' persunal li hemm disponibbli. Il-prijorità tas-settur li għandu il-kapaċità tal-verifika għandha tkun l-evalwazzjoni tas-sistemi li għandhom jassiguraw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet u l-assistenza lid-Direttur Ġenerali fit-tfassil ta' dikjarazzjoni annwali soda, b'mod partikolari fuq il-kwalità tal-proċeduri ta' kontroll.

7.21. *The Communication which set up Internal Audit Capabilities identified for them three objectives: two relate to the control of risk and internal control system, the third with making recommendations to improve efficiency and effectiveness of operation and ensure economy in the use of resources. The workload assessments carried out both in EuropeAid and ECHO respond to this third objective. Human resource management had been identified as a risk by EuropeAid in their risk self-assessment and the Communication on devolution of January 2004 required Relex IACs to jointly audit workload assessment in devolved Delegation to ensure the number of staff can carry the new increased workload. ECHO too considered it necessary to assess the comparative workload carried out by its units on the basis of work flows. In all cases adequate and relevant methodologies were developed, which can now be utilised by management. Workload assessments are considered by management at EuropeAid and ECHO as part of an IAC's role in providing a helping hand on matters related to the economy, efficiency and effectiveness of the performance of the DG (see Paragraph 1.3 of Communication for the provision of IAC in each Commission Service).*

Il-Verifiki ex-post

7.22. Fuq il-bażi ta' kampjun kbir ta' transazzjonijiet, is-settur ta' l-"Analiżi tal- ġestjoni finanzjarja u kontrolli", resposabbli għall-verifiki ex-post, wettqet reviżjonijiet, b'mod partikolari sabiex tasal għal stampa ċara tas-sitwazzjoni ta' l-irkupru u tal-ħlasijiet bil-quddiem li kienu għadhom ma seħħux. Minħabba li x-xogħol magħmul minn dan il-qasam jixbah ħafna x-xogħol ta' sorveljanza ta' l-oqsma ta' finanzi tad-Direttorati, kien previst fid-dikjarazzjoni tal-missjoni ta' dan il-qasam li għandu jagħti kontribut għall-metodologija aktar uniformi għal sistema ta' verifiki ex-post mill-oqsma finanzjarji. Sa issa, l-oqsma finanzjarji tad-Direttorati ma tawx prijorità lill-metodu ko-ordinat. Barra minn hekk, minkejja li x-xogħol li sar mill-qasam ta' l-"Analizi tal-ġestjoni finanzjara u kontrolli" jista' jikkomplimenta dak ix-xogħol tal-qasam tal-kapaċità tal-verifiki interni, ma hemmx evidenza ta' xi ko-ordinazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

7.22. *With the setting up on 1 February 2004 of a new unit in charge of both monitoring the implementation of the internal control framework and transaction control, EuropeAid believes that it has created conditions that will ensure better coordination and complementarity between the different actors in internal control.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Funzjonijiet ġenerali ta' kontroll u sorveljanza

7.23. Il-paragrafi ta' qabel juru li ħafna servizzi fil-kwartieri ġenerali jwettqu ċerti funzjonijiet ta' sorveljanza u kontroll, barra min dawk imwettqa mid-Delegazzjonijiet. Fit-***Tabella 7.1*** ġiet ippreżentata dehra ġenerali ta' dan. Issa li l-proċess ta' devoluzzjoni kważi intemm fil-livell tad-Delegazzjonijiet, hemm bżonn ta' reviżjoni ta' dawn l-attivitajiet b'mod totali. Permezz ta' tifsira aktar ċara ta' l-istrateġija ġenerali għas-sorveljanza u kontroll, il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni biex tispjega:

a) kif il-funzjonijiet ta' kontroll tas-servizzi differenti għandhom jiġu konnessi u għandhom jipprovdu l-livell ta' assigurazzjoni meħtieġ;

b) x'suppost ikunu l-għanijiet speċifiċi, u

c) liema u kemm xogħol dettaljat għandhom bżonn jagħmlu meta tikkonsidra il-verifiki u l-kontrolli mwettqa mis-servizzi l-oħra jew il-verifiki pprovduti mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni nfushom. Eżempju li għandu bżonn ta' dawn il-kjarifiki huma t-tlett tipi differenti ta' verifiki mwettqa mill-oqsma tal-finanzi, mid-Delegazzjonijiet, u mis-settur ta' l-"Analiżi tal-ġestjoni finanzjarja u kontrolli". F'dan il-kuntest l-oqsma finanzjarji għandhom jeżaminaw b'mod sistemiku l-irkupri u ħlasijiet bil-quddiem li ma seħħux minfpost mas-settur ta' l-"Analizi tal-ġestjoni finanzjarja u kontrolli" jagħmel reviżjonijiet ad hoc bħal ma għamel fl-2003 (ara l-paragrafu 7.12). Informazzjoni fuq irkupri u ħlasijiet bil-quddiem li għadhom ma seħħux għandhom jiġu ppreżentati dejjem b'mod sistemiku u dawn għandhom jiġu sorveljati mill-ġestjoni tal-kwartieri ġenerali u mid-Delegazzjonijiet.

7.24. Ħafna mill-kontrolli li jidhru fit-tabella huma mwettqa fuq transazzjonijiet li huma pproċessati mill-kwartieri ġenerali ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid u mid-Delegazzjonijiet. Fejn il-klejms huma akkumpanjati b'rapport imħejji minn awditur estern li jiċċertifika n-nefqa in kwestjoni jew kienu suġġetti għall-verifika f'qasam mill-persunal tal-Kummissjoni, hemm il-possibiltà li ssir stima dwar jekk it-transazzjonijiet bażi li saru mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni humiex legali u regolari fis-sustanza tagħhom. F'każijiet oħra fejn il-Kummissjoni tiddependi fuq dokumenti mogħtija lilha minn organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, din tista' teżamina biss jekk il-klejm għall-pagament hijiex plawsibbli fit-termini tal-kuntratt jew ftehim ta' finanzjament u l-baġit previst. Dawn il-verifiki wrew numru żgħir ta' żbalji, bħal ma huwa kkonfermat mill-verifika tal-Qorti (ara wkoll il-paragrafi 7.34 u 7.36).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.23. *An overview of controls was produced in 2004 in the framework of the follow-up of the 2002 discharge procedure which explains the functions of the various controls. The Commission will examine how the implementation of its overall strategy can be improved.*

Tabella 7.1 — Stampa totali tas-sorveljanza u kontrolli għall-pagamenti tal-EuropeAid

	Preparazzjoni tal-pagament		Sorveljanza finanzjarja/verifika tan-nefqa ta' l-organizzazzjoni li għandha funzjoni ta' implimentazzjoni		Sorveljanza mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni				Kapaċità ta' verifiki interni (IAC)
	Uffiċjal li jawtorizza (fil-kwartieri ġenerali jew Delegazzjonijiet)	Kontrolli *ex-ante* fakoltativi	Delegazzjonijiet		Finanza, kuntratti u unitajiet ta' verifika			Analiżi tal-ġestjoni finanzjarja u kontrolli (FMC)	
Attività	**Kontrolli qabel il-hruġ tal-pagament (1)**	**(Imwettqa fil-kwartieri ġenerali)**	**Sorveljanza finanzjarja/ segwitu/ kuntratti**	**Verifiki mibdija mid-Delegazzjoni jew pprovduti mill-organizzazzjoni li għandha funzjoni ta' implimentazzjoni**	**Sorveljanza finanzjarja/ annotament/ segwitu**	**Ġestjoni finanzjarja tad-delegazzjonijiet**	**Verifiki ta' l-organizzazzjonijiet li għandhom funzjoni ta' implimentazzjoni**	**Kontrolli *Ex-post* (1)**	**Verifiki u reviżjonijiet**
Skop	Legalità/Regolarità tal-pagamenti	Legalità tat-transazzjoni qabel il-hlas	Reviżjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja/sinjali fuq sitwazzjonijiet mhux tas-soltu	Legalità tan-nefqa ta' l-organizzazzjoni li għandha funzjoni ta' implimentazzjoni	Reviżjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja/sinjali fuq sitwazzjonijiet mhux tas-soltu	Reviżjoni tal-kwalità ta' kontroll intern	Legalità tan-nefqa ta' l-organizzazzjoni li għandha funzjoni ta' implimentazzjoni	Legalità ta' pagamenti tal-Kummissjoni/ reviżjoni tas-sistemi finanzjarji	Reviżjoni ta' kontrolli interni
Impenn/Bażi	Regolament Finanzjarju/Regoli tal-EuropeAid	Regolament Finanzjarju/Regoli Interni tal-EuropeAid	Regolament Finanzjarju	Pjanijiet ta' verifika tad-Delegazzjoni/ Ftehim finanzjarju/ Kuntratti	Regoli Interni tal-EuropeAid/ Direttorat	Regoli tad-Direttorat/ Standards ta' kontroll intern	Pjan ta' verifiki tal-EuropeAid	Regolament Finanzjarju/Regoli Interni tal-EuropeAid	Regolament Finanzjarju/Pjan ta' xogħol IAC
Mibdija minn:	Pagament mitlub minn terzi	Direttorat	Delegazzjoni	Delegazzjoni/ organizzazzjoni li ghandha funzjoni ta' implimentazzjoni	Qasam finanzjarju	Qasam finanzjarju	Qasam finanzjarju	FMC	IAC
ToR approvati mill-Kummissjoni/ Delegazzjoni	N/A	N/A	N/A	iva	N/A	N/A	iva jew N/A	N/A	N/A
Imwettaq minn:	Oqsma TekniċI u finanzjarji	Qasam finanzjarju	Delegazzjoni	Awdituri esterni	Qasam finanzjarju	Qasam finanzjarju	Qasam finanzjarju/ Awdituri esterni	FMC	IAC
Riżultati kkomunikati lil:	Riżultati annotati fis-sistema tal-kontijiet	Direttur	Delegazzjoni — Settur finanzjarju	Delegazzjoni — Settur finanzjarju	Kap tal-qasam/Direttur	Delegazzjoni/Kap tal-Qasam	Kap tal-qasam/Direttur	Direttur Ġenerali/Direttur	Direttur Ġenerali
Segwitu minn:	N/A	Uffiċjal kompetenti	Delegazzjoni — Settur finanzjarju	Delegazzjoni — Settur finanzjarju/ organizzazzjoni li ghandha funzjoni ta' implimentazzjoni	Kap tal-qasam	Delegazzjoni/Kap tal-Qasam/Direttur	Delegazzjoni	Uffiċjal li jawtorizza	Direttur(i)/ Delegazzjonijiet

(1) Proporzjon kbir tal-pagamenti huwa fil-forma ta' pagamenti bil-quddiem lill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, li aktar tard ghandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet tan-nefqa mġarrba.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Is-Servizz ta' Verifika Interna

7.25. Fl-2003, is-Servizz ta' Verifiki Interni tal-Kummissjoni wettaq verifika fid-dettall fuq is-sistema ta' kontroll intern ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid. Il-verifika sabet li s-sistemi ta' kontroll intern fil-livell tal-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u tad-Delegazzjonijiet issaħħu b'mod konsiderevoli u b'mod ġenerali, dawn kienu adegwati. Madankollu, ġie kkritikat in-nuqqas ta' koerenza bejn il-multitudni ta' sistemi ta' kontroll, kif ukoll taċ-ċelloli ta' verifiki sottożviluppati fi ħdan l-oqsma finanzjarji tad-Direttorati. Il-verifiki rrakkomandaw ukoll titjib sinifikanti fis-sistema ta' informazzjoni finanzjarja tal-CRIS u fis-sistema ta' ġestjoni ta' annotamenti tad-Delegazzjonijiet. B'mod ġenerali, dan jaqbel ma' dak li sabet il-Qorti (ara l-paragafi 7.15-7.20, 7.22-7.24 u 7.48). Ix-xogħol tas-Servizzi ta' Verifiki Interni ma kienx jinkludi l-verifiki ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni.

Is-Sistemi u l-Kontrolli ta' Sorveljanza fil-Livell tad-Delegazzjonijiet.

7.26. Il-Qorti żaret sitt Delegazzjonijiet (l-Albanija, l-Indonežja, il-Marokk, il-Peru, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna) biex tagħmel stima tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza u biex tagħmel verifika ta' numru ta' transazzjonijiet li għalihom l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid kien l-Uffiċjal Kompetenti permezz ta' delegazzjoni.

Il-Commonwealth ta' l-Istati Independenti u l-Balkani tal-Punent

7.27. Il-ġestjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna esterna ġiet devoluta lid-Delegazzjoni fl-Ukrajina fl-2003 u s-sistema ta' sorveljanza preskritta u l-kontrolli kienu f'posthom matul is-sena kollha. L-istima preliminari tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza għand id-Delegazzjoni indikat li l-proċeduri mwettqa kienu ġeneralment biżżejjed.

7.28. Il-ġestjoni ta' l-implimentazzjoni tal-għajnuna esterna ġiet devoluta lid-Delegazzjoni ta' l-Albanija fil-bidu tal-2003. Madankollu minħabba ċirkostanzi speċjali, il-proċess ta' devoluzzjoni għadu fil-bidu tiegħu u għalhekk il-Qorti setgħet tagħmel reviżjoni limitata biss. Din l-istima preliminari ma indikatx xi nuqqas kbir fil-proċeduri li jsiru.

L-Asja, l-Amerika Latina, il-Pajjiżi Mediterranji (MEDA) u l-Afrika t'Isfel

7.29. Il-ġestjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna esterna ġiet devoluta kollha lill-erba' Delegazzjonijiet li ġew verifikati (l-Indonežja, il-Marokk, il-Peru u l-Afrika t'Isfel) fl-2003 u s-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza preskritti kienu f'posthom matul is-sena kollha. Ir-reviżjoni tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza fid-Delegazzjonijiet wera li l-proċeduri mwettqa kienu ġeneralment biżżejjed sabiex jiżguraw li t-transazzjonijiet ipproċessati mill-Kummissjoni kienu legali u regolari.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.25. *The IAS in-depth audit on EuropeAid provided a reasonable assurance that its internal control system is generally adequate.*

Where appropriate, the in-depth audit made recommendations to further improve the internal control system of EuropeAid.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.30. Fil-pajjiżi li żaret il-Qorti, ġew riveduti 12-il verifika esterna ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni. Din ir-reviżjoni, flimkien mar-riżultati tal-kontrolli li saru fuq xi proġetti li kienu suġġetti għal dawn il-verifiki esterni, indikat li r-rapporti tal-verifiki esterni kienu ta' kwalità sodisfaċenti fir-rigward ta' dak li kien ġie previst fit-termini speċifiċi ta' referenza tagħhom. Uħud mit-termini ta' referenza li ma ġewx ipprovduti jew approvati mill-Kummisjoni ma kinux jinkludu speċifikament konformità mal-bżonnijiet tal-finanzjament mill-UE, u b'mod partikolari, il-proċeduri kuntrattwali. Fi tlett każijiet minn erbgħa, meta t-termini ta' referenza koprew il-konformità mal-bżonnijiet tal-finanzjament mill-UE, il-verifiki urew nefqa rregolari.

7.31. Tnejn mid-Delegazzjonijiet li żaret (l-Afrika ta' Isfel u l-Marokk) kienu żviluppaw metodu speċifiku għas-segwitu tal-verifiki esterni.

7.32. Ġeneralment, l-użu t' u l-proċeduri għall-ħatra ta' awdituri esterni huma previsti fil-ftehim ta' finanzjamnet tal-proġett. Dawn id-dispożizzjonijiet jiġu miktuba b'mod vag. In-nuqqas ta' direttivi ċari mill-Kummissjoni bħal termini ta' referenza standard sa Mejju 2003, jħalli lill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni skop kbir biex jieħdu metodu differenti għall-għażla u s-sors ta' remunerazzjoni ta' awdituri esterni u fit-tfassil ta' l-għanijiet tagħhom.

Il-Verifiki tat-Transazzjonijiet

Il-Verifiki tat-Transazzjonijiet li jsiru fl-livell ċentrali

7.33. Intagħżel kampjun ta' 22 pagament minn kuntratturi kbar u saret żjara fuq il-post ta' 2 mill-proġetti li ma ġewx devoluti. Il-kuntratturi l-kbar huma dawk l-organizzazzjonijiet li rċevew l-ogħla ammont ta' finanzjament matul is-sena.

7.34. F'10 minn 24 każ (primarijament organizzazzjonijiet internazzjonali) il-Kummissjoni għamlet pagamenti abbażi ta' dokumenti ta' sostenn ipprovduti mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni. Fl-14 il-każ li kien baqa', il-kontrolli tal-pagamenti kienu jinvolvu verifiki dettaljati, fost l-oħrajn, fil-livell tal-proġett jew mill-persunal tal-Kummissjoni jew minn awdituri esterni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.30. *The conditions for audits required by financial agreement and/or contracts as well as their scope and objectives are established by those legal documents. EuropeAid is continuously improving those documents. For example the use of professional auditors for certain contract types has become mandatory as from 2003. However, the variety of types of operations and their legal frameworks requires targeted improvements usually undertaken on the occasion of a revision of those texts. It is certainly a priority for EuropeAid to improve reliance on audits provided by implementing organisations, being an important element within the wider control framework of external aid.*

7.31. *The follow-up of audit results is part of the line-management functions in delegations and headquarters. Each audit report should be given appropriate attention and follow-up. Certain information will be provided, however, by CRIS Audit, in particular on audits undertaken within the framework of the annual audit plans and other audits launched by headquarters and delegations.*

7.32. *The Court refers here to 'certification audits', these are audits required by financial agreement and/or contracts. Improvements have been made in this respect by introducing specific requirements as to the guidelines and the terms of references and the professional quality of auditors and/or by establishing the need for approval of the auditor by the delegation.*

7.34. *All the payments audited by the Court have been made in full compliance with the relevant contractual provisions and were legal and regular.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Il-Verifiki tat-Transazzjonijiet li saru fil-livell tad-Delegazzjonijiet

7.35. Għal kull Delegazzjoni li żaret, f'dak il-livell ġew verifikati kampjun ta' transazzjonijiet. Dawn kienu jinkludu 41 pagament u 6 appalti b'kollox.

7.36. Ix-xogħol li sar mill-Qorti matul il-verifiki fil-pajjiżi benefiċarji fuq il-pagamenti magħmula lill-proġetti li għalihom id-Delegazzjonijiet kienu responsabbli wrew livell baxx ta' irregolaritajiet. Dan huwa minħabba in parti l-istess raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 7.24.

L-Organizzazzjonijiet ta' Implimentazzjoni

7.37. Il-Qorti għamlet verifiki fuq il-post ta' 13-il proġett fil-livell ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, fejn ġie kkontrollat kampjun ta' 215-il transazzjoni bl-iskop li jikkonferma l-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll intern.

7.38. Il-verifiki tal-Qorti tal-proġetti wrew, li f'6 minn 13-il organizzazzjoni ta' implimentazzjoni li saritilhom żjara fuq il-post, nuqqasijiet fil-kontrolli interni tagħhom sabiex jassiguraw konformità mal-bżonnijiet kontrattwali. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, dan kien jinvolvi nuqqas ta' adeżjoni mal-proċeduri kontrattwali preskritti mill-Kummissjoni u nuqqas li tinżamm dokumentazzjoni ta' sostenn addattata.

7.38. *The Commission's monitoring and control systems aim at ensuring the compliance of contract partners (NGOs, public 'project management units', etc.) with the contractual requirements. Checks and audits of the contract partners' internal control systems are carried out on the basis of risk assessments since in many cases a detailed examination of their overall internal control systems would be disproportionate on top of normal checks concerning legality and regularity of payments.*

The Commission agrees with the Court that the observance of tender and procurement procedures by project management units and NGOs remain an area of concern. With the devolution of projects stricter controls can be applied on the spot by the respective delegations. Moreover, since June 2003, in line with the revised grant contract provisions, the project accounts are subject to an audit before the final payment is made.

7.39. Fit-transazzjonijiet eżaminati nstabu numru sinifikanti ta' irregolaritajiet fil-livell tal-proġetti. L-aktar tipi frekwenti kienu proċeduri kuntrattwali irregolari (instabu f'5 proġetti mit-13 li ġew ivverifikati fuq il-post), dokumentazzjoni ta' sostenn mhux biżżejjed (5 minn 13) u nefqa ineliġibbli (5 minn 13).

7.39. *In addition to the improved controls outlined in reply to 7.38 the Commission has taken action to rectify the specific irregularities indicated by the Court.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-Analiżi tar-Rapporti Annwali ta' l-Attività, u d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Uffiċjali li jawtorizzaw permezz ta' delega

7.40. Il-Qorti rrevediet ir-Rapporti Annwali ta' l-Attività u d-dikjarazzjonijiet mid-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid u tad-Direttur tal-Uffiċċju ghall-Ghajnuna Umanitarja. Ir-reviżjoni kkonċentrat fuq il-partijiet tar-rapporti li kellhom x'jaqsmu mas-segwitu tal-Kummissjoni ghar-rakkomandazzjonijiet li tat il-Qorti ta' l-Awdituri, l-awdituri interni tal-Kummissjoni u ta' l-azzjonijiet imfassla fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni (anness mas-Sintesi tagħha tar-Rapporti ta' Attività fl-2002 ([6])) kif ukoll fuq l-istandards ta' kontroll intern. Il-Qorti eżaminat jekk u sa fejn id-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-proċeduri ta' kontroll imwaqqfa sabiex jassiguraw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali u d-Direttur kienu ġustifikati u bbażati fuq biżżejjed evidenza.

7.41. B'mod ġenerali, instab li l-informazzjoni ppreżentata fir-rapporti kienet preċiża u kienet tirrifletti b'mod ġust l-attivitajiet li saru fuq is-segwitu tal-pjanijiet ta' azzjoni u fuq l-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern. Kemm l-Uffiċċju ghall-Ghajnuna Umanitarja kif ukoll l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid ħadu l-azzjonijiet xierqa sabiex jirranġaw in-nuqqasijiet identifikati fl-2002 u sabiex itemmu u jtejbu l-istandards ta' kontroll intern. Ġie indikat korrettament fir-rapport ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid li l-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern fil-livell tad-Delegazzjonijiet qed issir. B'risposta impliċità ghar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2002 (il-paragrafu 7.44), l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid indika wkoll fir-rapport tiegħu li qed jittieħdu passi sabiex il-verifiki ta' l-operazzjonijiet isiru b'mod aktar sistemiku.

7.42. Azzjoni 2 tal-pjan ta' azzjoni 2001 tal-Kummissjoni stipulat li s-servizzi tar-relazzjonijiet esterni ghandhom jeżaminaw il-possibilitajiet ta' sinerġiji organizzativi bejniethom u jwettqu analiżi tar-riskju relatat ma' l-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ghajnuna diretta mill-baġit. Kif imsemmi fis-sintesi tar-Rapport Annwali ta' l-Attività tal-2002 tal-Kummissjoni, il-Kummissarji kompetenti ddeċidew li jżommu l-organizzazzjoni kurrenti kif inhi sabiex jagħtu aktar żmien ghar-riforma tal-ghajnuna esterna. L-istima tar-riskji marbuta ma' l-ghajnuna esterna u, b'mod partikolari, is-support tal-baġit saret fl-2003 (ara wkoll il-paragrafu 7.12).

([6]) Sintesi tar-Rapporti Annwali ta' Attività tad-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizz; Komunika mill-Kummissjoni COM(2003) 391 tad-9 ta' Lulju 2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.43. Fir-Rapporti Annwali ta' l-Attività, għandha tingħata stima tas-sistemi ta' kontroll intern. Għalkemm l-Uffiċċju tal-Għajnuna Umanitarja ta deskrizzjoni tas-sistemi importanti li qed jiffunzjonaw flimkien ma' stima ta' l-elementi differenti, l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid illimita l-kontribuzzjoni tiegħu għal deskrizzjoni ta' l-elementi tas-sistemi minghajr ma indika jekk u sa fejn is-sistemi qed jaħdmu b'mod adegwat.

7.44. L-2003 kienet l-ewwel darba li d-Delegazzjonijiet ġew mitluba jirrapurtaw għand il-kwartieri ġenerali (fir-rapporti tagħhom ta' Jannar 2004) dwar il-verifiki esterni li saru u li d-Delegazzjonijiet ġew mitluba espliċitament jirrappurtaw fuq aspetti tal-legalità u r-regolarità u fuq l-azzjonijiet li ttieħdu f'dan ir-rispett. Għalkemm dan kien miljorament kbir meta mqabbel ma' l-2002, fil-prattika numru limitat ħafna ta' Delegazzjonijiet taw aktar minn informazzjoni globali fuq il-punti ta' legalità u regolarità u l-kwalità ta' l-informazzjoni fuq il-verifiki esterni varjat ħafna.

7.45. Ir-Rapport Annwali ta' l-Attività jagħti deskrizzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern (ara l-paragrafu 7.43), u jiffoka l-aktar fuq trasazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, li ġeneralment jaħdmu b'mod sodisfaċenti. Madankollu, minkejja li s-sistemi ta' verifiki ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni tjiebet mill-2002, l-użu u s-segwitu ta' rapporti tal-verifiki ma kienx adegwat għall-iskop biex tingħata assigurazzjoni li tirrigwarda l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ġestiti minn dawk l-organizzazzjonijiet. F'Lulju ta' l-2004, il-Kummissjoni adottat strateġija ta' verifika.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.43. *There was in early 2004, an evaluation of the current effectiveness of the various controls, and the declaration of the Director-General of EuropeAid took this into account. An overview of controls was produced in 2004 which explains the functions of the various controls.*

7.44. *Based on past experiences, the information on audits is now part of the EAMR reports. The Commission agrees with the Court that the inclusion of audit information has been an improvement. It is expected that the completeness and the quality of the information will further improve over time.*

The reports are intended to be an overview; they do not give detailed information on every project concerned.

7.45. *The key elements of the overall strategy were already applied in 2003, including the annual audit plans, methodological tools, training etc. In July 2004 the overall strategy was formalised in a single document. Improvements have been made through modifications to standard legal texts (7.30), the development of a series of tools (framework contract, methodological guide, training) and the establishment of the annual audit programmes for 2003 and 2004 based on a common methodology and a risk analysis.*

External audits are not the only source of assurance available. Other sources should also be included, such as optional ex ante *controls,* ex post *transactional control, missions on the ground and monitoring reports.*

These controls were considered adequate for the purpose of deriving overall assurance in the context of the Director-General's Declaration.

Regarding the use and follow-up of audit reports, the introduction of new tools (such as CRIS Audit) will contribute to further improve the flow of information on audit results at central level, notably to feed back the audit strategy and the selection of transactions to be included in the audit plan. However, as mentioned earlier, the follow-up of audit results is part of the line-management functions in delegations and headquarters. The level of audit programming in fact matches that of project authorisation, enabling more effective use to be made of the results. Audits are therefore completely integrated into the whole project management cycle.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.46. Is-sistema ta' informazzjoni finanzjarja tal-CRIS u s-sistema ta' rapporti interni ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni fuq ir-riżultati tal-verifiki tan-nefqa magħmula mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni.

7.47. Id-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid inkluda riserva fuq il-modalitajiet tas-ħubija ta' Assoċjazzjoni ta' NGOs għall-għajnuna fl-ikel u s-sigurtà ta' l-ikel. Id-dikjarazzjoni ma tagħtix informazzjoni biżżejjed fuq il-problema ewlenija u ma tispeċifikax x'jista' jkun l-impatt finanzjarju. Fil-mument tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Kummisjoni kienet qed teżamina din il-problema u għalhekk ma setgħetx tagħti aktar informazzjoni.

7.48. Id-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid iddikjara, in segwitu għall-formulazzjoni standard, li hu kellu assigurazzjoni raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll użati jagħtu l-garanziji neċċessarji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet bażi, ibbażat fuq il-ġudizzju tiegħu u fuq l-informazzjoni li għandu disponibbli. Din id-dikjarazzjoni hija ġġustifikata għas-sistemi li jassiguraw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti magħmula mill-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni. Madankollu, il-Qorti sabet li s-sistemi li jissorveljaw il-legalità u regolarità tan-nefqa bażi tar-rapporti finanzjarji ppreżentati mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni mhumiex adegwati biżżejjed.

Il-Konklużjonijiet

7.49. L-2003 kienet is-sena li fiha daħal fis-seħħ ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid u l-proċess ta' devoluzzjoni għall-programmi ġeografiċi intemm. Il-grad sa fejn ġiet stabbilita kombinazzjoni bbilanċjata bejn il-kontrolli, ir-reviżjonijiet, l-ispezzjonijiet, il-verifiki minn kumpaniji esterni u l-verifiki interni jvarja ħafna bejn id-Delegazzjonjiet differenti u bejn id-Direttorrati fl-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.46. *The Commission intends to extend the functions of CRIS to provide for the encoding of audit requirements and implementing organisations compliance with those requirements.*

7.47. *After the problem behind the reservation was identified in 2003, several measures were taken to protect the financial interests of the Community, ensure the continuity of NGO operations and respect the Commission's legal commitments.*

This inquiry is still on-going, and the Commission will keep the Court informed of any relevant developments.

7.48. *The Commission agrees that all the system components of internal control can and should be improved. All the necessary supervisory and control systems were in place in 2003 to enable the Director-General to give reasonable assurance as to the legality and regularity of transactions carried out by EuropeAid in 2003.*

In its replies to the preceding points, the Commission clarified which aspects of the audit system were in need of further development. The steady progress made by EuropeAid in this area is acknowledged by the Court. Audits are a supplementary assurance, in addition to the conformity and 'reality checks' carried out entirely by the services of the Commission, before the payment orders in the framework of the financial circuits set up in accordance with the requirements of the new financial Regulation, when the payment instruction is issued. Such extra assurances also include the audit of the Annual Audit Plan, ex post *transactional monitoring, missions on the ground, and monitoring reports.*

While efforts must be made to continually improve external audit systems, as part of a set of checks on the legality and regularity of operations, the very diversity of the risks means they cannot be controlled by any isolated element of the verification system, but require the smooth articulation of its different components.

7.49. *As part of the reform of the management of external aid, the Commission is aiming to devolve all geographical and thematic programmes in 78 delegations before the end of 2004. On 31 December 2003, devolution was already in place for the management of geographical programmes in 61 delegations, covering all CARDS, TACIS, MEDA, ALA and EPRD programmes. The devolution of thematic lines, which began in 2003, will be carried out for the most part in 2004. A varying combination of checks, reviews, inspections and audits can be used to meet the differing requirements of services in respect of progress made towards to devolution, and is consistent with that process.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.50. Il-verifiki tal-Qorti wrew ftit żbalji li jolqtu trasazzjonijiet fil-livell tal-kwartieri ġenerali tal-Kummisjoni u fil-livell tad-Delegazzjonijiet tagħha (ara l-paragrafi 7.34 u 7.36). Madankollu, instabu nuqqasijiet fil-kontrolli interni, u numru relattivament għoli ta' irregolaritajiet instab fil-livell ta' l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti (ara l-paragrafu 7.39). Dan juri n-neċessità li jkun hemm metodu globali lejn is-sorveljanza, il-kontroll u l-verifiki ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

7.51. Ir-Rapporti Annwali ta' l-Attività ta' l-Uffiċċju tal-Għajnuna Umanitarja u ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid taw deskrizzjonijiet tas-sistemi ta' kontroll intern li għandhom. Madankollu fil-każ ta' l-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid, il-Qorti ma setgħetx tieħu assigurazzjoni mir-rapport u d-dikjarazzjoni (ara l-paragrafi 7.19 u 7.45) għaliex sistemi essenzjali ta' sorveljanza u kontrolli għal-legalità u regolarità tat-transazzjonijiet bażi fil-livell ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni mhumiex qed jaħdmu għal kollox.

Ir-Rakkomandazzjonijiet

7.52. Għandha tiġi stabbilita strateġija għall-verifiki fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskju, flimkien mal-bżonnijiet kontrattwali li japplikaw għall-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni kif indikat ukoll fl-aktar rapport riċenti fuq l-istandards ta' kontroll intern tal-qasam ta' kapaċità ta' verifiki interni tal-EuropeAid (ara l-paragrafu 7.21). Id-Delegazzjonijiet għandhom b'mod sistemiku jittrasmettu l-programmi ta' verifiki, il-verifiki li saru, u r-riżultati lill-kwartieri ġenerali fi Brussell kif previst mill-2004 il quddiem. Dan għandu jinkludi wkoll verifiki kkuntrattati mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni. Is-sorveljanza li saret mill-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid għandha tiffoka fuq l-informazzjoni pprovduta mid-Delegazzjonijiet li suppost jiġu vverifikati waqt il-verifiki tal-kwartieri ġenerali tad-Delegazzjonijiet (ara l-paragrafu 7.18). Il-verifiki ta' l-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni mnedija mill-kwartieri ġenerali għandhom ikunu fil-prinċipju limitati għall-proġetti u programmi li l-implimentazzjoni tagħhom hija taħt ir-responsabbiltà diretta tal-kwartieri ġenerali, fi kliem ieħor, l-attivitajiet li ma ġewx devoluti. Sakemm din is-sistema ma tkunx qed taħdem għal kollox, ir-rapport annwali tad-Direttur Ġenerali għandu jirrifletti dan.

7.53. L-Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid għandu jfisser b'mod aktar ċar l-istrateġija ġenerali għas-sorveljanza u kontroll, li biha, l-funzjoni u x-xogħlijiet tas-servizzi fil-kwartieri ġenerali u d-Delegazjoni għandhom jiġu kkjarifikati (ara l-paragrafu 7.23). F'dan il-kuntest, is-sistema ta' ġestjoni ta' informazzjoni għandha tiġi żviluppata aktar sabiex tiffaċilita s-sorveljanza u l-kontroll (ara l-paragrafi 7.14, 7.15 u 7.46).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

7.50. *Over recent years, the utilisation of standard contractual documents (contracts, grants and financing agreement) has helped improve the level of control by the Commission. Payments and the verification of supporting documents are made as requested by the financial regulations. Contract provisions for 'certification audits' have also been improved (see replies to paragraphs 7.30 and 7.32). Moreover, the external audit strategy has been strengthened through the establishment of annual audit plans, — on the basis of a risk assessment, — of audits to be launched by headquarters and delegations (see also reply to 7.45).*

7.51. *Essential supervisory systems and controls for EuropeAid were operational in 2003. These controls were considered as adequate for the purpose of deriving overall assurance in the context of the Director-General's declaration.*

Please refer also to the replies to 7.45 and 7.48.

7.52. *The key elements of the overall strategy were already applied in 2003, including the annual audit plans, methodological tools, training etc. In July 2004 the overall strategy was formalised in a single document. Reporting on audits is now a mandatory part of the external assistance management reports (EAMR) of the delegations. The introduction of new tools (such as CRIS Audit) will contribute to further improve the flow of information on audit results at central level, notably to feed back the audit strategy and the selection of transaction to be included into the audit plan.*

However, the current systems are considered as adequate for the purpose of deriving overall assurance in the context of the Director-General's declaration.

The Commission can agree that in principle audits of devolved activities should be launched by the delegations concerned. However, there is a need for Headquarters to be able to launch audits of devolved activities either as ad hoc audits or for the purpose of supervision.

7.53. *The Commission agrees that it would be useful to formalise and consolidate its overall strategy in a single document.*

Regarding the management information system the Commission will work on further developing CRIS (see reply to 7.17).

ANNESS

(a) Stima tal-Qorti tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza fl-2003

	Uffiċċju ta' l-Ghajnuna Umanitarja	Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid	Delegazzjonijiet
Kunċett globali	A	B	—
Proċeduri u Manwali	A	A	A
Funzjonament fil-prattika	A	B (1)	B (1)
Verifiki interni	B (2)	B (2)	B (2)
Rapportar tal-ġestjoni	A	B (1)	B

(1) Ħafna mill-elementi jaħdmu, iżda ċerti elementi importanti għandhom jitjiebu.
(2) Il-qasam tal-verifika interna kkonċentra fuq analiżi tas-sistema u għadu ma ttestjax is-sistemi.

(b) Stima tal-Qorti tal-verifiki esterni fil-livell ta' l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-proġetti ffinanzjati mill-EuropeAid

Kwalità tal-verifiki	A
Kwantità tal-verifiki	B (1)
Definizzjoni tat-termini ta' referenza	B (2)
L-involviment tal-Kummissjoni fil-hatra ta' l-awdituri	B (2)
Inklużjoni tal-proċeduri tat-tender fl-iskop tal-verifika	B (2)
Rapportar tar-riżultati tar-reviżjoni tas-sistema ta' kontijiet	C
Evidenza tas-segwitu	B

(1) Madankollu, in-numru ta' verifiki żdied meta mqabbel mal-2002.
(2) Ghall-verifiki esterni mibdija mill-Kummissjoni, it-termini ta' referenza u l-involviment fil-hatra ta' l-awdituri huma sodisfaċenti, imma meta l-verifiki jiġu mibdija mill-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni, hemm lok ghal titjib.

Indikaturi

Rata tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza	
Taħdem sew. Hemm bżonn ta' xi titjib jew ta' titjib minuri	A
Taħdem, hemm bżonn ta' titjib	B
Ma taħdimx kif suppost	C

(c) Oqsma importanti segwiti mill-Qorti ta' l-Awdituri fl-2003

	Uffiċċju ta' l-Ghajnuna Umanitarja	Uffiċċju ta' Ko-operazzjoni tal-EuropeAid	Delegazzjonijiet
Eżekuzzjoni ta' l-analiżi tar-riskju	Analiżi mwettqa bħal fis-snin ta' qabel	Analiżi mwettqa bħal fis-snin ta' qabel kif ukoll analiżi speċifika tar-riskju pendenti fl-2002 (Pjan ta' Azzjoni, azzjoni Nru 2)	—
Sistemi ta' annotament	Żamm standards tajbin	Is-sistemi ta' annotament qed jitjiebu meta mqabbla mal-2002, iżda jeħtieġu aktar żvilupp	Id-delegazzjonijiet jirrapurtaw b'mod regolari
Kunċett ta' verifiki esterni u kontrolli	Beda l-kunċett fl-2002, ġie implimentat għal kollox fl-2003	Beda l-kunċett fl-2002, żviluppat aktar fl-2003, dokument ta' strateġija fl-2004	—
Eżekuzzjoni ta' verifiki esterni u segwitu	Verifiki mwettqa u segwiti	Aktar verifiki mwettqa; it-termini ta' referenza u s-segwitu għandhom jitjiebu	—

KAPITLU 8

L-Ġhajnuna ta' qabel l-adeżjoni

WERREJ

	Paragrafu
L-Introduzzjoni	8.1
L-Istima speċifika fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' l-Assigurazzjoni	8.2-8.44
L-Iskop u n-natura tal-verifika	8.2
Is-Sistemi ta' sorveljanza u kontrolli	8.3-8.29
Il-ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll	8.3-8.17
Phare	8.3-8.8
ISPA	8.9-8.14
Sapard	8.15-8.17
Il-Verifiki mill-Kummissjoni jew f'isimha	8.18-8.29
Phare	8.18-8.22
ISPA	8.23-8.26
Sapard	8.27-8.29
L-Eżaminazzjonijiet ta' l-operazzjonijiet	8.30-8.34
Pagamenti ta' Phare	8.30
Pagamenti ta' l-ISPA	8.31-8.32
Pagamenti ta' Sapard	8.33-8.34
Ir-Rapporti ta' l-Attività Annwali	8.35-8.39
Id-Direttorat Ġenerali ġhat-Tkabbir	8.35-8.36
Id-Direttorat Ġenerali ġhall-Politika Reġjonali	8.37-8.38
Id-Direttorat Ġenerali ġhall-Agrikoltura	8.39
Il-Konklużjonijiet	8.40-8.43
Ir-Rakkomandazzjonijiet	8.44
L-Osservazzjonijiet prinċipali fir-Rapporti Speċjali	8.45-8.59
Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2004 "Ġie immaniġġjat tajjeb is-Sapard?"	8.45-8.53
Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2004 "Is-Sostenn tal-Phare sabiex il-Pajjiżi Kandidati jkunu ppreparati ġhall-ġestjoni tal-Fondi Strutturali"	8.54-8.59

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-INTRODUZZJONI

8.1. Dan il-kapitlu jitkellem dwar l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għall-pajjiżi li kienu qed jippreparaw għall-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea. L-intestatura 7 tal-Perspettiva Finanzjarja fiha l-approprijazzjonijiet għall-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni (Phare, ISPA u Sapard) għall-10 pajjiżi kandidati Ċentrali u ta' l-Ewropa tal-Lvant, li tmienja minnhom saru Stati Membri fl-1 ta' Mejju 2004 ([1]), u l-programmi ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni għat-tlett pajjiżi kandidati tal-Mediterran ([2]).

— Il-programm Phare ([3]), implimentat mid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir, jipprovdi sostenn għall-bini ta' istituzzjoni u investiment.

— L-ISPA ([4]), implimentat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali, ġie mwaqqaf biex iħaffef l-adeżjoni fl-oqsma ta' l-ambjent u t-trasport

— Is-Sapard ([5]), implimentat mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura, għandu skop simili fis-settur ta' l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Grafiċi 8.1 u 8.2 juru lista dettaljata tal-fondi vvutati (3 393 miljun euro) u minfuqa (2 240 miljun euro) fl-2003 (ara paragrafi 2.42-2.46 għal osservazzjonijiet fuq il-ġestjoni tal-baġit).

([1]) Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija. Fl-1 ta' Mejju 2004 dawn il-pajjiżi, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, saru Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

([2]) Ċipru u Malta (li saru Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004) u t-Turkija. Dawn il-programmi ta' għajnuna kienu relativament insinifikanti fir-rigward tal-pagamenti fl-2003.

([3]) Il-Polonja, l-Ungerija u r-Ristrutturar fil-Lvant, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89.

([4]) Strument tal-Politika Strutturali għal qabel l-adeżjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999. Għall-pajjiżi li se jsiru Stati Membri fl-1 ta' Mejju 2004 dan l-istrument huwa mibdul f'Fond ta' Adeżjoni.

([5]) Programm Speċjali ta' l-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999.

Grafika 8.1 — Kif jinqasmu l-impenji skond is-settur fil-*budget* fl-2003

Impenji totali: 3 393 miljun euro



NB: ghal informazzjoni aktar dettaljata ara d-Dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: Kontijiet annwali ghall-2003.

Grafika 8.2 — Kif inqasmu l-pagamenti skond is-settur fil-*budget* fl-2003

Pagamenti totali: 2 240 miljun euro



NB: ghal informazzjoni aktar dettaljata ara d-Dijagrammi III u IV ta' l-Anness I.
Sors: Kontijiet annwali ghall-2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-ISTIMA SPEĊIFIKA FIL-KUNTEST TAD-DIKJARAZZJONI TA' L-ASSIGURAZZJONI

L-Iskop u n-natura tal-verifika

8.2. L-iskop ġenerali ta' l-istima speċifika ta' l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni għas-sena 2003 kien li jikkontribwixxi għat-twaqqif tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti permezz ta' konklużjoni fuq il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet imniżżla taħt l-intestatura 7 tal-Perspettiva Finanzjarja ([6]). Il-verifika kienet tinkludi stima tas-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli (li jinkludu reviżjonijiet tal-verifiki magħmula mill-Kummissjoni jew għan-nom tagħha, u/jew tar-rapporti tal-verifika li rriżultaw), eżaminazzjonijiet ta' l-operazzjonijiet u r-reviżjoni tar-Rapporti ta' l-Attività Annwali tad-Diretturi Ġenerali kkonċernati. Il-verifika saret fiċ-ċentri prinċipali tal-Kummissjoni fi Brusselll u fid-Delegazzjonijet tal-Kummissjoni u fl-awtoritajiet nazzjonali f'disa' pajjiżi kandidati ([7]). Il-parti l-kbira tax-xogħol fuq is-Sapard ġie magħmul bħala parti mill-verifika integrata tas-Sapard magħmula fl-2003 ([8]).

Is-Sistemi ta' sorveljanza u kontrolli

Il-ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll

Phare

8.3. Il-parti l-kbira tal-fondi tal-Phare jiġu mħallsa permezz ta' kuntratti deċiżi u pagamenti magħmula minn Aġenziji ta' implimentazzjoni fil-pajjiżi kandidati. Kuntratti oħra ġew konklużi u ġestiti direttament mid-Direttur-Ġenerali għat-Tkabbir fi Brussell (ġestjoni ċentralizzata) jew mid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiżi kandidati (ġestjoni devoluta).

Is-Sistemi fil-pajjiżi kandidati

8.4. Tard fl-2000 il-Kummissjoni bdiet il-kunċett ta' sistema ta' implimentazzjoni deċentralizzata sħiħa għal Phare (kif ukoll għal ISPA — ara paragrafu 8.9) — magħruf bħala s-Sistema ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata Estiża (EDIS). Taħt l-EDIS il-Kummissjoni se tirrinunċja għall-kontroll ex-ante ta' l-offerti u tal-kuntratti mid-Delegazzjonijiet tagħha, li baqgħu fl-2003 jikkostitwixxu element essenzjali tas-sistema ta' kontroll. Il-Kummissjoni se tiddeċidi fuq deċentralizzazjoni sħiħa fuq bażi ta' aġenzija b'aġenzija, wara analiżi tal-kapaċità ta' l-Aġenziji ta' Implimentazzjoni.

8.4. *The possibility of moving to a fully decentralised implementation system was provided for in the Coordination Regulation ((EC) No 1266/1999) but no legal regulatory requirement to actually do so was stipulated. However, in order to encourage the candidate countries, in late 2000 the Commission launched a working document elaborating the concept of a fully decentralised implementation system for Phare (see reply of the Commission to point 8.9) — known as the Extended Decentralised Implementation System (EDIS).*

([6]) Eskluži l-programmi għall-pajjiżi tal-Mediterran.

([7]) Phare: Ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Bulgarija u r-Rumanija. ISPA: l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Islovenja. Sapard: il-Polonja, il-Bulgarija u r-Rumanija.

([8]) L-osservazzjonijiet prinċipali minn din il-verifika huma ppreżentati fil-paragrafi 8.45-8.53.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.5. Il-proċess ta' l-EDIS ġie mtawwal iżjed [9]. Fl-2003, ma ġiet mogħtija l-ebda akkreditazzjoni ta' l-EDIS. Sa l-aħħar tal-2003 sitt pajjiżi biss [10] kienu ssottomettew applikazzjonijiet. L-akbar dewmien ġie kkawżat mill-implimentazzjoni bil-mod tar-riformi tal-kontroll intern fis-settur pubbliku fil-pajjiżi kandidati kif ukoll il-fatt li l-Kummissjoni fil-bidu kienet tard f'li tagħmel pressjoni biżżejjed.

8.6. Il-proċess ta' preparazzjoni għall-EDIS fil-pajjiżi kandidati saħħaħ is-sistemi li kienu jeżistu fl-2003 għall-ġestjoni tal-fondi tal-Phare. Madankollu, il-kontrolli tal-verifiki tal-Kummissjoni tard fl-2003 u fil-bidu tal-2004 sabu xi nuqqasijiet f'dawn is-sistemi nazzjonali, bħall-ftehim operattiv li kienu għadhom ma ġewx iffinalizzati bejn il-Finanzi Ċentrali u t-Taqsima Kontrattwali (CFCU) u l-linja ministerjali, nuqqas ta' riżorsi u taħrig għall-personal u manwali li kienu għadhom ma ġewx adottati.

Il-Ko-Finanzjament

9.67. Fl-2003, għall-ewwel darba, l-uffiċjali ta' awtorizazzjoni skond delega mill-istituzzjonijiet ipproduċew rapporti annwali ta' l-attività kif mitlub mill-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju ([6]). Dawn ir-rapporti jipprovdu informazzjoni bżonnjuża għal dak li għandu x'jaqsam mat-tħaddim ta' sistemi ta' sorveljanza w kontrolli. Madankollu, il-kontenut tagħhom irid jiġi mtejjeb sabiex iħallu lill-Qorti tikkunsidrahom bħala sors ta' informazzjoni għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tagħha.

9.68. Għalkemm għal nefqa amministrattiva meħuda inġenerali it-transazzjonjiet eżaminati mill-Qorti ma kienux affettwati materjalment mill-iżbalji, il-Qorti tinnota li hemm riskji għall-legalità w għar-regolarità tat-transazzjonjiet fondamentali. Dan minħabba l-fatt illi s-sistemi ta' sorveljanza u kontrolli li ħadu post il-Kontroll Finanzjarju ta' qabel fl-2003 għadhom s'issa ma laħqux il-ħtiġijiet bażiċi tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid fl-istituzzjonijiet kollha. Il-Qorti tirrakkomanda li għandha tingħata attenzjoni speċifikament għall-infurzar tal-ħtiġijiet kollha mniżżla fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

9.65. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Implementation of reform is a continuous process. Therefore, the Commission invests much effort and interest in enhancing continuously these practices. On the other hand, supervision is really executed and effective in the services, evidencing of these supervision needs more focus. The Commission is organising specific workshops on this issue in the second half of 2004.

9.67. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

The Commission is already in its third year of experience in this domain. The Court also acknowledges the continuous enhancements done by the Commission. The current AAR are useful source of information on the internal control systems of the DG's.

9.67. IR-RISPOSTA TAL-QORTI TA' L-AWDITURI

Is-servizzi kompetenti tal-Qorti kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni u inkorporawha fil-pjanijiet t'azzjoni tagħhom għall-esekuzzjoni tat-twaqqif ta' proċeduri li għandhom x'jaqsmu mar-Regolament finanzjarju l-ġdid.

9.68. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

The Commission undertook a readiness assessment by the end of 2002, which indicated that services were ready for launching the new Financial Regulation specificities as acknowledged by the Court in paragraph 9.54.

9.68. IR-RISPOSTA TAL-QORTI TA' L-AWDITURI

Ara r-risposta fil-paragrafu 9.67.

([6]) Fil-Kummissjoni kienu digà saru rapporti simili fis-snin ta' qabel.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IL-VERIFIKA TA' KORPI SATELLITI

9.69. Il-verifika annwali tal-Qorti tal-korpi satelliti ta' l-UE (KS) huwa s-suġġett ta' rapporti annwali speċifiċi [7]. Id-data prinċipali fuq il-KS huma mniżżla f'***Tabella 9.4***.

9.70. Il-baġits tal-KS ammontaw għal 778,0 miljun euro fl-2003, kontra 852,2 miljun euro [8] fl-2002. Il-personal totali tagħhom, kif jidher fil-pjanijiet ta' stabbiliment tagħhom, żdied minn 2 037 ħaddiem fl-2002 għal 2 204 fl-2003.

Tabella 9.4 — *Budgets* u numru ta' persunal fl-2002 u fl-2003 — Il-korpi deċentralizzati

	Lokalita'	Sena tat-twaqqif	*Budget* (Miljuni ta' euros)		Karigi Statutorji	
			2002	2003	2002	2003
Ċentru Ewropew għall-iżvilupp tal-formazzjoni professjonali	Tessaloniki	1975	14,2	14,7	83	83
Fondazzjoni Ewropea ghat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol	Dublin	1975	17,4	16,8	88	88
Aġenzija Ewropea għall-ambjent	Kopenhagen	1990	25,2	27,5	106	111
Fondazzjoni Ewropea għall-formazzjoni	Turin	1990	16,8	17,2	123	104
Osservatorju Ewropew tad-drogi u t-tossiko-dipendenza	Lisbona	1993	10,4	10,5	59	63
Aġenzija Ewropea għall-evalwazzjoni tal-mediċinali	Londra	1993	61,3	84,2	251	287
Ċentru tat-traduzzjoni tal-korpi ta' l-Unjoni Ewropea	Lussemburgu	1994	23,6	29	158	158
Uffiċċju komunitarju tal-varjeta' veġetali	Angers	1994	10,5	11,1	33	33
Uffiċċju ta' l-armonizzazzjoni fis-suq intern.	Alicante	1994	154,7	157,4	715	675
Aġenzija Ewropea ghas-sigurta' u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol	Bilbao	1995	13,2	14,6	31	33
Osservatorju Ewropew tal-fenomeni razzisti u ksenofobi	Vjenna	1997	6,2	6,6	28	30
Aġenzija Ewropea ghar-rikostruzzjoni	Tessaloniki	2000	495,9	358,6	316	317
EUROJUST	Hague	2002	2,8	8,1	46	53
Aġenzija Ewropea ghas-sigurta' fl-ajru	Brussell	2002	—	4,7	—	80
Aġenzija Ewropea ghas-sigurta' marittima	Brussell	2002	—	4,5	—	40
Awtorita' Ewropea tas-sigurta' ta' l-ikel	Brussell	2002	—	12,6	—	49
		Total	**852,2**	**778,0**	**2 037**	**2 204**

(7) Fil-proċess tal-pubblikazzjoni fl-ĠU.
(8) Il-figura iżghar hija spjegata minħabba t-tnaqqis fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija Ewropea ghar-Rikostruzzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.71. Is-sena finanzjarja 2003 rat l-introduzzjoni tar-regolament finanzjarju qafas ġdid [9], li fuq il-bażi tiegħu, il-KS kellhom ifasslu u jadottaw ir-regolamenti finanzjarji tagħhom.

9.72. Matul is-sena, wara li ħadu l-opinjoni tal-Kummissjoni, l-KS kollha minbarra tlieta kienu adottaw ir-regolamenti finanzjarji ġodda tagħhom. Dawk l-KS li ma setgħux jadottaw regolamenti finanzjarji speċifiċi applikaw proviżorjament il-qafas tar-regolament finanzjarju [10] jew abbozz tar-regolament speċifiku sakemm waslet l-opinjoni tal-Kummissjoni [11]. Il-KS kollha nkludew il-disposizzjonijiet tal-qafas tar-regolament finanzjarju, b'tibdiliet żgħar minħabba n-natura ta' l-attivitajiet tagħhom. L-unika eċċezzjoni li tispikka kienet l-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni ta' Prodotti Mediċinali, li għażlet limiti għall-proċeduri ta' xiri differenti mil-livelli mniżżla fir-regolament finanzjarju qafas.

9.72. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

As regards the financial regulation of the European Medicines Evaluation Agency (EMEA), the Commission demanded that the Agency align itself closely on the framework financial regulation. A new text was adopted with the Commission's approval in June 2004.

Since late 2003 the European Agency for Reconstruction (EAR) has also obtained the Commission's approval, adopting its financial regulation on 4 June 2004.

9.73. L-implimentazzjoni tal-prinċipji tar-regolament finanzjarju qafas jinvolvi ir-ristrutturar tas-sistemi ta' kontroll intern tal-KS, b'mod partikolari wara t-tibdil fil-kontroll finanzjarju bil-kapaċità ta' verifika nterna. Dan ir-ristrutturar jeħtieġ li l-personal responsabbli għall-affarijiet finanzjarji jaddatta għas-sitwazzjoni l-ġdida u jitħarreġ mill-ġdid; dan jaffetwa b'mod partikolari l-uffiċjali ta' awtorizazzjoni, li r-responsabbiltà tagħhom żdiedet. Għal żewġ terzi tal-KS, is-sistemi ntrodotti mill-personal responsabbli għall-affarijiet finanzjarji għadhom ma ġewx evalwati jew ivverifikati minn unità ta' verifika nterna.

9.74. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontabilità, il-bidla prinċipali hija l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' kontabilità bbażata fuq żidiet imnissla (*accruals*), li teħtieġ bidla fil-metodi ta' ħidma u addattament fl-istrumenti tal-kontabilità. Sabiex il-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra ta' l-UE jiġu kkonsolidati sas-sena finanzjarja 2005, ir-regoli ta' kontabilità tal-KS għandhom jiġu adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, rekwiżit li huwa ripetut fl-Artikolu 85 (żamma tal-kontijiet) u 90 (żamma ta' l-inventarju) tar-regolament finanzjarju qafas.

9.74. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

As part of the Commission's accounting system modernisation project an Accounting Standards Committee was set up to assist in the preparation of the future EC accounting rules. Following a consultative process of the agencies on the EC accounting rules, these will be adopted by the Commission's Accounting Officer before the end of 2004 and are thus applicable to all bodies falling under Article 185 of the Financial Regulation.

[9] Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar l-istruttura tar-Regolament Finanzjarju għall-korpi imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-regolament Finanzjarju applikabbli għall- baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, tal-31.12.2002, p. 72).

[10] Eurojust u l-Aġenzija Ewropeja għar-Rikostruzzjoni.

[11] L-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.75. Minħabba li l-Kummissjoni kienet għadha ma ffinalizatx livelli biex isir bdil mill-prinċipju ta' kontabilità likwida għall-prinċipju ta' kontabilità bbażata fuq żidiet imnissla, il-KS adottaw approċċi varji għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet annwali tagħhom għas-sena finanzjarja 2003. Il-maġġorparti tal-KS żammew mal-prinċipji ta' qabel, u oħrajn ippreżentaw il-kontijiet tagħhom billi użaw il-prinċipju ta' kontabilità bbażata fuq żidiet imnissla u l-bqija tal-KS applikaw il-prinċipju ta' kontabilità bbażata fuq żidiet imnissla biss għat-transazzjonjiet li għalihom kellhom l-informazzjoni neċessarja. Barra minn hekk, bl-eċċezzjoni tal-Eurojust, dawk l-KS li applikaw il-prinċipju ta' kontabilità bbażata fuq żidiet imnissla ma reġgħux ipproċessaw id-data għall-2002, li tagħmilha diffiċli li wieħed iqabbel sena finanzjarja ma' oħra. ***Tabella 9.5*** turi kemm ġiet implimetata l-istruttura tar-regolament finanzjarju.

Tabella 9.5 — Sitwazzjoni rigward l-applikazzjoni tar-regolament finanzjarju qafas fil-31 ta' Diċembru 2003

Aġenzija	Regolament finanzjarju attwali		Funzjoni ta' verifika interna	Applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontabilita' fl-eżerċizzju		
	Regolament propju	Regolament finanzjarju qafas		Integrali	Parzjali	L-ebda
Aġenzija Ewropea għall-ambjent	X		X		X	
Aġenzija Ewropea ġhar-rikostruzzjoni		X	X			X
Aġenzija Ewropea ġhas-sigurta' u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol	X				X	
Ċentru Ewropew ġhall-iżvilupp tal-formazzjoni professjonali	X					X
Ċentru tat-traduzzjoni tal-korpi ta' l-Unjoni Ewropea	X			X		
Fondazzjoni Ewropea ġhat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol	X					X
Aġenzija Ewropea ġhall-evalwazzjoni tal-mediċinali	X		X	X		
Fondazzjoni Ewropea ġhall-formazzjoni	X					X
Uffiċċju Komunitarju tal-varjetajiet veġetali	X					X
Osservatorju Ewropew tad-drogi u t-tossiko-dipendenza	X					X
Uffiċċju ta' l-armonizazzjoni fis-suq intern	X		X		X	
Osservatorju Ewropew tal-fenomeni razzisti u ksenofobi	X		X		X	
Awtorita' Ewropea tas-sigurta' ta' l-ikel	X					X
EUROJUST		X		X		
Aġenzija Ewropea ġhas-siguta' marittima	X					X
Aġenzija Ewropea ġhas-sigurta' fl-ajru	X					X

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.76. Minbarra problemi fl-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' l-istruttura tar-regolament finanzjarju ġdid, is-sistemi ta' nventarju ta' assi-fissi ta' ħafna KS għandhom nuqqasjiet li jintroduċu element ta' nċertezza għall-evalwazzjoni ta' l-assi fissi murija fil-karti tal-bilanċ tagħhom.

9.77. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tassigura illi, skond l-Artikoli 85 u 90 ta' l-istruttura tar-regolament finanzjarju, l-KS jkollhom ir-regoli tal-kontabilità u metodi neċessarji biex jipproduċu l-kontijiet tagħhom skond il-prinċipji stabbiliti fir-regolamenti finanzjarji ġodda tagħhom u tassigura li l-konsolidazzjoni tal-kontijiet ippjanata għas-sena finanzjarja 2005 tkun suċċess.

9.77. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

The responsability for the preparation of annual accounts in compliance with the future EC rules rests with each individual accounting officer of these Agencies, including the use of appropriate accounting tools.

The Commission has already taken steps to ensure that the Agencies will be prepared for the future accounting requirements. It arranges regular meetings with the accountants of the Agencies to discuss accounting matters, in particular to provide updates on the progress of the modernisation project, as well as informing them what will be required now, and in the future (the last meeting was held on 11 June 2004). The Agencies are also represented on the Accounting Standards Committee and in early June 2004 all Agencies were consulted on the new EC accounting rules, having already completed a questionnaire in April to help them to identify the gaps between current accounting practices and future requirements. They have also been given access to the first draft of the Commission's on-line accounting manual. For accounting matters, the Commission have a designated contact point for Agencies to answer their questions.

9.78. Għal żewġ KS, il-Qorti kkwalifikat l-opinjonijiet tagħha fuq il-kontijiet tagħhom jew fuq il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet fundamentali ([12]). Fil-mument meta kien addottat ir-rapport annwali tagħha, il-Qorti kienet ghadha m'addottatx ir-rapport tagħha rigward l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni.

9.79. Fir-rigward tal-KS, dawn għandhom iqabblu l-esperjenzi aktar spiss sabiex jidentifikaw l-aħjar prattiċi tal-mument u l-iktar strumenti effettivi sabiex itejjbu il-ġestjoni tagħhom u jilħqu ekonomiji ta' skala. Dawn għandhom jikkonċentraw fuq strumenti ta' l-IT bħas-sistema ta' kontabilità skond baġit jew is-sistema ta' nventarju ta' assi-fissi sabiex jagħmlu l-kontijiet tal-baġit aktar konsistenti mal-kontijiet ġenerali fil-kuntest ta' l-adattament tagħhom għall-prinċipji stabbiliti fl-istruttura tar-regolament finanzjarju. F'termini ta' l-aħjar prattika, għandu jissemma' l-ammont ta' konsistenza bejn il-programm ta' xogħol, l-pjan ta' stabbiliment u l-baġit fiċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ fuq ir-Razziżmu w il-Xenofobija. F'termini ta' operat, din il-konsistenza hija riflessjoni diretta u trasparenti tal-poteri taċ-Ċentru kif definiti fir-regolament bażiku tiegħu. F'termini ta' strumenti, il-Fondazzjoni Ewropea ghat-Taħriġ għandha sistema effettiva ta' IT għall-ġestjoni u monitoraġġ ta' proċeduri ta' xiri, li hija neċesarja sabiex tiġi evitata l-possibiltà ta' irregolarità.

9.79. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

In response to a request from the Agencies the Commission has confirmed to them that the current accounting system (SI2) will continue to be available to them until the end of 2005 while its replacement (ABAC) will also be made available to them in 2005 if they so wish. All documentation and software relating to the future IT systems (including SAP) will be at the disposal of the Agencies.

([12]) Il-Qorti esprimiet opinjonijiet kwalifikati fir-rapporti tagħha fuq l-Aġenzija Ewropea ghall-evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali u ghaċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew fuq ir-Razzismu u l-Xenofobija.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IL-VERIFIKA TA' L-ISKEJJEL EWROPEJ

9.80. Il-verifika tal-Qorti ta' l-Iskejjel Ewropej hija s-suġġett ta' rapport annwali speċifiku (mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali), li jiġi ppreżentat lill-Bord ta' Gvernaturi ta' l-Iskejjel Ewropej. Fil-bidu tas-sena skolastika 2003, l-Iskejjel kellhom 19 248 student. Fil-31 ta' Diċembru 2003, l-Iskejjel kienu jimpjegaw 1 640 personal. Il-baġit ta' l-iskejjel ta' 201,4 miljun euro kien iffinazjat b'mod ewlieni minn għotja tal-Kummissjoni (114,8 miljun euro) u minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri (44,1 miljun euro).

9.81. Għas-sena finanzjarja 2003, il-verifika kienet tikkonċerna l-kontijiet konsolidati ta' l-Iskejjel kif imfassla mill-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Bord ta' Gvernaturi u l-kontijiet ta' l-iskejjel ta' Brussell u tal-Lussemburgu. Il-verifiki ma ħarġux xi anomaliji li jistgħu jaffetwaw l-opinjoni tal-Qorti fuq l-kontijiet ta' l-iskejjel.

9.82. Il-verifiki mwettqa matul is-sena finanzjarja 2003 emfasizzaw nuqqasijiet fl-immaniġjar tal-kalkoli tal-*weighting* li jassigura li l-għalliema sekondati jirċievu salarju ugwali. Mid-9 000 fajls sottomessi, sa issa għadhom ma ġewx ipproċessati 2 416, għaliex dawn għandhom mhux lesti. 475 minn dawn il-fajls imorru lura għall-perjodu 1990-1994 u huwa diffiċli li jiġu ssetiljati. Xi skejjel introduċew sistema rigoruża ta' mmaniġjar ta' fajls ta' *weighting*, li b'konsegwenza tagħha, ix-xogħol b'lura ta' l-Uffiċċju issa huwa relattivament żgħir. L-iskejjel għandhom jingħataw struzzjonijiet ċari u speċifiċi bil-ħsieb li jippromwovu l-aħjar prattiċi osservati postijiet oħra u jevitaw dewmien eċċessiv fil-ġestjoni tal-fajls.

9.82. IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Considerable progress has been made in recent years in reducing the backlog. Some delay is inherent in the procedure. The Office of the Secretary General of the Board of Governors will take the following further measures:

— *review the staff resources allocated for this work;*

— *examine the older cases with a view to writing off those with little chance of a successful outcome;*

— *seek to resolve the difficulties experienced in obtaining suitable tax documentation from certain Member States;*

— *ensure that best practice is built on to establish a uniform and proactive approach in all schools.*

KAPITLU 10

Strumenti finanzjarji u attivitajiet bankarji

WERREJ

	Paragrafi
L-Introduzzjoni	10.1-10.4
L-itrumenti finanzjarji favur l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju	10.5-10.27
L-Introduzzjoni	10.5-10.7
Il-verifika tal-Qorti	10.8
L-Osservazzjonijiet ġenerali fuq il-programmi	10.9-10.11
Id-Data ta' rapportar fuq l-impiegi	10.9-10.10
Id-Data ta' rapportar fuq il-parteċipazzjonijiet finanzjarji	10.11
L-Osservazzjonijiet fuq miżuri speċifiċi	10.12-10.23
Il-Garanziji ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju	10.12-10.16
Is-Sejħiet fuq il-garanziji	10.12
Id-Drittijiet ta' impenn	10.13-10.14
Il-Garanziji ta' Ekwità	10.15
Ir-Regoli dwar l-għajnuna ta' l-Istat	10.16
Il-Faċilità Ewropea tat-Teknoloġija (ETF) — Il-facilità tal-Bidu	10.17-10.19
Il-Metodi ta' valutazzjoni	10.17-10.19
Is-*Seed Capital Action*	10.20-10.21
L-Impriża Konġunta Ewropea	10.22-10.23
Il-Konklużjonijiet	10.24-10.27
Il-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni	10.28-10.29
Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'likwidazzjoni	10.30-10.34
L-Introduzzjoni	10.30
Id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-KEFA.i. L	10.31
In-Nuqqasijiet fl-IT	10.32
L-Għajnuna ta' adattament mill-ġdid	10.33-10.34

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-INTRODUZZJONI

10.1. L-istrumenti finanzjarji tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet bankarji huma dawn:

— is-self mogħti minn riżorsi tal-baġit jew minn fondi mislufa;

— is-sussidji marbuta ma' l-interssi fuq is-self mill-fondi tal-baġit;

— il-garanziji fuq self sottoskritt u fuq self mogħti minn parti terzi;

— l-azzjonijiet f'korpi ta' interess komuni ([1]);

— il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet speċjali, bħall-għoti ta' kapital ta' riskju.

10.2. Dawn l-istrumenti finanzjarji joperaw kemm fl-Istati Membri kif ukoll, f'miżura akbar, barra mill-Unjoni fil-qafas ta' politika esterna. Il-miri ewlenin tagħhom huma li jagħtu spinta lill-iżvilupp ekonomiku, itejbu l-infrastruttura u joħolqu l-impiegi. Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'likwidazzjoni hija involuta fi transazzjonijiet bħal dawn (ara l-paragrafi 10.30-10.34).

10.3. Ħafna mill-miżuri konessi ma' dawn l-istrumenti huma ġestiti mill-banek jew l-istituzzjonijiet finanzjarji taħt mandat mill-Komunità, prinċipalment mill-istituzzjonijiet finanzjarji speċjalizzati tal-Komunità, fi kliem ieħor il-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB) u l-Fond Ewropew għall-Investiment (EIF). Fir-rigward ta' l-attivitajiet tagħhom b'konnessjoni mal-ġestjoni tan-nefqa u d-dħul tal-Komunità, attwalment hemm tlett ftehimiet tripartitiċi li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-Qorti għall-aċċess għall-informazzjoni. Tnejn minn dawn il-ftehimiet ġew konklużi ma' l-EIB u wieħed ma' l-EIF. Il-Kummissjoni għandha sehem f'dawn il-ftehimiet tripartitiċi kollha, peress li għandha r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit (ara ***Anness 1)***.

([1]) Per eżempju, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10.4. Il-verifika tal-Qorti kopriet:

— l-istrumenti finanzjarji favur l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju — tlieta minn dawn l-istrumenti huma ġestiti mill-EIF (2) u wieħed huwa ġestit direttament mill-Kummissjoni;

— l-applikazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għal Azzjonijiet Esterni (ara ***Tabella 10.1)***, u

— l-attivitajiet tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'likwidazzjoni (KEFAiL) (ara ***Tabella 10.2)***.

Tabella 10.1 — Sitwazzjoni tal-Fond ta' Garanzija (1)

(miljun euro)

Sena Finali	Garanziji totali pendenti fil-31 ta' Diċembru (2)	Riżorsi totali tal-fond fil-31 ta' Diċembru (3)	Kopertura (%)
1994	6 017	294,2	4,9
1995	5 882	300,9	5,1
1996	6 715	557,4	8,3
1997	7 960	861,8	10,8
1998	9 834	1 280,7	13,0
1999	12 052	1 313,1	10,9
2000	14 069	1 431,6	10,2
2001	15 577	1 774,4	11,4
2002	15 358	1 645,5	10,7
2003	15 211	1 592,1	10,5

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2728/94 jipprovdi li l-Fond ta' Garanzija jrid jilħaq livell xieraq (ammont fil-mira għall-pagamenti potenzjali, stabbilit għal 9 % mill-ammont garantit. Il-Fond huwa ffinanzjat fuq bażi proviżorja mill-pagamenti mill-*budget* fil-bidu ta' sena finanzjarja. Fit-tmiem ta' sena finanzjarja, l-assi tal-fond jistgħu jaqbżu l-ammont fil-mira. F'dan il-każ jappikaw ir-rifużjonijiet.

(2) Jinkludi imgħax eżistenti mġarrab li ma tħallasx fil-31 ta' Diċembru.

(3) Wara li jitnaqqsu id-drittijiet ta' l-EIB li ma tħallsux fil- 31 ta' Diċembru.

Sors: il-Kummissjoni.

(2) L-EIF ġie stabbilit fl-1994 bl-għan li "jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità". Sas- sena 2000 l-EIB għandu aktar minn 60 % ta' l-ishma ta' l-EIF, il-Kummissjoni Ewropea għandha 30 % f'isem l-UE; il-bqija huma miżmuma minn istituzzjonijiet pubbliċi u privati. Sa l-2001, l-EIF jipprovdi kapital ta' riskju u garanziji ta' portafoll għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju għall-intermedjarji finanzjarji.

Tabella 10.2 — Karta tal-bilanċ u impenji pendenti tal-KEFA.i. L tal-*budget* operattiv tal-KEFA fil-31 ta' Diċembru 2003

Karta tal-Bilanċ tal-KEFA.i. L fil-31 ta' Diċembru 2003

Assi	23 ta' Lulju 2002			31 ta' Diċembru 2002			31 ta' Diċembru 2003	
	miljun euro	*%*		*miljun euro*	*%*		*miljun euro*	*%*
Self u ħlas bil-quddiem lill-banek (inklużi l-bilanċi mal-banek ċentrali)	155,62	6,36		113,57	4,75		133,43	6,49
Self u pagamenti bil-quddiem lill-klijenti	682,42	27,87		628,95	26,33		361,66	17,59
Bonds u titoli ta' dħul fissi oħra	1 528,90	62,44		1 551,46	64,94		1 485,91	72,25
Ishma u titoli oħra bi dħul varjabbli	28,00	1,14		18,77	0,79		15,75	0,77
Assi tanġibbli	0,00	0,00		0,01	0,00		0,00	0,00
Assi oħra	6,02	0,25		3,30	0,14		3,28	0,16
Pagamenti bil-quddiem u dħul miżjud	47,57	1,94		73,04	3,06		56,46	2,75
Assi Totali	**2 448,53**	**100,00**		**2 389,10**	**100,00**		**2 056,49**	**100,00**
Djun								
Ammonti dovuti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu	779,12	31,82		714,36	29,90		434,05	21,11
Dħul miżjud u diferit	22,56	0,92		49,77	2,08		34,27	1,67
Budget operattiv tal-KEFA (impennji pendenti)	400,92	16,37		342,56	14,34		222,47	10,82
Disposizzjonijiet għad-djun u spejjeż	586,01	23,93		554,74	23,22		247,15	12,02
Budget biex jiffinanzja r-riċerka fil-faħam u l-azzar	240,00	9,80		240,00	10,05		293,00	14,25
Riservi u *surplus*	419,92	17,15		487,67	20,41		825,55	40,14
Djun Totali	**2 448,53**	**100,00**		**2 389,10**	**100,00**		**2 056,49**	**100,00**

Impenji pendenti fil-*budget* operattiv tal-KEFA fil-31 ta' Diċembru 2003

(miljun euro)

	Ammonti fil-31 ta' Diċembru 2001	Ammonti fil-23 ta' Lulju 2002	Pagamenti mill-24 ta' Lulju 2002 sal-31 ta' Diċembru 2002	*Annulations* mill-24 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2002	Ammonti fil-31 ta' Diċembru 2002	Pagamenti 2003	Tħassir 2003	Ammonti fil-31 ta' Diċembru 2003
Adattament mill-ġdid	128,96	132,61	10,97	0,40	121,24	35,13	10,35	75,76
Riċerka	174,02	180,83	14,70	7,42	158,71	56,14	3,46	99,11
Sussidju fuq l-Imgħax (Artikolu 56)	25,01	16,84	0,80	0,00	16,04	0,20	4,64	11,20
Faħam ta' miżuri socjali (RECHAR)	52,93	70,64	20,62	3,45	46,57	6,50	3,67	36,40
Totali	**380,92**	**400,92**	**47,09**	**11,27**	**342,56**	**97,97**	**22,12**	**222,47**

Sors: Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-KEFA.i. L fil-31 ta' Diċembru 2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-ISTRUMENTI FINANZJARJI FAVUR L-INTRAPRIŻI ŻGĦAR U DAWK TA' DAQS MEDJU

L-Introduzzjoni

10.5. Fl-1998 ([3]) il-Kunsill stabbilixxa miżuri biex jgħin intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ikunu innovattivi u joħolqu l-impiegi (l-Inizjattiva għat-Tkabbir u Impiegi). Il-politika favur l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju ġiet żviluppata aktar minn Deċiżjoni tal-Kunsill fl-2000 ([4]) li tistabbilixxi programm Multiannwali għall-intrapriża u intraprenditorja, u b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (2001-2005).

10.6. L-Inizjattiva għat-Tkabbir u Impiegi u l-Programm Multiannwali jinkludu dawn il-miżuri favur intrapriżi żgħar u ta' daqs medju:

— il-*Faċilità ta' Garanzija għall-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' daqs Medju*, ġestita mill-EIF, li tipprovdi garanziji u kontro-garanziji lill-intermedjari ([5]) għal self mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju;

— il-*Faċilità Ewropea tat-Teknoloġija — Facilità tal-bidu (ETF)*, ġestita mill-EIF, li tipprovdi investimenti ta' ekwità f'fondi ta' kapital ta' riskju li jinvestu f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

— is-*Seed Capital Action*, ġestita mill-EIF, li tipprovdi sussidji għal fondi ta' kapital ta' riskju; u

— l-*Impriża Konġunta Ewropea*, ġestita mill-Kummissjoni, li tipprovdi sussidji għat-twaqqif ta' impriżi konġunti żgħar u ta' daqs medju.

([3]) Id-Deċiżjoni 98/347/KE tad-19 ta' Mejju 1998 (ĠU L 155, tad-29.5.1998, p. 43).

([4]) Id-Deċiżjoni 2000/819/KEKE tal-20 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 84).

([5]) Dawn l-intermedjari, li jikkonkludu kuntratti ta' garanzija ma' l-EIF huma jew istituzjonijiet li jagħtu self jew skemi nazzjonali u komuni ta' garanziji ta' kreditu.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10.7. Meta l-EIF tiġġestixxi l-miżuri f'isem il-Kummissjoni, il-fondi huma mħaddma barra mill-baġit ġenerali f'kontijiet ta' *trusts* separati. Il-flus kontanti huma ttrasferiti mill-baġit ġenerali u jiġu mniżżla bħala nefqa tal-baġit fid-data tat-trasferiment. Il-kontijiet tat-*trust* jgħaddu l-imgħax fuqhom u l-imgħax iggwadanjat barra minn dħul ieħor, bħal ħlas lura ta' l-kapitali u dividendi, huwa miżjud ukoll mal-kontijiet tat-*trust* ([6]).

Il-verifika tal-Qorti

10.8. L-għan totali tal-verifika kien li tinkiseb assigurazzjoni li l-Kummissjoni qed timplimenta l-programmi skond it-termini tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u li tivverifika r-regolarità ta' l-użu tal-fondi. Il-fokus fuq dawn is-suġġetti: l-użu ta' l-approprijazzjonijiet, il-ġestjoni tal-fondi u l-kontroll tal-fondi.

L-Osservazzjonijiet ġenerali fuq il-programmi

Id-Data ta' rapportar fuq l-impiegi

10.9. Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/347/KE tad-19 ta' Mejju 1998 il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrapporta kull sena kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri, inklużi l-effetti immedjati tagħhom fuq il-ħolqien ta' impiegi u l-prospetti għall-ħolqien ta' impiegi fil-futur imbiegħed ([7]). Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tipprevedi wkoll valutazzjoni tal-programm fi żmien 48 xahar l-iżjed mid-data tad-dħul tagħha. Din il-valutazzjoni ([8]) saret fuq il-bażi ta' stħarrig fuq il-kumpaniji benefiċjari u għaddiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Diċembru 2003.

10.10. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-figuri ta' ħolqien ta' impiegi l-Kummissjoni toqgħod fuq ir-rapport annwali tagħha ([9]) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq informazzjoni mgħoddija mill-intermedjari lill-EIF.

([6]) L-ammonti f'kontijiet ta' *trust* huma mniżżla fil-karta tal-bilanċ tal-Komunità taħt is-suġġett VII "assi għal żmien qasir", sotto-intestatura "debituri varji".

([7]) Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/347/KE tad-19 ta' Mejju 1998.

([8]) COM(2003) 758 Finali tat-8 ta' Diċembru 2003.

([9]) L-aħħar rapport maħruġ huwa COM(2003) 480 Finali tal-5 t'Awissu 2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Id-Data ta' rapportar fuq il-parteċipazzjonijiet finanzjarji

10.11. Fl-informazzjoni mogħtija fir-rapporti ta' l-EIF lill-Kummissjoni dwar is-sehem tal-parteċipazzjoni tal-Komunità, l-istrutturi legali tal-fondi tal-kapital ta' riskju u l-valuri netti ta' l-assi, ġew identifikati ineżattezzi ([10]).

10.11. *The Commission is generally satisfied with the quality of the reports received from the EIF. The EIF has corrected the inconsistencies and errors detected by the Court, none of which had any material impact on the information given to the budgetary authorities or on the Community financial statements.*

L-Osservazzjonijiet fuq miżuri speċifiċi

Il-Garanziji ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

Is-Sejħiet fuq il-garanziji

10.12. Sal-31 ta' Diċembru 2003, is-sejħiet totali fuq il-garanziji għall-faċilità tal-Garanzija tal-SME ([11]) ammontaw għal 57,2 miljun euro. Fil-Ġermanja (bil bosta l-akbar benefiċjarju) l-ispejjeż kollha, inklużi l-imgħax li ma tħallasx, kienu inklużi fl-ammonti mitluba mill-intermedjarji mill-garanzija ta' l-EIF. Fi Stati Membri oħra miżjura, l-ammonti li ma tħallsux ġew mitluba mingħajr ħlas ieħor. Fil-kuntratti bejn l-EIF u l-intermedjarji, il-Kummissjoni għandha tfittex li tipprovdi benefiċji ta' garanzija bħal dawn fl-Istati Membri kollha.

10.12. *The principle applied consistently by the Commission across Member States is that it shares with intermediaries, on a pari passu basis (Like Risk Like Reward), the final losses on the guaranteed loans, as foreseen in the Council Decision.*

The Commission considers it has to respect the principles set out in the Council Decision which states that the 'financial criteria governing the eligibility of SME financing for guarantees under the SME Guarantee Facility will be determined individually for each intermediary on the basis of their activities, with the aim of reaching as many SMEs as possible. These rules will reflect market conditions and practices in the relevant territory.'

Differences in the specific conditions of the guarantees or the type of guarantee systems that intermediaries have put in place may lead to differences in the guarantee benefits.

Id-Drittijiet ta' impenn

10.13. Skond il-ftehim bejn l-EIF u l-intermedjarji ġodda, ([12]) id-drittijiet ta' impenn għandhom jiġu mħallsa mill-intermedjarji lill-Fond Ewropew għall-Investiment ([13]) jekk il-volum tas-self garantit huwa inqas milli kien ġie stmat, biex l-intermedjarji jiġu mħajra jużaw il-miżura. Id-dritt imfassal mill-Fond Ewropew għall-Investiment huwa ta' 0,3 % fis-sena kkalkulat fuq il-bażi tad-differenza bejn il-volum tal-portfoll ([14]) u l-volumi fissi indikat bħala mira ([15]).

([10]) Mill-2002 dawn il-parteċipazzjonijiet huma inklużi fill-karta tal-bilanċ tal-Komunità taħt suġġett IV B 1 (Assi fissi finanzjarji, assi fissi finanzjarji oħra, sottoskrizzjonijiet u parteċipazzjonijiet).

([11]) Faċilità tal-garanzija tal-SME taħt l-Inizjattiva għat-Tkabbir u l-Impiegi u taħt il-Programm Multiannwali.

([12]) Intermedjarji li huma ġodda għall-parteċipazzjoni fil-faċilità ta' garanzija tal-SME, kuntratti ġodda ma' intermedjarji li diġà ppartecipaw fil-passat m'għandhomx x'jaqsmu.

([13]) Id-drittijiet huma allokati lill-kontijiet ta' *trust*, mhumiex dħul ta' l-EIF.

([14]) Fil-każ ta' garanziji fuq self il-volum ta' self, u fil-każ ta' kontro-garanziji il-volum tal-garanzija.

([15]) Il-metodu ġie mibdul dan l-aħħar fejn id-dritt ta' impenn huwa issa kkalkolat fuq bażi aktar baxxa li tieħu in konsiderazzjoni l-persentaġġ tal-parti tal-garanzija u mhux il-volum kollu tas-self.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.14. Madankollu, fil-każ ta' żewg intermedjarji (wieħed fi Franza u ieħor fl-Italja), il-pagament ta' dawn id-drittijiet ta' impenn ma kienx meħtieġ fl-ittri ta' garanzija (kuntratti). Il-Qorti mhijiex konvinta mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni.

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10.14. *The two intermediaries referred to under point 10.14 were approved under the Growth and Employment Initiative (G & E). Under G & E, the EIF may charge commitment fees, where practicable. In the EIF's professional opinion, it was not judged practicable to charge commitment fees for these two intermediaries as they cover their losses directly from Member States' budgetary resources.*

Il-Garanziji ta' Ekwità

10.15. Il-verifika wriet li garanzija ta' ekwità kienet ġiet estiża minn intermedjarju għal fond fejn il-Fond Ewropew għall-Investiment kien diġà kellu investiment dirett. It-termini tal-ftehim bejn l-EIF u l-intermedjarji jgħidu li l-garanziji jistgħu jiġu inklużi fis-sett ta' investimenti biss jekk il-garanzija ma ġietx imtawwla mill-intermedjarju għal fond ta' kapital ta' riskju fejn il-Fond Ewropew ta' Investiment huwa diġà investitur dirett. L-EIF hija mistiedna biex tirrevedi kemm hija xierqa l-informazzjoni li hija disponibbli għall-intermedjarji.

10.15. *Consistent with the terms of the agreement, the equity guarantee in question was never included in the EIF portfolio. The Commission takes note of the Court's invitation to the EIF.*

Ir-Regoli dwar l-għajnuna ta' l-Istat

10.16. Il-kriterji ta' l-għażla għall-ftehim ta' garanziji ma' intermedjarji jeħtieġu konformità mar-regoli dwar l-għajnuna ta' l-Istat ([16]) u l-intermedjarji għandhom jiddikjaraw li huma konformi ma' dawn ir-regoli fil-bidu ta' kull skema. Madankollu, il-Kummissjoni ma taċċertax li r-regola ġiet osservata matul il-perjodu taż-żmien ta' l-iskemi ta' garanzija.

10.16. *The State aid rules, as applicable to guarantees under the SME Guarantee Facility, do not provide for the Commission to ascertain compliance during the life period of guaranteed loans.*

The EIF is already contractually required to resubmit to the Commission a request for approval in case of a substantial modification to a guaranteed scheme.

Il-Faċilità Ewropea tat-Teknoloġija (ETF) — Il-Faċilità tal-Bidu

Il-Metodi ta' valutazzjoni

10.17. Fl-aħħar tas-sena 2003 l-investimenti netti fil-fondi ta' kapital ta' riskju fil-kuntest tal-faċilità tal-bidu ta' l-ETF kienu jammontaw għal 64,6 miljun euro. Il-valur nett kurrenti fl-aħħar ta' l-2003 ta' l-assi tal-parteċipazzjoni kien ta' 38,9 miljun euro.

([16]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 u 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001. Il-Ftehim ta' Fiduċja u Ġestjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIF jeħtieġ dikjarazzjoni li tikkorrispondi għal dan mill-intermedjarji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.18. Il-verifika tal-Qorti wriet li l-parti l-kbira tal-fondi ta' kapital ta' riskju vverifikati ma kellhomx regoli ċari u preċiżi fuq il-valutazzjoni ta' l-investimenti tagħhom ([17]).

10.19. Il-Kummissjoni għandha tara li l-fondi ta' kapital ta' riskju, li fihom tinvesti l-EIF, japplikaw standards ta' l-industrija rikonoxxuti li jinkludu metodi ta' valutazzjoni komuni u affidabbli, bħallinjigwida ta' l-EVCA ([18]), biex tiġi assigurata t-trasparenza u biex tiġi pprovduta dehra ġusta tal-portfolios ta' l-investiment tagħhom.

Is-*Seed Capital Action*

10.20. Is-*Seed Capital Action* ġiet imwaqqfa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE. Il-Ftehim ta' Fiduċjarji u Ġestjoni bejn il-Kummissjoni u l-Fond Ewropew għall-Investiment jipprovdi għal sussidji ta' 100 000 euro kull persuna għal mhux aktar minn tliet impjegati addizjonali għal fondi ta' kapital ta' riskju, inkubaturi ta' l-intrapriżi jew il-kumpaniji ta' ġestjoni rispettivi tagħhom. Ġie vvutat total ta' 5,6 miljun euro mill-Kummissjoni sa l-aħħar ta' l-2003.

10.21. Is-suq pratikament ma wera l-ebda interess f'din il-miżura. Minn seba' fondi li fil-bidu kienu interessati, tnejn biss ikkonkludew kuntratti għal dawn is-sussidji. Ma sar l-ebda pagament.

L-Impriża Konġunta Ewropea

10.22. L-Impriża Konġunta Ewropea tipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji sa 100 000 euro lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju biex iwaqqfu ħidmiet konġunti transnazzjonali ġodda fi ħdan l-UE ([19]).

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10.18. *The four venture capital funds to which the Court refers had contractual obligations to apply the guidelines of the European Venture Capital Association (EVCA), and disclosed information in accordance with these guidelines. The reference to EVCA guidelines is clearly stated in the funds' contractual documentation, annual reports or in their quarterly reporting to the shareholders. The other case involved an investment that took place before the EVCA valuation guidelines were released in March 2001, so the contract does not refer explicitly to EVCA. However, the fund describes its valuation methodology which does not materially deviate from EVCA and has been validated by the fund's external auditors.*

10.19. *The Commission contractually requires that funds into which the EIF invests under the EC mandated programmes apply the valuation guidelines of the European Venture Capital Association (EVCA), which are current industry standard. Funds under older agreements that were entered into before the release of the EVCA guidelines in March 2001 have either adopted these guidelines or do not materially deviate from these principles. The valuations are audited by external auditors and further reviewed by the EIF.*

10.21. *An external evaluation of MAP is currently being carried out, which includes an evaluation of the Seed Capital Action.*

([17]) Mill-ħames fondi ta' kapital ta' riskju li saret żjara fuq il-post għalihom, wieħed biss kellu linjigwida dettaljati u ġustifikazzjoni għall-valutazzjonijiet kollha ta' l-investimenti magħmula.

([18]) L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital ta' Riskju.

([19]) Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 98/347/KE tad-19 ta' Mejju 1998 u 2000/819/KE tal-20 ta' Diċembru 2000. Huma pprovduti sussidji għall-preparazzjoni u, f'każ ta' stabbiliment ta' impriża konġunta, għal investimenti magħmula, imma li bejniethom ma jistgħux jaqbżu l-100 000 euro kull każ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.23. Madankollu, il-miżura ma nstabitx interessanti għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u sa llum, 44 impriża konġunta biss inħolqu. Il-Kummissjoni qed tipproponi li tneħħi gradwalment dan il-programm li huwa "għoli, jimxi bil-mod u kkumplikat biex tamministrah" ([20]).

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10.23. *Following an evaluation of the Joint European Venture (JEV) and the other financial instruments of the Growth and Employment Initiative (1998-2000) as at 29 May 2002, the Commission submitted on 8 December 2003 a proposal for a decision of the European Parliament and of the Council to amend the multiannual programme for enterprise and entrepreneurship (2001-2005) and to phase out JEV. This proposal was adopted by Decision No 593/2004/EC of the European Parliament and of the Council of 21 July 2004 and JEV will be closed on 29 December 2004 to new applications for financial contributions submitted by the financial intermediaries.*

Il-Konklużjonijiet

10.24. Hemm bżonn ta' titjib fil-kwalità tar-rapportar, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* wżata għal valutazzjoni tal-parteċipazzjonijiet Ewropej fil-Fondi (ara l-paragrafu 10.11).

10.24. *The Commission is generally satisfied with the quality of the reports received from the EIF. All funds in which the EIF invests are already contractually required to provide data for valuation in accordance with EVCA Guidelines, which are current industry standard. Financial statements including valuations are audited by the venture-capital funds' external auditors. Valuations thus reported are reviewed by the EIF to ensure that they do not materially deviate from EVCA Guidelines.*

10.25. Għandhom jiġu applikati prinċipji konsistenti għal dak li għandu x'jaqsam mas-sejħiet fuq il-garanziji fil-varji Stati Membri (ara l-paragrafu 10.12).

10.25. *Consistent rules are already being applied in respect of guarantee calls, as pointed out in the reply to point 10.12.*

10.26. Dwar il-valutazzjoni ta' l-investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju, hemm bżonn ta' verifiki aktar dettaljati fuq l-applikazzjoni ta' standards ta' l-industrija rikonoxxuti (ara l-paragrafi 10.18 u 10.19).

10.26. *The Commission points out that it already contractually requires the EIF and the venture-capital funds in which the EIF invests, to apply EVCA Guidelines, which are the recognised industry standard, and that these standards are generally applied.*

10.27. Il-Kummissjoni pproponiet l-abolizzjoni ta' l-"Impriża Konġunta Ewropea". Jeħtieġ li tirrevedi wkoll il-miżura tas-"*Seed Capital Action*" (ara punti 10.20-10.23).

10.27. *An external evaluation of MAP is currently being carried out, which includes an evaluation of the Seed Capital Action.*

IL-FOND TA' GARANZIJA GĦALL-AZJONIJIET ESTERNI

10.28. Il-baġit tal-Komunità huwa partikolarment espost għal riskju ta' kreditu għal dak li għandu x'jaqsam ma' garanziji għal self mogħti mill-EIB lil pajjiżi terzi. L-iskop tal-Fond ta' Garanzija għall-Azjonijiet Esterni huwa li jirrifondi lill-EIB fl-eventwalità ta' xi nuqqas ta' ħlas ta' benefiċjarju u biex jevita jirrikorri direttament għall-baġit tal-Komunità.

([20]) Il-Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għad-Deċiżjoni (COM(2003) 758 tat-8 ta' Diċembru 2003).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.29. Il-proċeduri applikati mill-Qorti tal-verifika tal-kontabilità tal-Fond ta' Garanzija ma żvelaw l-ebda kwistjoni li għandha x'taqsam ma' l-eżistenza u l-valutazzjoni ta' l-assi miżmuma mill-Fond (ara ***Tabella 10.1***).

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR F'LIKWIDAZZJONI

L-Introduzzjoni

10.30. Fit-23 ta' Lulju ta' l-2002, skada t-Trattat li stabilixxa il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA). Il-Protokoll anness mat-Trattat kien jistabbilixxi li l-Komunità Ewropea tittrasferixxi l-assi u d-djun tal-KEFA lil-Komunità Ewropea. Il-valur nett ta' dawn l-assi, magħruf bħala il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFAiL) għandu jiġi allokat għal riċerka fissetturi li għandhom x'jaqsmu ma' l-industrija tal-faħam u l-azzar. Il-Kummissjoni Ewropea hija inkarigata li tagħlaq l-operazzjonijiet finanzjarji li kienu għadhom għaddejjin meta skada t-Trattat tal-KEFA ([21]).

Id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji ta' l-KEFA.i. L

10.31. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-KEFA.i. L żammew l-istess struttura bħal dik li kienet użata qabel ma għalaq it-Trattat KEFA u ġew eżaminati minn awditur estern. Bħal fis-snin ta' qabel, il-Qorti eżaminat ix-xogħol magħmul mill-awditur barrani. Billi għamlet hekk il-Qorti assigurat ruħa mill-fatt li d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-KEFA.i. L jippreżentaw b'mod ġust il-valur nett u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2003.

In-Nuqqasijiet fl-IT

10.32. Xi punti debboli fl-IT imsemmija fir-Rapport Annwali tal-Qorti fir-rigward tas-sena finanzjarja 2002 ġew solvuti biss parzjalment ([22]). Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi neċessarji biex tirrimedja l-problemi li għadhom pendenti.

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

10.32. *The IT weaknesses mentioned by the Court in the 2002 report have all been addressed and the issue of 'physical and logical security' has been resolved. With regard to the 'Plan de continuité des activités', a Business Continuity Plan and a disaster recovery plan for the accounting software have been implemented. The only remaining issue is the establishment of a disaster recovery site planned to be finalised before the end of 2004.*

([21]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE ta' l-1 ta' Frar 2003 (ĠU L 29, tal-5.2.2003).

([22]) Speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' "sécurité logique et physique", il "pjan ta' kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet", u s-*software* tal-kontabilità wżat mid-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RIPOSTI MILL-KUMMISSJONI

L-Għajnuna ta' adattament mill-ġdid

10.33. Fil-31 ta' Diċembru 2003 l-għajnuna ta' l-adattament mill-ġdid kienet tammonta għal 75,76 miljun euro u kienet tirrappreżenta t-tieni l-akbar kategorija ta' impennji pendenti ta' l-KEFA.i. L (ara t-***Tabella 10.2***).

10.33. *Ongoing activities since the expiry of the Treaty consist of the liquidation of outstanding commitments of ECSC readaptation aid. This will continue until 2007.*

10.34. Fl-2003 saret verifika mill-Qorti fil-Ġermanja biex issostni verifiki simili magħmula fis-snin ta' qabel ([23]). Għalkemm il-verifika ma wriet l-ebda nuqqasijiet ġenerali dwar il-ġestjoni tal-għajnuna ta' adattament mill-ġdid, instabu differenzi fil-kriterji ta' l-eliġibilità tal-ħaddiema li jibbenefikaw minn din l-għajnuna meta mqabbla mal-kriterji applikati fil-pajjiżi l-oħra li ġew miżjura fis-snin ta' qabel

10.34. *The difference in the eligibility criteria is due to the fact that the German national criteria are stricter than those established by the European Commission. Member States had the opportunity to implement such national schemes and if they did, they were free to impose different eligibility criteria than those agreed with the Commission in the bilateral conventions.*

([23]) Verifiki tal-Qortsi ta' snin preċedenti koprew l-għajnuna tradizzjonali fuq l-azzar fir-Renju Unit u fl-Italja. Il-verifika fil-Ġermanja kellha x'taqsam kemm ma' l-għajnuna tradizzjonali kif ukoll mar-RECHAR (Volet social charbonnier).

Anness 1 — Ftehim tripartitiċi li hemm fis-seħħ attwalment

il-Partijiet	is-Suġġett	id-Data ta' l- għeluq jew l- aħħar tiġdid	id-Data ta' skadenza
Il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew ta' l-Investiment	Verifika mill-Qorti fuq operazzjonijiet ta' self taħt il-mandat mogħti mill-Komunitajiet Ewropej lill-Bank u fuq l-operazzjonijiet ġestiti mill-Bank li huma mniżżla, u garantiti, mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Jgħodd ukoll għall-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp li huwa ġestit mill-Bank.	27 ta' Ottubru 2003	27 ta' Ottubru 2007 Imġedded bi ftehim taċitu għal perjodi oħra ta' erba' snin
Il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew ta' l-Investiment	Verifika tal-Qorti fuq il-ġestjoni finanzjarja tal-Fond ta' Garanzija	11 ta' Jannar 1996	L-ebda klawsola fuq l-iskadenza jew fuq tiġdid
Il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew ta' l-Investiment	Verifika tal-Qorti fuq l-azzjonijiet tal-Komunità fil-Fond Ewropew għall-Investiment	25 ta' Settembru 2003	25 ta' Settembru 2005 Jiġġedded bi ftehim taċitu għal perjodi oħra ta' sentejn

RAPPORT FUQ L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIS- SITT, IS-SEBA', IT-TMIEN U D-DISA' FONDI EWROPEJ TA' ŻVILUPP (EDFS)

RAPPORT FUQ L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIS- SITT, IS-SEBA', IT-TMIEN U D-DISA' FONDI EWROPEJ TA' ŻVILUPP (EDFS)

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1-8
Kapitlu I — Implimentazzjoni tas-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' EDFs	9-19
Ir-rapport tal-ġestioni finanzjarja fi stil ġdid jista' jiġi mtejjeb aktar	9-14
Aktar rimarki dwar il-kontenut tar-rapport	15-17
Konklużjonijiet	18-19
Kapitlu II — Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill- Qorti ta' l-Awdituri fuq is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp (EDFS)	20-56
Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp (EDFs) għas-sena finanzjarja 2003	I-III
Informazzjoni ta' sostenn għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni	20-56
Affidabilità tal-kontabilità	20-23
Legalità u regolarità tat-transazzjonijet bażi	24-55
Tibdil fl-operat tas-sistemi u kontrolli ta' sorveljanza	56
Kapitlu III — Segwitu ta' l-osservazzjonijiet preċedenti	57-68
Inklużjoni ta' l-EDF fil-*budget* ġenerali	57-58
Sommarju ta' osservazzjonijiet preċedent	57
Żvilupp tas-sitwazzjoni	58
Parteċipazzjoni fil-verifika ta' l-EDF mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika ta' l-Istati ta' l-ACP	59-60
Sommarju ta' osservazzjonijiet preċedenti	59
Żvilupp tas-sitwazzjoni	60
Monitoraġġ tal-fondi Stabex	61-68
Sommarju ta' osservazzjonijet preċedenti	61-62
Żvilupp tas-sitwazzjoni	63-68
Kapitlu IV — Osservazzjonijiet prinċipali imfassla f'rapporti speċjali ppublikati mill-Qorti mill-aħħar proċedura ta' rilaxx	69-71
Rapport Speċjali Nru 15/2003 dwar il-verifika ta' programmi ta' mikroproġetti ffinanzjati mill-EDF	69-71

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondi Ewropej ta' Żvilupp (EDFs) huma r-riżultat ta' konvenzjonijiet internazzjonali jew ftehim [1] bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u xi Stati ta' Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP), u tad- Deċiżjonijiet tal-Kunsill fuq l-assoċjazzjoni ta' 20 pajjiż u territorju entra-ewropew (OCT). Minn Mejju 2003, l-Istat ta' Timor tal-Lvant sar firmatarju tal-Ftehim ta' Cotonou, li ġab in-numru ta' Stati ta' l-ACP għal 78.

2. Il-Kummissjoni għandha r- responsabblità u tieħu ħsieb il-ġestjoni ta' l-EDFs, flimkien ma' l-Istati ta' l-ACP, mingħajr preġudizzju, għall-implimentazzjoni ta' ċerti strumenti finanzjarji li kienu sa issa fdati lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB). Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid tas-27 ta' Marzu 2003 wassal għal bidla kbira f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tad-disa' EDFs. L-EIB assuma responsabbiltà totali għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' Investiment u, għalkemm il-Kummissjoni tikkonsolida dan il-qasam ta' ġestjoni fil-kontijiet ta' l-EDF, mhux qiegħed jingħata aktar kas ta' dawn l-operati għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti jew il-proċedura ta' rilaxx tal-Parlament Ewropew [2] [3]. Il-Qorti madankollu żżomm ir-responsabbiltà totali għall-verifika ta' l-EDF. Fil-każ ta' operazzjonijiet taħt il-ġestjoni ta' l-EIB, hija tagħmel dan ix-xogħol kif stipulat fil-ftehim tripartitiku bejn l-EIB, il-Kummissjoni u l-Qorti (Artikolu 112 tar-Regolament msemmi hawn fuq).

3. Il-perijodu ta' implimentazzjoni ta' l-EDF jibqa' twil ħafna (ara ***t-Tabella 1)***.

3. *The overall duration of EDFs is long because, in the past, unused amounts could be recommitted under the same EDF. Following the entry into force of the Cotonou Agreement, all decommitted balances will be reused under the 9th EDF, which will speed up the closure of the preceding EDFs. Nonetheless, the implementation period for projects and programmes within the EDFs is comparable to other Community development aid programmes and those of Member States or the major donors.*

[1] Il-Konvenzjoni Yaoundé Ii tmur lura għal 1964. L-aktar ftehim reċenti (Cotonou) jmur lura għat-23 ta' Ġunju 2000.

[2] Artikoli 96, 103 u 112 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' EDF: fl-Opinjoni tagħha Nru 12/2002 fuq din il-proposta għar-regolament, il-Qorti kienet ġibdet l-attenzjoni għall-implikazzjonijiet ta' dawn l-Artikoli, li jnaqqsu l-poteri ta' kontroll tal-Parlament Ewropew.

[3] Għaldaqstant, taħt id-disa' EDF, il-Kummissjoni hija responsabbli li tamministra 13 200 miljun euro, filwaqt illi l-EIB huwa responsabbli għal 2 200 miljun euro.

Tabella 1 — It-tul taż-żmien tal-konvenzjonijiet u l-ftehim ACP-UE u ta' l-EDFs

Il-Konvenzjoni jew il-ftehim ACP-UE	EDFs	
	It-tul taż-żmien uffiċjali	It-tul taż-żmien reali ta' l-implimentazzjoni sa mill-31 ta' Diċembru 2003
It-tielet konvenzjoni ta' Lomé (ĠU L 86 tal-31.3.1986) 5 snin li bdew mill-1 ta' Marzu 1985 (Artikolu 291)	Is-sitt EDF 5 snin li bdew mill-1 ta' Marzu 1985 (Artikolu 194)	Mhux magħluq (1) 17 il-sena li bdew mill-24 ta' Marzu 1986 (2)
Ir-raba' konvenzjoni ta' Lomé (ĠU L 229 tas-17.8.1991) reveduta fil-Mauritius fl-4 ta' Novembru 1995 (ĠU L 156 tad-29.5.1998)	Is-Seba' EDF 5 snin li bdew mill-1 ta' Marzu (It-tieni protoll finanzjarju, Artikolu 1)	Mhux magħluq (1) 12 il-sena li bdew mill-1 ta' Settembru 1991 (2)
10 snin li bdew mill-1 ta' Marzu 1990 (Artikolu 366, paragrafu 1)	It-tmien EDF 5 snin li bdew mill-1 ta' Marzu 1995 (It-tieni protoll finanzjarju, Artikolu 1)	Mhux magħluq (1) 5 snin li bdew mill-1 ta' Ġunju 1998 (2)
Ftehim ta' Sħubija ACP-UE iffirmat f' Cotonou (ĠU L 317 tal-15.12.2000) 20 sena li bdew mill-1 ta' Marzu 2000 (Artikolu 95)	Id-disa' EDF 5 snin li bdew mill-1 ta' Marzu 2000 (Protoll Finanzjarju, Artikolu 1)	L-implimentazzjoni bdiet mill-1 ta' April 2003 (2)

(1) Il-konvenzjonijiet ACP-UE li stabbilew l-EDFs għandhom Artikolu ta' salvagwardja li jgħid li kwalunkwe bilanċ li jibqa' fil-Fond li ma kienx impenjat jew użat sa l-aħħar tas-sena ta' applikazzjoni għandu jkun utilizzat sakemm jiġi eżawrit, skond l-istess kondizzjonijiet mniżżla fl-istess Konvenzjoni (Artikolu 216 tat-tielet konvenzjoni ta' Lomé, Artikolu 284, paragrafu 2, tar-raba' konvenzjoni ta' Lomé, Artikolu 4 tat-tieni protokoll finanzjarju tar-raba' konvenzjoni ta' Lomé IV, reveduta).

(2) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni jew tal-Ftehim.

4. Id-disa' EDF daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003, fl-istess data bħall-Ftehim ta' Cotonou, li ġie ffirmat f'Ġunju 2000.

5. L-allokazzjoni finanzjarja għal kull wieħed mill-erba' EDFs li qed jiġu implimentati fl-2003, bl-eċċezzjoni ta' l-istrumenti li issa huma taħt l-amministrazzjoni ta' l-EIB biss, hija prinċipalment assenjata lil:

a) għajnuna programmabbli (4) intenzjonata għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp (bejn wieħed u ieħor nofs ta' l-allokazzjonijiet kollha);

b) għajnuna programmabbli (4) intenzjonata sabiex tipprovdi għajnuna għall-*budget* dirett għall-Istati benefiċjarji (kważi kwart ta' l-allokazzjonijiet kollha);

c) għajnuna mhux programmabbli intenzjonata għal oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni bħal għajnuna għal prodotti ta' esportazzjoni (Stabex u Sysmin jew FLEX) jew kontribuzzjonijet finanzjarji bħal kapital ta' riskju (5) u għajnuna għal maħfra mid-dejn (ftit iktar minn kwart ta' l-allokazzjonijiet kollha).

(4) Għajnuna programmabbli hija definita fl-istruttura ta' programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali (NIPs u RIPs) miftehma ma' l-Istati ta' l-ACP.

(5) Dwar is-sitt, is-seba' u t-tmien EDFs, dawn l-operazzjonijiet baqgħu jiġu implimentati mill-EIB taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

4. *The 9th EDF could not enter into force until it had been ratified by all the Member States and by two-thirds of the ACP States.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6. Fil-prinċipju, meta tintemm il-programmazzjoni, ir-riżorsi ta' l-EDF jiġu mmobilizzati f'żewġ stadji, kif meħtieġ taħt proċedura li tinvolvi l-Kummissjoni u l-Istati ta' l-ACP benefiċjarji. Meta talba tiġi rċevuta minn Stat ta' l-ACP, il-Kummissjoni, bħala l-uffiċjal kap ta' awtorizzazzjoni, tieħu deċiżjonijiet ta' finanzjar (murija fil-kontijiet bħala impenji finanzjarji ([6])) wara li tirċievi l-kunsens mill-Kumitat tal-EDF ([7]), li huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Imbagħad, fil-qafas ta' ftehim ta' finanzjar, il-Kummissjoni u l-Istati ta' l-ACP jistabbilixxu regoli għall-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet mill-uffiċjal nazzjonali ta' awtorizzazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat ([8]). Dan ta' l-aħħar jikkonkludi kuntratti (murija fil-kontijiet bħala impenji legali individwali ([9])) u jawtorizza pagamenti, li jiġu eżaminati u eżegwiti mill-Kummissjoni skond il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' l-EDFs u l-kanali finanzjarji li b'hekk ġew maħluqa.

7. Għajnuna diretta tal-*budget*, li tikkorrispondi għal sehem li dejjem jikber ta' l-iffinanzjar ta' l-EDF — xi 800 miljun euro f'impenji għall-2003 (24 % tat-total) — mhux soġġetta għal din is-sistema ta' ġestjoni maqsuma. Il-Kummissjoni tibqa' l-unika uffiċjal ta' awtorizzazzjoni u, bħal fil-każ ta' għajnuna esterna ffinanzjata mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni, "ftehim ta' finanzjar fil-qasam ta' (…) għajnuna tal-*budget* li jikkonstitwixxi impenji legali jista' jagħti lok għal pagamenti mingħajr il-konklużjoni ta' impenji legali oħra" ([10]). Hekk kif jiġi eżaminat illi l-kondizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou u l-ftehim ta' finanzjar ġew imħarsa, il-Kummissjoni tagħmel trasferiment inizjali ta' fondi, fuq il-bażi tal-firma tagħha biss, lill-*budgets* tal-pajjiżi benefiċjarji. Hekk kif jiġu trasferiti, dawn il-fondi, jsiru parti mir-riżorsi ta' l-Istati ta' l-ACP u jiġu nkorporati fil-*budgets* tagħhom. Minn punt legali u ta' kontabilità, huma wżati u vverifikati skond il-liġijiet u l-proċeduri eżistenti fl-Istat benefiċjarju. Il-Kummissjoni u d-donaturi internazzjonali prinċipali l-oħrajn jeżaminaw l-iżvilupp li sar fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi f'dawn il-pajjiżi kif ukoll ir-riżultati f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis fil-faqar. Qabel jiġu mħallsa iktar partijiet, il-Kummissjoni tivverifika illi jkun sar it-titjib li ngħata bħala kondizzjoni għall-ftehim ta' finanzjar.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

([6]) Preċedentement magħrufa bħala impenji primarji.
([7]) Għal ammonti taħt żewġ miljun euro, il-kunsens tal-Kumitat mhuwiex neċessarju.
([8]) In ġenerali, il-poteri ta' l-uffiċjal li jagħti awtorizzazzjoni huma f'idejn il-Ministri tal-Finanzi ta' l-Istati ta' l-ACP.
([9]) Preċedentement magħrufa bħala impenji sekondarji.
([10]) Artikolu 91(1), it- tieni paragrafu, tar-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8. Karatteristika finali ta' l-2003 kienet ir-riorganizazzjoni intensiva tas-servizzi tal-Kummissjoni bir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' l-EDFs. Fil-kuntest tar-riforma tagħha ta' l-għajnuna esterna ([11]), u sabiex ittejjeb il-ħeffa u l-kwalità tal-ġestjoni ta' għajnuna bħal din, il-Kummissjoni ttasferixxiet proporzjon konsiderevoli tal-funzjonijiet u r-riżorsi tagħha lid-Delegazzjonijiet tagħha fl-Istati ta' l-ACP (kif kienu fl-aħħar ta' l-2003, 16-il Delegazzjoni ġew devoluti għal kollox u 11 kienu avvanzati sew fil-proċess ta' devoluzzjoni, filwaqt illi s-17-il Delegazzjoni li kien baqa' kellhom jiġu devoluti qabel Lulju 2004).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

KAPITLU I – IMPLIMENTAZZJONI TAS-SITT, IS-SEBA', IT-TMIEN U D-DISA' EDFs ([12])

Ir-rapport tal-ġestjoni finanzjarja fi stil ġdid jista' jiġi mtejjeb aktar

9. Ir-rapport ta' ġestjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja 2003 dwar is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' EDFs, li l-Kummissjoni għaddiet lill-Qorti fit-22 ta' Ġunju 2004, wara d-data ta' għeluq tal-31 ta' Mejju stabbilita fl-Artikoli 102 u 135 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għad-disa' EDF, jidher f'forma riveduta. Fih hemm varjetà akbar ta' informazzjoni, li hija aktar estensiva kif ukoll aktar dettaljata. B'mod partikolari wieħed josserva t-tqabbil bejn il-miri u dak li ntlaħaq u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-awtoritajiet ta' rilaxx u l-Qorti ta' l-Awdituri. Ir-rapport iwassal il-karatteristiċi prinċipali tal-ġestjoni ta' l-EDF matul is-sena finanzjarja 2003. Dan juri illi, meta jitqabbel mas-snin preċedenti, kien hemm żieda fil-volum ta' impenji finanzjarji, impenji legali u pagamenti fl-oqsma kollha ta' ġestjoni tal-Kummissjoni u tal-EIB (ara t-***Tabelli 2 u 3***).

([11]) Komunikazzjoni tas-16 ta' Mejju 2000 (SEC(2000)814/5).

([12]) Dan il-kapitlu jagħti fil-qosor ir-riżultati ta' reviżjoni limitata mill-Qorti tar-rapport tal- ġestjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja 2003.

Tabella 2 — Utilizzazzjoni kumulattiva tar-riżorsi tal-EDF sal-31 ta' Diċembru 2003

(miljuni ta' euro)

	Is-Sitwazzjoni fl-aħħar ta' l-2002		L-Implimentazzjoni tal-budget matul is-sena finanzjarja 2003					Is-Sitwazzjoni fl-aħħar ta' l-2003					
	Ammont Globali	Rata ta' Implimentazzjoni % (3)	Is-Sitt EDF	Is-Seba' EDF	It-Tmien EDF (4)	Id-Disa' EDF (5)	**Ammont Globali** (5)	Is-Sitt EDF	Is-Seba' EDF	It-Tmien EDF (4)	Id-Disa' EDF (5)	**Ammont Globali** (5)	Rata ta' Implimentazzjoni % (3)
A — RIŻORSI (1)	**32 840,4**		– 357,5	– 585,6	– 1 736,7	15 493,1	**12 813,3**	7 471,6	10 926,1	11 762,9	15 493,1	**45 653,7**	
B — UTILIZZAZZJONI													
1. Impenji finanzjarji	**29 921,2**	91,1	– 13,1	– 2,6	255,1	3 522,4	**3 761,8**	7 471,6	10 926,1	11 762,9	3 522,4	**33 683,0**	73,8
2. Impenji legali individwali	**24 824,2**	75,6	30,7	311,7	1 406,6	1 133,7	**2 882,7**	7 349,6	10 297,1	8 926,5	1 133,7	**27 706,9**	60,7
3. Pagamenti (2)	**21 536,4**	65,6	47,0	486,2	1 559,6	281,7	**2 374,5**	7 282,1	9 718,6	6 628,5	281,7	**23 910,9**	52,4
C — Bilanċ x'jitħallas (B1-B3)	**8 384,8**	25,5						189,5	1 207,5	5 134,4	3 240,7	**9 772,1**	21,4
D — Flus għad-dispożizzjoni (A-B1)	**2 919,2**	8,9						0,0	0,0	0,0	11 970,7	**11 970,7**	26,2

(1) Allokazzjonijiet inizjali lis-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' EDFs, interessi, riżorsi varji u trasferimenti minn EDFs preċedenti.
(2) Inklużi t-trasferimenti Stabex (is-seba' EDF: 104 miljun euro, it-tmien EDF: 87 miljun euro, total 191 miljun euro).
(3) Bħala persentaġġ tar-riżorsi.
(4) Inklużi 732,9 miljun euro f'impenji finanzjarji, 347,4 miljun euro f'impenji legali individwali u 97,7 miljun euro f'pagamenti għall-implimentazzjoni minn qabel tal-Ftehim Cotonou.
(5) *NB:* għal komparazzjoni aħjar mas-snin preċedenti, dawn il-figuri jinkludu operazzjonijiet li 'ssa huma ġestiti b'mod awtonomu mill-EIB(allokazzjoni: 2 245 miljun euro, impenji finanzjarji: 366 milljun euros, impenji legali individwali: 140 miljun euro, pagamenti: 4 miljun euro).

Sors: Il-Qorti ta' l-Awdituri, ibbażati fuq dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' l-EDF sal-31 ta' Diċembru 2003.

Tabella 3 — Implimentazzjoni tal-budget għas-snin finanzjarji 2000 sa 2003 inkluża

(miljuni ta' euro)

	2000	2001	2002	2003
1.Impenji finanzjarji	3 757,4	1 554,2	1 768,4	3 761,8
2. Impenji legali individwali	2 296,2	2 263,4	2 142,9	2 882,7
3. Pagamenti	1 547,7	2 067,9	1 852,7	2 374,5

Sors: Il-Qorti ta' l-Awdituri.

10. Mandankollu, f'numru ta' oqsma importanti r-rapport seta' sar b'mod aktar ċar u aktar preċiż, u l-valur informattiv tiegħu ikun akbar kieku ċerti fatti tpoġġew b'mod aktar ċar fil-kuntest:

a) dwar il-livell għoli ta' impenji finanzjarji, kien ikun utli li jiġi ndikat illi, la l-Ftehim ta' Cotonou ġie ffirmat f'Ġunju 2000, l-ipprogrammar għad-disa' EDF seta' jibda ħafna qabel dan daħal fis-seħħ f'April 2003. Kien kollox minbarra inevitabbli illi dan il-perijodu twil ta' preparazzjoni kien ser ifisser volum għoli ta' impenji finanzjarji u legali;

b) dwar il-volum għoli ta' impenji legali, dan kien parzjalment miksub permezz tal-ħruġ malajr ta' flus (Inizjattiva għal Pajjiżi Foqra Midjunin Ħafna (HIPC), għajnuna diretta mill-*budget*, eċċ.) — punt li mhux qiegħed b'mod espliċitu fit-tabella ta' spjegazzjoni f'paġna 3 tar-rapport.

11. Kif ippreżentata, l-informazzjoni finanzjarja issa tagħmilha impossibbli li jiġu pparagunati s-somom diretti għal proġetti, għajnuna mill-*budget* u għajnuna mhux programmabbli ([13]) taħt id-disa' EDF ma' dawk taħt l-EDFs preċedenti.

10. *As in the past, the Commission will take account of the comments of the Court when drawing up its forthcoming reports on financial management;*

(a) *The Commission has taken transitional measures to remedy the delay in ratifying the Cotonou Agreements. It is true, however, that EDFs are implemented cyclically, as the amounts committed are always higher at the start of an EDF. Fully integrating cooperation with the ACP countries into the general EU budget would solve the problem.*

(b) *The increased recourse to sectoral support and budgetary aid, where the conditions are met, has been part of the agreed EC development policy since 2000 (see paragraph 25 of the Statement by the Council and the Commission on EC Development Policy, December 2000, COM(2000) 0212). Moreover, other sectors showed greater increases over the forecasts (for instance, commitments for social and human development were above target).*

11. *The 9th EDF no longer includes the instrument concept that was present in earlier EDFs or certain presentations. Nevertheless, as regards the 9th EDF, the revenue and expenditure accounts give the information concerned separately. The report on financial management gives details of the budget support.*

([13]) Bħala konsegwenza, il-Qorti ma tistax tipproduċi aktar it-***Tabella 2*** fl-istess detall bħal fis-snin preċedenti jew li tinkludi kummenti magħha.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

12. Fi żmien meta qegħdin isiru l-preparamenti għall-għaxar EDF, s'issa għadhom ma ttieħdux deċiżjonijiet finanzjarji dwar 75 % ta' l-allokazzjonijiet għad-disa' EDF, u issa hemm fis-seħħ erba' EDFs separati — kull wieħed bir-regoli tiegħu. Dawn il-fatti, flimkien mal-problemi ta' transizzjoni illi l-Qorti diġà enfasizzat (ara l-paragrafu 57), għandhom jiġu kkunsidrati matul dibattitu fuq il-possibiltà li jiġu nklużi l-EDFs fil-*budget*.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

12. *The Commission fully agrees with the Court on this point and has set out the advantages of including EDFs in the budget in its communication (COM(2003) 590 of 8 October 2003) (see also the Commission's reply to paragraph 57).*

The Commission plans to commit all the 9th EDF funds before the end of 2007. If EDFs are not included in the budget, a new EDF will be needed for commitments in 2008. Meanwhile, preparations for the 10th EDF have started so that the necessary negotiations with the ACP States and the Council can take place in good time.

13. Il-fatt illi l-mira inizjali li jiġu impenjati 2 500 miljun euro fl-2003 inqabżet b'49 % jista' jiġi attribwit għal stima wisq prudenti illi naqset li tagħti kas biżżejjed ta' numru ta' fatturi (ara l-paragrafu 10). Flimkien ma' dan, għad hemm ftit wisq informazzjoni fir-rapport ta' ġestjoni finanzjarja fuq kif wieħed jistabbilixxi miri kwantitattivi.

13. *The uncertainty surrounding the ratification of the Cotonou Agreements and the entry into force of the 9th EDF justified a certain amount of caution in forecasting commitments. The objective was already some 20 % higher than actual commitments in 2002.*

The information available for setting objectives, which is extensive and originates in particular from meetings with Heads of Delegations as well as a reporting system, will be reflected in the forthcoming report on financial management.

14. Tlett Stati (Franza, il-Portugall u l-iSvezja) ma ħallsux il-kontribuzzjonijiet tagħhom kollha fl-aħħar tar-raba' tlett xhur ta' l-2003 (deficit ta' 96 miljun euro). Minħabba dan id-deficit fir-riżorsi u d-deċiżjoni li jitħallsu 170 miljun euro fil-Fond ta' Saħħa Globali, il-Kummissjoni kienet mġiegħla tipposponi pagamenti li jammontaw għal xi 270 miljun euro għall-aħħar ta' Jannar 2004. Kien ikun ta' għajnuna kieku ingħatat aktar informazzjoni fuq ir-raġuni għal dawn in-nuqqasjiet u l-arranġamenti biex dawn jiġu regolarizzati fil-bidu ta' l-2004.

14. *The estimates of expenditure for the following year have to be made in September. The Cotonou Agreements introduced innovations as regards calls for funds from Member States. The estimate of expenditure for the following year, which is made in September, is approved by the Council ACP Group. Although the machinery for increasing contributions exists, it is often difficult to implement as it alters Member States' estimates of expenditure. The payment by Member States of their contributions to the EDFs, within the time limits, is a legal requirement.*

At the end of 2003, the Commission committed and paid in full a contribution to the Global Health Fund (EUR 170 million) which was not included in the estimates. The led temporarily to a shortfall in EDF cash-flow which was repaired at the end of January 2004 with the payment of the first instalment of the contributions from Member States.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Aktar rimarki dwar il-kontenut tar-rapport

15. Fil-preżentazzjoni tagħha tal-miri u l-prijoritajiet tagħha għas-sena finanzjarja 2003, il-Kummissjoni spjegat x'kienet għamlet (twaqqif ta' proċess ta' għajnuna u linji ta' gwida għall-implimentazzjoni tiegħu) sabiex ittejjeb il-kwalità ta' proġetti u programmi. Li wieħed jista' josserva b'mod partikolari kienet preżentazzjoni dettaljata ta' l-azzjonijiet tagħha biex iżżid l-għajnuna tal-*budget* (807,6 miljun euro kienu mpenjati taħt dan it-titlu fl-2003) — madankollu b'ċerti kondizzjonijiet (xi pajjiżi ma bbenefikawx minn dan it-tip ta' finanzjar, filwaqt li għal oħrajn dan dam minħabba problemi li nstabu mill-Kummissjoni). Il-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni dettaljata tal-mezzi li ġew żviluppati fl-2002/2003 biex tiġi evalwata u segwita l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-pajjiżi li jirċievu għajnuna ta' dan it-tip (reviżjoni dettaljata mmirata li tfassal analiżi inizjali, reviżjonijiet annwali biex jiġi eżaminat il-progress, rapporti annwali mid-Delegazzjonijiet fil-forma ta' tabelli ta' monitoraġġ, u indikaturi tar-rendiment li bihom jiġu segwiti r-riżultati tal-ġestjoni tas-setturi tas-saħħa, edukazzjoni u finanzi pubbliċi).

15. *The Commission confirms that the award of budget support is indeed subject to certain conditions and depends in particular on the commitment of the beneficiary State to improving the management of its public finances. The Commission's principal objective in monitoring public finances is to make best use of the tools developed in 2002 to 2003 (follow-up reports and monitoring charts).*

The Commission actively participates with the World Bank and several Member States in measures to identify, in agreement with the partner countries, indicators in the management of public finances.

16. Il-Qorti ħadet nota ta' l-isforz konsiderevoli li sar sabiex jitnaqqas il-volum ta' impenji pendenti mhux ġustifikati (OCs), b'mod partikolari billi dawn jiġu riveduti waqt *seminars* organizzati fuq bażi reġjonali. Il-Kummissjoni ppreżentat il-linji wiesa' tar-riforma tagħha mmirati għad-devoluzzjoni ta' riżorsi ta' ġestjoni lid-Delegazzjonijiet fl-Istati ta' l-ACP. F'dan ir-rigward, l-2003 kienet sena importanti ħafna li fiha ż-żewġ sistemi ta' ġestjoni eżistew waħda ħdejn l-oħra, mingħajr ma dehru minnufih ir-riżultati mistennija tad-devoluzzjoni fl-implimetazzjoni tal-*budget*.

16. *The first results of decentralisation, e.g. faster implementation, are already evident in the Delegations where decentralisation has been applied. Owing to the dual management system (decentralised and not decentralised) in 2003, it is true that it is difficult to see whether decentralisation has had a definite impact on the overall implementation of EDFs at this stage.*

Reports on decentralisation were sent regularly to the budgetary authority.

17. Fi żmien meta l-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni qiegħed jiġi strutturat bl-attività sabiex tkun tista' ssir ħarsa ġenerali ta' l-ispejjeż amministrattivi ta' kull waħda mill-miri operattivi ta' l-Unjoni, il-Qorti tosserva li l-Kummissjoni ma ddedikatx parti mir-rapport ta' ġestjoni finanzjarja tagħha għal din it-tema. Hija tirrakkomanda illi, fil-futur, dan ir-rapport jipprovdi ħarsa lejn l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-EDF li huma addebitati lill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni, jekk ikun possibbli permezz ta' titoli ta' l-attività prinċipali, sakemm din l-informazzjoni tkun disponibbli kemm jista' jkun biex tkun iżolata mill-informazzjoni dettaljata ħafna inkluża taħt Titolu 2-1 tal-*budget* ġenerali.

17. *The Commission will study the Court's suggestion. The incorporation of EDFs in the budget will enable such steps to be taken in future.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Konklużjonijiet

18. Il-Qorti tosserva illi:

a) ir-rapport ta' ġestjoni fi stil ġdid jimmarka sforz sabiex titjieb il-kwalità ta' l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sena. F'dak li għandu x'jaqsam mal-mod kif jinqara u l-preċiżjoni tiegħu, madankollu, dan jista' jitjieb aktar;

b) hemm bżonn li jitpoġġa fil-kuntest il-volum ta' impenji ta' l-EDF fl-2003. Dan jirrikjedi li jittieħed in konsiderazzjoni il-perijodu twil iddedikat għall-programazzjoni sakemm jidħol fis-seħħ id-disa' EDF, kif ukoll l-ammont ta' għajnuna tal-*budget* mogħti u l-volum tal-fondi disponnibli;

c) l-eżekuzzjoni ta' pagamenti ġiet affetwata minn nuqqas fir-riżorsi finanzjarji (270 miljun euro);

d) sabiex tikkonkludi r-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tikkumenta fuq l-ispejjeż ta' ġestjoni ta' l-EDF.

19. Il-Qorti tenfasizza illi hija tagħti importanza lill-kwalità tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. L-inizjattivi kollha li jippromwovu għajnuna tal-*budget* għandhom f'moħħhom illi meta jiġu abbandunati l-proċeduri ta' ġestjoni maqsuma ta' l-EDF favur il-proċeduri nazzjonali ta' l-Istati ta' l-ACP se jkunu akkumpanjati minn monitoraġġ mill-qrib sabiex jiġi assigurat il-ħarsien tal-kondizzjonijiet kollha mposti. Ġaladarba l-Unjoni hija ppreparata li tieħu livell ta' riskju għoli, iżda evalwat b'mod preċiż, f'dan il-qasam, l-informazzjoni dettaljata fuq is-segwitu tal-miżuri ta' għajnuna hija bżonnjuża ħafna għal din ir-raġuni.

18.

(a) *The Commission will take account of the remarks of the Court in its forthcoming reports on financial management.*

(b) *The Commission stresses the importance for ACP countries of the increase of some 75 % in commitments. The Commission's management reflects the priorities that were identified in cooperation with the beneficiary countries and peoples and the Member States and defined in the Cotonou Agreement. The Commission has made every effort to speed up implementation of the 9th EDF.*

(c) *A one-month period at the end of the year was identified for certain payments following a temporary cashflow problem.*

(d) *The Commission will study the Court's suggestion with a view to identifying this information within Title 21 of the general budget.*

19. *The Commission agrees with the Court on the paramount importance of public finance management, especially in the context of budget support. It will continue to supply the Court and the EU budgetary authority with detailed information on the follow-up of its aid measures.*

KAPITLU II - DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI MILL-QORTI TA' L-AWDITURI FUQ IS-SITT, IS-SEBA', IT-TMIEN U D-DISA' FONDI EWROPEJ TA' ŻVILUPP (EDFS)

Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti ta' l-Awdituri dwar is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp (EDFs) għas-sena finanzjarja 2003

I. Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri (il-Qorti) eżaminat il-kontijiet tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' EDFs u t-transazzjonijiet ta' bażi għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Dawn il-kontijiet jinkludu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja, u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni pprovduti mill-Bank ta' Ewropej ta' l-Investiment (EIB) ([14]). Skond ir-regolamenti finanzjarji, il-Qorti hi meħtieġa tipprovdi Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq il- kredibilità tal-kontijiet u fuq il-legalità u regolarità tat-transazzjoni ta' bażi fir-rigward tal-parti tar-riżorsi ta' l-EDF li għal ġestjoni finanzjarja tagħha hija responsabbli il-Kummissjoni ([15]). Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika u l-istandards ta' verfika tagħha. Dawn huma bbażati fuq standards internazzjonali ta' verfika aċċettati li ġew adattati fil-kuntest tal-EDFs. Il-Qorti għalhekk kisbet bażi raġonevoli ta' l-opinjonijiet espressi hawn taħt.

II. *Il-Kredibilità tal-kontijiet*

Ħlief għall-effetti tal-problemi fuq:

a) ammonti li għandhom jitħallsu lill-EDFs u li mhumiex inklużi bħala assi fil-karta tal-bilanċ sal-31 ta Diċembru 2003 (27,5 miljuni euro ta' ordnijiet ta' rkupru maħruġa); fin-nuqqas ta' proċeduri effettivi ta' kontroll intern il-Qorti ma tistax tagħti assigurazzjoni li l-ammonti huma kompleti ([16]) (ara paragrafu 21);

b) ħlas antiċipat (400 miljuni euro); minħabba li l-Kummissjoni ma indikatx il-valur totali ta' l-ammonti li jridu jiġu miġbura, il-Qorti ma tistax tkun ċerta liema frazzjoni għanda tkun mgħoddija meta tistabblixxi d-dejn (ara paragrafu 21(b));

c) Il-Fondi Stabex; il-Kummissjoni ma tistax ħlief b'mod parzjali ħafna tistabbilixxi l-użu tal-fondi tal-Pajjiżi ACP (din l-informazzjoni kienet għada mhux kompluta sa l-aħħar ta' l-2003) (ara paragrafu 23);

d) in-nuqqas ta' daħla fil-karta tal-bilanċ għall-fondi trasferiti lill-EIB u li ma ntużawx (209 miljun euro) (ara paragrafu 22);

il-Qorti hi ta' l-opinjoni li r-rapporti dwar l-implimentazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji sal-31 Diċembru 2003 jirriflettu fedelment id-dħul u l-infiq tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' EDFs għas-sena finanzjarja u s-sitwazzjoni finanzjarja sa l-aħħar tas-sena.

([14]) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 96(1), 100, 101 u 125(2) tar-Regolament Finanzjarju applikbbli għad-disa' EDF; fil-prattika dan jirreferi, l-ewwelnett, għall-karti tal-bilanċ u dikjarazzjonijiet assoċjati ippreparati mill-uffiċjal tal-kontijiet u, fit-tieni lok, għall-kontijiet ta' ġestjoni li jinkludu t-tavoli ippreparati mill-uffiċjal prinċipali li jawtorizza b'konsultazzjoni ma' l-*accountant*. Dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati għal kull wieħed mill-erbgħa EDFs u b'mod komprensiv u konsolidat. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni pprovduti mill-EIB mhumiex koperti minn din id-Dikjarazzjoni (ara n-nota 15).

([15]) Skond l-Artikolu 103(3) tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq: dan ifisser, flimkien ma' l-Artikolu 1 ta' l-istess Regolament, li d-Dikjarazzjoni ma testendiex għall-parti tar-riżorsi tad-disa' EDF li hija ġestita mill-EIB u li għaliha hija responsabbli (għall-ammonti in kwistjoni, ara Kapitlu 1, ***Tabella 2***, nota 5).

([16]) Fid-dikjarazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali għall-*Budgets* espressa żewġ riservi, fir-rigward tas-sistema tal-kontijiet ta' l-EDF: l-ewwel waħda fuq id-diffikultajiet sabiex timmodernizza l-preżentazzjoni ta' l-assi minħabba d-disinn qadim tas-sistema, waqt li t-tieni riserva hija fuq il-ġestjoni tal-kontijiet (ara wkoll il-paragrafu 1.8 tal-Kapitlu 1, sezzjoni tal-*budget* ġenerali).

III. *Il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi*

Analisi tas-sistemi u tal-kontrolli ta' sorveljanza

Jekk kif ġara fil-każ tas-sena finanzjarja ta' l-2002, meta l-Qorti ġibdet l-attenzjoni għan-nuqqasijiet fir-rigward ta' verfiki ta' proġetti ta' l-EDF u l-insuffiċjenza ta' kontrolli prinċipali fuq l-osservanza mal-kuntratti u r-realtà tax-xogħolijiet, provvisti u servizzi li inħarġet fattura fuqhom, il-Qorti ma kinitx f'pozizzjoni li tafda kompletament fuq is-sistemi u ta' kontrolli ta' sorveljanza tal-Kummissjoni fl-2003 għal dawn ir-raġunijiet:

a) fl–2003, il-Kummissjoni kompliet bl-implimentazzjoni fis-servizzi tagħha ta' l-*istandards ta' kontroll intern* adottati fl-2001 ([17]). Madanakollu, l-effett tagħhom huwa limitat minħabba li l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell ta' Delegazzjoni hija marbuta mal-proċess tad-devoluzzjoni, li mhux ser ikun komplut ħlief sa' l-aħħar ta l-2004 u hemm nuqqas ta' koordinazzjoni fil-miżuri implimentati (ara paragrafi 25 sa 31);

b) il-*pjanijiet ta' azzjoni* li kienu introdotti fiż-żmien tar-rapport ta' attività annwali ta' l-2002 jew adottati fl-2003 kienu effettivi fir-rigward ta' l-istruttura tal-verifiki esterni, is-segwitu ta' konklużjonijiet tal-verifika, analisi tar-riskji marbuta ma' għajnuna esterna u l-proċessar tal-ġbir ta' flus. Bil-kontinwazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u l-implimentazzjoni kompleta tagħhom, il-Kummissjoni għandha tikseb qafas futur li jkun effettiv fil-livell ta' Delegazzjonijiet (ara paragrafi 32 sa 36);

c) fid-delegazzjonijiet u fil-Pajjiżi ACP is-sistemi u l-kontrolli ta' sorveljanza għall-kuntratti u pagamenti huma ġeneralment iddisinjati tajjeb. Madanakollu, l-implimentazzjoni tagħhom tista' titjieb (ara paragrafi 37- 43).

Il-verifika ta' transazzjonijiet

Il-verifika ta' transazzjonijiet kienet ibbażata fuq id-dokumentazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni fi Brussel u, fejn kien adegwat, fid-Delegazzjonijiet tal-Pajjiżi ACP, u kien ibbażat fuq verifiki fuq il-post magħmula f'sitt Pajjiżi ACP sabiex issir verfika tar-realtà tax-xogħol, provvisti u servizzi. Il-verifika tal-Qorti fuq il-legalità u r-regolarità tas-support ta' l-infiq tal-*budget* waqqaf fl-istadju fejn l-għajnuna li kienet imħallsa lill-*budgets* tal-pajjiżi benefiċjarji (ara paragrafi 7, 19 u 46). Il-verifika ma wrietx xi problemi maġġuri.

Konklużjonijiet fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet ta' bażi

Dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq sistemi u kontrolli ta' sorveljanza, verifika ta' numru ta' transazzjonijiet, u analisi tar-rapport annwali ta' attività u deklarazzjoni tad-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju ta' l-Għajnuna Ewropea ta' Kooperazzjoni. Fuq dik il-bażi, il-Qorti hi ta' l-opinjoni li l-problemi li intaqgħat magħhom mhumiex materjali u li d-dħul daħal fil-kontijiet, l-allokazzjonijiet EDF, l-obligi u l-pagamenti tas-sena finanzjarja huma, fit-totalità tagħhom, legali u regolari.

6 u 7 ta' Ottubru 2004
Juan Manuel FABRA VALLÉS
President

Qorti Ewropea ta' l-awdituri
12, rue Alcide De Gasperi, L-1615 Luxembourg

([17]) SEC(2001) 875 adattata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Ġunju 2001.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Informazzjoni ta' sostenn għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni

Affidabilità tal-kontabilità

20. Il-kontijiet proviżorji ġew imressqa tard, fit-22 ta' Ġunju 2004 ([18]). F'dik id-data ma kienux kompluti ([19]). Il-kontijiet finali għandhom jiġu prodotti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2004 ([20]). Dawn il-kontijiet, flimkien mar-rapport tal-ġestjoni finanzjarja ([21]), ġew ippubblikati għall-ewwel darba fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. L-osservazzjonijiet fil-paragrafu II tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni huma bbażati fuq it-tisjib li ġej.

21. Is-somma ta' 27,5 miljun euro għall-ordnijiet ta' rkupru li ġew maħruġa u li għadhom ma nġabrux sa l-aħħar ta' l-2003 ma tirrappreżentax il-valur totali ta' kull ma għandu jiġi rċevut.

a) Talbiet ta' ħlas minn proġetti (ħlas bil-quddiem li jrid jiġi rkuprat, nefqa mhux eliġibbli, eċċ.) mhumiex kollha rreġistrati mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni jew mid-Delegazzjonijiet. Sikwit, dawn ta' l-aħħar sempliċiment iddaħħlu bħala dħul (pagamenti negattivi) somom li debituri terzi fil-fatt, reġgħu ħallsu. Barra minn hekk, billi ma jeżistux proċeduri li jsegwu talbiet ta' ħlas barra mill-kontabilità, il-Kummissjoni ma tistax tikkwalifika l-ammont ta' dejn attwali li għandu jiġi stabbilit għal proġetti fl-aħħar ta' l-2003 ([22]).

b) Fost l-400 miljun euro ta' ħlas bil-quddiem mhux imħallsa għal iktar minn 18-il xahar li kienet irreġistrat, il-Kummissjoni ma indikatx il-valur totali ta' ammonti mhux iġġustifikati li jridu jiġu rkuprati jew imħassra. Il-Qorti ma tistax tistabbilixxi liema proporzjon tal-ħlas bil-quddiem, għalhekk, għandu jiġi rkuprat u li għandu jiġi nkluż fid-dejn.

21.

(a) *Advances to be recovered are monitored, and this matter is the subject of a chapter in the management report. Careful analysis and monitoring of advances in 2003 enabled EUR 56.2 million to be recovered.*

From 1 January 2005, accruals-based accounting will make it possible to establish provisions for potential recovery orders.

(b) *The Commission would underline the efforts made in 2003. A considerable amount of work was directed towards identifying recoveries of advances and there is very close monitoring of the action to be taken as regards the recoveries.*

([18]) Minflok it-30 ta' April 2004, skond l-Artikolu 102 u 135 tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq. Madankollu, fit-28 ta' Mejju 2004 intbagħat abbozz preliminari.

([19]) Il-Kummissjoni ma bagħtitx lill-Qorti l-bidliet fl-allokazzjonijiet matul is-sena finanzjarja, lanqas it-totali għal impenji u pagamenti, skond il-pajjiż, għar-riżorsi ta' l-EDF amministrati mill-EIB, kif stipulat fl-Artikoli 96 u 125(2) tar-Regolament Finanazjarju applikabbli għaddisa' EDF. L-EIB ma ppreżentax dawn l-elementi ta' informazzjoni addizzjonali sa l-24 t'Awissu 2004.

([20]) Skond l-Artikoli 103(2) u 135 tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq. Madankollu verżjoni tal-kontijiet li fil-prinċipju kienet verżjoni finali, intbagħtet b'mod informali lill-Qorti fl-14 ta' Settembru 2004.

([21]) Skond l-Artikolu 96(2) tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq.

([22]) Fid-dikjarazzjoni tieghu, id-Direttur-Ġenerali għall-*Budgets* esprima żewġ riservi fir-rigward tas-sistema tal-kontijiet ta' l-EDF: l-ewwel waħda kienet dwar il-limiti mposti mill-istruttura antikwata tas-sistema fuq il-possibilità ta' preżentazzjoni aġġornata ta' l-attiv filwaqt li t-tieni waħda kellha x'taqsam mal-ġestjoni tal-kontijiet (ara wkoll il-paragrafu 1.8 tal-Kapitlu 1, sezzjoni tal-*budget* ġenerali).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

22. Fondi ttrasferiti lill-EIB fl-2003 (209 miljun euro) u lill-istituzzjonijiet internazzjonali oħra fi snin preċedenti, li għadhom ma ġewx utilizzati għal kollox minn dawn il-korpi, ma jidhrux fl-assi fuq il-karta tal-bilanċ.

23. Wara l-osservazzjonijiet preċedenti tal-Qorti, il-Kummissjoni, fl-2003, għamlet inventarju ta' l-użu tal-fondi Stabex ittrasferiti għall-kontijiet lokali tal-pajjiżi benefiċjarji. Il-ħruġ lokali minn dawn il-kontijiet għadu soġġett għall-approvazzjoni tad-Delegazzjoni (ara l-paragrafi 63-68). Bħal ma seħħ fl-aħħar ta' l-2003, l-informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni mill-Istati ta' l-ACP kkonċernati kienet għadha mhux shiha. Il-Qorti tikkunsidra illi anke jekk ir-riżultati mhumiex shaħ, il-Kummissjoni għandha tinkludi r-riżultati ta' dan l-inventarju fir-rapport tagħha fuq il-ġestjoni finanzjarja u tagħti dettalji fl-annessi tar-rapporti fuq l-implimentazzjoni finanzjarja.

Legalità u regolarità tat-transazzjonijiet bażi

24. L-osservazzjonijiet espressi fil-paragrafu III tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni huma bbażati fuq analiżi tas-sistemi u tal-kontrolli ta' superviżjoni ta' l-EDF, eżaminazzjoni ta' kampjun ta' transazzjonijiet bażi, analiżi tar-rapport ta' l-attività annwali, u d-dikjarazzjoni mid-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid. Il-konklużjonijiet prinċipali jinsabu hawn taħt.

Analiżi tas-sistemi u tal-kontrolli ta' superviżjoni

Titjib fis-sistemi ta' superviżjoni u kontrolli fil-livell tal-Kummissjoni

Implimentazzjoni ta' standards ta' kontroll intern

25. Matul l-2003, EuropeAid, li hija responsabbli għall-implimetazzjoni ta' l-EDF, baqgħet tintroduċi l-varji *standards ta' kontroll intern* adottati mill-Kummissjoni fl-2001. L-istandards ta' kontroll intern qegħdin jiġu implimentati fl-istess ħin mid-Delegazzjonijiet u mill-kwartieri ġenerali, b'mod parallel mal-proċess ta' devoluzzjoni, li mhux se jkun lest sa l-aħħar ta' l-2004. Fil-livell tas-servizzi ċentrali, il-Qorti tista' tagħmel il-konklużjonijiet li ġejjin, li huma bbażati prinċipalment fuq ir-riżultati ta' l-analiżi ta' standards ta' kontroll intern li saret mid-dipartimenti varji tal-Kummissjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

22. *The Commission considers that these movements reflect payments to external agents acting on behalf of the Commission. As such, the Commission considers them to be genuine payments and not mere internal treasury movements between accounts controlled by the EDF Accounting Officer. The Commission would also point out that details of the amounts outstanding on these transactions at 31 December 2003 are shown in Table 4.2.3 in the Financial Implementation Report.*

From 2005 onwards, following the introduction of accruals-based accounting, such transactions (pre-financing paid to intermediaries) will be shown as an asset in the balance sheet, in accordance with the provisions of Article 135(3) of the 9th EDF Financial Regulation.

23. *The Commission has collected data for 80 % of the countries concerned, covering 97 % of the total amount of Stabex funds in the 7th and 8th EDFs.*

The Commission intends to include the relevant information related to the Stabex local account in an inventory. The local accounts, although the Commission must co-sign in order to use them, are not the Commission's property. This detailed inventory is therefore to be included in the 'Report on Financial Management'. Following the recommendation of the Court, a note on this issue is included in the balance sheet for the financial year 2003.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

26. Kull direttorat ġenerali kellu jintroduċi *miżuri ta' sorveljanza xierqa,* u b'mod partikolari, fejn hu neċessarju, reviżjoni *ex-post* ta' kampjun ta' transazzjonijiet. Fl-2003 fil-livell ta' EuropeAid, ġiet stabbilita unità ta' kontroll ta' ġestjoni finanzjarja *ex-post*. Ix-xogħlijiet prinċipali tagħha huma li jinstabu żbalji rikorrenti fis-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja u kontroll intern u li tipproponi miżuri sabiex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet misjuba. B'dan il-mod, xi 1 800 transazzjoni ta' riskju ġew sottoposti għal reviżjoni *ex-post* dettaljata. Ir-reviżjoni kellha x'taqsam ma' ordnijiet ta' rkupru, ammonti mhux imħallsa li jridu jiġu rkuprati, ħlas bil-quddiem pendenti, garanziji u pleġġijiet. Il-konklużjonijiet sinifikanti milħuqa mill-unità ta' reviżjoni *ex-post* kienu jinkludu osservazzjonijiet fuq il-kontrolli fuq ħlas bil-quddiem pendenti u rkupri. Iktar minn 400 miljun euro ta' ħlas bil-quddiem pendenti għal iktar minn 18-il xahar ġew irreġistrati in konnessjoni mal-proġetti ta' l-EDF. Barra minn hekk, id-dipartimenti responsabbli varji ġew mitluba jieħdu ħsieb 27,5 miljun euro li għad iridu jiġu rkuprati.

27. Il-miżuri ta' sorveljanza huma ssupplimentati minn unità ta' kontroll *ex-ante*, maħtura bħala miżura temporanja ta' prekawzjoni. L-unità fiha nnifisha mhijiex meħtieġa mill-istandards ta' kontroll intern. Din bdiet taħdem f'Ġunju 2003 fid-direttorat ta' l-EDF ta' awtorizzazzjoni u eżaminat 540 minn total ta' 5 261 transazzjoni (sew impenji u pagamenti). L-ebda żball sinifikanti ma ġie mifxuf taħt il-proċedura *ex-ante*.

28. Flimkien ma' dawn iż-żewġ unitajiet, hemm attivitajiet oħra li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza tat-transazzjonijiet, bħall-produzzjoni ta' listi ta' verifika għal impenji u pagamenti, laqgħat bejn l-unitajiet u żjarat ta' verifika għal Delegazzjonijiet. Ġeneralment, is-sorveljanza hija aktar estensiva milli kienet, imma għadha ma ġietx armonizzata. Sabiex issir aktar effiċjenti, hemm bżonn ta' koordinazzjoni, biex jiġi stabbilit liema tip ta' kontroll ikopri liema aspett tal-legalità u r-regolarità tat-transizzjonijiet bażi.

29. Skond l-istandards ta' kontroll intern, EuropeAid żviluppat ukoll *kapaċità ta' verifika nterna*. Bħala riżultat u f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-EDF, fl-2003 ġew evalwati l-ammonti ta xogħol tad-Delegazzjonijiet (waħda miż-żjarat ta' verifika saret f'Mali) u tal-kwartieri ġenerali fil-kuntest tad-devoluzzjoni, kif ukoll, ġie evalwat il-progress li sar mid-direttorat ta' awtorizzazzjonijiet fl-implimentazzjoni ta' l-istandards ta' kontroll intern. Barra minn hekk, sar xi xogħol essenzjali, li għalhekk għamilha possibbli li jiġu identifikati r-riskji u n-nuqqasijiet prinċipali tas-sistemi u tal-kontrolli ta' sorveljanza tal-EuropeAid. Fir-Rapport Annwali tagħha għal 2002 il-Qorti enfasizzat parti minn dawk ir-riskji u nuqqasijiet, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kontrolli fuq ir-realtà tas-servizzi, xogħol u provvisti mħallsa mill-EDF.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

26. *Advance payments are a normal and regular means of ensuring the effective implementation of many aid projects and are monitored.*

28. *EuropeAid continues to work towards strengthening and rationalising the measures already put in place. To that end, harmonisation (financial guide, centralised ex-post checks, checklists, etc.) was carried out in 2004.*

29. *The Commission is aware that the management of EDF credits involves some risks. Setting up improved control and monitoring systems as well as regular audits helps to minimise those risks.*

In the context of the annual declaration by the Director-General, none of the weaknesses identified was regarded as material.

As the Commission stated in its reply to point 30 of the Court's annual report for 2002, it considers that the set of control systems set up for the EDFs ensures the legality and regularity of the underlying operations. This system allows any weaknesses at local authority level to be remedied.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

30. Dwar l-*informazzjoni ad hoc li għandha x'taqsam mal-ġestjoni*, ir-rapporti ta' ġestjoni ta' għajnuna esterna (EAMRs) żviluppati fl-aħħar ta' l-2002 ([23]) ġew introdotti fl-2003. Dawn huma riżorsa ta' informazzjoni perjodika li tgħin dawk id-Delegazzjonijiet li ġew devoluti biex jibagħtu lill-kwartieri ġenerali l-aktar informazzjoni importanti fuq l-implimentazzjoni, pagamenti u verifiki esterni li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikbar proġetti. Ġie mibgħut format standardizzat u dan ġie wżat minn dawn id-Delegazzjonijiet. Madankollu, f'Marzu 2004 il-Kummissjoni kienet għadha ma rċievietx ir-rendikonti kompluti ta' l-EAMRs, għalkemm dawn kienu mistennija sal-31 ta' Jannar 2004. Minbarra li jipprovdu lis-servizzi ċentrali b'informazzjoni okkażjonali fuq il-ġestjoni, l-EAMRs huma wieħed mill-elementi bażi għall-preparazzjoni tar-rapport u taddikjarazzjoni annwali tad-Direttur Ġenerali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

30. *External Assistance Management Reports are one of the information tools used in the management of external aid that* devolved *delegations send to the EuropeAid Directors responsible (authorising officers by subdelegation) and to the Directorates-General for External Relations and for Development. They constitute one of the information sources used by the Directors to draw up their activity reports for the Director-General. The EAMRs are not, however, used to prepare the annual report and declaration of the Director-General. The instructions given to the delegations state very clearly that producing an EAMR does not relieve a head of delegation from the responsibility for informing the Director concerned in good time of any problems or specific matters for which the Director is responsible as the authorising officer for the appropriations managed by the Delegation.*

31. Dwar l-*irrappurtar ta' l-irregolaritajiet*, li huwa wieħed mill-istandards ta' kontroll intern, fl-2003, intbagħtet informazzjoni dwar it-tlett każijiet ta' frodi allegati marbuta ma' l-EDF (Sierra Leone, Papua New Guinea u r-Repubblika Domenikana) lill-OLAF. Id-Delegazzjonijiet, li huma eqreb għal benefiċjarji, huma aktar esposti milli huma s-servizzi ċentrali għall-każijiet ta' irregolarità (u nfurmati aħjar fuqhom). Il-Kummissjoni għandha għalhekk tkompli ttejjeb il-kuxjenza tal-persunal fuq dawn l-oqsma.

31. *In accordance with the internal control standards, delegations are informed of the procedure to be followed when detecting irregularities or suspected fraud, including the contacts to be made with OLAF. All new members of staff, and those about to be seconded to a delegation, attend compulsory courses to make them aware of the fight against irregularities. This course is also open to all other officials.*

Implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni

